Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' April 2018
(OR. en)

7959/18
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0092 (NLE)

WTO 63
SERVICES 12
COASI 80

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	18 ta' April 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 193 final
Suġġett:	ANNESS għal Proposta ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 193 final.

Mehmuż: COM(2018) 193 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.4.2018
COM(2018) 193 final

ANNEX 1

ANNESS

għal

Proposta ta' Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun

FTEHIM BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-ĠAPPUN
GĦAL SĦUBIJA EKONOMIKA

WERREJ

PREAMBOLU

KAPITOLU 1 DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI (Artikoli 1.1 sa 1.9)

KAPITOLU 2 KUMMERĊ F'MERKANZIJA

TAQSIMA A Dispożizzjonijiet ġenerali (Artikoli 2.1 sa 2.5)

TAQSIMA B Trattament nazzjonali u aċċess għas-suq għall-prodotti (Artikoli 2.6 sa 2.22)

TAQSIMA C Faċilitazzjoni tal-esportazzjoni tal-prodotti tal-inbid (Artikoli 2.23 sa 2.31)

TAQSIMA D Dispożizzjonijiet ġenerali (Artikoli 2.32 sa 2.35)

KAPITOLU 3 REGOLI TAL-ORIĠINI U PROĊEDURI TAL-ORIĠINI

TAQSIMA A Regoli tal-oriġini (Artikoli 3.1 sa 3.15)

TAQSIMA B Proċeduri tal-oriġini (Artikoli 3.16 sa 3.26)

TAQSIMA C Mixxelanji (Artikoli 3.27 sa 3.29)

KAPITOLU 4 MATERJI DOGANALI U FAĊILITAZZJONI TAL-KUMMERĊ (Artikoli 4.1 sa 4.14)

KAPITOLU 5 RIMEDJI KUMMERĊJALI

TAQSIMA A Dispożizzjonijiet ġenerali (Artikolu 5.1)

TAQSIMA B Miżuri bilaterali ta' salvagwardja (Artikoli 5.2 sa 5.8)

TAQSIMA C Miżuri globali ta' salvagwardja (Artikoli 5.9 u 5.10)

TAQSIMA D Miżuri antidumping u kompensatorji (Artikoli 5.11 sa 5.14)

KAPITOLU 6 MIŻURI SANITARJI U FITOSANITARJI (Artikoli 6.1 sa 6.16)

KAPITOLU 7 OSTAKLI TEKNIĊI GĦALL-KUMMERĊ (Artikoli 7.1 sa 7.14)

KAPITOLU 8 KUMMERĊ FIS-SERVIZZI, LIBERALIZZAZZJONI TAL-INVESTIMENTI U KUMMERĊ ELETTRONIKU

TAQSIMA A Dispożizzjonijiet ġenerali (Artikoli 8.1 sa 8.5)

TAQSIMA B Liberalizzazzjoni tal-investimenti (Artikoli 8.6 sa 8.13)

TAQSIMA C Kummerċ transfruntier fis-servizzi (Artikoli 8.14 sa 8.19)

TAQSIMA D Dħul u residenza temporanja ta' persuni fiżiċi (Artikoli 8.20 sa 8.28)

TAQSIMA E Qafas regolatorju

SUBTAQSIMA 1 Regolamentazzjoni domestika (Artikoli 8.29 sa 8.32)

SUBTAQSIMA 2 Dispożizzjonijiet ta' applikazzjoni ġenerali (Artikoli 8.33 sa 8.35)

SUBTAQSIMA 3 Servizzi postali u tal-kurrier (Artikoli 8.36 sa 8.40)

SUBTAQSIMA 4 Servizzi ta' telekomunikazzjoni (Artikoli 8.41 sa 8.57)

SUBTAQSIMA 5 Servizzi finanzjarji (Artikoli 8.58 sa 8.67)

SUBTAQSIMA 6 Servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali (Artikoli 8.68 u 8.69)

TAQSIMA F Kummerċ elettroniku (Artikoli 8.70 sa 8.81)

KAPITOLU 9 MOVIMENTI TAL-KAPITAL, PAGAMENTI U TRASFERIMENTI U MIŻURI TEMPORANJI TA' SALVAGWARDJA (Artikoli 9.1 sa 9.4)

KAPITOLU 10 AKKWIST PUBBLIKU (Artkoli 10.1 sa 10.17)

KAPITOLU 11 POLITIKA DWAR IL-KOMPETIZZJONI (Artikoli 11.1 sa 11.9)

KAPITOLU 12 SUSSIDJI (Artikoli 12.1 sa 12.10)

KAPITOLU 13 INTRAPRIŻI TAL-ISTAT, INTRAPRIŻI MOGĦTIJA DRITTIJIET JEW PRIVILEĠĠI SPEĊJALI U MONOPOLJI DDEŻINJATI (Artikoli 13.1 sa 13.8)

KAPITOLU 14 PROPRJETÀ INTELLETTWALI

TAQSIMA A Dispożizzjonijiet ġenerali (Artikoli 14.1 sa 14.7)

TAQSIMA B Standards li jirrigwardaw il-proprjetà intellettwali

SUBTAQSIMA 1 Dritt tal-awtur u drittijiet relatati (Artikoli 14.8 sa 14.17)

SUBTAQSIMA 2 Trademarks (Artikoli 14.18 sa 14.21)

SUBTAQSIMA 3 Indikazzjonijiet ġeografiċi (Artikoli 14.22 sa 14.30)

SUBTAQSIMA 4 Disinni industrijali (Artikolu 14.31)

SUBTAQSIMA 5 Dehra mhux reġistrata ta' prodotti (Artikolu 14.32)

SUBTAQSIMA 6 Privattivi (Artikoli 14.33 sa 14.35)

SUBTAQSIMA 7 Sigrieti tal-mestier u data mhux iddivulgata ta' testijiet jew data mhux iddivulgata oħra (Artikoli 14.36 u 14.37)

SUBTAQSIMA 8 Varjetajiet ġodda ta' pjanti (Artikolu 14.38)

SUBTAQSIMA 9 Kompetizzjoni inġusta (Artikolu 14.39)

TAQSIMA C Infurzar

SUBTAQSIMA 1 Dispożizzjonijiet ġenerali (Artikoli 14.40 u 14.41)

SUBTAQSIMA 2 Infurzar – rimedji ċivili (Artikoli 14.42 sa 14.49)

SUBTAQSIMA 3 Infurzar tal-protezzjoni kontra miżappropriazzjoni tas-sigrieti tal-mestier (Artikolu 14.50)

SUBTAQSIMA 4 Infurzar – miżuri tal-fruntiera (Artikolu 14.51)

TAQSIMA D Arranġamenti ta' kooperazzjoni u istituzzjonali (Artikoli 14.52 sa 14.55)

KAPITOLU 15 GOVERNANZA KORPORATTIVA (Artikoli 15.1 sa 15.7)

KAPITOLU 16 KUMMERĊ U ŻVILUPP SOSTENIBBLI (Artikoli 16.1 sa 16.19)

KAPITOLU 17 TRASPARENZA (Artikoli 17.1 sa 17.8)

KAPITOLU 18 PRATTIKI REGOLATORJI TAJBA U KOOPERAZZJONI REGOLATORJA

TAQSIMA A Prattiki regolatorji tajba u kooperazzjoni regolatorja

SUBTAQSIMA 1 Dispożizzjonijiet ġenerali (Artikoli 18.1 sa 18.3)

SUBTAQSIMA 2 Prattiki regolatorji tajba (Artikoli 18.4 sa 18.11)

SUBTAQSIMA 3 Kooperazzjoni regolatorja (Artikoli 18.12 u 18.13)

SUBTAQSIMA 4 Dispożizzjonijiet istituzzjonali (Artikoli 18.14 sa 18.16)

TAQSIMA B Trattament xieraq tal-annimali (Artikolu 18.17)

TAQSIMA C Dispożizzjonijiet finali (Artikoli 18.18 u 18.19)

KAPITOLU 19 KOOPERAZZJONI FIL-QASAM TAL-AGRIKOLTURA (Artikoli 19.1 sa 19.8)

KAPITOLU 20 INTRAPRIŻI ŻGĦAR U MEDJI (Artikoli 20.1 sa 20.4)

KAPITOLU 21 SOLUZZJONI TAT-TILWIM

TAQSIMA A Objettiv, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet (Artikoli 21.1 sa 21.3)

TAQSIMA B Konsultazzjonijiet u medjazzjoni (Artikoli 21.4 sa 21.6)

TAQSIMA C Proċedura ta' kummissjoni (Artikoli 21.7 sa 21.24)

TAQSIMA D Dispożizzjonijiet ġenerali (Artikoli 21.25 sa 21.30)

KAPITOLU 22 DISPOŻIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI (Artikoli 22.1 sa 22.6)

KAPITOLU 23 DISPOŻIZZJONIJIET FINALI (Artikoli 23.8)

ANNESSI (l-Annessi eżistenti biss huma elenkati):

ANNESS 2-A ELIMINAZZJONI U TNAQQIS TAT-TARIFFI

ANNESS 2-B LISTA TA' PRODOTTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLI 2.15 U 2.17

ANNESS 2-C VETTURI BIL-MAGNA U PARTIJIET

Appendiċi 2-C-1 Regolamenti tan-NU applikati miż-żewġ Partijiet

Appendiċi 2-C-2 Regolamenti tan-NU applikati minn waħda mill-Partijiet u li għadhom mhumiex ikkunsidrati mill-Parti l-oħra

ANNESS 2-D FAĊILITAZZJONI TAL-ESPORTAZZJONI TAS-SHOCHU

ANNESS 2-E FAĊILITAZZJONI TAL-ESPORTAZZJONI TAL-PRODOTTI TAL-INBID

ANNESS 3-A NOTI INTRODUTTORJI GĦAL REGOLI TAL-ORIĠINI SPEĊIFIĊI GĦALL-PRODOTT

ANNESS 3-B REGOLI TAL-ORIĠINI SPEĊIFIĊI GĦALL-PRODOTT

Appendiċi 3-B-1 Dispożizzjonijiet relatati ma' ċerti vetturi u partijiet ta' vetturi

ANNESS 3-C INFORMAZZJONI LI HEMM REFERENZA GĦALIHA FL-ARTIKOLU 3.5

ANNESS 3-D TEST TAD-DIKJARAZZJONI DWAR L-ORIĠINI

ANNESS 3-E DWAR IL-PRINĊIPAT TA' ANDORRA

ANNESS 3-F DWAR IR-REPUBBLIKA TA' SAN MARINO

ANNESS 6 ADDITTIVI TAL-IKEL

ANNESS 8-A KOOPERAZZJONI REGOLATORJA FIR-REGOLAMENTAZZJONI FINANZJARJA

ANNESS 8-B SKEDI GĦALL-KAPITOLU 8

ANNESS I RIŻERVI GĦALL-MIŻURI EŻISTENTI

ANNESS II RIŻERVI GĦAL MIŻURI FUTURI

ANNESS III VIŻITATURI KUMMERĊJALI GĦALL-FINIJIET TA' STABBILIMENT, ĦADDIEMA BI TRASFERIMENT INTRA-AŻJENDALI, INVESTITURI U VIŻITATURI KUMMERĊJALI TA' TERMINU QASIR

ANNESS IV FORNITURI TA' SERVIZZI KUNTRATTWALI U PROFESSJONISTI INDIPENDENTI

Appendiċi IV Limitazzjonijiet ta' attivitajiet ta' negozju ta' fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti fil-Ġappun

ANNESS 8-C QBIL DWAR IL-MOVIMENT TA' PERSUNI FIŻIĊI GĦALL-FINIJIET KUMMERĊJALI

ANNESS 10 AKKWIST PUBBLIKU

ANNESS 14-A LIĠIJIET U REGOLAMENTI TAL-PARTIJIET RELATATI MAL-INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI

ANNESS 14-B LISTA TA' INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI

ANNESS 23 DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

PREAMBOLU

L-UNJONI EWROPEA u L-ĠAPPUN (minn hawn ’il quddiem imsejħa l-“Partijiet”),

KONXJI mis-sħubija dejjiema u b’saħħitha tagħhom imsejsa fuq prinċipji u valuri komuni, u tar-relazzjoni ekonomika, kummerċjali u ta’ investiment importanti tagħhom;

Waqt LI JIRRIKONOXXU l-importanza tat-tisħiħ tar-relazzjonijiet ekonomiċi, kummerċjali u ta’ investiment, skont l-objettiv ta’ żvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali, u l-promozzjoni tal-kummerċ u l-investiment bejniethom, konxja tal-ħtiġijiet tal-komunitajiet tan-negozju ta’ kull Parti, b’mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju, u ta’ livelli għolja ta’ protezzjoni ambjentali u tax-xogħol permezz ta’ standards rikonoxxuti internazzjonalment u l-ftehimiet internazzjonali li għalihom iż-żewġ Partijiet huma firmatarji;

FILWAQT LI JAGĦRFU li dan il-Ftehim jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-benessri tal-konsumatur permezz ta’ politiki li jiżguraw livell għoli ta’ protezzjoni tal-konsumatur u ta’ benessri ekonomiku;

FILWAQT LI JIRREALIZZAW li ambjent globali dinamiku u li qed jinbidel malajr miġjub mill-globalizzazzjoni u mill-integrazzjoni msaħħa bejn l-ekonomiji fid-dinja jippreżenta ħafna sfidi u opportunitajiet ekonomiċi ġodda għall-Partijiet;

FILWAQT LI JAGĦRFU li l-ekonomiji tagħhom huma mogħnija b'kundizzjonijiet li jikkumplimentaw lil xulxin u li din il-kumplimentarjetà għandha tikkontribwixxi biex ikompli jiġi promoss l-iżvilupp tal-kummerċ u tal-investiment bejn il-Partijiet billi jagħmlu użu mill-aspetti pożittivi tal-ekonomiji rispettivi tagħhom permezz ta' attivitajiet bilaterali ta' kummerċ u ta' investiment;

FILWAQT LI JEMMNU li l-ħolqien ta' qafas stabbilit biċ-ċar u ssalvagwardjat tal-kummerċ u tal-investiment permezz ta' regoli li għandhom vantaġġi reċiproċi għall-governanza tal-kummerċ u tal-investiment bejn il-Partijiet isaħħaħ il-kompetittività tal-ekonomiji tagħhom, jagħmel is-swieq tagħhom aktar effiċjenti u vibranti u jiżgura ambjent kummerċjali prevedibbli għall-espansjoni ulterjuri tal-kummerċ u tal-investiment bejniethom;

FILWAQT LI JTENNU l-impenn tagħhom li jirrispettaw il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u filwaqt li jqisu l-prinċipji artikolati fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem;

FILWAQT LI JAGĦRFU l-importanza tat-trasparenza fil-kummerċ u l-investiment internazzjonali għall-benefiċċju tal-partijiet interessati kollha;

FILWAQT LI JFITTXU li jistabbilixxu regoli ċari u vantaġġużi b'mod reċiproku li jirregolaw il-kummerċ u l-investiment bejn il-Partijiet u li jnaqqsu jew jeliminaw l-ostakli għalihom;

IDDEĊIDEW li jikkontribwixxu għall-iżvilupp u għall-espansjoni armonjużi tal-kummerċ u tal-investiment internazzjonali billi jneħħu l-ostakli għalihom permezz ta' dan il-Ftehim u jevitaw milli joħolqu ostakli ġodda għall-kummerċ u għall-investiment bejn il-Partijiet li jistgħu jnaqqsu l-benefiċċji ta' dan il-Ftehim;

FILWAQT LI JIBNU fuq id-drittijiet u l-obbligi rispettivi tagħhom skont il-Ftehim tad-WTO u ftehimiet multilaterali, reġjonali u bilaterali oħrajn li ż-żewġ Partijiet huma parti għalihom; u

IDDEĊIDEW li jistabbilixxu qafas legali għat-tisħiħ tas-sħubija ekonomika tagħhom,

QABLU KIF ĠEJ:

KAPITOLU 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

ARTIKOLU 1.1

Objettivi

L-objettivi ta' dan il-Ftehim huma li jilliberalizza u jiffaċilita l-kummerċ u l-investiment, kif ukoll li jippromwovi relazzjoni ekonomika msaħħa bejn il-Partijiet.

ARTIKOLU 1.2

Definizzjonijiet ġenerali

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, kemm-il darba ma jkunx speċifikat mod ieħor:

(a) "Ftehim dwar l-Agrikoltura" tfisser il-Ftehim dwar l-Agrikoltura fl-Anness 1A għall-Ftehim tad-WTO;

(b) “Ftehim dwar l-Antidumping” tfisser il-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 fl-Anness 1A għall-Ftehim tad-WTO;

(c) “Ftehim dwar il-Proċeduri ta’ Liċenzji għall-Importazzjoni” tfisser il-Ftehim dwar Proċeduri ta’ Liċenzji għall-Importazzjoni fl-Anness 1A għall-Ftehim tad-WTO;

(d) “Ftehim dwar is-Salvagwardji” tfisser il-Ftehim dwar is-Salvagwardji fl-Anness 1A għall-Ftehim tad-WTO;

(e) “CPC” tfisser il-Klassifikazzjoni Proviżorja Ċentrali tal-Prodotti (Statistical Papers Series M No. 77, Department of International Economic and Social Affairs, Statistical Office of the United Nations, New York, 1991);

(f) “awtorità doganali” tfisser:

(i) għall-Unjoni Ewropea, is-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea li huma responsabbli għall-materji doganali u l-amministrazzjonijiet doganali u kwalunkwe awtorità oħra mogħtija s-setgħa fl-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea biex japplikaw u jinfurzaw il-leġiżlazzjoni doganali; u

(ii) għall-Ġappun, il-Ministeru tal-Finanzi;

(g) “il-leġiżlazzjoni doganali” tfisser kull liġi u regolament tal-Unjoni Ewropea jew tal-Ġappun, li jirregolaw l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu ta’ prodotti u t-tqegħid ta’ prodotti taħt kwalunkwe proċedura doganali oħra, li tinkludi miżuri ta’ projbizzjonijiet, ta’ restrizzjonijiet u ta’ kontrolli li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet doganali;

(h) “territorju doganali” tfisser:

(i) għall-Unjoni Ewropea, fit-territorju doganali kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta’ Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni[1]; u

(ii) għall-Ġappun, it-territorju li fir-rigward tiegħu hi fis-seħħ il-leġiżlazzjoni doganali tal-Ġappun;

(i) “jiem” tfisser jiem tal-kalendarju;

(j) “DSU” tfisser il-Qbil dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim fl-Anness 2 għall-Ftehim tad-WTO;

(k) “GATS” tfisser il-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi fl-Anness 1B għall-Ftehim tad-WTO;

[1] ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

(l) “GATT 1994” tfisser il-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 fl-Anness 1A għall-Ftehim tad-WTO; għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, ir-referenzi għall-artikoli fil-GATT 1994 jinkludu n-noti interpretattivi;

(m) “GPA” tfisser il-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi fl-Anness 4 għall-Ftehim tad-WTO[1];

(n) “Sistema Armonizzata” jew “SA” tfisser is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija, inklużi r-Regoli Ġenerali għall-Interpretazzjoni, in-Noti tat-Taqsimiet, in-Noti tal-Kapitoli u n-Noti tas-Subintestaturi tagħha;

(o) “FMI” tfisser il-Fond Monetarju Internazzjonali;

(p) “miżura” tfisser kull miżura, kemm jekk fil-forma ta’ liġi, ta’ regolament, ta’ regola, ta’ proċedura, ta’ deċiżjoni, ta’ prattika, ta’ azzjoni amministrattiva, jew xi forma oħra;

[1] Għal aktar ċertezza, “il-GPA” għandha tinftiehem li tkun il-GPA, kif emendat mill-Protokoll li Jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern, magħmul f’Ġinevra fit-30 ta’ Marzu 2012.

(q) “persuna fiżika ta’ Parti” tfisser, għall-Unjoni Ewropea, ċittadin ta’ Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, u għall-Ġappun, ċittadin tal-Ġappun, f’konformità mad-dritt u mar-regolamenti applikabbli rispettivi tagħhom[1];

(r) “persuna” tfisser persuna fiżika jew ġuridika;

(s) “Ftehim SCM” tfisser il-Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri ta’ Kumpens fl-Anness 1A għall-Ftehim tad-WTO;

(t) “Ftehim SPS” tfisser il-Ftehim dwar l-Applikazzjoni ta’ Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji fl-Anness 1A għall-Ftehim tad-WTO;

(u) “Ftehim TBT” tfisser il-Ftehim dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ fl-Anness 1A għall-Ftehim tad-WTO;

(v) “territorju” tfisser iż-żona li fih japplika dan il-Ftehim f’konformità mal-Artikolu 1.3;

(w) “TFUE” tfisser it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

[1] Għall-finijiet tal-Kapitolu 8, id-definizzjoni ta’ “persuna fiżika ta’ Parti” tinkludi wkoll persuna fiżika li hi resident permanenti fir-Repubblika tal-Latvja li mhix ċittadin tar-Repubblika tal-Latvja jew ta’ kwalunkwe stat ieħor iżda li hi intitolata, skont id-dritt u r-regolamenti tar-Repubblika tal-Latvja, li tirċievi passaport ta’ nonċittadin.

(x) “Ftehim TRIPS” tfisser il-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ fl-Anness 1C għall-Ftehim tad-WTO;

(y) “WIPO” tfisser l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali;

(z) “WTO” tfisser l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ; u

(aa) “Ftehim tad-WTO” tfisser il-Ftehim ta’ Marrakexx li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, magħmul f'Marrakexx fil-15 ta’ April 1994.

ARTIKOLU 1.3

Applikazzjoni territorjali

1. Dan il-Ftehim japplika:

(a) għall-Unjoni Ewropea, għat-territorji li fihom japplikaw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-TFUE bil-kundizzjonijiet stabbiliti f’dawk it-trattati; u

(b) għall-Ġappun, għat-territorju tiegħu.

2. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, dan il-Ftehim japplika wkoll għaż-żoni kollha li jiġu lil hinn mill-baħar territorjali ta' kull Parti, li jinkludu qiegħ il-baħar u s-sottoswol tiegħu, li fuqhom dik il-Parti teżerċita drittijiet sovrani jew ġurisdizzjoni skont id-dritt internazzjonali li jinkludi l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, magħmul fil-Bajja ta' Montego fl-10 ta' Diċembru 1982 u l-liġijiet u r-regolamenti tagħha li huma konsistenti mad-dritt internazzjonali[1].

3. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim dwar l-applikazzjoni tat-trattament tariffarju preferenzjali għal oġġetti kif ukoll l-Artikoli 2.9 u 2.10, dan il-Ftehim japplika wkoll għal dawk iż-żoni tat-territorju doganali tal-Unjoni li mhumiex koperti mis-subparagrafu 1(a) u għal dawk l-oqsma previsti fl-Annessi 3-E u 3-F.

4. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra f'każ li l-kamp ta' applikazzjoni rispettiv ta' applikazzjoni territorjali ta' dan il-Ftehim kif imsemmi fil-paragrafi 1 sa 3 jinbidel u fil-pront tipprovdi, fuq talba tal-Parti l-oħra, tagħrif addizzjonali jew kjarifika dwarhom.

[1] Għal ċertezza akbar, għall-Unjoni Ewropea, iż-żoni lil hinn mill-baħar territorjali ta' kull Parti għandhom ikunu mifhuma bħala ż-żoni rispettivi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

ARTIKOLU 1.4

Tassazzjoni

1. Għall-finijiet ta’ dan l-Artikolu:

(a) “residenza” tfisser residenza għall-finijiet tat-taxxa;

(b) “ftehim dwar it-taxxa” tfisser ftehim għall-evitar tat-taxxa doppja jew kwalunkwe ftehim jew arranġament internazzjonali ieħor relatat fis-sħuħija tiegħu jew primarjament mat-tassazzjoni li għalih huma parti l-Unjoni Ewropea jew l-Istati Membri tagħha jew il-Ġappun; u

(c) “miżura ta’ tassazzjoni” tfisser miżura fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar it-taxxa tal-Unjoni Ewropea, jew tal-Istati Membri tagħha jew tal-Ġappun.

2. Dan il-Ftehim japplika għall-miżuri ta’ tassazzjoni biss sa fejn tali applikazzjoni tkun neċessarja biex tagħti effett lid-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Ftehim.

3. Xejn f'dan il-Ftehim m'għandu jaffetwa d-drittijiet u l-obbligi tal-Unjoni Ewropea, tal-Istati Membri tagħha jew tal-Ġappun skont kwalunkwe ftehim dwar it-taxxa. Fil-każ ta' xi inkonsistenza bejn dan il-Ftehim u kwalunkwe ftehim dwar it-taxxa bħal dan, il-ftehim dwar it-taxxa għandu jipprevali fir-rigward tal-inkonsistenza. Fir-rigward ta' ftehim fiskali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Ġappun, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti taħt dan il-Ftehim u li ftehim fiskali għandhom jiddeterminaw b'mod konġunt jekk teżistix xi inkonsistenza bejn dan il-Ftehim u l-ftehim fiskali.

4. Kwalunnkwe obbligu tal-aktar nazzjon iffavorit f'dan il-Ftehim m'għandux ikun applikabbli fir-rigward ta' vantaġġ mogħti mill-Unjoni Ewropea, mill-Istati Membri tagħha jew billi l-Ġappun bis-saħħa ta' ftehim fiskali.

5. Il-Kumitat Konġunt stabbilit skont Artikolu 22.1 ta' Mejju jista jiddeċiedi dwar kamp ta' applikazzjoni differenti mill-applikazzjoni ta' soluzzjoni tat-tilwim skont il-Kapitolu 21 fir-rigward ta' miżuri ta' tassazzjoni.

6. Soġġetti għal rekwiżit li l-miżuri ta’ tassazzjoni ma jiġux applikati b’mod li jkun jikkostitwixxi mezz ta’ diskriminazzjoni arbitrarja jew inġustifikabbli bejn il-Partijiet fejn jipprevalu kundizzjonijiet simili, jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ u l-investiment, xejn f’dan il-Ftehim m’għandu jitqies bħala prevenzjoni tal-adozzjoni, taż-żamma jew tal-infurzar mill-Unjoni Ewropea, mill-Istati Membri tagħha jew mill-Ġappun ta’ kwalunkwe miżura ta’ tassazzjoni mmirata lejn l-iżgurar tal-impożizzjoni jew tal-ġbir ekwitabbli jew effettivi tat-taxxi bħal miżuri:

(a) li jagħmlu distinzjoni bejn kontribwenti li mhumiex fl-istess sitwazzjoni, b’mod partikolari fir-rigward tal-post tar-residenza tagħhom jew tal-post fejn hu investit il-kapital tagħhom; jew

(b) li jipprevjenu l-evitar jew l-evażjoni tat-taxxi skont id-dispożizzjonijiet ta’ kwalunkwe ftehim dwar it-taxxa jew leġiżlazzjoni domestika dwar it-taxxa.

ARTIKOLU 1.5

Eċċezzjonijiet ta’ sigurtá

1. Xejn f'dan il-Ftehim m’għandu jitqies li:

(a) jobbliga lil Parti biex tipprovdi xi informazzjoni li d-divulgazzjoni tagħha hi tqis li tmur kontra l-interessi tas-sigurtà essenzjali tagħha;

(b) ma jħallix lil Parti tieħu azzjoni li hi tqis neċessarja għall-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà essenzjali tagħha:

(i) fir-rigward ta' materjali fissjonabbli u fużjonabbli jew il-materjali li huma dderivati minnhom;

(ii) b'rabta mal-produzzjoni ta' armi, ta' munizzjon u ta' għodda tal-gwerra jew tal-kummerċ fihom, kif ukoll mal-produzzjoni ta' prodotti u ta' matejrali oħra jew tal-kummerċ fihom kif imwettqa b'mod dirett jew indirett għall-fini ta' stabbiliment militari;

(iii) b'rabta mal-provvista ta' servizzi kif imwettqa b'mod dirett jew indirett għall-fini ta' proviżjonament ta' stabbiliment militari; jew

(iv) meħuda fi żmien ta' gwerra jew ta' emerġenza oħra f'relazzjonijiet internazzjonali. jew

(c) jipprevjeni lil Parti milli tieħu xi tip ta' azzjoni biex tfittex li twettaq l-obbligi skont il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti għall-fini ta' żamma tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali.

2. Minkejja l-paragrafu 1,

(a) għall-finijiet tal-Kapitolu 10, japplika l-Artikolu III tal-GPA; u

(b) għall-finijiet tal-Kapitolu 14, japplika l-Artikolu 14.54.

ARTIKOLU 1.6

Informazzjoni kunfidenzjali

1. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor f'dan il-Ftehim, xejn f'dan il-Ftehim m'għandu jobbliga li Parti biex tipprovdi informazzjoni kunfidenzjali, li d-divulgazzjoni tagħha tista' xxekkel l-infurzar tal-liġijiet u tar-regolamenti tagħha, jew tkun kuntrarja b'xi mod ieħor għall-interess pubbliku, jew li tippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' intrapriżi partikolari, pubbliċi jew privati.

2. Meta, skont dan il-Ftehim, Parti tipprovdi informazzjoni lill-Parti l-oħra li hi meqjusa bħala kunfidenzjali skont il-liġijiet u r-regolamenti tagħha, il-Parti l-oħra għandha żżomm il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni pprovduta, sakemm il-Parti li tipprovdi l-informazzjoni ma taqbilx fuq xi ħaġa oħra.

ARTIKOLU 1.7

Twettiq tal-obbligi u awtorità delegata

1. Kull Parti għandha tiżgura li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jingħata effett lid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

2. Sakemm ma jkunx speċifikat b'xi mod ieħor f'dan il-Ftehim, kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe persuna jew entità li għaliha l-Parti għandha awtorità regolatorja jew amministrattiva delegata biex twettaq l-obbligi tal-Parti skont dan il-Ftehim taġixxi f'konformità ma' dawk l-obbligi meta teżerċita t-tali awtorità delegata.

3. Għal ċertezza akbar, l-ebda Parti m'għandha tinħeles mill-obbligi tagħha skont dan il-Ftehim f'każ ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim minn kwalunkwe wieħed mil-livelli governattivi jew mill-korpi nongovernattivi tagħha meta jeżerċitaw is-setgħat delegati lilhom mill-Parti.

ARTIKOLU 1.8

Liġijiet u regolamenti u l-emendi tagħhom

Meta f'dan il-Ftehim issir referenza għal-liġijiet u għar-regolamenti ta' Parti, dawk il-liġijiet u r-regolamenti għandhom jiġu mifhuma bħala li jinkludu emendi għalihom, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

ARTIKOLU 1.9

Relazzjoni ma' ftehimiet oħra

1. Il-ftehimiet eżistenti bejn l-Unjoni Ewropea jew l-Istati Membri tagħha u l-Ġappun mhumiex sospiżi jew itterminati minn dan il-Ftehim.

2. Xejn f'dan il-Ftehim m'għandu jeħtieġ lil xi Parti taġixxi b'mod inkonsistenti mal-obbligi tagħha skont il-Ftehim tad-WTO.

3. F'każ ta' kwalunkwe inkonsistenza bejn dan il-Ftehim u kwalunkwe ftehim ieħor għajr il-Ftehim tad-WTO li għailh huma parti ż-żewġ Partijiet, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw ma' xulxin minnufih bl-għan li jsibu soluzzjoni sodisfaċenti b'mod reċiproku.

4. Meta ssir referenza għall-ftehimiet internazzjonali[1] jew dawn jiġu inkorporati f'dan il-Ftehim, fis-sħuħija tagħhom jew f'parti minnhom, dawn għandhom jiġu mifhuma li jinkludu emendi fihom jew il-ftehimiet suċċessuri tagħhom li jidħlu fis-seħħ għaż-żewġ Partijiet fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim jew wara din. Jekk tqum xi kwistjoni rigward l-implimentazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim bħala riżultat tat-tali emendi jew tal-ftehimiet suċċessuri, il-Partijiet, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, jistgħu jikkonsultaw ma' xulxin bl-għan li jsibu soluzzjoni sodisfaċenti b'mod reċiproku għal din il-kwistjoni skont il-bżonn.

[1] Il-ftehimiet internazzjonali msemmija jew inkorporati f'dan il-Ftehim għandhom jiġu mifhuma li jinkludu l-aktar emendi riċenti tagħhom li jkunu ddaħħlu fis-seħħ għaż-żewġ Partijiet qabel id-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 2

KUMMERĊ F'MERKANZIJA

TAQSIMA A

Dispożizzjonijiet ġenerali

ARTIKOLU 2.1

Objettiv

L-objettiv ta' dan il-Kapitolu hu li jiffaċilita l-kummerċ f'merkanzija bejn il-Partijiet u li jilliberalizza b'mod progressiv il-kummerċ f'merkanzija f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 2.2

Kamp ta' applikazzjoni

Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor f'dan il-Ftehim, dan il-Kapitolu japplika għall-kummerċ f'merkanzija bejn il-Partijiet.

ARTIKOLU 2.3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ dan il-Kapitolu:

(a) “proċeduri ta’ liċenzjar għall-esportazzjoni” tfisser proċeduri amministrattivi, kemm jekk imsejħa liċenzjar kif ukoll jekk le, li jintużaw minn Parti għall-operar ta’ reġimi ta’ liċenzjar għall-esportazzjoni li jeħtieġu s-sottomissjoni ta’ applikazzjoni jew ta’ dokumentazzjoni oħra, għajr dik meħtieġa għall-proċeduri doganali, lill-korp amministrattiv rilevanti bħala kundizzjoni bil-quddiem għall-esportazzjoni minn dik il-Parti;

(b) “proċeduri mhux awtomatiċi ta’ liċenzjar għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni” tfisser proċeduri ta’ liċenzjar fejn l-approvazzjoni tal-applikazzjoni ma tingħatax għall-persuni kollha li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Parti kkonċernata għat-twettiq ta’ attivitajiet f’operazzjonijiet ta’ importazzjoni jew ta’ esportazzjoni li jinvolvu l-prodotti soġġetti għal dawk il-proċeduri ta’ liċenzjar; u

(c) “oriġinarji” tfisser kwalifikazzjoni bħala oriġinarji f’Parti skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 3.

ARTIKOLU 2.4

Dazju doganali

Kull Parti għandha tnaqqas jew telimina d-dazji doganali skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 2.8. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "dazji doganali" tfisser kwalunkwe dazju jew ħlas ta' kwalunkwe tip impost fuq l-importazzjoni ta' prodott jew b'rabta ma' din, fosthom kwalunkwe forma ta' soprataxxa jew ta' ħlas addizzjonali imposti fuq tali importazzjoni jew marbuta ma' din, iżda ma jinkludi l-ebda:

(a) imposta ekwivalenti għal taxxa interna f'konformità mal-Artikolu III tal-GATT 1994;

(b) dazju applikat f'konformità mal-Artikoli VI u XIX tal-GATT 1994, il-Ftehim dwar l-Antidumping, il-Ftehim SCM, il-Ftehim dwar is-Salvagwardji u l-Artikolu 22 tad-DSU; u

(c) miżati jew imposti oħra imposti skont l-Artikolu 2.16.

ARTIKOLU 2.5

Salvagwardji agrikoli

1. Prodotti agrikoli li jikkwalifikaw bħala prodotti oriġinarji minn Parti (minn hawn ’il quddiem imsejħa “prodotti agrikoli oriġinarji”) m’għandhomx ikunu soġġetti għal xi dazju applikat mill-Parti l-oħra skont miżura ta’ salvagwardja speċjali meħuda skont il-Ftehim dwar il-Biedja.

2. Miżuri agrikoli ta’ salvagwardja fuq il-prodotti agrikoli oriġinarji skont dan il-Ftehim jistgħu jiġu applikati f’konformità mat-Taqsima C tal-Parti 3 tal-Anness 2-A.

TAQSIMA B

It-trattament nazzjonali u l-aċċess tas-suq għall-prodotti

ARTIKOLU 2.6

Klassifikazzjoni tal-prodotti

1. Il-klassifikazzjoni tal-prodotti fil-kummerċ bejn il-Partijiet għandha tkun konformi mas-Sistema Armonizzata.

2. Kull Parti għandha tiżgura konsistenza meta tapplika l-liġijiet u r-regolamenti tagħha dwar il-klassifikazzjoni tariffarja tal-prodotti oriġinarji mill-Parti l-oħra.

ARTIKOLU 2.7

Trattament nazzjonali

Kull Parti għandha tagħti trattament nazzjonali lill-prodotti tal-Parti l-oħra f'konformità mal-Artikolu III tal-GATT 1994. Għal dak l-għan, l-Artikolu III tal-GATT 1994 hu inkorporat f'dan il-Ftehim u hu magħmul parti minnu, *mutatis mutandis*.

ARTIKOLU 2.8

Tnaqqis u eliminazzjoni ta' dazji doganali fuq l-importazzjonijiet

1. Sakemm mhuwiex ipprovdut mod ieħor f'dan il-Ftehim, kull Parti għandha tnaqqas jew telimina d-dazji doganali fuq il-prodotti oriġinarji mill-Parti l-oħra f'konformità mal-Anness 2-A.

2. Meta Parti tnaqqas ir-rata tad-dazju doganali tagħha applikata għan-nazzjon l-aktar iffavorit, dik ir-rata tad-dazju għandha tapplika għall-prodott oriġinarju tal-Parti l-oħra jekk, u sa fejn, din tkun anqas mir-rata tad-dazju doganali fuq l-istess prodott ikkalkolata f'konformità mal-Anness 2-A.

3. It-trattament tal-prodotti oriġinarji minn Parti klassifikati taħt il-linji tariffarji indikati b'"S" fil-Kolonna "Nota" fl-Iskeda tal-Unjoni Ewropea fit-Taqsima B tal-Parti 2 tal-Anness 2-A u fl-Iskeda tal-Ġappun fit-Taqsima D tal-Parti 3 tal-Anness 2-A, għandu jkun soġġett għal rieżami mill-Partijiet fil-ħames sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim jew f'sena li jaqblu b'mod ieħor dwarha l-Partijiet, skont liema tiġi l-ewwel. Ir-rieżami għandu jipproċedi bl-għan li jtejjeb il-kundizzjonijiet tal-aċċess għas-suq permezz ta', pereżempju, miżuri bħat-tnaqqis jew l-eliminazzjoni aktar veloċi tad-dazji doganali, is-simplifikazzjoni tal-proċessi ta' offerti u ż-żieda tal-kwantitajiet tal-kwoti, kif ukoll l-indirizzar ta' kwistjonijiet relatati mal-imposti.

4. Meta Parti tagħti tnaqqis akbar jew aktar veloċi fit-tariffi, kwota ogħla jew kwalunkwe trattament aktar favorevoli ieħor minn dak previst f'dan il-Ftehim lil pajjiż terz fuq il-bażi ta' ftehim internazzjonali għall-oġġetti kopert mill-paragrafu 3 li jaffettwa l-bilanċ fis-suq tal-Unjoni Ewropea jew tal-Ġappun tat-tali prodotti, il-Partijiet, bl-għan li jiżguraw li l-Parti l-oħra tikseb tal-anqas l-istess preferenza, għandhom jibdew tali rieżami fi żmien tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim internazzjonali bejn l-Unjoni Ewropea u dak il-pajjiż terz jew bejn il-Ġappun u dak il-pajjiż terz, u ser iwettqu r-rieżami bl-għan li jikkonkluduh fi żmien sitt xhur mill-istess data.

ARTIKOLU 2.9

Prodotti li jerġgħu jidħlu wara tiswija u alterazzjoni

1. Parti m'għandhiex tapplika dazju doganali fuq prodott, irrispettivament mill-oriġini ta' dan, li jerġa' jidħol fit-territorju doganali tagħha wara li jkun ġie esportat b'mod temporanju mit-territorju doganali tagħha lit-territorju doganali tal-Parti l-oħra għal tiswija jew għal alterazzjoni, irrispettivament minn jekk dik it-tiswija jew l-alterazzjoni setgħetx saret fit-territorju doganali tal-Parti msemmija l-ewwel, dment li l-prodott ikkonċernat jerġa' jidħol fit-territorju doganali tal-Parti msemmija l-ewwel fi ħdan il-perjodu speċifikat fil-liġijiet u fir-regolamenti ta' din[1].

2. Il-paragrafi 1 ma japplikax għal prodott fit-territorju doganali ta' Parti taħt kontroll doganali mingħajr il-ħlas tad-dazji tal-importazzjoni u tat-taxxi li jiġi esportat għal tiswija jew għal alterazzjoni u li ma jerġax jidħol fit-territorju doganali taħt kontroll doganali mingħajr il-ħlas tad-dazji tal-importazzjoni u tat-taxxi.

[1] Fl-Unjoni Ewropea, għall-fini ta' dan il-paragrafu tintuża l-proċedura ta' proċessar passiv stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

3. Parti m'għandhiex tapplika dazju doganali fuq prodott, irrispettivament mill-oriġini tiegħu, li jiġi importat b'mod temporanju mit-territorju doganali tal-Parti l-oħra għal tiswija jew għal alterazzjoni, dment li l-oġġett jerġa' jiġi esportat mit-territorju doganali tal-Parti li timportah fi ħdan il-perjodu speċifikat fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha[1].

4. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "tiswija" jew "tibdil" tfisser kwalunkwe operazzjoni mwettqa fuq prodott jew proċess biex jirrimedjaw id-difetti operattivi jew ħsara materjali u li jinvolvu l-istabbiliment tal-funzjoni oriġinali tal-oġġett, jew biex tiġi żgurata l-konformità tiegħu ma' ħtiġijiet tekniċi għall-użu tiegħu. Tiswija jew alterazzjoni ta' prodott tinkludi r-restawr u l-manutenzjoni irrispettivament miż-żieda possibbli fil-valur tal-prodott, iżda ma tinkludix operazzjoni jew proċess li:

(a) jeqirdu l-karatteristiċi essenzjali ta' prodott jew joħolqu prodott ġdid jew kummerċjalment differenti;

(b) jittrasformaw prodott mhux lest f'wieħed lest; jew

(c) ibiddlu l-funzjoni ta' prodott.

[1] Fl-Unjoni ewropea, għall-fini ta' dan il-paragrafu tintuża l-proċedura ta' proċessar attiv kif stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

ARTIKOLU 2.10

Dħul temporanju tal-prodotti

Kull Parti għandha tagħti dħul temporanju mingħajr dazju fit-territorju doganali tagħha għall-prodotti li ġejjin f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha, dment li t-tali oġġetti ma jġarrbu ebda bidla ħlief deprezzament normali minħabba l-użu li jsir minnhom u li dawn jiġu esportati fi ħdan il-perjodu ta' żmien stabbilit minn kull Parti:

(a) prodotti għal wiri jew għal użu f'esibizzjonijiet, f'fieri, f'kungressi jew f'attivitajiet simili;

(b) tagħmir professjonali, li jinkludi tagħmir għall-istampa jew għall-ħoss jew għax-xandir televiżiv, tagħmir ċinematografiku, apparat anċillari għat-tagħmir tagħmir u aċċessorji għal dawn;

(c) kampjuni kummerċjali u filmati u reġistrazzjonijiet ta' reklamar;

(d) kontenituri u pelits użati jew li se jintużaw fit-trasport marittimu tal-prodotti fit-traffiku internazzjonali, aċċessorji u tagħmir għal dan;

(e) materjali tal-benessri għall-baħħara;

(f) prodotti importati b'mod esklużiv għal skopijiet xjentifiċi;

(g) prodotti importati għal kompetizzjonijiet, għal dimostrazzjonijiet jew għal taħriġ sportivi internazzjonali;

(h) effetti personali li huma proprjetà ta' vjaġġaturi li jżuru temporanjament; u

(i) materjali għall-pubbliċità turistika.

ARTIKOLU 2.11

Valutazzjoni doganali

Għall-fini ta' determinazzjoni tal-valur doganali tal-prodotti nnegozjati bejn il-Partijiet, id-dispożizzjonijiet tal-Parti I tal-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ 1994 fl-Anness 1A għall-Ftehim tad-WTO għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*.

ARTIKOLU 2.12

Dazji tal-esportazzjoni

Parti m'għandhiex tadotta jew iżżomm xi dazju, taxxa, tariffa jew miżata oħra ta' kwalunkwe tip imposti fuq prodotti esportati minn dik il-Parti lill-Parti l-oħra, jew kwalunkwe taxxa interna jew tariffa oħra fuq prodotti esportati lill-Parti l-oħra li tisboq dik li tkun imposta fuq prodotti simili ddestinati għall-konsum domestiku. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, it-tariffi jew l-imposti l-oħra ta' kwalunkwe tip m'għandhomx jinkludu tariffi jew imposti oħra mitluba f'konformità mal-Artikolu 2.16 li huma limitati għall-ammont tal-kost approssimat tas-servizz mogħti.

ARTIKOLU 2.13

Klawżola ta' sospensjoni

1. Sakemm ma jkunx previst b'xi mod ieħor f'dan il-Ftehim, Parti m'għandhiex iżżid xi dazju doganali fuq prodotti oriġinarji mill-Parti l-oħra mir-rata li għandha tiġi applikata f'konformità mal-Anness 2-A.

2. Għal ċertezza akbar, Parti tista' żżid dazju doganali sal-livell stabbilit fl-Iskeda tal-Unjoni Ewropea fit-Taqsima B tal-Parti 2 tal-Anness 2-A u fl-Iskeda tal-Ġappun fit-Taqsima D tal-Parti 3 tal-Anness 2-A għas-sena rispettiva wara tnaqqis unilaterali tad-dazju doganali.

ARTIKOLU 2.14

Kompetizzjoni fl-esportazzjoni

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "sussidji għall-esportazzjoni" tfisser sussidji msemmija fis-subparagrafu (e) tal-Artikolu 1 tal-Ftehim dwar il-Biedja u sussidji oħra elenkati fl-Anness I għall-Ftehim SCM li jistgħu jiġu applikati għal prodotti agrikoli li huma elenkati fl-Anness 1 għall-Ftehim dwar il-Biedja.

2. Il-Partijiet jaffermaw l-impenn tagħhom, espress fid-Deċiżjoni Ministerjali tad-19 ta' Diċembru 2015 dwar il-Kompetizzjoni fl-Esportazzjoni (WT/MIN(15)/45, WT/L/980) tad-WTO, li jeżerċitaw trażżin kbir fir-rigward tas-sussidji għall-esportazzjoni u tal-miżuri tal-esportazzjoni b'effett ekwivalenti kif stipulat f'dik id-deċiżjoni.

ARTIKOLU 2.15

Restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet

1. Parti ma tistax tadotta jew iżżomm xi projbizzjoni jew restrizzjoni ħlief dazji doganali fuq l-importazzjoni ta' xi prodott tal-Parti l-oħra jew fuq l-esportazzjoni jew il-bejgħ għall-esportazzjoni ta' kwalunkwe prodott destinat għat-territorju doganali tal-Parti l-oħra, ħlief f'konformità mal-Artikolu XI tal-GATT 1994. Għal dak l-għan, l-Artikolu XI tal-GATT 1994 hu inkorporat f'dan il-Ftehim u hu magħmul parti minnu, *mutatis mutandis*.

2. Jekk Parti biħsiebha tadotta projbizzjoni jew restrizzjoni fuq l-esportazzjoni jew il-bejgħ għall-esportazzjoni ta' kwalunkwe prodott elenkat fl-Anness 2-B f'konformità mal-paragrafu 2 tal-Artikolu XI jew mal-Artikolu XX tal-GATT 1994, il-Parti għandha:

(a) tfittex li tillimita dik il-projbizzjoni jew ir-restrizzjoni kemm jista' jkun, filwaqt li tagħti l-kunsiderazzjoni dovuta lill-effetti negattivi possibbli ta' din fuq il-Parti l-oħra;

(b) tipprovdi lill-Parti l-oħra b'avviż miktub dwar din, kull meta dan ikun possibbli qabel l-introduzzjoni tat-tali projbizzjoni jew restrizzjoni u minn qabel kemm jista' jkun, jew, jekk le, mhux aktar tard minn 15-il jum wara d-data ta' introduzzjoni, filwaqt li dak l-avviż bil-miktub għandu jinkludi deskrizzjoni tal-prodott involut, tal-projbizzjoni jew tar-restrizzjoni introdotta, inklużi n-natura tagħha, ir-raġunijiet għaliha, u d-data tal-introduzzjoni tat-tali projbizzjoni jew restrizzjoni kif ukoll id-durata mistennija tagħha; u

(c) fuq talba, tipprovdi lill-Parti l-oħra b'opportunità raġonevoli għall-konsultazzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni relatata mat-tali projbizzjoni jew restrizzjoni.

ARTIKOLU 2.16

Tariffi u formalitajiet marbuta mal-importazzjoni u mal-esportazzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura, f'konformità mal-Artikolu VIII tal-GATT 1994, li t-tariffi u l-imposti kollha ta' kull tip, għajr id-dazji doganali, id-dazji tal-esportazzjoni u t-taxxi f'konformità mal-Artikolu III tal-GATT 1994, imposti minn dik il-Parti fuq jew b'rabta mal-importazzjoni jew mal-esportazzjoni, huma limitati għall-kost approssimat tas-servizzi mogħtija, li m'għandux jiġi kkalkolat fuq bażi *ad valorem*, u m'għandux jirrappreżenta protezzjoni indiretta għall-prodotti domestiċi jew tassazzjoni tal-importazzjonijiet għal skopijiet fiskali.

2. Parti m'għandhiex teħtieġ tranżazzjonijiet konsulari, li jinkludu tariffi u imposti relatati. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "tranżazzjonijiet konsulari" tfisser rekwiżiti mill-konslu tal-Parti importatriċi li jinsab fil-Parti espoirtatriċi għall-fini ta' kisba ta' fatturi konsulari jew ta' viżi konsulari għal fatturi kummerċjali, għal ċertifikati tal-oriġini, għal manifesti, għal dikjarazzjonijiet ta' esportazzjoni tal-ispedituri, jew għal kwalunkwe dokumentazzjoni doganali oħra meħtieġa dwar jew b'rabta mal-importazzjoni.

ARTIKOLU 2.17

Proċeduri ta’ liċenzjar għall-importazzjoni u għall-esportazzjoni

1. Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi eżistenti tagħhom skont il-Ftehim dwar il-Proċeduri ta’ Liċenzjar għall-Importazzjoni.

2. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm proċeduri ta’ liċenzjar għall-esportazzjoni f’konformità mal-paragrafi 1 sa 9 tal-Artikolu 1 u mal-Artikolu 3 tal-Ftehim dwar il-Proċeduri ta’ Liċenzjar għall-Importazzjoni. Għal dak l-għan, dawk id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-Proċeduri ta’ Liċenzjar għall-Importazzjoni huma inkorporati f’dan il-Ftehim u magħmula parti minnu, *mutatis mutandis*, u għandhom japplikaw għall-proċeduri ta’ liċenzjar għall-esportazzjoni bejn il-Partijiet. Parti tista’ tadotta jew iżżomm proċeduri ta’ liċenzjar għall-esportazzjoni f’konformità mal-Artikolu 2 tal-Ftehim dwar il-Proċeduri ta’ Liċenzjar għall-Importazzjoni. Il-paragrafi 2 sa 8 japplikaw għal kwalunkwe prodott elenkat fl-Anness 2-B.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri kollha ta’ liċenzjar għall-esportazzjoni jkunu newtrali fl-applikazzjoni u jkunu amministrati b’mod ġust, ekwitabbli, nondiskriminatorju u trasparenti.

4. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm il-proċeduri ta’ liċenzjar għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni biss meta ma jkunx hemm disponibbli proċeduri xierqa oħra biex jintlaħaq skop amministrattiv.

5. Parti m’għandhiex tadotta jew iżżomm proċeduri mhux awtomatiċi ta’ liċenzjar għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni sakemm ma jkunux neċessarji biex timplimenta miżura li hi konsistenti ma’ dan il-Ftehim. Parti li tadotta proċeduri mhux awtomatiċi ta’ liċenzjar għandha tindika biċ-ċar il-miżura li tkun qed tiġi implimentata permezz tat-tali proċedura ta’ liċenzjar.

6. Kull Parti għandha twieġeb, fi żmien 60 jum, għal kwalunkwe domanda mill-Parti l-oħra rigward il-proċeduri ta’ liċenzjar għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni li l-eks Parti jkun biħsiebha tadotta, tkun adottat jew iżżomm, kif ukoll il-kriterji għall-għoti jew għall-allokazzjoni tal-liċenzji għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni.

7. Meta tapplika restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni għal prodott fil-forma ta’ kwota, Parti għandu jkollha l-għan li tikseb distribuzzjoni tal-kummerċ f’dak il-prodott li toqrob kemm jista’ jkun għall-ishma li jkunu mistennija fin-nuqqas ta’ dik ir-restrizzjoni.

8. Jekk Parti tadotta jew iżżomm proċeduri ta’ liċenzjar għall-esportazzjoni, il-Partijiet għandhom jorganizzaw konsultazzjonijiet, fuq talba tal-Parti l-oħra, dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni ta’ dawk il-proċeduri, u jagħtu l-kunsiderazzjoni dovuta lir-riżultati ta’ dawk il-konsultazzjonijiet.

ARTIKOLU 2.18

Prodotti rimanufatturati

1. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor f'dan il-Ftehim, kull Parti għandha tistabbilixxi li l-prodotti rimanifatturati huma ttrattati bħala prodotti ġodda. Kull Parti tista' titlob li l-prodotti rimanifatturati jiġu identifikati bħala tali għad-distribuzzjoni jew għall-bejgħ.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "oġġetti manifatturati mill-ġdid" tfisser oġġetti klassifikati taħt l-intestatura 40.12, Kapitoli 84 sa 90 jew l-intestatura 94.02 tas-Sistema Armonizzata li: [1]

(a) huma komposti fis-sħuħija tagħhom jew f'partijiet minnhom minn partijiet miksuba minn prodotti użati;

(b) għandhom tul taċ-ċiklu tal-ħajja u prestazzjoni simili meta mqabbla mat-tali prodotti, meta ġodda; u

(c) għandhom garanzija mill-fabbrika simili għal dik applikabbli għat-tali prodotti, meta ġodda.

[1] Għal ċertezza akbar, ir-referenzi għan-numru tal-klassifikazzjoni tariffarja tas-Sistema Armonizzata f'dan il-Kapitolu huma bbażati fuq is-Sistema Armonizzata, kif emendata fl-1 ta' Jannar 2017.

ARTIKOLU 2.19

Miżuri nontariffarji

1. Impenji speċifiċi dwar miżuri mhux tariffarji fuq oġġetti minn kull Parti huma stabbiliti fl-Annessi 2-C u 2-D.

2. Wara 10 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jew fuq talba ta' Parti, il-Partijiet għandhom jevalwaw jekk kwistjonijiet li jirriżultaw minn miżuri nontariffarji fuq il-prodotti jistgħux jiġu indirizzati b'mod effettiv fi ħdan il-qafas ta' dan il-Ftehim. Bħala riżultat ta' din l-evalwazzjoni, il-Partijiet għandhom jidħlu f'konsultazzjonijiet biex jikkunsidraw it-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tal-impenji eżistenti jew it-teħid ta' impenji addizzjonali ta' interess reċiproku fuq miżuri nontariffarji fuq prodotti, inkluż dwar il-kooperazzjoni. Fuq il-bażi ta' dawk il-konsultazzjonijiet, il-Partijiet jistgħu jaqblu li jidħlu f'negozjati ta' interess reċiproku. Meta jimplimentaw dan il-paragrafu, il-Partijiet għandhom iqisu l-esperjenza miksuba matul il-perjodu preċedenti ta' implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 2.20

Restrizzjonijiet biex jiġi ssalvagwardjat il-bilanċ tal-pagamenti

1. Xejn f'dan il-Ftehim m'għandu jiġi interpretat bħala li jipprevjeni lil Parti milli tieħu xi miżura għall-finijiet tal-bilanċ tal-pagamenti. Parti li tieħu miżuri bħal dawn għandha tagħmel dan f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu XII tal-GATT 1994 u mal-Qbil dwar id-Dispożizzjonijiet tal-Bilanċ tal-Pagamenti tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ 1994 fl-Anness 1A għall-Ftehim tad-WTO.

2. Xejn f'dan il-Ftehim m'għandu jipprekludi l-użu minn Parti ta' kontrolli tal-iskambju jew ta' restrizzjonijiet tal-iskambju f'konformità mal-Artikoli tal-Ftehim tal-Fond Monetarju Internazzjonali.

ARTIKOLU 2.21

Marka tal-oriġini

Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor f'dan il-Ftehim, meta Parti tapplika rekwiżiti obbligatorji relatati mal-marka tal-pajjiż ta' oriġini għal prodotti li mhumiex prodotti tal-ikel, agrikoli jew tas-sajd kif definiti fil-liġijiet u fir-regolamenti ta' dik il-Parti, il-marka "Magħmul fil-Ġappun" jew markar simili fil-lingwa lokali tal-pajjiż importatur, għall-Unjoni Ewropea, u l-markar "Magħmul fl-UE" jew markar simili fil-Ġappun, għall-Ġappun, għandhom jiġu aċċettati bħala prodotti li jissodisfaw dawk ir-rekwiżiti. Il-Kapitolu 3 ma japplikax għal dan l-Artikolu.

ARTIKOLU 2.22

Eċċezzjonijiet ġenerali

1. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, l-Artikolu XX tal-GATT 1994 huwa b'dan inkorporat f'dan il-Ftehim u magħmul parti minnu, *mutatis mutandis*.

2. Jekk Parti biħsiebha tieħu xi miżura f'konformità mas-subparagrafi (i) u (j) tal-Artikolu XX tal-GATT 1994, il-Parti għandha:

(a) tipprovdi lill-Parti l-oħra bl-informazzjoni rilevanti kollha; u

(b) fuq talba, tipprovdi lill-Parti l-oħra b'opportunità raġonevoli għall-konsultazzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni relatata mat-tali miżura, bl-għan li titfittex soluzzjoni aċċettabbli b'mod reċiproku.

3. Il-Partijiet jistgħu jiftiehmu fuq kwalunkwe mezz li jkun meħtieġ biex itemmu l-kwistjonijiet soġġetti għall-konsultazzjoni msemmija fis-subparagrafu 2(b).

4. Jekk ċirkustanzi eċċezzjonali u kritiċi jkunu jeħtieġu azzjoni immedjata u jagħmlu l-forniment minn qabel ta' informazzjoni jew l-eżaminazzjoni impossibbli, il-Parti li tkun biħsiebha tieħu l-miżuri kkonċernati tista' tapplika minnufih il-miżuri neċessarji biex tindirizza ċ-ċirkustanzi u għandha tgħarraf lill-Parti l-oħra dwarhom immedjatament.

TAQSIMA C

Faċilitazzjoni tal-esportazzjoni tal-prodotti tal-inbid

ARTIKOLU 2.23

Kamp ta' applikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ma japplikawx għal kwalunkwe prodott li mhuwiex prodott tal-inbid klassifikat taħt l-intestatura 22.04 tas-Sistema Armonizzata.

ARTIKOLU 2.24

Prinċipju ġenerali

Sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-Artikoli 2.25 sa 2.28, l-importazzjoni u l-bejgħ ta' prodotti tal-inbid innegozjati bejn il-Partijiet koperti minn din it-Taqsima għandhom jitwettqu f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tal-Parti importatriċi.

ARTIKOLU 2.25

Awtorizzazzjoni tal-prassi enoloġika – l-ewwel fażi

1. Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim, l-Unjoni Ewropea għandha tawtorizza l-importazzjoni u l-bejgħ ta’ prodotti tal-inbid għall-konsum mill-bniedem fl-Unjoni Ewropea li joriġinaw mill-Ġappun u mmanifatturati f’konformità ma’:

(a) definizzjonijiet tal-prodotti u prassi enoloġika awtorizzati u restrizzjonijiet applikati fil-Ġappun għall-bejgħ tal-inbid Ġappuniż kif imsemmi fit-Taqsima A tal-Parti A tal-Anness 2-E dment li dawn jikkonformaw mad-definizzjonijiet tal-prodott u mal-prassi enoloġika u mar-restrizzjonijiet imsemmija fit-Taqsima A tal-Parti 1 tal-Anness 2-E; u

(b) il-prassi enoloġika kif imsemmija fit-Taqsima B tal-Parti 2 tal-Anness 2-E.

2. Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim, il-Ġappun għandu jawtorizza l-importazzjoni u tal-bejgħ ta’ prodotti tal-inbid għall-konsum mill-bniedem fil-Ġappun li joriġinaw mill-Unjoni Ewropea u mmanifatturati f’konformità ma’:

(a) definizzjonijiet tal-prodotti u prassi enoloġika awtorizzati u restrizzjonijiet applikati fl-Unjoni Ewropea kif imsemmi fit-Taqsima A tal-Parti 1 tal-Anness 2-E dment li dawn jikkonformaw mad-definizzjonijiet tal-prodott u mal-prassi enoloġika u mar-restrizzjonijiet imsemmija fit-Taqsima A tal-Parti 2 tal-Anness 2-E; u

(b) il-prassi enoloġika kif imsemmija fit-Taqsima B tal-Parti 1 tal-Anness 2-E.

3. Fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jagħmlu skambju ta' notifiki li jikkonfermaw li l-proċeduri tagħhom għall-awtorizzazzjoni ta' prattiki enoloġiċi msemmija fit-Taqsima B tal-Parti 1 u t-Taqsima B tal-Parti 2 tal-Anness 2-E, rispettivament, ikunu tlestew.

ARTIKOLU 2.26

Awtorizzazzjoni tal-prassi enoloġika - it-tieni fażi

1. L-Unjoni Ewropea għandha tieħu l-passi neċessarji malajr bl-għan li tawtorizza l-prassi enoloġika kif imsemmija fit-Taqsima C tal-Parti 2 tal-Anness 2-E u tinnotifika lill-Ġappun li tlestew il-proċeduri tiegħu għal dik l-awtorizzazzjoni.

2. Il-Ġappun għandu jieħu l-passi neċessarji malajr bl-għan li jawtorizza l-prassi enoloġika kif imsemmija fit-Taqsima C tal-Parti 2 tal-Anness 2-E u jinnotifika lill-Unjoni Ewropea li tlestew il-proċeduri tiegħu għal dik l-awtorizzazzjoni.

3. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tidħol fis-seħħ fid-data tan-notifika msemmija l-aħħar minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet.

ARTIKOLU 2.27

Awtorizzazzjoni tal-prassi enoloġika – it-tielet fażi

1. L-Unjoni Ewropea għandha tieħu l-passi neċessarji bl-għan li tawtorizza l-prassi enoloġika kif imsemmija fit-Taqsima D tal-Parti 2 tal-Anness 2-E u tinnotifika lill-Ġappun li tlestew il-proċeduri tiegħu għal dik l-awtorizzazzjoni.

2. Il-Ġappun għandu jieħu l-passi neċessarji bl-għan li jawtorizza l-prassi enoloġika kif imsemmija fit-Taqsima D tal-Parti 2 tal-Anness 2-E u jinnotifika lill-Unjoni Ewropea li tlestew il-proċeduri tiegħu għal dik l-awtorizzazzjoni.

3. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tidħol fis-seħħ fid-data tan-notifika msemmija l-aħħar minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet.

ARTIKOLU 2.28

Awtoċertifikazzjoni

1. Ċertifikat awtentikat f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tal-Ġappun, li jinkludi awtoċertifikat stabbilit minn produttur awtorizzat mill-awtorità kompetenti tal-Ġappun, għandu jkun biżżejjed bħala dokumentazzjoni li sservi bħala evidenza li ġew issodisfati r-rekwiżiti għall-importazzjoni u għall-bejgħ fl-Unjoni Ewropea ta' prodotti tal-inbid li joriġinaw fil-Ġappun imsemmija fl-Artikolu 2.25, 2.26 jew 2.27.

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Inbid stabbilit skont l-Artikolu 22.4 għandu jadotta, mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, permezz ta' deċiżjoni, il-modalitajiet:

(a) għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1, b'mod partikolari l-forom li għandhom jintużaw u l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fuq iċ-ċertifikat; u

(b) għall-kooperazzjoni bejn il-punti ta' kuntatt iddeżinjati mill-Unjoni Ewropea għal kull wieħed mill-Istati Membri tagħha u mill-Ġappun.

3. Ma huma meħtieġa ebda ċertifikat jew dokumentazzjoni ekwivalenti oħra bħala evidenza li ġew issodisfati r-rekwiżiti għall-importazzjoni u għall-bejgħ fil-Ġappun tal-prodotti tal-inbid li joriġinaw mill-Unjoni Ewropea msemmija fl-Artikolu 2.25, 2.26 jew 2.27.

ARTIKOLU 2.29

Rieżami, konsultazzjonijiet u sospensjoni temporanja tal-awtoċertifikazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jirrieżaminaw l-implimentazzjoni ta':

(a) l-Artikolu 2.26 b'mod regolari u tal-anqas darba fis-sena matul is-sentejn ta' wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim; u

(b) l-Artikolu 2.27 mhux aktar tard minn tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

2. Jekk, matul ir-rieżami tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 2.26, il-Partijiet isibu li n-notifiki previsti fl-Artikolu 2.26 ma ġewx skambjati fi żmien sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jidħlu f'konsultazzjonijiet bl-għan li jilħqu ftehim dwar soluzzjoni prattika.

3. Meta n-notifika msemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 2.26 ma tkunx intbagħtet fi żmien sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim u n-notifika msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 2.26 tkun intbagħtet, l-Unjoni Ewropea tista’ tissospendi b’mod temporanju l-aċċettazzjoni tal-awtoċertifikazzjoni tal-prodotti tal-inbid prevista fl-Artikolu 2.28, jekk ma jintlaħaqx ftehim dwar soluzzjoni prattika kif imsemmija fil-paragrafu 2 fi żmien tliet xhur mill-bidu tal-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2.

4. Is-sospensjoni temporanja tal-aċċettazzjoni tal-awtoċertifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 għandha tiġi mitmuma minnufih meta l-Ġappun jibgħat in-notifika stabbilita fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 2.26 tal-Unjoni Ewropea.

5. Jekk matul il-proċess ta’ rieżami dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 2.27 imsemmi fil-paragrafu 1, il-Partijiet isibu li n-notifiki previsti fl-Artikolu 2.26 ma ġewx skambjati fi żmien ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jidħlu f’konsultazzjonijiet.

6. Xejn f'dan l-Artikolu m'għandu jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi ta' Parti skont il-Ftehim SPS.

ARTIKOLU 2.30

Klawżola ta' sospensjoni

1. Għal materji koperti mill-Artikoli 2.25 sa 2.28, Parti m'għandhiex timponi kundizzjonijiet anqas favorevoli minn dawk stabbiliti f'din it-Taqsima jew fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha fis-seħħ fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim.

2. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr ħsara għad-dritt tal-Partijiet li jieħdu miżuri sanitarji u fitosanitarji neċessarji għall-protezzjoni tal-ħajja jew tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, dment li t-tali miżuri ma jkunux inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim SPS.

ARTIKOLU 2.31

Emendi

Il-Kumitat Konġunt stabbilit skont Artikolu 22.1 jista' jadotta deċiżjonijiet li jemendaw l-Anness 2-E, biex iżid, iħassar jew jemenda referenzi għal prattiki enoloġiċi, restrizzjonijiet u elementi oħra, skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 23.2.

TAQSIMA D

Dispożizzjonijiet oħra

ARTIKOLU 2.32

Skambju ta’ informazzjoni

1. Għall-fini ta’ monitoraġġ tal-funzjonament ta’ dan il-Ftehim u għall-perjodu ta’ 10 snin wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim, ta’ kull sena l-Partijiet għandhom jiskambjaw statistiki dwar l-importazzjonijiet għall-perjodu li jkopri l-aktar sena tal-kalendarju riċenti disponibbli. Il-perjodu jista’ jiġi estiż mill-Kumitat dwar il-Kummerċ fil-Prodotti stabbilit skont l-Artikolu 22.3 għal ħames snin oħra.

2. L-iskambju tal-istatistiki dwar l-importazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandu jkopri, sa fejn possibbli, data li tappartjeni għall-perjodu li jkopri l-aktar sena tal-kalendarju riċenti disponibbli, inklużi l-valur u l-volum, fuq il-bażi tan-nomenklatura tal-Parti, tal-importazzjonijiet ta’ prodotti tal-Parti l-oħra li jibbenefikaw minn trattament tariffarju preferenzjali skont dan il-Ftehim u dawk li ma jirċivux trattament tariffarju preferenzjali.

ARTIKOLU 2.33

Miżuri speċjali li jikkonċernaw il-ġestjoni tat-trattament tariffarju preferenzjali

1. Il-Partijiet jagħrfu li l-ksur tal-leġiżlazzjoni doganali tagħhom b'rabta mat-trattament tariffarju preferenzjali skont dan il-Ftehim jista' jħalli effett avvers fuq l-industrija domestika u jaqblu li jikkooperaw fil-prevenzjoni, fid-detezzjoni u fil-ġlieda kontra t-tali ksur f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kapitolu 3 u mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Ġappun dwar il-Kooperazzjoni u l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka f'Materji Doganali, magħmul fi Brussell fit-30 ta' Jannar 2008 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "CMAA").

2. F'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafi 4 sa 7, Parti tista' tissospendi b'mod temporanju t-trattament tariffarju preferenzjali skont dan il-Ftehim għall-prodotti kkonċernati li huma relatati mal-ksur sistematiku msemmi fis-subparagrafu (a), jekk il-Parti tkun għamlet sejba, fuq il-bażi ta' informazzjoni oġġettiva, valida u verifikabbli, li:

(a) twettaq ksur sistematiku fil-leġiżlazzjoni doganali tagħha b'rabta mat-trattament tariffarju preferenzjali skont dan il-Ftehim għal ċertu prodott; u

(b) il-Parti l-oħra rrifjutat b'mod sistematiku u mhux iġġustifikat jew naqset b'xi mod ieħor milli tagħti l-kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 b'rabta mal-ksur sistematiku msemmi fis-subparagrafu (a).

3. Minkejja l-paragrafu 2, is-sospensjoni temporanja m'għandhiex tiġi applikata għal negozjanti li jissodisfaw il-kriterji tal-konformità maqbula mill-Partijiet permezz tal-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4.

4. Il-Parti li għamlet is-sejba msemmija fil-paragrafu 2 għandha, mingħajr dewmien żejjed, tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar dik is-sejba b'informazzjoni suffiċjenti biex tiġġustifika t-tnedija tal-konsultazzjonijiet, inkluż is-sommarju tal-fatti essenzjali relatati mas-subparagrafi 2(a) u (b) u tidħol f'konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra fil-Kumitat dwar il-Kummerċ f'Merkanzija bl-għal li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ Partijiet u jintlaħaq qbil fuq il-kriterji tal-konformità fir-rigward tar-rekwiżiti ta' dan il-Ftehim u tal-leġiżlazzjoni doganali rilevanti.

5. Il-Parti li għamlet is-sejba msemmija fil-paragrafu 2 għandha, qabel ma tittieħed deċiżjoni finali, tinforma lill-partijiet interessati kollha dwar l-intenzjoni tagħha li tapplika sospensjoni temporanja, u għandha tiżgura li dawn ikollhom l-opportunità sħiħa li jiddefendu l-interessi tagħhom. Sospensjoni temporanja m'għandhiex tiġi applikata għall-partijiet interessati, dment li dawn ikunu wrew b'mod oġġettiv u sodisfaċenti lill-Parti li tkun għamlet is-sejba li huma mhumiex involuti fil-ksur sistematiku msemmi fis-subparagrafu 2(a).

6. Wara l-proċessi msemmija fil-paragrafi 4 u 5, jekk il-Partijiet jonqsu milli jaqblu fuq soluzzjoni aċċettabbli fi żmien sitt xhur min-notifika, il-Parti li għamlet is-sejba tista' tiddeċiedi li tissospendi b'mod temporanju it-trattament tariffarju preferenzjali skont dan il-Ftehim għall-prodotti kkonċernati, filwaqt li jqisu kif xieraq l-eċċezzjoni prevista fil-paragrafu 3. Sospensjoni temporanja għandha tkun innotifikata lill-Parti l-oħra mingħajr dewmien bla bżonn.

7. Sospensjoni temporanja għandha tiġi applikata biss għall-perjodu neċessarju biex jiġi miġġieled il-ksur u għal mhux aktar minn sitt xhur. Jekk Parti tagħmel sejba li l-kundizzjonijiet li wasslu għas-sospensjoni inizjali jkunu għadhom qed jippersistu mal-iskadenza tas-sospensjoni temporanja, dik il-Parti tista' tiddeċiedi li ġġedded is-sospensjoni temporanja, wara li tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar tali sejba b'biżżejjed informazzjoni biex tiġġustifika t-tiġdid. Kwalunkwe sospensjoni temporanja għandha tiġi tterminata f'data li ma taħbatx wara sentejn mis-sospensjoni inizjali sakemm ma jkunx intwera lill-Kumitat dwar il-Kummerċ f'Merkanzija li l-kundizzjonijiet li wasslu għas-sospensjoni inizjali għadhom jippersistu fl-iskadenza tal-perjodu ta' kull tiġdid.

8. Is-sospensjonijiet temporanji applikati għandhom ikunu soġġetti għal konsultazzjonijiet perjodiċi fil-Kumitat dwar il-Kummerċ f'Merkanzija.

9. Il-Parti li għamlet is-sejba msemmija fil-paragrafu 2 jew 7 għandha tippubblika, f'konformità mal-proċeduri interni tagħha, avviżi lill-importaturi dwar kwalunkwe notifika u deċiżjoni li tikkonċerna s-sospensjonijiet temporanji msemmija fil-paragrafi 4 sa 7.

10. Sospensjoni temporanja m'għandhiex tapplika għal negozjanti li mhumiex in-negozjanti msemmija fil-paragrafu 3 u l-partijiet interessati msemmija fil-paragrafu 5, dment li dawn ikunu wrew b'mod oġġettiv u sodisfaċenti lill-Parti li tkun għamlet is-sejba msemmija fil-paragrafu 2 jew 7 li huma mhumiex involuti fil-ksur sistematiku msemmi fis-subparagrafu 2(a).

11. Għal ċertezza akbar, xejn f'dan l-Artikolu m'għandu jiġi interpretat bħala prevenzjoni tan-negozjanti jew tal-partijiet interessati milli jitolbu kumpens għal dannu mġarrab b'mod illegali minħabba l-miżuri msemmija fil-paragrafu 6, kontra l-Parti li tkun għamlet is-sejba msemmija fil-paragrafu 2 jew 7, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha.

ARTIKOLU 2.34

Il-Kumitat dwar il-Kummerċ fi Prodotti

1. Il-Kumitat dwar il-Kummerċ f'Merkanzija mwaqqaf skont l-Artikolu 22.3 (minn hawn 'il quddiem f'dan l-Artikolu msejjaħ il-"Kumitat") għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni u għat-tħaddim effettivi ta' dan il-Kapitolu.

2. Il-Kumitat għandu jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) jirrieżamina u jissorvelja l-implimentazzjoni u t-tħaddim ta' dan il-Kapitolu;

(b) jirrapporta s-sejbiet tal-Kumitat lill-Kumitat Konġunt; u

(c) iwettqu funzjonijiet oħra kif jista' jiġi ddelegat mill-Kumitat Konġunt skont is-subparagrafu 5(b) tal-Artikolu 22.1.

3. Il-Kumitat għandu jorganizza laqgħat f'tali żminijiet u postijiet jew b'mezzi, kif jistgħu jiftiehmu r-rappreżentanti tal-Partijiet.

ARTIKOLU 2.35

Grupp ta' Ħidma dwar l-Inbid

1. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Inbid imwaqqaf skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 22.4 għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni u għat-tħaddim effettivi tat-Taqsima C u tal-Anness 2-E.

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Inbid għandu jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) jadotta l-modalitajiet li jikkonċernaw l-awtoċertifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 2.28;

(b) jissorvelja l-implimentazzjoni tal-Artikoli 2.25 sa 2.29, li tinkludi r-rieżami u l-konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 2.29; u

(c) jikkunsidra l-emendi tal-Anness 2-E u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Konġunt rigward l-adozzjoni ta' deċiżjoni fir-rigward ta' dawk l-emendi.

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Inbid għandu jorganizza l-ewwel laqgħa tiegħu fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 3

REGOLI TAL-ORIĠINI U PROĊEDURI TAL-ORIĠINI

TAQSIMA A

Regoli tal-oriġini

ARTIKOLU 3.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "akkwakultura" tfisser it-trobbija ta' organiżmi akkwatiċi, li jinkludu l-ħut, il-molluski, il-krustaċji, invertebrati akkwatiċi oħra u pjanti akkwatiċi oħra mill-materjal ta' propagazzjoni bħal bajd, qixx, ħut li għadu ma kibirx, larva, flieles ta' salamuna, salamun żgħir jew ħut immatur ieħor fi stadju postlarvali b'intervent fil-proċessi ta' trobbija jew ta' tkabbir biex tittejjeb il-produzzjoni bħall-istokkjar regolari, it-tagħlif jew il-protezzjoni kontra l-predaturi;

(b) “konsenja” tfisser prodotti li jew huma mibgħuta fl-istess ħin minn esportatur wieħed għal destinatarju wieħed jew ikunu koperti minn dokument tat-trasport wieħed li jkopri l-ġarr tagħhom mill-esportatur għall-konsenjatarju jew, fin-nuqqas ta' dokument bħal dan, minn fattura waħda;

(c) “esportatur” tfisser persuna, li tinsab f’Parti, li, f’konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-liġijiet u fir-regolamenti ta’ dik il-Parti, tesporta jew tipproduċi l-prodott oriġinarju u tagħmel dikjarazzjoni dwar l-oriġini;

(d) “importatur” tfisser persuna li timporta l-prodott oriġinarju u titlob trattament tariffarju preferenzjali għalih;

(e) “materjal” tfisser kwalunkwe materja jew sustanza użata fil-produzzjoni ta’ prodott, li jinkludi kwalunkwe komponent, ingredjent, materja prima jew parti;

(f) “materjal mhux oriġinarju” tfisser materjal li ma jikkwalifikax bħala oriġinarju skont dan il-Kapitolu, li jinkludi materjal li l-istatus oriġinarju tiegħu ma jistax jiġi ddeterminat;

(g) “trattament tariffarju preferenzjali” tfisser ir-rata ta’ dazji doganali applikabbli għal prodott oriġinarju f’konformità mal-paragrafu 1 tal-Artikolu 2.8;

(h) “prodott” tfisser kwalunkwe materjal jew sustanza li jirriżultaw minn produzzjoni, anke jekk maħsub għall-użu bħala materjal fil-produzzjoni ta’ prodott ieħor, u għandha tinftiehem bħala oġġett msemmi fil-Kapitolu 2; u

(i) “produzzjoni” tfisser kwalunkwe tip ta’ xogħol jew ta’ proċessar li jinkludi l-assemblaġġ.

ARTIKOLU 3.2

Rekwiżiti għall-prodotti oriġinarji

1. Għall-fini tal-applikazzjoni tat-trattament tariffarju preferenzjali minn Parti għal prodott oriġinarju tal-Parti l-oħra f’konformità mal-paragrafu 1 tal-Artikolu 2.8, il-prodotti li ġejjin, jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti applikabbli l-oħra kollha ta’ dan il-Kapitolu, għandhom jitqiesu li joriġinaw fil-Parti l-oħra:

(a) prodotti miksuba jew immanifatturati fis-sħuħija tagħhom kif stabbilit fl-Artikolu 3.3;

(b) prodotti mmanifatturait b’mod esklużiv minn materjali li joriġinaw f’dik il-Parti; jew

(c) prodotti mmanifatturati bl-użu ta’ materjali mhux oriġinarji dment li jissodisfaw ir-rekwiżiti applikabbli kollha tal-Anness 3-B.

2. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, il-kamp ta' applikazzjoni territorjali ta' Parti ma jinkludix il-baħar, qiegħ il-baħar u s-sottoswol lil hinn mill-baħar territorjali tagħha.

3. Jekk prodott ikun kiseb l-istatus oriġinarju, il-materjali mhux oriġinarji użati fil-produzzjoni tal-prodott m'għandhomx jitqiesu bħala mhux oriġinarji meta dak il-prodott jiġi inkorporat bħala materjal fi prodott ieħor.

4. Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu relatati mal-akkwist tal-istatus tal-oriġini għandhom jiġu ssodisfati mingħajr interruzzjoni f'Parti.

ARTIKOLU 3.3

Prodotti miksuba għalkollox

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 3.2, prodott jinkiseb għalkollox f'Parti jekk hu:

(a) pjanta jew prodott tal-pjanti, imkabbra, ikkultivati, maħsuda, maqtugħa jew miġbura hemm;

(b) annimal ħaj imwieled u mrobbi hemm;

(c) prodott miksub minn annimal ħaj imrobbi hemm;

(d) prodott miksub minn annimal imbiċċer imwieled u mrobbi hemm;

(e) annimal miksub bil-kaċċa, bl-insib, bis-sajd, bil-ġbir jew bil-qbid hemm;

(f) prodott miksub mill-akkwakultura hemm;

(g) mineral jew sustanza oħra li tinstab naturalment, mhux inklużi fis-subparagrafi (a) sa (f), estratti jew meħuda hemm;

(h) ħut, frott tal-baħar bil-qoxra jew ħajja marina oħra meħuda minn bastiment ta' Parti mill-baħar, minn qiegħ il-baħar jew mis-sottoswol lil hinn mill-baħar territorjali ta' kull Parti u, f'konformità mad-dritt internazzjonali, lil hinn mill-baħar territorjali ta' pajjiżi terzi;

(i) prodott immanifatturat b'mod esklużiv minn prodotti msemmija fis-subparagrafu (h) abbord bastiment fabbrika ta' Parti lil hinn mill-baħar territorjali ta' kull Parti u, f'konformità mad-dritt internazzjonali, lil hinn mill-baħar territorjali ta' pajjiżi terzi;

(j) prodott għajr ħut, frott tal-baħar bil-qoxra u ħajja marina oħra meħuda minn Parti jew minn persuna ta' Parti minn qiegħ il-baħar jew mis-sottoswol lil hinn mill-baħar territorjali ta' kull Parti, u lil hinn minn żoni li fuqhom pajjiżi terzi jeżerċitaw ġurisdizzjoni dment li dik il-Parti jew il-persuna ta' dik il-Parti jkollha d-dritt li tuża dak il-qiegħ il-baħar jew is-sottoswol f'konformità mad-dritt internazzjonali;

(k) prodott li hu:

(i) skart jew ruttam minn produzzjoni hemm; jew

(ii) skart jew ruttam miksub minn prodotti użati miġbura hemm, dment li dawk il-prodotti jkunu xierqa biss għall-irkupru tal-materja prima; jew

(l) prodott immanifatturat hemm, b'mod esklużiv minn prodotti msemmija fis-subparagrafi (a) sa (k) jew mid-derivattivi tagħhom.

2. "Bastiment ta' Parti" fis-subparagrafu 1(h) jew "bastiment fabbrika ta' Parti" fis-subparagrafu 1(i) tfisser, rispettivament, bastiment jew bastiment fabbrika li:

(a) hu rreġistrat fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew fil-Ġappun;

(b) itajjar il-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Ġappun; u

(c) jissodisfa tal-anqas wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

(i) hu tal-anqas 50 fil-mija proprjetà ta' persuna fiżika waħda jew aktar ta' Parti; jew

(ii) hu proprjetà ta' persuna ġuridika waħda jew aktar[1]:

(A) li għandha/għandhom l-uffiċċju reġistrat tagħha/tagħhom u l-post tan-negozju ewlieni tagħha/tagħhom f'Parti; u

(B) li fihom tal-anqas 50 fil-mija tas-sjieda tappartjeni għal persuni fiżiċi jew għal persuni ġuridiċi ta' Parti.

ARTIKOLU 3.4

Operazzjonijiet ta' proċessar jew ta' ħidma insuffiċjenti

1. Minkejja s-subparagrafu 1(c) tal-Artikolu 3.2, prodott m'għandux jitqies bħala oriġinarju minn Parti jekk waħda jew aktar biss mill-operazzjonijiet li ġejjin jitwettqu fuq materjali mhux oriġinarji fil-produzzjoni tal-prodott f'dik il-Parti:

(a) operazzjonijiet ta' preservazzjoni bħat-tnixxif, l-iffriżar, iż-żamma f'salmura u operazzjonijiet simili oħra li għandhom l-iskop uniku li jiżguraw li l-prodott jibqa' f'kundizzjoni tajba matul it-trasport u l-ħżin;

[1] Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "persuna ġuridika" tfisser kull entità ġuridika kkostitwita kif suppost jew organizzata b'mod ieħor skont id-dritt applikabbli, sew jekk għall-profitt u sew jekk mod ieħor, kemm jekk proprjetà privata kif ukoll jekk tal-gvern, inklużi kwalunkwe korporazzjoni, trust, sħubija, impriża konġunta, impriża individwali jew assoċjazzjoni.

(b) tibdiliet fl-imballaġġ;

(c) ftuħ jew assemblaġġ ta’ pakketti;

(d) ħasil, tindif jew tneħħija ta’ trab, ta’ ossidu, ta’ żejt, ta’ żebgħa jew ta’ kisi ieħor;

(e) mogħdija jew pressa tat-tessuti u ta’ oġġetti tessili;

(f) operazzjonijiet sempliċi ta’ żebgħa u ta’ lostru;

(g) tneħħija tal-ħliefa, ibbliċjar parzjali jew totali, ippolixjar jew iggleżjar ta’ ċereali u ta’ ross;

(h) operazzjonijiet biex jingħata l-kulur jew it-togħma liz-zokkor jew biex jiġu ffurmati zokkriet; tħin parzjali jew totali taz-zokkor f’forma solida;

(i) tqaxxir, tneħħija tal-għadma jew tfesdiq ta’ frott, ta’ ġewż jew ta’ ħaxix;

(j) tisnin, tidħin sempliċi jew qtugħ sempliċi;

(k) tnaqqija, tgħarbil, għażla, klassifikar, tqassim skont id-daqs jew tqabbil, fosthom il-kompożizzjoni ta’ settijiet ta’ oġġetti;

(l) tqegħid sempliċi fi fliexken, f'laned, fi flasks, f'boroż, f'bagalji jew f'kaxxi, twaħħil sempliċi fuq kartun jew twavel u l-proċessi sempliċi l-oħra kollha ta' ppakkjar;

(m) twaħħil jew stampar ta' marki, ta' tikketti, ta' logos u ta' oħrajn bħal sinjali distintivi fuq il-prodotti jew fuq l-imballaġġ tagħhom;

(n) taħlit sempliċi ta' prodotti[1], kemm ta' tipi differenti u anki le;

(o) żieda sempliċi ta' ilma, dilwizzjoni, deidradazzjoni jew denaturazzjoni[2] tal-prodotti;

(p) ġbir sempliċi jew numru ta' partijiet li jikkostitwixxu l-oġġett komplut jew mitmum, jew oġġett li jista' jkun klassifikat bħala komplut jew mitmum skont ir-Regola 2(a) tar-Regoli Ġenerali ta' Interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata; żarmar tal-prodotti f'partijiet; jew

(q) tbiċċir ta' annimali.

[1] Għall-fini ta' dan l-Artikolu, is-sempliċi taħlit tal-prodotti jkopri t-taħlit taz-zokkor.

[2] Għall-fini ta' dan l-Artikolu, id-denaturazzjoni tkopri b'mod partikolari l-proċess li bih prodotti jsiru inadatti għall-konsum mill-bniedem minħabba ż-żieda ta' sustanzi tossiċi jew b'togħma ħażina.

2. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-operazzjonijiet għandhom jitqiesu sempliċi jekk ma jkunu meħtieġa la ħiliet speċjali u lanqas makkinarji, apparati jew tagħmir immanifatturati jew installati speċjalment għat-twettiq ta' dawn l-operazzjonijiet.

ARTIKOLU 3.5

Akkumulazzjoni

1. Prodott li jikkwalifika bħala oriġinarju f'Parti għandu jitqies li hu oriġinarju fil-Parti l-oħra jekk jintuża bħala materjal fil-produzzjoni ta' prodott ieħor fil-Parti l-oħra.

2. Il-produzzjoni mwettqa f'Parti fuq materjal mhux oriġinarju tista' tittieħed f'kunsiderazzjoni għall-fini ta' determinazzjoni ta' jekk prodott huwiex oriġinarju fil-Parti l-oħra.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma japplikawx jekk il-produzzjoni mwettqa fil-Parti l-oħra ma tmurx lil hinn operazzjoni waħda jew aktar minn fost dawk imsemmija fis-subparagrafi 1(a) sa (q) tal-Artikolu 3.4.

4. Biex esportatur ilesti d-dikjarazzjoni dwar l-oriġini msemmija fis-subparagrafu 2(a) tal-Artikolu 3.16 għal prodott imsemmi fil-paragrafu 2, l-esportatur għandu jikseb mingħand il-fornitur tiegħu l-informazzjoni kif stabbilit fl-Anness 3-C.

5. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 għandha tapplika għal konsenja waħda jew għal diversi konsenji għall-istess materjal li jiġi fornit fi ħdan perjodu li ma jaqbiżx it-12-il xahar mid-data li fiha ġiet ipprovduta l-informazzjoni.

ARTIKOLU 3.6

Tolleranzi

1. Jekk materjal mhux oriġinarju użat fil-produzzjoni ta' prodott ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness 3-B, il-prodott għandu jitqies bħala oriġinarju f'Parti, dment li:

(a) għal prodott ikklassifikat taħt Kapitli 1 sa 49 jew il-Kapitoli 64 sa 97 tas-Sistema Armonizzata[1], il-valur ta' dawk il-materjali mhux oriġinarji ma jaqbiżx l-10 fil-mija jew abbord mingħajr ħlas tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott;

(b) għal prodott ikklassifikat taħt il-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata, it-tolleranzi japplikaw kif stipulat fin-Noti 6 sa 8 tal-Anness 3-A.

[1] Għal ċertezza akbar, ir-referenzi għan-numru tal-klassifikazzjoni tariffarja tas-Sistema Armonizzata f'dan il-Kapitolu huma bbażati fuq is-Sistema Armonizzata, kif emendata fl-1 ta' Jannar 2017.

2. Il-paragrafu 1 ma japplikax jekk il-valur tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-produzzjoni ta' prodott jaqbeż kwalunkwe wieħed mill-perċentwali għall-valur massimu tal-materjali mhux oriġinarji kif speċifikat fir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness 3-B.

3. Il-paragrafu 1 ma japplikax għall-prodotti miksuba għalkollox f'Parti skont it-tifsira tal-Artikolu 3.3. Jekk l-Anness 3-B jeħtieġ li l-materjali użati fil-produzzjoni ta' prodott ikunu miksuba għalkollox, japplikaw il-paragrafi 1 u 2.

ARTIKOLU 3.7

Unità ta' kwalifika

1. Meta l-prodott ikun qed jiġi kklassifikat taħt is-Sistema Armonizzata, l-unità ta' kwalifika għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu għandha tkun il-prodott partikolari li hu meqjus bħala l-unità bażika.

2. Meta konsenja tkun tikkonsisti f'għadd ta' prodotti identiċi klassifikati taħt l-istess intestatura tas-Sistema Armonizzata, kull prodott għandu jitqies b'mod individwali fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 3.8

Segregazzjoni kontabilistika

1. Materjali funġibbli oriġinarji u mhux oriġinarji għandhom jiġu ssegretati fiżikament matul il-ħżin biex jinżamm l-istatus oriġinarju tagħhom.

2. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, "materjali funġibbli" tfisser materjali li huma tal-istess tip u kwalità kummerċjali, bl-istess karatteristiċi tekniċi u fiżiċi, u li ladarba jiġu inkorporati fil-prodott lest ma jistgħux jintgħarfu minn xulxin.

3. Minkejja dak li hemm fil-paragrafu 1, materjali funġibbli oriġinarji u mhux oriġinarji jistgħu jintużaw fil-produzzjoni ta' prodott mingħajr ma jiġu segregati fiżikament matul il-ħażna sakemm jintuża l-metodu ta' segregazzjoni tal-kontabilità.

4. Il-metodu ta' segregazzjoni kontabilistika msemmi fil-paragrafu 3 għandu jiġi applikat f'konformità ma' metodu ta' ġestjoni tal-inventarju skont il-prinċipji kontabilistiċi li jiġu ġeneralment aċċettati fil-Parti.

5. Parti tista' titlob, bil-kundizzjonijiet stabbiliti fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha, li l-użu ta' metodu ta' segregazzjoni kontabilistika hu soġġett għall-għoti ta' awtorizzazzjoni preliminari mill-awtorità doganali ta' dik il-Parti. L-awtorità doganali tal-Parti għandha tissorvelja l-użu tal-awtorizzazzjoni u tista' tirtira l-awtorizzazzjoni jekk id-detentur jagħmel użu mhux xieraq tal-metodu ta' segregazzjoni kontabilistika jew jonqos milli jissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

6. Il-metodu ta' segregazzjoni kontabilistika għandu jkun kwalunkwe metodu li jiżgura li fi kwalunkwe waqt ma jingħatax
status ta' oriġinarji lil aktar materjali milli jkun il-każ li kieku l-materjali ġew issegregati fiżikament.

ARTIKOLU 3.9

Settijiet

Sett, ikklassifikati skont l-Artikoli 3(b) u (ċ) tar-Regoli Ġenerali ta' Interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata, għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw f'Parti meta l-komponenti kollha tagħha joriġinaw skont dan il-Kapitolu. Meta sett huwa kompost minn komponenti oriġinarji u mhux oriġinarji, għandhom b'mod ġenerali jiġu kkunsidrati bħala li joriġinaw f'Parti, sakemm il-valur ta' komponenti mhux oriġinarji ma jaqbiżx il-15 fil-mija tal-prezz mill-fabbrika jew *free on board* tas-sett.

ARTIKOLU 3.10

Nonalterazzjoni

1. Wara l-esportazzjoni u qabel ma jiġi ddikjarat għal użu domestiku, prodott oriġinarju iddikjarat għal użu domestiku fil-Parti importatriċi ma jistax ikun ġie alterat, ittrasformat b'xi mod jew ġie soġġett għal operazzjonijiet għajr dawk ta' preservazzjoni f'kundizzjoni tajba jew ta' żieda jew ta' twaħħil ta' marki, ta' tikketti, ta' siġilli jew ta' kwalunkwe dokumentazzjoni oħra biex tiġi żgurata l-konformità ma' rekwiżiti domestiċi speċifiċi tal-Parti importatriċi.

2. Il-ħżin jew il-wiri ta' prodott jista' jseħħ f'pajjiż terz dment li dan jibqa' taħt superviżjoni doganali f'dak il-pajjiż terz.

3. Mingħajr ħsara għat-Taqsima B, il-qsim tal-konsenji jista' jseħħ f'pajjiż terz jekk isir mill-esportatur jew taħt ir-responsabbiltà tiegħu u dment li dawn il-konsenji jibqgħu taħt is-superviżjoni doganali f'dak il-pajjiż terz.

4. F'każ ta' dubju dwar jekk humiex irrispettati r-rekwiżiti previsti fil-paragrafi 1 sa 3, l-awtorità doganali tal-Parti importatriċi tista' titlob lill-importatur jipprovdi evidenza ta' konformità, li tista' tingħata bi kwalunkwe mezz, inklużi dokumenti tat-trasport kuntrattwali bħal poloz ta' kargu jew evidenza fattwali jew konkreta bbażata fuq il-kummerċjalizzazzjoni jew l-enumerazzjoni tal-pakketti jew ta' kwalunkwe evidenza relatata mal-prodott innifsu.

ARTIKOLU 3.11

Prodotti li jirritornaw

Jekk prodott oriġinarju ta' Parti esportat minn dik il-Parti lil pajjiż terz jirritorna għand dik il-Parti, dan għandu jitqies bħala mhux oriġinarju sakemm ma jkunx jista' jintwera għas-sodisfazzjon tal-awtorità doganali ta' dik il-Parti li l-prodott li jirritorna:

(a) ikun l-istess bħal dak esportat; u

(b) ma saritlux xi operazzjoni lil hinn minn dik li hi meħtieġa biex jinżamm f'kundizzjoni tajba waqt li kien f'dak il-pajjiż jew waqt li kien qed jiġi esportat.

ARTIKOLU 3.12

Aċċessorji, parts tal-bdil, għodod u materjali struzzjonali jew ta' informazzjoni oħra

1. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, aċċessorji, parts tal-bdil, għodod u materjali struzzjonali jew ta' informazzjoni oħra huma koperti jekk:

(a) l-aċċessorji, il-parts tal-bdil, l-għodod u l-materjali struzzjonali jew ta' informazzjoni oħra huma kklassifikati u kkonsenjati mal-prodott, iżda mhumiex imniżżla fuq fattura separata minnu; u

(b) it-tipi, il-kwantitajiet u l-valur tal-aċċessorji, tal-parts tal-bdil, tal-għodod u tal-materjali struzzjonali jew ta' informazzjoni oħra huma konswetudinarji għal dak il-prodott.

2. Fid-determinazzjoni ta' jekk prodott huwiex miksub għalkollox, jew jissodisfax proċess tal-produzzjoni jew tibdil fir-rekwiżit ta' klassifikazzjoni tariffarja kif stipulat fl-Anness 3-B, l-aċċessorji, il-parts tal-bdil, l-għodod u l-materjali struzzjonali jew ta' informazzjoni oħra għandhom jiġu injorati.

3. Fid-determinazzjoni ta' jekk prodott jissodisfax rekwiżit tal-valur stabbilit fl-Anness 3-B, il-valur tal-aċċessorji, tal-parts tal-bdil, tal-għodod u ta' materjali struzzjonali jew ta' informazzjoni oħra għandu jiġi kkunsidrat bħala materjali oriġinarji jew mhux oriġinarji, skont kif ikun il-każ, fil-kalkolu għall-fini tal-applikazzjoni tar-rekwiżit tal-valur għall-prodott.

4. L-aċċessorji, il-parts tal-bdil, l-għodod u l-materjali struzzjonali jew ta' informazzjoni oħra ta' prodott għandu jkollhom status oriġinarju tal-prodott li huma kkonsenjati miegħu.

ARTIKOLU 3.13

Elementi newtrali

Biex jiġi ddeterminat jekk prodott joriġinax minn Parti, m'għandux ikun hemm bżonn li jiġi ddeterminat l-istatus oriġinarju tal-elementi li ġejjin:

(a) fjuwil, enerġija, katalisti u solventi;

(b) tagħmir, apparati u provvisti użati għat-testijiet jew għall-ispezzjoni tal-prodott;

(c) ingwanti, nuċċalijiet, żraben, ilbies, tagħmir u provvisti tas-sikurezza;

(d) magni, għodod, ċipep u forom;

(e) parts tal-bdil u materjali użati fil-manutenzjoni ta' tagħmir u ta' bini;

(f) lubrikanti, griż, materjali għall-kompostar u materjali oħra użati fil-produzzjoni jew użati biex jitħaddmu tagħmir u binjiet; u

(g) kwalunkwe materjal ieħor li mhuwiex inkorporat fil-prodott iżda li l-użu tiegħu fil-produzzjoni tal-prodott jista' jintwera b'mod raġonevoli li hu parti minn dik il-produzzjoni.

ARTIKOLU 3.14

Materjali tal-ippakkjar u kontejners għall-vjeġġi

Il-materjali tal-ippakkjar u l-kontejners għall-vjeġġi li jintużaw biex jiġi protett prodott matul it-trasportazzjoni għandhom jiġu injorati meta jiġi ddeterminat l-istatus oriġinarju ta' prodott.

ARTIKOLU 3.15

Materjali tal-ippakkjar u kontejners għall-bejgħ bl-imnut

1. Il-materjali tal-ippakkjar u l-kontejners li fihom prodott jiġi mballat għall-bejgħ bl-imnut, jekk ikklassifikati mal-prodott, għandhom jiġu injorati fid-determinazzjoni ta' jekk il-materjali mhux oriġinarji kollha użati fil-produzzjoni tal-prodott ikunux ġew soġġetti għat-tibdil applikabbli fil-klassifikazzjoni tariffarja jew għal proċess tal-produzzjoni stabbilit fl-Anness 3-B jew jekk il-prodott huwiex miksub għalkollox.

2. Jekk prodott hu soġġett għal rekwiżit tal-valur stabbilit fl-Anness 3-B, il-valur tal-materjali tal-imballaġġ u l-kontejners li fihom jiġi mballat il-prodott għall-bejgħ bl-imnut, jekk ikklassifikati mal-prodott, għandu jittieħed f'kunsiderazzjoni bħala oriġinarju jew mhux oriġinarju, skont il-każ, fil-kalkolu għall-fini tal-applikazzjoni tar-rekwiżit tal-valur għall-prodott.

TAQSIMA B

Proċeduri tal-oriġini

ARTIKOLU 3.16

Talba għal trattament tariffarju preferenzjali

1. Il-Parti importatriċi għandhom, mal-importazzjoni, jagħtu trattament tariffarju preferenzjali lil prodott oriġinarju fil-Parti l-oħra fuq il-bażi ta' talba mill-importatur għat-trattament tariffarju preferenzjali. L-importatur għandu jkun responsabbli għall-korrettezza tat-talba għal trattament tariffarju preferenzjali u għall-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

2. Talba għal trattament tariffarju preferenzjali għandha tkun ibbażata fuq:

(a) dikjarazzjoni dwar l-oriġini li l-prodott hu oriġinarju magħmula mill-esportatur; jew

(b) l-għarfien tal-importatur li l-prodott hu oriġinarju.

3. Talba għal trattament tariffarju preferenzjali u l-bażi ta' dan kif imsemmi fis-subparagrafu 2(a) jew (b) għandhom ikunu inklużi fid-dikjarazzjoni doganali dwar l-importazzjoni f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tal-Parti importatriċi. L-awtorità doganali tal-Parti importatriċi tista' titlob lill-importatur biex jipprovdi spjegazzjoni, sa fejn l-importatur jista' jipprovdi tali spjegazzjoni, bħala parti mid-dikjarazzjoni doganali dwar l-importazzjoni jew flimkien ma' din, ta' kif il-prodott jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu.

4 L-importatur li jagħmel talba għal trattament tariffarju preferenzjali bbażat fuq dikjarazzjoni dwar l-oriġini msemmija fis-subparagrafu 2(a) għandu jżomm id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini u, meta jkun meħtieġ mill-awtorità doganali tal-Parti importatriċi, jipprovdi kopja ta' din lil dik l-awtorità.

5. Il-paragrafi 2 sa 4 ma japplikawx f'każijiet speċifikati fl-Artikolu 3.20.

ARTIKOLU 3.17

Dikjarazzjoni dwar l-oriġini

1. Dikjarazzjoni dwar l-oriġini tista’ ssir minn esportatur ta’ prodott fuq il-bażi tal-informazzjoni li turi li l-prodott hu oriġinarju, filwaqt li dan jinkludi informazzjoni dwar l-istatus oriġinarju tal-materjali użati fil-produzzjoni tal-prodott. L-esportatur hu responsabbli għall-korrettezza tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini u tal-informazzjoni pprovduta.

2. Dikjarazzjoni dwar l-oriġini għandha ssir billi tintuża waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi tat-test stabbiliti fl-Anness 3-D fuq fattura jew fuq kwalunkwe dokument kummerċjali li jiddeskrivi l-prodott oriġinarju f’biżżejjed dettall biex ikun jista’ jiġi identifikat. Il-Parti importatriċi m’għandhiex teħtieġ li l-importatur jissottometti traduzzjoni tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini.

3. L-awtorità doganali tal-Parti importatriċi m’għandhiex tirrifjuta talba għal trattament tariffarju preferenzjali minħabba żbalji jew diskrepanzi minuri fid-dikjarazzjoni dwar l-oriġini jew biss minħabba l-fatt li fattura nħarġet f’pajjiż terz.

4. Dikjarazzjoni dwar l-oriġini għandha tkun valida għal 12-il xahar mid-data ta’ meta tkun saret.

5. Dikjarazzjoni dwar l-oriġini tista’ tapplika għal:

(a) vjeġġ wieħed ta’ prodott wieħed jew aktar importat f’Parti; jew

(b) diversi vjeġġi tal-istess prodotti importati f’Parti fi ħdan kwalunkwe perjodu speċifikat fid-dikjarazzjoni dwar l-oriġini li ma jaqbiżx it-12-il xahar.

6. Jekk, fuq talba tal-importatur, prodotti żarmati jew mhux armati skont it-tifsira tar-Regola 2(a) tar-Regoli Ġenerali ta’ Interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata li jaqgħu fi ħdan it-Taqsimiet XV sa XXI tas-Sistema Armonizzata huma importati bin-nifs, dikjarazzjoni dwar l-oriġini waħda għal prodotti bħal dawn jistgħu jintużaw skont ir-rekwiżiti stabbiliti mill-awtorità doganali tal-Parti li timporta.

ARTIKOLU 3.18

Għarfien tal-importatur

L-għarfien tal-importatur li prodott joriġina mill-Parti esportatriċi għandu jkun ibbażat fuq informazzjoni li turi li l-prodott hu oriġinarju u jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f’dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 3.19

Rekwiżiti ta’ żamma tar-rekords

1. Importatur li jagħmel talba għal trattament tariffarju preferenzjali għal prodott importat fil-Parti importatriċi għandu, għal tal-anqas tliet snin mid-data ta’ importazzjoni tal-prodott, iżomm:

(a) jekk it-talba kienet ibbażata fuq dikjarazzjoni dwar l-oriġini, id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini maħruġa mill-esportatur; jew

(b) jekk it-talba kienet ibbażata fuq l-għarfien tal-importatur, ir-rekords kollha li juru li l-prodott jissodisfa r-rekwiżiti biex jinkiseb status oriġinarju.

2. Esportatur li ħareġ dikjarazzjoni dwar l-oriġini għandu, għal tal-anqas erba’ snin mindu jagħmel dik id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini, iżomm kopja tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini u tar-rekords l-oħra kollha li juru li l-prodott jissodisfa r-rekwiżiti biex jinkiseb status oriġinarju.

3. Ir-rekords li għandhom jinżammu skont dan l-Artikolu jistgħu jinżammu f’format elettroniku.

4. Il-paragrafi 1 sa 3 ma japplikawx f’każijiet speċifikati fl-Artikolu 3.20.

ARTIKOLU 3.20

Kunsinni żgħar u rinunzji

1. Prodotti mibgħuta bħala pakketti żgħar minn persuni privati lil persuni privati jew li jagħmlu parti mill-bagalji personali ta' vjaġġaturi għandhom jiġu ammessi bħala prodotti oriġinarji sakemm prodotti bħal dawn ma jkunux importati bi skop kummerċjali[1], ġew iddikjarati bħala li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu u jekk ma jkun hemm ebda dubju dwar il-veraċità ta' dikjarazzjoni bħal din.

2. Dment li l-importazzjoni ma tkunx tagħmel parti mill-importazzjonijiet li jistgħu raġonevolment jitqiesu li jkunu saru b'mod separat għall-fini ta' evitar tar-rekwiżit għal dikjarazzjoni dwar l-oriġini, il-valur totali tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 m'għandux jaqbeż:

(a) għall-Unjoni Ewropea, il-500 euro fil-każ ta' pakketti żgħar jew l-1,200 euro fil-każ ta' prodotti li jkunu parti minn valiġġja personali ta' vjaġġatur. L-ammonti li għandhom jintużaw fi kwalunkwe munita oħra ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandhom ikunu ekwivalenti f'dik il-munita għall-ammonti f'euro hekk kif kienu fl-ewwel ġurnata tax-xogħol ta' Ottubru ta' kull sena. L-ammonti għandhom jiġu ppubblikati għal dakinhar mill-Bank Ċentrali Ewropew, sakemm ma jiġix ikkomunikat ammont differenti lill-Kummissjoni Ewropea sal-15 ta' Ottubru ta' kull sena, u għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tinnotifika lill-Ġappun dwar l-ammonti rilevanti.

[1] L-importazzjonijiet li jsiru b'mod rari u li jikkonsistu biss fi prodotti għall-użu pesonali tar-riċevituri jew tal-vjaġġaturi jew tal-familji tagħhom m'għandhomx jitqiesu importazzjonijiet kummerċjali jekk ikun evidenti min-natura u mill-kwantità tal-prodotti li m'hemmx skop kummerċjali.

(b) għall-Ġappun, 100,000 yen jew tali ammont li l-Ġappun jista' jistabbilixxi.

3. Kull Parti tista' tipprovdi li l-bażi għat-talba kif imsemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 3.16 m'għandhiex tkun meħtieġa għall-importazzjoni ta' prodott li għalih il-Parti importatriċi rrinunzjat ir-rekwiżiti.

ARTIKOLU 3.21

Verifika

1. Għall-finijiet ta' verifika ta' jekk prodott importat f'Parti huwiex oriġinarju fil-Parti l-oħra jew jekk ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Kapitolu humiex issodisfati, l-awtorità doganali tal-Parti importatriċi tista' tagħmel verifika fuq il-bażi tal-metodi ta' valutazzjoni tar-riskju, li jistgħu jinkludu għażla aleatorja, permezz ta' talba għal informazzjoni mingħand l-importatur li għamel it-talba msemmija fl-Artikolu 3.16. L-awtorità doganali tal-Parti importatriċi tista' tagħmel verifika jew fil-mument tad-dikjarazzjoni doganali dwar l-importazzjoni , qabel ir-rilaxx tal-prodotti, jew inkella wara r-rilaxx tal-prodotti.

2. L-informazzjoni mitluba skont il-paragrafu 1 m'għandhiex tkopri aktar mill-elementi li ġejjin:

(a) jekk dikjarazzjoni dwar l-oriġini kienet il-bażi tat-talba msemmija fis-subparagrafu 2(a) tal-Artikolu 3.16, dik id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini;

(b) in numru ta' klassifikazzjoni tariffarja tal-prodott skont is-Sistema Armonizzata u l-oriġini l-kriterji użati;

(c) deskrizzjoni qasira tal-proċessi tal-produzzjoni;

(d) jekk il-kriterju tal-oriġini kien ibbażat fuq proċess tal-produzzjoni speċifiku, deskrizzjoni speċifika ta' dak il-proċess;

(e) jekk applikabbli, deskrizzjoni tal-materjali orġinarji u mhux oriġinarji użati fil-proċess tal-produzzjoni;

(f) jekk il-kriterju tal-oriġini kien "miksub għalkollox", il-kategorija applikabbli (bħall-ħsad, l-estrazzjoni, is-sajd u l-post tal-produzzjoni);

(g) jekk il-kriterju tal-oriġini kien ibbażat fuq valur ta' metodu, il-valur tal-prodott kif ukoll il-valur tal-materjali kollha mhux oriġinarju jew, kif xieraq biex tiġi stabbilita l-konformità mar-rekwiżit tal-valur, materjali ta' oriġini li jintużaw fil-produzzjoni;

(h) jekk il-kriterju tal-oriġini kien ibbażat fuq il-piż, il-piż tal-prodott kif ukoll il-piż mhux oriġinarju rilevanti jew, kif xieraq biex tiġi stabbilita konformità nar-rekwiżit tal-piż, materjali oriġinarju użati fil-prodott;

(i) jekk il-kriterju tal-oriġini kien ibbażat fuq tibdil fil-klassifikazzjoni tariffarja, lista tal-materjali mhux oriġinarji kollha inkluż in-numru tal-klassifikazzjoni tariffarja tagħhom taħt is-Sistema Armonizzata (f'format ta' żewġ, erba' jew sitt figuri skont il-kriterji tal-oriġini); jew

(j) l-informazzjoni relatata mal-konformità mad-dispożizzjoni dwar in-nonalterazzjoni msemmija fl-Artikolu 3.10.

3. Meta jipprovdi l-informazzjoni mitluba, l-importatur jista' jżid kwalunkwe informazzjoni oħra li hu jqis li hi rilevanti għall-fini ta' verifika.

4. Jekk it-talba għal trattament tariffarju preferenzjali kienet ibbażata fuq dikjarazzjoni dwar l-oriġini msemmija fis-subparagrafu 2(a) tal-Artikolu 3.16, l-importatur għandu jinforma lill-awtorità doganali tal-Parti importatriċi meta l-informazzjoni mitluba tkun tista' tiġi pprovduta bis-sħiħ jew b'rabta ma' element ta' data wieħed jew aktar direttament mill-esportatur.

5. Jekk it-talba għal trattament tariffarju preferenzjali kienet ibbażata fuq l-għarfien tal-importatur imsemmi fis-subparagrafu 2(b) tal-Artikolu 3.16, wara li l-ewwel ikun talab l-informazzjoni skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità doganali tal-Parti importatriċi li tagħmel il-verifika tista' titlob l-informazzjoni mingħand l-importatur jekk dik l-awtorità doganali tqis li l-informazzjoni addizzjonali hi meħtieġa biex tivverifika l-istatus oriġinarju tal-prodott. L-awtorità doganali tal-Parti importatriċi tista' titlob dokumentazzjoni u informazzjoni speċifiċi mingħand l-importatur, jekk xieraq.

6. Jekk l-awtorità doganali tal-Parti li timporta tiddeċiedi li tissospendi l-għoti tat-trattament tariffarju preferenzjali lill-prodott ikkonċernat waqt li tistenna r-riżultati tal-verifika, din għandha toffri li tirrilaxxa l-prodott lill-importatur soġġetta għal miżuri xierqa ta' prekawzjoni li jinkludu l-garanziji. Kwalunkwe sospensjoni tat-trattament tariffarju preferenzjali għandha tiġi mitmuma malajr kemm jista' jkun wara li jiġi żgurat l-istatus tal-oriġini tal-prodott ikkonċernat jew l-issodisfar tar-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Kapitolu mill-awtorità doganali tal-Parti importatriċi.

ARTIKOLU 3.22

Kooperazzjoni amministrattiva

1. Biex jiżguraw l-applikazzjoni xierqa ta' dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandhom jikkooperaw, permezz tal-awtorità doganali ta' kull Parti, fil-verifika ta' jekk prodott huwiex oriġinarju u konformi mar-rekwiżiti l-oħra previsti f'dan il-Kapitolu.

2. Jekk it-talba għal trattament tariffarju preferenzjali kienet ibbażata fuq dikjarazzjoni dwar l-oriġini msemmija fis-subparagrafu 2(a) tal-Artikolu 3.16, wara li l-ewwel tkun talbet l-informazzjoni skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 3.21, l-awtorità doganali tal-Parti importatriċi li tagħmel il-verifika tista' titlob ukoll informazzjoni mingħand l-awtorità doganali tal-Parti importatriċi fi żmien perjodu ta' sentejn wara l-importazzjoni tal-prodotti jekk l-awtorità doganali tal-Parti importatriċi li tagħmel il-verifika tqis li hemm bżonn ta' informazzjoni addizzjonali biex jiġi vverifikat l-istatus oriġinarju tal-prodott. It-talba għal informazzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini;

(b) l-identità tal-awtorità doganali li qiegħda toħroġ it-talba;

(c) l-isem tal-esportatur;

(d) is-suġġett u l-kamp ta’ applikazzjoni tal-verifika; u

(e) jekk applikabbli, kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti.

Minbarra din l-informazzjoni, l-awtorità doganali tal-Parti importatriċi tista’ titlob lill-awtorità doganali tal-Parti esportatriċi għal dokumentazzjoni u għal informazzjoni speċifiċi, fejn xieraq.

3. F’konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha, l-awtorità doganali tal-Parti esportatriċi tista’ titlob dokumentazzjoni jew eżaminazzjoni billi ssejjaħ għal kwalunkwe evidenza jew billi żżur il-bini tal-esportatur biex tirrieżamina r-rekords u tosserva l-faċilitajiet użati fil-produzzjoni tal-prodott.

4. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 5, l-awtorità doganali tal-Parti esportatriċi li tirċievi t-talba msemmija fil-paragrafu 2 għandha tipprovdi lill-awtorità doganali tal-Parti importatriċi l-informazzjoni li ġejja:

(a) id-dokumentazzjoni mitluba, fejn disponibbli;

(b) opinjoni dwar l-istatus tal-oriġini tal-prodott;

(c) id-deskrizzjoni tal-prodott soġġett għall-eżaminazzjoni u l-klassifikazzjoni tariffarja rilevanti għall-applikazzjoni ta’ dan il-Kapitolu;

(d) deskrizzjoni u spjegazzjoni tal-proċess tal-produzzjoni li jkun biżżejjed biex isostni l-istatus oriġinarju tal-prodott;

(e) informazzjoni dwar il-mod kif saret l-eżaminazzjoni; u

(f) dokumentazzjoni ta’ sostenn, jekk xierqa.

5. L-awtorità doganali tal-Parti esportatriċi m’għandhiex tipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 lill-awtorità doganali tal-Parti importatriċi jekk dik l-informazzjoni titqies kunfidenzjali mill-esportatur.

6. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar id-dettalji ta’ kuntatt, li jinkludu l-indirizzi postali u tal-posta elettronika, u n-numri tat-telefown u tal-facsimile tal-awtoritajiet doganali u għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar kwalunkwe modifika rigward it-tali informazzjoni fi żmien 30 jum mid-data tal-modifika.

ARTIKOLU 3.23

Assistenza reċiproka fil-ġlieda kontra l-frodi

Fil-każ ta’ ksur suspettat tad-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandhom jipprovdu assistenza reċiproka lil xulxin, f’konformità mas-CMAA.

ARTIKOLU 3.24

Tiċħid tat-trattament tariffarju preferenzjali

1. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 3, l-awtorità doganali tal-Parti importatriċi tista' tiċħad trattament tariffarju preferenzjali, jekk:

(a) fi żmien tliet xhur mid-data tat-talba għal informazzjoni skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 3.21:

(i) ma hi pprovduta ebda tweġiba; jew

(ii) jekk it-talba għal trattament tariffarju preferenzjali kienet ibbażata fuq l-għarfien tal-importatur kif imsemmi fis-subparagrafu 2(b) tal-Artikolu 3.16, l-informazzjoni pprovduta hi inadegwata biex tikkonferma li l-prodott hu oriġinarju;

(b) fi żmien tliet xhur mid-data tat-talba għal informazzjoni skont il-paragrafu 5 tal-Artikolu 3.21:

(i) ma hi pprovduta ebda tweġiba; jew

(ii) l-informazzjoni hi inadegwata biex jiġi kkonfermat li l-prodott hu oriġinarju;

(c) fi żmien 10 xhur mid-data tat-talba għal informazzjoni skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 3.22:

(i) ma hi pprovduta ebda tweġiba; jew

(ii) l-informazzjoni hi inadegwata biex jiġi kkonfermat li l-prodott hu oriġinarju; jew

(d) wara talba minn qabel għal assistenza skont l-Artikolu 3.23 u fi ħdan perjodu maqbul b'mod reċiproku, fir-rigward tal-prodotti li kienu s-suġġett ta' talba kif imsemmi fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 3.16:

(i) l-awtorità doganali tal-Parti esportatriċi tonqos milli tipprovdi l-assistenza; jew

(ii) ir-riżultat ta' dik l-assistenza jkun inadegwat biex jiġi kkonfermat li l-prodott hu oriġinarju.

2. L-awtorità doganali tal-Parti importatriċi tista' tiċħad it-trattament tariffarju preferenzjali għal prodott li għalih l-importatur jitlob trattament tariffarju preferenzjali fejn l-importatur jonqos milli jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu għajr dawk relatati mal-istatus oriġinarju tal-prodotti.

3. Jekk l-awtorità doganali tal-Parti importatriċi jkollha biżżejjed informazzjoni biex tiċħad it-trattament tariffarju preferenzjali skont il-paragrafu 1, f'każijiet li fihom l-awtorità doganali tal-Parti esportatriċi tkun ipprovdiet opinjoni skont is-subparagrafu 4(b) tal-Artikolu 3.22 li fiha tikkonferma l-istatus oriġinarju tal-prodotti, l-awtorità doganali tal-Parti importatriċi għandha tinnotifika lill-awtorità doganali tal-Parti esportatriċi bl-intenzjoni tagħha li tiċħad it-trattament tariffarju preferenzjali fi żmien xahrejn mid-data tar-riċevuta ta' dik l-opinjoni. Jekk issir notifika bħal din, għandhom isiru konsultazzjonijiet fuq talba ta' Parti, fi żmien tliet xhur mid-data tan-notifika. Il-perjodu għall-konsultazzjoni jista' jiġi estiż fuq bażi ta' każ b'każ permezz ta' ftehim reċiproku bejn il-Partijiet. Din il-konsultazzjoni tista' ssir skont il-proċedura stabbilita mill-Kumitat dwar ir-Regoli ta' Oriġini u Kwistjonijiet Relatati mad-Dwana stabbilita skont l-Artikolu 22.3. Mal-iskadenza tal-perjodu għall-konsultazzjoni, l-awtorità doganali tal-Parti importatriċi tista' tiċħad it-trattament tariffarju preferenzjali fuq il-bażi ta' ġustifikazzjoni suffiċjenti biss u wara li tkun tat lill-importatur id-dritt li jinstema'.

ARTIKOLU 3.25

Kunfidenzjalità

1. Kull Parti għandha żżomm, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha, il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe informazzjoni pprovduta lilha mill-Parti l-oħra skont dan il-Kapitolu, u għandha tipproteġi dik l-informazzjoni mid-divulgazzjoni.

2. Informazzjoni miksuba mill-awtoritajiet tal-Parti li qed timporta skont dan il-Kapitolu jistgħu jintużaw biss minn dawk l-awtoritajiet għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu.

3. Informazzjoni kummerċjali riservata miksuba mingħand l-esportatur mill-awtorità doganali tal-Parti esportatriċi jew tal-Parti importatriċi bl-applikazzjoni tal-Artikoli 3.21 u 3.22 m'għandhiex tiġi ddivulgata, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor f'dan il-Kapitolu.

4. Informazzjoni miksuba mill-awtorità doganali tal-Parti importatriċi skont dan il-Kapitolu m'għandhiex tintuża mill-Parti importatriċi fi kwalunkwe proċediment kriminali quddiem qorti jew imħallef, sakemm ma jingħatax permess biex tintuża t-tali informazzjoni mill-Parti esportatriċi f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha.

ARTIKOLU 3.26

Miżuri u sanzjonijiet amministrattivi

Kull Parti għandha timponi miżuri amministrattivi u, fejn xieraq, sanzjonijiet amministrattivi, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha, fuq kwalunkwe persona li tfassal dokument, jew twassal biex jitfassal dokument, li jkun fih informazzjoni żbaljata pprovduta għall-fini ta' kisba ta' trattament tariffarju preferenzjali għal prodott, li ma tikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3.19, jew li ma tipprovdix l-evidenza jew tirrifjuta ż-żjara msemmija fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 3.22.

TAQSIMA C

Mixxellanji

ARTIKOLU 3.27

Applikazzjoni ta’ dan il-Kapitolu għal Ceuta u Melilla

1. Għall-finijiet ta’ dan il-Kapitolu, fil-każ tal-Unjoni Ewropea, “Parti” ma tinkludix lil Ceuta u Melilla.

2. Il-prodotti li joriġinaw mill-Ġappun, meta jiġu importati f’Ceuta u Melilla, għandhom, f’kull aspett, ikunu soġġetti għall-istess trattament doganali skont dan il-Ftehim bħal dak li japplika għall-prodotti oriġinarji mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea skont il-Protokoll 2 tal-Att tal-Adeżjoni tar-Renju ta’ Spanja u tar-Repubblika Portugiża mal-Unjoni Ewropea. Il-Ġappun għandu japplika fuq l-importazzjonijiet ta’ prodotti koperti b’dan il-Ftehim u li joriġinaw minn Ceuta u Melilla l-istess trattament doganali bħal dak applikat fuq prodotti importati mill-Unjoni Ewropea u li joriġinaw minnha.

3. Ir-regoli tal-oriġini u l-proċeduri tal-oriġini skont dan il-Kapitolu japplikaw *mutatis mutandis* għal prodotti esportati mill-Ġappun għal Ceuta u Melilla u għal prodotti esportati minn Ceuta u Melilla għall-Ġappun.

4. L-Artikolu 3.5 japplika għall-importazzjoni u għall-esportazzjoni ta' prodotti bejn l-Unjoni Ewropea, il-Ġappun u Ceuta u Melilla.

5. Ceuta u Melilla għandhom jitqiesu bħala territorju wieħed.

6. L-awtoritajiet doganali tar-Renju ta' Spanja għandhom ikunu responsabbli għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu f'Ceuta u Melilla.

ARTIKOLU 3.28

Kumitat dwar ir-Regoli tal-Oriġini u Materji Relatati mad-Dwana

1. Il-Kumitat dwar ir-Regoli ta' Oriġini u Kwistjonijiet Relatati mad-Dwana stabbilit skont l-Artikolu 22.3 (minn hawn' il quddiem imsemmija f'dan il-Kapitolu bħala "il-Kumitat") għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni effettiva u t-tħaddim ta' dan il-Kapitolu, minbarra responsabbiltajiet oħra speċifikati f'paragrafu 1 tal-Artikolu 4.14.

2. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, il-Kumitat għandu jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) ir-reviżjoni u r-rakkomandazzjonijiet xierqa, kif meħtieġ, lill-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 22.1 dwar:

(i) l-implimentazzjoni u t-tħaddim ta' dan il-Kapitolu; u

(ii) kwalunwke emenda fid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu proposta minn Parti;

(b) jadotta noti ta' spjegazzjoni biex jiffaċilita l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu;

(c) ifassal il-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 3.24; u

(d) meta wieħed iqis kull kwistjoni relatata ma' dan il-Kapitolu kif ir-rappreżentanti tal-Partijiet jistgħu jiftiehmu.

ARTIKOLU 3.29

Dispożizzjonijiet tranżitorji għal prodotti fi tranżitu jew f'ħażna

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jistgħu jiġu applikati għal prodotti li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu u li fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ikunu fi tranżitu mill-Parti esportatriċi għall-Parti importatriċi jew taħt kontroll doganali fil-Parti importatriċi mingħajr il-ħlas ta' dazji tal-importazzjoni u ta' taxxi, soġġetti għal talba għal trattament tariffarju preferenzjali msemmija fl-Artikolu 3.16 lill-awtorità doganali tal-Parti importatriċi, fi żmien 12-il xahar minn dik id-data.

KAPITOLU 4

KWISTJONIJIET DOGANALI U FAĊILITAZZJONI TAL-KUMMERĊ

ARTIKOLU 4.1

Objettivi

L-objettivi ta' dan il-Kapitolu huma li:

(a) jippromwovi l-faċilitazzjoni tal-kummerċ għal prodotti nnegozjati bejn il-Partijiet filwaqt li jiżgura kontrolli doganali effettivi, b'kunsiderazzjoni tal-evoluzzjoni tal-prattiki ta' negozjar;

(b) jiżgura t-trasparenza tal-leġiżlazzjoni doganali ta' kull Parti u liġijiet u regolamenti oħra relatati mal-kummerċ u l-konsistenza ta' dawn ma' standards internazzjonali applikabbli;

(c) jiżgura applikazzjoni prevedibbli, konsistenti u nondiskriminatorja minn kull Parti tal-leġiżlazzjoni doganali tagħha u ta' liġijiet u ta' regolamenti oħra tagħha relatati mal-kummerċ;

(d) jippromwovi simplifikazzjoni u modernizzazzjoni tal-proċeduri doganali u tal-prattiki ta' kull Parti;

(e) ikompli jiżviluppa tekniki għall-ġestjoni tar-riskju biex jiffaċilita l-kummerċ leġittimu filwaqt li jissalvagwardja l-katina tal-provvista kummerċjali internazzjonali; u

(f) isaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet fil-qasam tal-materji doganali u tal-faċilitazzjoni tal-kummerċ.

ARTIKOLU 4.2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għal materji relatati mal-leġiżlazzjoni doganali ta' kull Parti, ma' liġijiet u ma' regolamenti oħra relatati mal-kummerċ u mal-proċeduri amministrattivi ġenerali relatati mal-kummerċ, inkluża l-applikazzjoni ta' dawn għal prodotti nnegozjati bejn il-Partijiet, kif ukoll il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet.

2. Xejn f’dan il-Kapitolu ma għandu jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi ta’ Parti skont il-Kapitoli 6 u 7.

3. Fil-każ ta’ xi inkonsistenza bejn dan il-Kapitolu u u l-Kapitolu 6 jew 7, il-Kapitolu 6 jew 7 għandu jipprevali fir-rigward tal-inkonsistenza.

4. Dan il-Kapitolu japplika mingħajr ħsara għall-issodisfar tal-objettivi tal-politika leġittima ta’ kull Parti u tal-obbligi ta’ din skont il-ftehimiet internazzjonali li hi parti għalihom, rigward il-protezzjoni ta’:

(a) il-morali pubbliċi;

(b) il-ħajja jew is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti;

(c) it-teżori nazzjonali ta’ valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku; jew

(d) l-ambjent.

5. Dan il-Kapitolu għandu jiġi implimentat minn kull Parti f’konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha. Kull Parti għandha tuża r-riżorsi disponibbli tagħha b’mod xieraq biex timplimenta dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 4.3

Trasparenza

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-leġiżlazzjoni doganali tagħha u liġijiet u regolamenti oħra tagħha relatati mal-kummerċ kif ukoll il-proċeduri amministrattivi ġenerali tagħha u l-informazzjoni rilevanti tal-applikazzjoni ġenerali relatata mal-kummerċ ikunu ppubblikati u disponibbli minnufih għal kwalunkwe persuna interessata b'mod faċilment aċċessibbli, inkluż, kif xieraq, permezz tal-Internet.

2. Kull Parti għandha tippubblika u tqiegħed għad-dispożizzjoni minnufih il-leġiżlazzjoni doganali tagħha, liġijiet u regolamenti oħra relatati mal-kummerċ u l-proċeduri amministrattivi ġenerali relatati mal-kummerċ mill-aktar fis possibbli qabel ma jidħlu fis-seħħ, biex kwalunkwe persuna interessata tkun tista' ssir midħla tagħhom, ħlief fil-każ:

(a) ta' ċirkustanzi urġenti;

(b) ta' tibdiliet minuri fit-tali liġijiet, regolamenti jew proċeduri amministrattivi ġenerali;

(c) li l-effettività tat-tali liġijiet u regolamenti jew tal-infurzar tagħhom tiġi mxekkla jekk jiġu ppubblikati minn qabel; jew

(d) ta' miżuri li jkollhom effetti ta' ħelsien.

3. Kull Parti għandha tiddeżinja punt ta' assistenza wieħed jew ieħor biex dan iwieġeb domandi raġonevoli mingħand kwalunkwe persuna interessata dwar il-materji koperti mill-paragrafu 1. Il-punti ta' assistenza għandhom iwieġbu t-tali domandi u jipprovdu kwalunkwe formola u dokument rilevanti fi ħdan perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn kull Parti.

4. Kull Parti għandha tipprovdi kif xieraq għal konsultazzjonijiet regolari bejn l-awtorità doganali tagħha u l-aġenziji l-oħra relatati mal-kummerċ u n-negozjanti jew partijiet ikkonċernati oħra li jinsabu fi ħdan it-territorju tagħha.

5. Informazzjoni dwar it-tariffi u l-imposti għandha tiġi ppubblikata f'konformità mal-paragrafi 1 u 2. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi tariffi u imposti li jiġu applikati, ir-raġunijiet għal dawn it-tariffi u l-imposti, l-awtorità responsabbli u meta u kif għandu jsir il-ħlas. Dawn it-tariffi u l-imposti ma jiġux applikati qabel ma tiġi ppublikata l-informazzjoni dwarhom.

ARTIKOLU 4.4

Proċeduri għall-importazzjoni, għall-esportazzjoni u għat-tranżitu

1. Kull Parti għandha tapplika l-leġiżlazzjoni doganali tagħha u liġijiet u regolamenti oħra tagħha relatati mal-kummerċ b'mod prevedibbli, konsistenti, trasparenti u nondiskriminatorju.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri doganali tagħha:

(a) huma konsistenti mal-istandards internazzjonali u mal-prattiki rakkomandati applikabbli għal kull Parti fil-qasam tal-proċeduri doganali bħal dawk magħmula taħt l-awspiċji tal-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana[1] (minn hawn' il quddiem imsejħa "WCO"), inklużi l-elementi sostantivi tal-Protokoll ta' Emenda għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Simplifikazzjoni u l-Armonizzazzjoni tal-Proċeduri Doganali, magħmula fi Brussell fis-26 ta' Ġunju 1999, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata ta' Deskrizzjoni u Kodifikazzjoni tal-Merkanzija, magħmula fi Brussell fl-14 ta' Ġunju 1983, u l-Qafas ta' Standards li Jiżguraw u Jiffaċilitaw il-Kummerċ Globali tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO) (minn hawn' il quddiem imsejjaħ "il-Qafas SAFE");

(b) għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-kummerċ leġittimu, filwaqt li jqisu l-evoluzzjoni tal-prattiki kummerċjali, filwaqt li jissalvagwardjaw il-konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha;

(c) jipprovdu għall-infurzar effettiv fil-każ ta' ksur tal-liġijiet u tar-regolamenti tagħha rigward il-proċeduri doganali, li jinkludu l-evażjoni tat-taxxa u l-kuntrabandu; u

(d) ma jinkludux l-użu obbligatorju tal-aġenti doganali jew ta' spezzjonijiet qabel it-tagħbija.

[1] Għal aktar ċertezza, id-WCO ġie stabbilit fl-1952 bħala tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali (CCC).

3. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri li jagħtu trattament favorevoli fir-rigward tal-kontroll doganali qabel ir-rilaxx tal-merkanzija lin-negozjanti jew lill-operaturi li jissodisfaw il-kriterji speċifikati fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha.

4. Kull Parti għandha tippromwovi l-iżvilupp u l-użu ta' sistemi avvanzati, li jinkludu dawk ibbażati fuq teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, biex tiffaċilita l-iskambju ta' data elettronika bejn in-negozjanti jew l-operaturi u l-awtorità doganali tagħha u aġenziji oħra relatati mal-kummerċ.

5. Kull Parti għandha taħdem lejn simplifikazzjoni u standardizzazzjoni ulterjuri tad-data u tad-dokumentazzjoni meħtieġa mill-awtorità doganali tagħha u minn aġenziji oħra relatati mal-kummerċ.

ARTIKOLU 4.5

Rilaxx tal-merkanzija

Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm proċeduri doganali li:

(a) jipprovdu għar-rilaxx immedjat tal-merkanzija fi ħdan perjodu li mhuwiex itwal milli hemm bżonn biex tiġi żgurata l-konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha;

(b) jippermettu għas-sottomissjoni u għall-proċessar elettroniċi avvanzati tad-dokumentazzjoni u ta' kwalunkwe informazzjoni meħtieġa oħra qabel il-wasla tal-prodotti; u

(c) jippermettu għar-rilaxx tal-merkanzija qabel id-determinazzjoni finali tad-dazji doganali, tat-taxxi, tat-tariffi u tal-imposti, soġġetti għall-għoti ta' garanzija, jekk meħtieġa mil-liġijiet u mir-regolamenti tagħha, biex jiġi żgurat il-pagament finali tgaħhom.

ARTIKOLU 4.6

Simplifikazzjoni tal-proċeduri doganali

1. Kull Parti għandha taħdem favur is-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti u tal-formalitajiet tagħha għall-proċeduri doganali biex tnaqqas iż-żmien u l-ispejjeż tagħhom għan-negozjanti jew għall-operaturi, li jinkludu intrapriżi żgħar u medji.

2. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm proċeduri li jippermettu lin-negozjanti jew lill-operaturi li jissodisfaw il-kriterji speċifikati fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha jibbenefikaw minn simplifikazzjoni ulterjuri tal-proċeduri doganali. Tali simplifikazzjoni tista' tippermetti d-dikjarazzjoni perjodika għad-determinazzjoni u għall-pagament tad-dazji doganali u tat-taxxi li jkopru diversi importazzjonijiet fi ħdan perjodu partikolari, wara r-rilaxx tal-prodotti.

3. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm programmi li jippermettu lill-operaturi li jissodisfaw il-kriterji speċifikati fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha jibbenefikaw minn aċċess jew ikollhom aċċess eħfef għas-simplifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

ARTIKOLU 4.7

Deċiżjonijiet bil-quddiem

1. Permezz tal-awtorità doganali tagħha, kull Parti għandha toħroġ deċiżjoni bil-quddiem li tistabbilixxi t-trattament li għandu jingħata lill-prodotti kkonċernati. Dik id-deċiżjoni għandha tinħareġ b'mod raġonevoli u marbut biż-żmien lill-applikant li jkun issottometta talba bil-miktub, inkluż f'format elettroniku, u jkun fiha l-informazzjoni neċessarja kollha f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tal-Parti mittenti.

2. Deċiżjoni bil-quddiem għandha tkopri klassifikazzjoni tariffarja tal-prodotti, l-oriġini tal-merkanzija inkluża l-kwalifika tagħhom bħala prodotti oriġinarji skont il-Kapitolu 3 jew kwalunkwe kwistjoni li jistgħu jaqblu dwarha l-Partijiet, b'mod partikolari rigward il-metodu jew il-kriterji xierqa li għandhom jintużaw għall-valwazzjoni doganali tal-prodotti.

3. Soġġetta għal kwalunkwe rekwiżit ta' kunfidenzjalità fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha, Parti tista' tippubblika d-deċiżjonijiet bil-quddiem tagħha, inkluż fuq l-Internet.

ARTIKOLU 4.8

Appell u rieżami

1. Kull Parti għandha tiggarantixxi d-dritt ta' appell jew ta' rieżami lil kwalunkwe persuna li liha tkun ġiet indirizzata deċiżjoni amministrattiva mill-awtorità doganali jew minn aġenziji oħra relatati mal-kummerċ ta' dik il-Parti.

2. L-appell jew ir-rieżami għandhom jinkludu:

(a) appell amministrattiv jew rieżami minn awtorità amministrattiva ogħla jew indipendenti mill-uffiċjal, jew mill-uffiċċju li ħareġ id-deċiżjoni; jew

(b) appell ġudizzjarju jew rieżami tad-deċiżjoni.

3. Kull Parti għandha tiżgura li, jekk id-deċiżjoni dwar l-appell jew ir-rieżami msemmija fis-subparagrafu 2(a) ma tinħariġx fi żmien perjodu previst fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha jew mingħajr dewmien żejjed, il-persuna msemmija fil-paragrafu 1 għandha d-dritt għal appell jew rieżami amministrattivi jew ġudizzjarji ulterjuri.

4. Kull Parti għandha tiżgura li l-persuna msemmija fil-paragrafu 1 tingħata r-raġunijiet għad-deċiżjoni amministrattiva biex dik il-persuna tkun tista'tirrikorri għal appell jew għal proċeduri ta' rieżami, fejn ikun hemm bżonn.

ARTIKOLU 4.9

Ġestjoni tar-riskju

1. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm sistema ta' ġestjoni tar-riskju li tippermetti lill-awtorità doganali tagħha tikkonċentra l-attivitajiet ta' spezzjoni fuq kunsinni ta' riskju għoli u li tħaffef ir-rilaxx ta' kunsinni ta' riskju baxx.

2. Kull Parti għandha tibbaża l-ġestjoni tar-riskju fuq il-valutazzjoni tar-riskju permezz ta' kriterji ta' selettività adegwati.

3. Parti tista' tagħżel ukoll, fuq bażi aleatorja, kunsinni għall-attivitajiet ta' spezzjoni msemmija fil-paragrafu 1 bħala parti mill-ġestjoni tar-riskju tagħha.

4. Kull Parti għandha tfassal u tapplika l-ġestjoni tar-riskju biex jiġu evitati d-diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli jew ir-restrizzjonijiet moħbija għall-kummerċ internazzjonali.

&/mt 111

ARTIKOLU 4.10

Verifika ta’ wara r-rilaxx

1. Sabiex ikompli jitħaffef ir-rilaxx tal-merkanzija, kull Parti għandha tadotta jew iżżomm awditu ta’ wara l-ikklerjar biex tiġi żgurata konformità mal-leġiżlazzjoni doganali tagħha u ma’ liġijiet u ma’ regolamenti oħra tagħha relatati mal-kummerċ. L-awtorità doganali ta’ kull Parti għandha tuża r-riżultati tal-awditu ta’ wara r-rilaxx imwettaq minnha meta tapplika l-ġestjoni tar-riskju msemmija fl-Artikolu 4.9. Parti tista’ tipprovdi li l-awtorità doganali tagħha tuża r-riżultati tal-awditu ta’ wara r-rilaxx imwettaq minn aġenziji oħra relatati mal-kummerċ meta japplikaw il-ġestjoni tar-riskju, u *viċi versa*.

2. Kull Parti għandha tagħżel persuna jew kunsinna għall-awditu ta’ wara r-rilaxx abbażi tar-riskju, u din l-għażla tista’ tinkludi kriterji ta’ selettività xierqa. Kull Parti għandha twettaq awditi ta’ wara r-rilaxx b’mod trasparenti. Meta l-persuna tkun involuta fil-proċess tal-awditjar u jkunu nkisbu riżultati konklużivi, il-Parti, mingħajr dewmien, għandha tinnotifika lill-persuna li r-rekord tagħha ġie awditjat bir-riżultat, bid-drittijiet u bl-obbligi tal-persuna u bir-raġunijiet għar-riżultati.

ARTIKOLU 4.11

Tranżitu u trasbord

Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm proċeduri biex tiffaċilita l-moviment tal-merkanzija minn jew lejn il-Parti l-oħra li tkun fi tranżitu jew fi trasbord fi ħdan it-territorju doganali tagħha, filwaqt li żżomm kontroll xieraq.

ARTIKOLU 4.12

Kooperazzjoni doganali

1. Mingħajr ħsara għal forom oħra ta' kooperazzjoni previsti f'dan il-Ftehim, l-awtoritajiet doganali tal-Partijiet għandhom jikkooperaw, inkluż billi jiskambjaw l-informazzjoni, u jipprovdu assistenza amministrattiva reċiproka fil-kwistjonijiet imsemmija f'dan il-Kapitolu skont is-CMAA, minkejja l-Artikolu 1.6.

2. L-awtoritajiet doganali tal-Partijiet għandhom isaħħu l-kooperazzjoni fuq il-kwistjonijiet imsemmija f'dan il-Kapitolu bl-għan li jkomplu jiżviluppaw il-faċilitazzjoni tal-kummerċ filwaqt li jiżguraw il-konformità mal-leġiżlazzjoni doganali rispettiva tagħhom u jtejbu s-sigurtà tal-katina tal-provvista, fl-oqsma li ġejjin:

(a) kooperazzjoni fis-simplifikazzjoni ulterjuri tal-proċeduri doganali, b'kunsiderazzjoni tal-evoluzzjoni tal-prattiki kummerċjali;

(b) il-kooperazzjoni dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti tad-data għal skopijiet doganali, f'konformità mal-istandards internazzjonali applikabbli bħal standards tad-WCO;

(c) kooperazzjoni fl-iżvilupp ulterjuri ta' aspetti relatati mad-dwana għall-iżgurar u l-iffaċilitar tal-katina tal-provvista internazzjonali skont il-Qafas SAFE;

(d) kooperazzjoni fit-titjib tat-tekniki tagħhom ta' ġestjoni tar-riskju, li tinkludi l-qsim tal-aħjar prattiki u, jekk xieraq, tal-informazzjoni dwar ir-riskju u tar-riżultati tal-kontroll;

(e) kooperazzjoni bl-għan li jkomplu jiġu żviluppati l-miżuri msemmija fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 4.4 u fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 4.6 jew il-programmi msemmija fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 4.6, inkluża l-possibbiltà ta' kooperazzjoni bl-għan li n-negozjanti jew l-operaturi ta' Parti jitħallew jibbenefikaw mill-miżuri jew mill-progrmami tal-Parti l-oħra;

(f) kooperazzjoni u koordinazzjoni f'organizzazzjonijiet internazzjonali bħad-WTO u d-WCO, f'materji ta' interess komuni, li jinkludu l-klassifikazzjoni tariffarja, il-valutazzjoni doganali u l-oriġini, bl-għan li, jekk possibbli, jiġu stabbiliti pożizzjonijiet komuni; u

(g) kooperazzjoni fl-infurzar kontra t-traffikar ta' prodotti pprojbiti.

3. L-awtoritajiet doganali tal-Partijiet għandhom jiżguraw l-iskambju tal-informazzjoni neċessarju għall-finijiet tal-paragrafu 2.

ARTIKOLU 4.13

Dħul temporanju

Għad-dħul temporanju ta' oġġetti msemmija fl-Artikolu 2.10 u tkun xi tkun l-oriġini tagħhom, kull Parti għandha, skont il-proċeduri stabbiliti fi ftehimiet internazzjonali dwar dħul temporanju u applikati mill-Parti, jaċċettaw carnets A.T.A.[1] maħruġa mill-Parti l-oħra.

[1] "carnet A.T.A." għandha l-istess tifsira bħal dik fil-Konvenzjoni Doganali dwar A.T.A. Carnet għad-Dħul Temporanju tal-Prodotti, magħmul fi Brussell fis-6 ta' Diċembru 1961 jew il-Konvenzjoni dwar id-Dħul Temporanju, magħmula f'Istanbul fis-26 ta' Ġunju 1990.

ARTIKOLU 4.14

Kumitat dwar ir-Regoli tal-Oriġini u Materji Relatati mad-Dwana

1. Il-Kumitat dwar ir-Regoli ta' Oriġini u Kwistjonijiet Relatati mad-Dwana stabbilit skont l-Artikolu 22.3 (minn hawn' il quddiem imsemmija f'dan il-Kapitolu bħala "il-Kumitat") għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni effettiva u t-tħaddim ta' dan il-Kapitolu u tal-Kapitolu 2 u kwistjonijiet relatati mad-dwana tal-Artikolu 14.51, minbarra responsabbiltajiet oħra speċifikati f'paragrafu 1 tal-Artikolu 3.28[1].

2. Il-Kumitat għandu jorganizza laqgħat konġunti tal-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali (minn hawn' il quddiem imsemmi f'dan il-Kapitolu bħala "il-KKKD") stabbilit taħt is-CMAA, sakemm tali laqgħat ma humiex meħtieġa sabiex jiżguraw konsistenza fl-implimentazzjoni u t-tħaddim tad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u tas-CMAA[2].

3. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-kompożizzjoni tad-delegazzjonijiet tagħhom għal-laqgħat tal-Kumitat tikkorrispondi għall-punti fl-aġenda.

---

[1] Għal ċertezza akbar, xejn f'dan l-Artikolu m'għandu jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet fir-rigward tal-Kumitat dwar il-Kummerċ f'Merkanzija b'rabta mal-Kapitolu 2, u lanqas tal-Kumitat dwar il-Proprjetà Intellettwali b'rabta mal-Kapitolu 14.

[2] Għal ċertezza akbar, xejn f'dan l-Artikolu m'għandu jiġi interpretat li jipprevjeni lill-JCCC milli jorganizza laqgħa fi ħdan il-qafas tas-CMAA biss.

4. Mingħajr ħsara għall-funzjonijiet tal-JCCC, il-Kumitat għandu jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) jindirizza kull kwistjoni li tirriżulta mill-implimentazzjoni u mit-tħaddim tad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

(b) jidentifika oqsma ta' titjib fl-implimentazzjoni u fit-tħaddim tad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1;

(c) jiffunzjona bħala mekkaniżmu biex jintlaħqu minnufih soluzzjonijiet maqbula b'mod reċiproku fir-rigward ta' kwalunkwe materja koperta mid-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1;

(d) jifformula riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet jew opinjonijiet rigward azzjonijiet jew miżuri li hu jqis neċessarji għall-kisba tal-objettivi u tal-funzjonament effettiv ta' dan il-Kapitolu;

(e) jiddeċiedi dwar l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu jew il-miżuri li għandhom jiġu implimentati minn Parti jew il-Partijiet, fl-oqsma msemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 4.12, li huwa jqis meħtieġa għall-kisba tal-objettivi u l-funzjonament effettiv ta' dan il-Kapitolu; kif ukoll

(f) iwettqu funzjonijiet oħra kif jista' jiġi ddelegat mill-Kumitat Konġunt skont is-subparagrafu 5(b) tal-Artikolu 22.1.

KAPITOLU 5

RIMEDJI KUMMERĊJALI

TAQSIMA A

Dispożizzjonijiet ġenerali

ARTIKOLU 5.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ dan il-Kapitolu:

(a) “industrija domestika” tfisser il-produtturi b’mod ġenerali tal-prodotti simili jew f’kompetizzjoni diretta li joperaw f’Parti, jew dawk li l-output kollettiv tagħhom tal-prodotti simili jew f’kompetizzjoni diretta jikkostitwixxi sehem kbir mill-produzzjoni domestika totali ta’ dawk il-prodotti;

(b) “dannu serju” tfisser indeboliment ġenerali sinifikanti fil-pożizzjoni ta’ industrija domestika;

(c) “theddida ta’ dannu serju” tfisser dannu serju li hu imminenti biċ-ċar skont l-investigazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 5.4. Il-mod kif tiġi stabbilita l-eżistenza ta’ theddida ta’ dannu serju għandu jkun imsejjes fuq il-fatti u mhux sempliċement fuq allegazzjoni, konġentura jew possibbiltàà remota; u

(d) “perjodu ta’ tranżizzjoni” tfisser, b’rabta ma’ prodott oriġinarju partikolari, il-perjodu li jibda fid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim u li jintemm 10 snin wara d-data ta’ tmiem tat-tnaqqis jew tal-eliminazzjoni tat-tariffi fuq dak il-prodott f’konformità mal-Anness 2-A.

TAQSIMA B

Miżuri bilaterali ta’ salvagwardja

ARTIKOLU 5.2

Applikazzjoni ta’ miżuri bilaterali ta’ salvagwardja

1. Jekk, bħala riżultat tal-eliminazzjoni jew tat-tnaqqis ta’ dazju doganali f’konformità mal-Artikolu 2.8, prodott oriġinarju minn Parti jiġi importat fil-Parti l-oħra fi kwantitajiet miżjuda bħal dawn, f’termini assoluti jew b’rabta mal-produzzjoni domestika, u taħt it-tali kundizzjonijiet li jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw dannu serju għal industrija domestika, il-Parti l-oħra tista’ tadotta l-miżuri stabbiliti fil-paragrafu 2 sa fejn ikun hemm bżonn biex tipprevjeni jew tirrimedja d-dannu serju għall-industrija domestika tal-Parti l-oħra u tiffaċilita l-aġġustament tal-industrija domestika.

2. Il-miżuri bilaterali ta’ salvagwardja tista’ tikkonsisti:

(a) fis-sospensjoni ta’ kwalunkwe tnaqqis ulterjuri fir-rata tad-dazju doganali fuq il-prodott oriġinarju pprovduta taħt dan il-Kapitolu 2; jew

(b) fiż-żieda tar-rata tad-dazju doganali fuq il-prodott oriġinarju għal livell li ma jaqbiżx l-anqas waħda minn:

(i) ir-rata tad-dazju doganali applikata għan-nazzjon l-aktar iffavorit li tkun fis-seħħ fil-jum li fih tiġi applikata l-miżuri bilaterali ta’ salvagwardja; u

(ii) ir-rata tad-dazju doganali applikata għall-pajjiż l-aktar iffavorit li tkun fis-seħħ fil-jum immedjatament qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 5.3

Kundizzjonijiet u limitazzjonijiet

1. M’għandha tinżamm l-ebda miżura bilaterali ta’ salvagwardja sa fejn u għal tali perjodu ta’ żmien li jista’ jkun neċessarju biex jiġi evitat jew irrimedjat dannu serju u biex jiġi ffaċilitat l-aġġustament tal-industrija domestika, dment li t-tali perjodu ta’ żmien ma jaqbiżx perjodu ta’ sentejn. Madankollu, miżura bilaterali ta’ salvagwardja tista’ tiġi estiża, dment li d-durata totali tal-miżura bilaterali ta’ salvagwardja, li tinkludi t-tali estensjonijiet, m’għandhiex taqbeż l-erba’ snin.

2. Il-miżuri bilaterali ta’ salvagwardja jistgħu jiġu applikati matul il-perjodu ta’ tranżizzjoni biss.

3. Biex jiġi ffaċilitat l-aġġustament f’sitwazzjoni li fiha d-durata mistennija ta’ miżura bilaterali ta’ salvagwardja taqbeż is-sena, il-Parti li żżomm il-miżura bilaterali ta’ salvagwardja għandha tilliberalizza b’mod progressiv il-miżura bilaterali ta’ salvagwardja f’intervalli regolari matul il-perjodu ta’ applikazzjoni.

4. Ma għandu tiġi applikata l-ebda miżura bilaterali ta’ salvagwardja għall-importazzjoni ta’ prodott oriġinarju partikolari li diġà jkun ġie soġġett għal tali miżura bilaterali ta’ salvagwardja għal perjodu ta’ żmien li hu ekwivalenti għad-durata tal-miżura bilaterali ta’ salvagwardja preċedenti jew għal sena, skont liema minn dawn tkun l-itwal waħda.

5. Mat-terminazzjoni ta' miżura bilaterali ta' salvagwardja, ir-rata ta' dazju doganali għall-prodott oriġinarju soġġett għall-miżura għandha tkun ir-rata li kienet tkun fis-seħħ iżda għall-miżura bilaterali ta' salvagwardja.

ARTIKOLU 5.4

Investigazzjoni

1. Parti tista' tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali biss wara investigazzjoni mwettqa mill-awtorità kompetenti[1] tiegħu skont l-istess proċeduri bħal dawk previsti fl-Artikolu 3 paragrafu 2(c) tal-Artikolu 4 tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji.

2. L-investigazzjoni għandha titlesta f'kull każ fi żmien sena mid-data ta' tnedija tagħha.

[1] Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, għall-Ġappun, l-awtorità kompetenti tinkludi l-awtoritajiet rilevanti tagħha.

3. Fl-investigazzjoni għad-determinazzjoni ta' jekk l-importazzjonijiet miżjuda ta' prodott oriġinarju kkawżawx jew humiex qed jheddu li jikkawżaw dannu serju għal industrija domestika, l-awtorità kompetenti li twettaq l-investigazzjoni għandha tevalwa l-fatturi rilevanti kollha ta' natura oġġettiva u kwantifikabbli li jkollhom impatt fuq is-sitwazzjoni ta' dik l-industrija domestika. Dawk il-fatturi jinkludu b'mod partikolari r-rata u l-ammont taż-żieda fl-importazzjonijiet tal-prodott oriġinarju f'termini assoluti u relattivi, is-sehem mis-suq domestiku meħud minn importazzjonijiet miżjuda tal-prodott oriġinarju, u t-tibdil fil-livell ta' bejgħ, fil-produzzjoni, fil-produttività, fl-użu tal-kapaċità, fil-qligħ u telf, u fl-impjiegi.

4. Id-determinazzjoni li l-importazzjonijiet miżjuda ta' prodott oriġinarju kkawżaw jew qed jheddu li jikkawżaw dannu serju għal industrija domestika m'għandhiex issir sakemm l-investigazzjoni ma turix, fuq il-bażi ta' evidenza oġġettiva, l-eżistenza ta' rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet miżjuda tal-prodott oriġinarju u d-dannu serju jew it-theddida ta' dannu serju għall-industrija domestika. F'din id-determinazzjoni, għandhom jiġu kkunsidrati fatturi oħra apparti l-importazzjonijiet miżjuda tal-prodott oriġinarju li wkoll ikunu qed jikkawżaw dannu għall-industrija domestika fl-istess ħin.

ARTIKOLU 5.5

Notifika

1. Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub minnufih meta din:

(a) tibda investigazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 5.4 dwar dannu serju, jew theddida ta' dannu serju, u r-raġunijiet għal dan;

(b) tagħmel sebja ta' dannu serju, jew ta' theddida ta' dannu serju, ikkawżati mill-importazzjonijiet miżjuda; u

(c) tieħu deċiżjoni li tapplika jew testendi miżura bilaterali ta' salvagwardja.

2. Il-Parti li tinnotifika msemmija fil-paragrafu 1 għandha tipprovdi lill-Parti l-oħra bl-informazzjoni pertinenti kollha, li għandha tinkludi:

(a) fil-każ ta' notifika msemmija fis-subparagrafu 1(a), ir-raġuni għall-ftuħ tal-investigazzjoni, deskrizzjoni preċiża tal-prodott oriġinarju soġġett għall-investigazzjoni u s-subintestatura ta' dan taħt is-Sistema Armonizzata, id-durata mistennija tal-investigazzjoni u d-data tat-tnedija tal-investigazzjoni; u

(b) fil-każ ta' notifika msemmija fis-subparagrafi 1(b) u (c), l-evidenza ta' dannu serju jew ta' theddida ta' dannu serju kkawżati mill-importazzjonijiet miżjuda tal-prodott oriġinarju, deskrizzjoni preċiża tal-prodott oriġinarju soġġett għall-miżura bilaterali ta' salvagwardja proposta u s-subintestatura tiegħu taħt is-Sistema Armonizzata, deskrizzjoni preċiża tal-miżura bilaterali ta' salvagwardja proposta, u d-data proposta tal-introduzzjoni u tad-durata mistennija tal-miżura bilaterali ta' salvagwardja.

ARTIKOLU 5.6

Konsultazzjonijiet u kumpensi

1. Parti li tipproponi li tapplika jew testendi miżura bilaterali ta' salvagwardja għandha tipprovdi opportunità adegwata għal konsultazzjonijiet minn qabel mal-Parti l-oħra bl-għan li tirrieżamina l-informazzjoni li tirriżulta mill-investigazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 5.4, li fihom jiġu skambjati l-fehmiet dwar il-miżura bilaterali ta' salvagwardja u jintlaħaq ftehim dwar il-kumpens kif previst f'dan l-Artikolu.

2. Parti li tipproponi li tapplika jew testendi miżura bilaterali ta' salvagwardja għandha tipprovdi lill-Parti l-oħra b'mezzi adegwati miftiehma b'mod reċiproku ta' kumpens kummerċjali fil-forma ta' konċessjonijiet tad-dazji doganali, li l-valur tagħhom ikun sostanzjalment ekwivalenti għal dak tad-dazji doganali addizzjonali li huma mistennija jirriżultaw mill-miżura bilaterali ta' salvagwardja.

3. Jekk il-Partijiet ma jistgħux jaqblu dwar il-kumpens fi żmien 30 jum wara l-bidu tal-konsultazzjonijiet, il-Parti li fuq il-prodott oriġinarju tagħha tiġi applikata l-miżura bilaterali ta' salvagwardja għandha tkun ħielsa li tissospendi l-applikazzjoni tal-konċessjonijiet tad-dazji doganali skont dan il-Ftehim, li l-valur tagħhom hu sostanzjalment ekwivalenti għal dak tad-dazji doganali addizzjonali li jirriżultaw mill-miżura bilaterali ta' salvagwardja. Il-Parti li teżerċita d-dritt ta' sospensjoni tista' tissospendi l-applikazzjoni tal-konċessjonijiet tad-dazji doganali biss għall-perjodu minimu neċessarju biex jinkisbu l-effetti sostanzjalment ekwivalenti u biss filwaqt li tinżam il-miżura bilaterali ta' salvagwardja.

4. Minkejja l-paragrafu 3, id-dritt ta' sospensjoni li saret referenza għalih f'dak il-paragrafu m'għandux jiġi eżerċitat għall-ewwel 24 xahar li matulhom tkun fis-seħħ miżura bilaterali ta' salvagwardja, dment li l-miżura bilaterali ta' salvagwardja tkun ittieħdet bħala riżultat ta' żieda assoluta fl-importazzjonijiet u li t-tali miżura ta' salvagwardja tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 5.7

Miżuri bilaterali proviżorji ta’ salvagwardja

1. F’ċirkustanzi kritiċi, meta dewmien ikun jikkawża dannu li diffiċilment ikun jista’ jissewwa, Parti tista’ tapplika miżura bilaterali proviżorja ta’ salvagwardja, li għandha tieħu l-forma ta’ miżura stabbilita fis-subparagrafu 2(a) jew (b) tal-Artikolu 5.2, skont determinazzjoni preliminari li jkun hemm evidenza ċara li l-importazzjonijiet miżjuda ta’ prodott oriġinarju tal-Parti l-oħra jkunu kkawżaw jew qed jheddu li jikkawżaw dannu serju għal industrija domestika tal-Parti li topponi l-applikazzjoni tal-miżura bilaterali proviżorja ta’ salvagwardja.

2. Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub dwar il-miżura bilaterali proviżorja proposta tagħha ta’ salvagwardja mhux aktar tard mid-data tal-applikazzjoni ta’ din. Il-konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet dwar l-applikazzjoni tal-miżura bilaterali proviżorja ta’ salvagwardja għandhom jitnedew eżatt wara li tiġi applikata l-miżura bilaterali proviżorja ta’ salvagwardja. In-notifika għandu jkun fiha evidenza tal-eżistenza ta’ ċirkustanzi kritiċi, evidenza ta’ dannu serju jew ta’ theddida ta’ dannu serju kkawżat mill-importazzjonijiet miżjuda tal-prodott oriġinarju, deskrizzjoni preċiża tal-prodott oriġinarju soġġett għall-miżura bilaterali proviżorja proposta ta’ salvagwardja u tas-subintestatura ta’ dan taħt is-Sistema Armonizzata, u deskrizzjoni preċiża tal-miżura bilaterali proviżorja proposta ta’ salvagwardja.

3. Id-durata ta’ miżura bilaterali proviżorja ta’ salvagwardja m’għandhiex taqbeż il-200 jum. Matul dak il-perjodu, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti pertinenti tal-Artikolu 5.4. Id-durata tal-miżura bilaterali proviżorja ta’ salvagwardja għandha tingħadd bħala parti mill-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 5.3.

4. Il-paragrafu 5 tal-Artikolu 5.3 għandu japplika *mutatis mutandis* għal miżura bilaterali proviżorja ta’ salvagwardja. Id-dazju doganali impost bħala riżultat tal-miżura bilaterali proviżorja ta’ salvagwardja għandu jiġi rimborżat jekk l-investigazzjoni sussegwenti msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 5.4 ma tiddeterminax li l-importazzjonijiet miżjuda tal-prodott oriġinarju soġġett għall-miżura bilaterali proviżorja ta’ salvagwardja kkawżaw jew heddew li jikkawżaw dannu serju għal industrija domestika.

ARTIKOLU 5.8

Mixxellanji

In-notifiki msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 5.5 u fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 5.7 u kwalunkwe komunikazzjoni oħra bejn il-Partijiet taħt din it-Taqsima għandhom isiru bl-Ingliż.

TAQSIMA C

Miżuri globali ta’ salvagwardja

ARTIKOLU 5.9

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Xejn f’dan il-Kapitolu m’għandu jipprevjeni lil Parti milli tapplika miżuri ta’ salvagwardja għal prodott oriġinarju tal-Parti l-oħra f’konformità mal-Artikolu XIX tal-GATT 1994 u mal-Ftehim dwar is-Salvagwardji.

2. Id-dispożizzjonijiet ta’ din it-Taqsima m’għandhomx ikunu soġġetti għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-Kapitolu 21.

ARTIKOLU 5.10

Applikazzjoni tal-miżuri ta’ salvagwardja

Parti m’għandhiex tapplika jew iżżomm, fir-rigward tal-istess prodott, fl-istess ħin:

(a) miżura bilaterali ta’ salvagwardja stabbilita fit-Taqsima B;

(b) miżura skont l-Artikolu XIX tal-GATT tal-1994 u l-Ftehim dwar is-Salvagwardji; jew

(c) miżura ta’ salvagwardja stabbilita fit-Taqsima C tal-Parti 3 tal-Anness 2-A

TAQSIMA D

Miżuri antidumping u kompensatorji

ARTIKOLU 5.11

Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. Il-Partijiet iżommu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim dwar l-Antidumping u l-Ftehim SCM.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima m'għandhomx ikunu soġġetti għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-Kapitolu 21.

3. Il-Kapitolu 3 m'għandux japplika għal miżuri antidumping u kompensatorji skont dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 5.12

Trasparenza u divulgazzjoni tal-fatti essenzjali

1. Kull Parti għandha tagħmel investigazzjonijiet antidumping u antisussidji b'mod ġust u trasparenti, u fuq il-bażi tal-Ftehim dwar l-Antidumping u l-Ftehim SCM.

2. Qabel jew eżatt wara kwalunkwe impożizzjoni ta' miżuri proviżorji msemmija fl-Artikolu 7 tal-Ftehim dwar l-Antidumping u fl-Artikolu 17 tal-Ftehim SCM, u fi kwalunkwe każ qabel ma ssir determinazzjoni finali, kull Parti għandha tiżgura divulgazzjoni totali tal-fatti essenzjali kkunsidrati li jifformaw il-bażi għad-deċiżjoni dwar jekk jiġux applikati l-miżuri proviżorji u definittivi. Id-divulgazzjoni totali tal-fatti essenzjali hi mingħajr ħsara għar-rekwiżiti dwar il-kunfidenzjalità msemmija fl-Artikolu 6.5 tal-Ftehim dwar l-Antidumping u fl-Artikolu 12.4 tal-Ftehim SCM. It-tali divulgazzjoni għandha ssir bil-miktub, u għandha ssir fi żmien minn qabel biżżejjed biex il-partijiet interessati jiddefendu l-interessi tagħhom.

3. Id-divulgazzjoni tal-fatti essenzjali, li ssir f'konformità mal-paragrafu 2 għandu jkun fiha b'mod partikolari:

(a) fil-każ ta' investigazzjoni antidumping, il-marġini tad-dumping stabbiliti, spjegazzjoni dettaljata biżżejjed tal-bażi u tal-metodoloġija li fuqha ġew stabbiliti l-valuri normali u l-prezzijiet tal-esportazzjoni, u tal-metodoloġija użata fit-tqabil tal-valuri normali u tal-prezzijiet tal-esportazzjoni li jinkludu kwalunkwe aġġustament;

(b) fil-każ ta' investigazzjoni antisussidji, id-determinazzjoni ta' sussidjar kumpensabbli, inklużi biżżejjed dettalji dwar il-kalkolu tal-ammont u l-metodoloġija segwita biex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' sussidjar; u

(c) informazzjoni rilevanti għad-determinazzjoni tad-dannu, li tinkludi informazzjoni dwar il-volum tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u l-effett tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fuq il-prezzijiet fis-suq domestiku għal prodotti simili, il-metodoloġija dettaljata użata fil-kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezz, l-impatt konsegwenti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fuq l-industrija domestika, u l-wiri ta' relazzjoni kawżali li tinkludi l-eżaminazzjoni ta' fatturi għajr l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping kif imsemmija fl-Artikolu 3.5 tal-Ftehim dwar l-Antidumping.

4. F'każijiet fejn awtorità ta' investigazzjoni[1] ta' Parti bi ħsiebha tagħmel użu mill-fatti disponibbli skont l-Artikolu 6.8 tal-Ftehim dwar Antidumping, l-awtorità investigattiva għandha tinforma lill-parti interessata kkonċernata bl-intenzjonijiet tagħha u tagħti indikazzjoni ċara dwar ir-raġunijiet li jistgħu jwasslu għal użu mill-fatti disponibbli. Jekk, wara li tkun ingħatat l-opportunità li tipprovdi spjegazzjonijiet ulterjuri fi ħdan perjodu ta' żmien raġonevoli, l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-parti interessata kkonċernata jitqiesu mill-awtorità tal-investigazzjoni bħala mhux sodisfaċenti, id-divulgazzjoni tal-fatti essenzjali għandu jkun fiha indikazzjoni ċara tal-fatt disponibbli li l-awtorità tal-investigazzjoni użat minflok.

ARTIKOLU 5.13

Kunsiderazzjoni tal-interess pubbliku

Meta tagħmel investigazzjonijiet antidumping u antisussidji fuq prodott, l-awtorità tal-investigazzjoni tal-Parti importatriċi għandha, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha, tipprovdi opportunitajiet biex il-produtturi fil-Parti importatriċi tal-prodott simili, l-importaturi tal-prodott, l-utenti industrijali tal-prodott u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-konsumatur f'każijiet li fihom il-prodott jinbiegħ komunenent fil-livell tal-bejgħ bl-imnut, jissottomettu l-fehmiet tagħhom bil-miktub fir-rigward tal-investigazzjoni antidumping u antisussidji, inkluż fir-rigward tal-impatt potenzjali ta' dazju fuq is-sitwazzjoni tagħhom.

[1] Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, għall-Ġappun, awtorità tal-investigazzjoni tinkludi l-awtoritajiet tal-investigazzjoni rilevanti tagħha.

ARTIKOLU 5.14

Investigazzjoni antidumping

Meta l-awtorità tal-investigazzjoni tal-Parti importatriċi tkun irċiviet applikazzjoni bil-miktub minn jew f'isem l-industrija domestika tagħha għall-ftuħ ta' investigazzjoni antidumping fir-rigward ta' prodott mill-Parti esportatriċi, il-Parti importatriċi għandha tinnotifika, tal-anqas 10 ijiem minn qabel it-tnedija tat-tali investigazzjoni, lill-Parti esportatriċi dwar it-tali applikazzjoni.

KAPITOLU 6

MIŻURI SANITARJI U FITOSANITARJI

ARTIKOLU 6.1

Objettivi

L-objettivi ta' dan il-Kapitolu huma li:

(a) jipproteġi l-ħajja jew is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti bl-iżvilupp, bl-adozzjoni u bl-infurzar ta' miżuri sanitarji u fitosanitarji filwaqt li jimminimizza l-effetti negattivi fuq il-kummerċ bejn il-Partijiet;

(b) jippromwovi l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet fl-implimentazzjoni tal-Ftehim SPS; u

(c) jipprovdi mezz għat-titjib tal-komunikazzjoni u tal-kooperazzjoni bejn il-Partijiet, qafas għall-indirizzar ta' materji relatati mal-implimentazzjoni ta' miżuri sanitarji u fitosanitarji, u mezzi biex jinkisbu soluzzjonijiet aċċettabbli b'mod reċiproku.

ARTIKOLU 6.2

Kamp ta' applikazzjoni

Dan il-Kapitolu japplika għall-miżuri sanitarji u fitosanitarji kollha tal-Partijiet taħt il-Ftehim SPS li jistgħu, direttament jew indirettament, jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet.

ARTIKOLU 6.3

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet tal-Anness A għall-Ftehim SPS.

2. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "kundizzjonijiet tal-importazzjoni" tfisser kwalunkwe miżura sanitarja jew fitosanitarja li hu meħtieġ li tiġi ssodisfata għall-importazzjoni tal-prodotti; u

(b) "żona protetta" tfisser parti ġeografika ddefinita b'mod uffiċjali tat-territorju ta' kull Parti li fiha pest speċifiku rregolat ma jkunx stabbilit minkejja kundizzjonijiet favorevoli għall-istabbilimentu għall-preżenza tiegħu f'partijiet oħra tat-territorju tal-Parti.

3. Barra minn hekk, il-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji mwaqqaf skont l-Artikolu 22.3 jista' jaqbel dwar definizzjonijiet oħra għall-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu filwaqt li jqis il-glossarji u d-definizzjonijiet żviluppati minn organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, bħall-Kummissjoni Codex Alimentarius (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Codex Alimentarius", l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (minn hawn 'il quddiem imsejħa "OIE") u l-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti li joperaw fi ħdan il-qafas tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti (minn hawn 'il quddiem imsejħa "IPPC"). Fil-każ ta' inkonsistenza bejn id-definizzjonijiet maqbula mill-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji u d-definizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim SPS, għandhom jipprevalu d-definizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim SPS.

ARTIKOLU 6.4

Relazzjoni mal-Ftehim tad-WTO

Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom relatati mal-miżuri sanitarji u fitosanitarji skont il-Ftehim SPS. Xejn f'dan il-Kapitolu m'għandu jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi ta' kull Parti skont il-Ftehim SPS.

ARTIKOLU 6.5

Awtoritajiet kompetenti u punti ta' kuntatt

1. Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha tipprovdi lill-Parti l-oħra b'deskrizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu u punt ta' kuntatt għall-komunikazzjoni dwar kull materja koperta minn dan il-Kapitolu.

2. Kull Parti għandha tinforma lill-Parti l-oħra dwar kwalunkwe tibdil sinifikanti fl-istruttura, fl-organizzazzjoni u fil-qsim tar-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet kompetenti tagħha u tiżgura li l-informazzjoni dwar il-punti ta' kuntatt tinżamm aġġornata.

&/mt 137

ARTIKOLU 6.6

Valutazzjoni tar-riskju

Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-miżuri sanitarji u fitosanitarji tagħhom huma bbażati fuq il-valutazzjoni tar-riskju f'konformità mal-Artikolu 5 u ma' dispożizzjonijiet rilevanti oħra tal-Ftehim SPS.

ARTIKOLU 6.7

Kundizzjonijiet tal-importazzjoni, proċeduri tal-importazzjoni u faċilitazzjoni tal-kummerċ

1. Il-kundizzjonijiet tal-importazzjoni għandhom jiġu stabbiliti mill-Parti importatriċi biex jinkiseb il-livell xieraq ta' protezzjoni, soġġetti għall-konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet u b'kunsiderazzjoni tat-tali konsultazzjonijiet, fejn neċessarji.

2. Mingħajr ħsara għad-drittijiet u għall-obbligi ta' kull Parti taħt il-Ftehim SPS, jekk tintalab tagħmel dan mill-Parti esportatriċi, il-Parti importatriċi għandha tapplika l-kundizzjonijiet tal-importazzjoni għall-prodotti għat-territorju sħiħ tal-Parti esportatriċi b'mod konsistenti.

3. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx jaffettwaw il-kundizzjonijiet tal-importazzjoni eżistenti bejn il-Partijiet fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Il-Partijiet għandhom jagħtu kunsiderazzjoni lil kwalunkwe talba għal rieżami ta' dawk il-kundizzjonijiet tal-importazzjoni.

4. Kull Parti għandha tiżgura, fir-rigward ta' kwalunkwe proċedura tal-importazzjoni li tivverifika u tiżgura l-issodisfar ta' miżuri sanitarji jew fitosanitarji, li jinkludu dawk għall-approvazzjoni u għar-rilaxx, li:

(a) tali proċeduri huma ssimplifikati, imħaffa u mwettqa mingħajr dewmien żejjed, f'konformità mal-Ftehim SPS;

(b) tali proċeduri mhumiex applikati b'mod li jkun jikkostitwixxi diskriminazzjoni arbitrarja jew inġustifikabbli kontra l-Parti l-oħra;

(c) jiġi ppublikat il-perjodu standard taż-żmien tal-proċessar għal kull proċedura jew li l-perjodu antiċipat taż-żmien tal-proċessar jiġi kkomunikat lill-applikant fuq talba; u

(d) ir-rekwiżiti ta' informazzjoni jkunu limitati għal dak li hu meħtieġ għall-proċeduri ta' kontroll, ta' spezzjoni u ta' approvazzjoni, inkluża l-approvazzjoni għall-użu ta' additivi jew biex jiġu stabbiliti t-tolleranzi tal-kontaminanti fl-ikel, fix-xorb jew fl-għalf;

5. B'kunsiderazzjoni tal-istandards applikabbli żviluppati taħt l-IPPC, il-Partijiet għandhom iżommu informazzjoni adegwata dwar l-istatus tal-pesti tagħhom, li tinkludi programmi ta' sorveljanza, ta' eradikazzjoni u ta' konteniment u r-riżultati ta' dawn, biex isostnu l-kategorizzazzjoni tal-pesti u biex jiġġustifikaw il-kundizzjonijiet fitosanitarji tal-importazzjoni.

6. Kull Parti għandha tistabbilixxi lista ta' pesti regolati għal prodotti bażiċi[1] fejn hemm tħassib fitosanitarju. Il-listi għandu jkun fihom, kif xieraq:

(a) il-pesti ta' kwarantina li mhuwiex magħruf li jseħħu f'xi parti mit-territorju tagħha;

(b) il-pesti ta' kwarantina li huma magħrufa li jseħħu fi ħdan kwalunkwe parti mit-territorju tagħha iżda li mhumiex distribwiti b'mod ġenerali u taħt kontroll uffiċjali; u

(c) kwalunkwe pest irregolat li għalih jistgħu jittieħdu miżuri fitosanitarji.

Għall-komoditajiet li għalihom jeżisti tħassib fitosanitarju, il-kundizzjonijiet tal-importazzjoni għandhom ikunu limitati għal miżuri li jiżguraw in-nuqqas ta' pesti rregolati tal-Parti importatriċi. Il-Parti importatriċi għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni l-lista tagħha ta' komoditajiet irregolati u r-rekwiżiti fitosanitarji tal-importazzjoni għall-komoditajiet irregolati kollha. Din l-informazzjoni għandha tinkludi, kif xieraq, il-pesti ta' kwarantina speċifiċi u d-dikjarazzjonijiet addizzjonali dwar iċ-ċertifikati fitosanitarji kif stabbiliti mill-Parti importatriċi.

[1] Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "prodotti bażiċi" hija mifhuma skont Glossarju ta' Termini Fitosanitarji (l-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji Nru 5) imħejji mis-Segretarjat tal-IPPC.

7. Fejn hemm bżonn biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet tal-importazzjoni bħala tweġiba għal talba tal-Parti esportatriċi:

(a) il-Parti importatriċi għandha tieħu l-passi neċessarji kollha biex tippermetti l-importazzjoni tal-prodotti kkonċernati mingħajr dewmien żejjed;

(b) il-Parti esportatriċi għandha:

(i) tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa mill-Parti importatriċi; u

(ii) tagħti aċċess raġonevoli lill-Parti importatriċi għal proċeduri tal-awditjar u oħrajn rilevanti.

8. Meta jkun hemm firxa ta' miżuri sanitarji jew fitosanitarji disponibbli biex jinkiseb il-livell ta' protezzjoni tal-Parti importatriċi, il-Partijiet, fuq talba tal-Parti esportatriċi, għandhom jikkunsidraw li jagħżlu soluzzjoni aktar prattikabbli u anqas restrittiva għall-kummerċ.

9. Meta ċertifikat maħruġ mill-Parti esportatriċi jkun meħtieġ għal objettivi sanitarji jew fitosanitarji, il-format taċ-ċertifikat u l-kontenut tiegħu għandhom ikunu miftiehma mill-Partijiet, filwaqt li jqisu l-istandards internazzjonali, il-linji gwida jew ir-rakkomandazzjonijiet tal-Codex Alimentarius, tal-OIE jew tal-IPPC.

10. Kull Parti għandha tippromwovi l-implimentazzjoni ta' ċertifikazzjoni elettronika u ta' teknoloġiji oħra biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ.

11. L-iskop tal-verifiki minn uffiċjali tal-Parti importatriċi fit-territorju tal-Parti esportatriċi għandu jkun li jiffaċilitaw kummerċ ġdid. Dawk il-verifiki m'għandhomx isiru miżura permanenti. Il-Parti importatriċi għandha tissostitwixxi miżura ta' verifika eżistenti b'miżura alternattiva li tivverifika l-konformità mar-rekwiżiti miftiehma għal miżuri fitosanitarji mill-Parti esportatriċi, jekk tintalab mill-Parti esportatriċi u tiġi aċċettata mingħajr dewmien mill-Parti importatriċi.

12. Kunsinni ta' komoditajiet irregolati għandhom jiġu aċċettati fuq il-bażi ta' garanziji adegwati mill-Parti esportatriċi, mingħajr awtorizzazzjonijiet speċifiċi tal-importazzjoni fil-forma ta' liċenzja jew ta' permess, ħlief meta jkun hemm bżonn ta' kunsens uffiċjali, fuq il-bażi tal-istandards, tal-linji gwida u tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-IPPC.

13. Analiżi tar-riskju fitosanitarju għandha tinbeda mill-aktar fis possibbli u għandha tiġi konkluża mingħajr dewmien żejjed.

14. Kwalunkwe tariffa imposta għall-proċeduri fuq prodotti importati mill-Parti esportatriċi għandha tkun ekwitabbli b'rabta ma' kwalunkwe tariffa mitluba fuq prodotti domestiċi simili u m'għandhiex tkun ogħla mill-kost propju tas-servizz f'konformità mas-subparagrafu 1(f) tal-Anness C għall-Ftehim SPS.

ARTIKOLU 6.8

Awditu

1. Biex tinkiseb u tinżamm il-kunfidenza fl-implimentazzjoni effettiva ta' dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandhom jassistu lil xuxlin fit-twettiq tal-awditi:

(a) tas-sistema sħiħa ta' spezzjoni u ta' ċertifikazzjoni tal-Parti esportatriċi, jew ta' partijiet minnha; u

(b) tar-riżultati tal-kontrolli mwettqa taħt is-sistema ta' spezzjoni u ta' ċertifikazzjoni tal-Parti esportatriċi.

Il-Partijiet għandhom iwettqu dawk l-awditi f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim SPS, b'kunsiderazzjoni tal-istandards internazzjonali, tal-linji gwida u tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Codex Alimentarius, tal-OIE jew tal-IPPC.

2. Il-Parti importatriċi tista' tagħmel awditi billi titlob informazzjoni mingħand il-Parti esportatriċi jew bi żjarat tal-awditjar fil-Parti esportatriċi.

3. Żjara tal-awditjar għandha titwettaq taħt il-kundizzjonijiet miftiehma minn qabel mill-Partijiet.

4. Il-Parti importatriċi għandha tipprovdi lill-Parti esportatriċi bl-opportunità li tikkummenta bil-miktub dwar is-sejbiet tal-awditu. Il-Parti importatriċi għandha tieħu kwalunkwe kumment bħal dan f'kunsiderazzjoni qabel ma tilħaq il-konklużjonijiet tagħha u tieħu kwalunkwe azzjoni fuqhom. Il-Parti importatriċi, mingħajr dewmien żejjed, għandha tipprovdi lill-Parti esportatriċi b'rapport bil-miktub li jistabbilixxi l-konklużjonijiet tagħha.

5. Il-kostijiet għal żjara tal-awditjar għandhom jiġġarrbu mill-Parti importatriċi sakemm il-Partijiet ma jiftehmux b'xi mod ieħor.

ARTIKOLU 6.9

Proċedura għall-elenkar tal-istabbilimenti jew tal-faċilitajiet

1. Meta jintalbu mill-Parti importatriċi, l-awtoritajiet kompetenti tal-Parti esportatriċi għandhom jiżguraw li l-listi ta' stabbilimenti u ta' faċilitajiet li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet tal-importazzjoni tal-Parti importatriċi jitfasslu, jinżammu aġġornati u jiġu kkomunikati lill-Parti importatriċi.

2. Il-Parti importatriċi tista' titlob lill-Parti esportatriċi tipprovdi informazzjoni li hi neċessarja biex tikkunsidra l-listi msemmija fil-paragrafu 1. Sakemm ma tkunx meħtieġa informazzjoni addizzjonali biex jiġu vverifikati l-entrati fil-listi, il-Parti importatriċi għandha tieħu l-miżuri neċessarji biex tawtorizza l-importazzjonijiet mill-istabbilimenti u mill-faċilitajiet elenkati mingħajr dewmien żejjed. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 6.13, dawn il-miżuri m'għandhomx jinkludu spezzjoni minn qabel sakemm it-tali spezzjoni ma tkunx meħtieġa mil-liġijiet u mir-regolamenti ta' kull Parti jew il-Partijiet ma jkunux ftiehmu xi mod ieħor.

3. Il-Parti importatriċi tista’ tagħmel awditi f’konformità mal-Artikolu 6.8.

4. Il-Parti importatriċi għandha tgaħmel il-listi msemmija fil-paragrafu 1 għad-dispożizzjoni pubblikament kif xieraq.

5. Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar l-intenzjoni tagħha li tintroduċi liġijiet u regolamenti ġodda fi ħdan il-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan l-Artikolu u tippermetti lill-Parti l-oħra tipprovdi kummenti dwarhom.

ARTIKOLU 6.10

Adattament għall-kundizzjonijiet reġjonali

1. Fir-rigward tal-annimali, tal-prodotti mill-annimali u tal-prodotti sekondarji mill-annimali, il-Partijiet jagħrfu l-kunċett ta’ żona u ta’ kompartiment speċifikati fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-OIE u fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Akkwatiċi tal-OIE.

2. Meta tistabbilixxi jew iżżomm kundizzjonijiet sanitarji tal-importazzjoni fuq it-talba tal-Parti esportatriċi, il-Parti importatriċi għandha tirrikonoxxi ż-żoni jew il-kompartimenti stabbiliti mill-Parti esportatriċi bħala bażi għal kunsiderazzjoni favur id-determinazzjoni ta’ awtorizzazzjoni jew ta’ żamma tal-importazzjoni.

3. Il-Parti esportatriċi għandha tidentifika ż-żoni jew il-kompartimenti tagħha msemmija fil-paragrafu 2 u, fuq talba tal-Parti importatriċi, tipprovdi spjegazzjoni sħiħa u data ta' sostenn fuq il-bażi tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-OIE jew tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Akkwatiċi tal-OIE, jew b'modi oħra li jitqiesu xierqa mill-Partijiet fuq il-bażi tal-għarfien miksub permezz tal-esperjenza tal-awtoritajiet kompetenti tal-Parti esportatriċi.

4. Kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri u l-obbligi stabbiliti bil-paragrafi 2 u 3 jitwettqu mingħajr dewmien żejjed.

5. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, il-Partijiet għandhom, permezz tal-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji, jiskambjaw informazzjoni dwar mezz biex tistabbilixxi u żżomm rikonoxximent reċiproku ta' stat ta' saħħa, fuq il-bażi tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-OIE u r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-OIE.

6. Kull Parti tista' tistabbilixxi ż-żoni jew il-kompartimenti msemmija fil-paragrafu 2 għal mard mhux kopert mill-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-OIE jew mill-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Akkwatiċi tal-OIE u taqbel mal-Parti l-oħra biex japplikaw it-tali żoni jew kompartimenti fil-kummerċ bejn il-Partijiet.

7. Fir-rigward tal-pjanti u tal-prodotti mill-pjanti, il-Partijiet jirrikonoxxu l-kunċetti ta' żoni ħielsa mill-pesti, ta' postijiet tal-produzzjoni ħielsa mill-pesti, ta' siti tal-produzzjoni ħielsa mill-pesti u ta' żoni bi prevalenza baxxa ta' pesti speċifikati fl-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji taħt l-IPPC, kif ukoll il-kunċett ta' żoni protetti li l-Partijiet jaqblu li japplikaw fil-kummerċ bejniethom.

8. Meta tistabbilixxi jew iżżomm kundizzjonijiet fitosanitarji tal-importazzjoni fuq talba tal-Parti esportatriċi, il-Parti importatriċi għandha tirrikonoxxi ż-żoni ħielsa mill-pesti, il-postijiet tal-produzzjoni ħielsa mill-pesti, is-siti ta' produzzjoni ħielsa mill-pesti, iż-żoni bi prevalenza baxxa ta' pesti u ż-żoni protetti stabbiliti mill-Parti esportatriċi bħala bażi għall-kunsiderazzjoni rigward id-determinazzjoni biex tiġi awtorizzata jew miżmuma l-importazzjoni.

9. Il-Parti esportatriċi għandha tidentifika ż-żoni ħielsa mill-pesti, il-postijiet tal-produzzjoni ħielsa mill-pesti, is-siti ta' produzzjoni ħielsa mill-pesti u ż-żoni bi prevalenza baxxa ta' pesti jew iż-żoni protetti. Jekk tintalab mill-Parti importatriċi, il-Parti esportatriċi għandha tipprovdi spjegazzjoni sħiħa u data ta' sostenn ibbażata fuq l-Istandards Internazzjonali rilevanti għall-Miżuri Fitosanitarji żviluppati taħt l-IPPC, jew b'modi oħra kif meqjusa xierqa mill-Partijiet, fuq il-bażi tal-għarfien miksub permezz tal-esperjenza tal-awtoritajiet fitosanitarji rilevanti tal-Parti esportatriċi.

10. Fl-implimentazzjoni tal-paragrafi 7 sa 9, jistgħu jsiru konsultazzjonijiet tekniċi u awditi. Il-konsultazzjonijiet tekniċi għandhom iseħħu f'konformità mal-Artikolu 6.12. L-awditi għandhom jitwettqu f'konformità mal-Artikolu 6.8, b'kunsiderazzjoni tal-bijoloġija tal-pest u tal-komodità kkonċernata.

11. Kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri u l-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 8 sa 10 jitwettqu mingħajr dewmien żejjed.

12. Kull meta jiġi identifikat pest ta' kwarantina f'żona protetta, il-Parti esportatriċi għandha tinnotifika minnufih lill-Parti importatriċi u, fuq talba tal-Parti importatriċi, tissospendi l-esportazzjoni rilevanti minnfuih. Il-Parti esportatriċi tista' tkompli bl-esportazzjoni dment li l-Parti importatriċi tiġi ssodisfata bl-aċċertamenti pprovduti mill-Parti esportatriċi.

ARTIKOLU 6.11

Trasparenza u skambju ta' informazzjoni

1. F'konformità mal-Artikolu 7 tal-Ftehim SPS u mal-Annessi B u C għall-Ftehim SPS, kull Parti għandha:

(a) tiżgura trasparenza fir-rigward:

(i) tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji, li jinkludu l-kundizzjonijiet tal-importazzjoni; u

(ii) tal-proċeduri ta' kontroll, ta' spezzjoni u ta' approvazzjoni, li jinkludu dettalji sħaħ dwar il-passi amministrattivi mandatorji, il-kronoloġiji mistennija u l-awtoritajiet inkarigati mir-riċevuta tal-applikazzjonijiet tal-importazzjoni u mill-proċessati ta' dawn;

(b) ittejjeb il-fehim reċiproku tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji ta' kull Parti u l-applikazzjoni tagħhom; u

(c) fuq talba raġonevoli tal-Parti l-oħra u mill-aktar fis possibbli, tipprovdi informazzjoni dwar il-miżuri sanitarji u fitosanitarji tagħha u l-applikazzjoni ta' dawn, inklużi:

(i) il-kundizzjonijiet tal-importazzjoni li japplikaw għall-importazzjoni ta' prodotti speċifiċi;

(ii) l-istat tal-progress tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti speċifiċi;

(iii) il-frekwenza tal-verifiki tal-importazzjonijiet imwettqa fuq prodotti mill-Parti l-oħra; u

(iv) materji relatati mal-iżvilupp u mal-applikazzjoni tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji tagħha, inkluż il-progress li jikkonċerna evidenza xjentifika disponibbli ġdida, li jaffettwaw jew li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet bl-għan li jiġu mminimizzati l-effetti negattivi tagħhom.

2. Meta l-informazzjoni msemmija fis-subparagrafi 1(a) u (c) tkun tqiegħdet għad-dispożizzjoni b'notifika ta' Parti skont il-Ftehim SPS, jew meta t-tali informazzjoni tkun tqiegħed għa-dispożizzjoni fuq sit web uffiċjali, pubblikament aċċessibbli u b'xejn ta' dik il-Parti, l-informazzjoni msemmija fis-subparagrafi 1(a) u (c) għandha titqies li ġiet ipprovduta.

ARTIKOLU 6.12

Konsultazzjonijiet tekniċi

1. Meta Parti jkollha tħassib sinifikanti rigward il-ħajja jew is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, jew rigward miżuri proposti jew implimentati mill-Parti l-oħra, dik il-Parti tista' titlob konsultazzjonijiet tekniċi.

2. Il-Parti l-oħra għandha twieġeb għat-tali talba mingħajr dewmien żejjed u għandha tidħol f'konsultazzjonijiet tekniċi biex tindirizza dak it-tħassib.

3. Kull Parti għandha tieħu impenn li tipprovdi l-informazzjoni neċessarja biex tevita tfixkil fil-kummerċ jew biex tintlaħaq soluzzjoni aċċettabbli b'mod reċiproku.

4. Meta l-Partijiet diġà jkunu stabbilixxew mekkaniżmi oħra li mhumiex dawk imsemmija f'dan l-Artikolu biex jindirizzaw it-tħassib, dawn għandhom jużawhom kemm jista' jkun biex jevitaw xogħol doppju għalxejn.

5. Kull Parti għandha tfittex li ssolvi kwalunkwe tħassib fir-rigward tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji tal-Parti l-oħra msemmija fil-paragrafu 1 permezz ta' konsultazzjonijiet tekniċi skont dan l-Artikolu qabel ma tiftaħ proċedimenti ta' soluzzjoni tat-tilwim skont dan il-Ftehim.

6. Kull Parti tista' tittermina l-konsultazzjonijiet tekniċi billi tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub fi kwalunkwe waqt mhux anqas minn 90 jum wara d-data tar-riċevuta tat-tweġiba mill-Parti l-oħra msemmija fil-paragrafu 2, jew fi kwalunkwe perjodu ta' żmien ieħor kif miftiehem mill-Partijiet.

ARTIKOLU 6.13

Miżuri ta' emerġenża

1. Parti tista' tadotta miżuri ta' emerġenza li huma neċessarji għall-protezzjoni tal-ħajja jew tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti. Meta tadotta miżuri ta' emerġenza bħal dawn, l-awtorità kompetenti ta' dik il-Parti għandha:

(a) tinnotifika minnufih lill-awtoritajiet kompetneti tal-Parti l-oħra dwar it-tali miżuri ta' emerġenza;

(b) tippermetti lill-Parti l-oħra tissottometti kummenti bil-miktub;

(c) tidħol, jekk neċessarji, f'konsultazzjonijiet tekniċi kif imsemmija fl-Artikolu 6.12; u

(d) tqis il-kummenti msemmija fis-subparagrafu (b) u r-riżultati tal-konsultazzjonijiet tekniċi msemmija fis-subparagrafu (c).

2. Biex jiġi evitat xkiel għalxejn fil-kummerċ, il-Parti importatriċi għandha tikkunsidra l-informazzjoni pprovduta b'mod tempestiv mill-Parti esportatriċi meta tieħu deċiżjonijiet fir-rigward ta' kunsinni li, fi żmien l-adozzjoni tal-miżuri ta' emerġenza, ikunu qed jiġu ttrasportati bejn il-Partijiet.

3. Il-Parti importatriċi għandha tiżgura li kwalunkwe miżura ta' emerġenza msemmija fil-paragrafu 1 ma tinżammx mingħajr evidenza xjentifika. F'każijiet li fihom l-evidenza xjentifika ma tkunx biżżejjed, il-Parti importatriċi tista' tadotta b'mod proviżorju miżuri ta' emerġenza fuq il-bażi tal-informazzjoni pertinenti disponibbli, li tinkludi dik mingħand l-organizzazzjoni internazzjonali rilevanti. Il-Parti importatriċi għandha tirrieżamina l-miżura ta' emerġenza bl-għan li timminimizza l-effett negattiv tagħha fuq il-kummerċ billi jew tħassar dik il-miżura jew tissostitwixxiha b'miżura permanenti.

ARTIKOLU 6.14

Ekwivalenza

1. Il-Parti importatriċi għandha taċċetta l-miżuri sanitarji u fitosanitarji tal-Parti esportatriċi bħala ekwivalenti jekk il-Parti esportatriċi turi b'mod oġġettiv lill-Parti importatriċi li l-miżura tagħha tilħaq il-livell xieraq ta' protezzjoni tal-Parti importatriċi. Għal dak l-għan, għandu jingħata aċċess raġonevoli, fuq talba, lill-Parti importatriċi għal spezzjoni, għall-ittestjar u għal proċeduri rilevanti oħra.

2. Il-Partijiet, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, għandhom jidħlu f'konsultazzjonijiet bl-għan li jiftiehmu fuq arranġamenti li jiddeterminaw l-ekwivalenza tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji speċifikati.

3. Fid-determinazzjoni tal-ekwivalenza tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji, il-Partijiet għandhom iqisu l-gwida rilevanti tal-Kumitat tad-WTO dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji, b'mod partikolari tad-Deċiżjoni tiegħu dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 4 tal-Ftehim dwar l-Applikazzjoni ta' Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji[1] u l-istandards internazzjonali, il-linji ta' gwida u r-rakkomandazzjonijiet tal-Codex Alimentarius, l-OIE jew IPPC.

4. Meta tiġi ddeterminata l-ekwivalenza, il-Partijiet jistgħu jaqblu dwar kundizzjonijiet alternattivi tal-importazzjoni u ċertifikati ssimplifikati, filwaqt li jqisu standards internazzjonali, linji gwida jew rakkomandazzjonijiet tal-Codex Alimentarius, tal-OIE jew tal-IPPC.

ARTIKOLU 6.15

Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji

1. Il-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji stabbilit skont l-Artikolu 22.3 għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni effettiva u t-tħaddim ta' dan il-Kapitolu.

[1] Dokument tad-WTO G/SPS/19/Rev.2, datat it-23 ta' Lulju 2004.

2. L-objettivi tal-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji huma li:

(a) isaħħaħ l-implimentazzjoni ta’ dan il-Kapitolu minn kull Parti;

(b) jikkunsidra materji sanitarji u fitosanitarji ta’ interess reċiproku; u

(c) isaħħaħ il-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni f’materji sanitarji u fitosanitarji ta’ interess reċiproku.

3. Il-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji:

(a) għandu jipprovdi forum biex jittejjeb il-fehim tal-Partijiet dwar il-materji sanitarji u fitosanitarji li huma relatati mal-implimentazzjoni tal-Ftehim SPS;

(b) għandu jipprovdi forum biex jissaħħaħ il-fehim reċiproku tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji ta’ kull Parti u l-proċessi regolatorji relatati ma’ dawn;

(c) għandu jissorvelja, jirrieżamina u jiskambja informazzjoni dwar l-implimentazzjoni u t-tħaddim ta’ dan il-Kapitolu;

(d) għandu jservi bħala forum fejn jiġi indirizzat it-tħassib imsemmi fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 6.12 bl-għan li jintlaħqu soluzzjonijiet aċċettabbli b'mod reċiproku dment li l-Partijiet l-ewwel ikunu ppruvaw jindirizzawhom permezz tal-konsultazzjonijiet tekniċi skont l-Artikolu 6.12 u suġġetti oħra miftiehma mill-Partijiet;

(e) għandu jiddetermina l-mezzi xierqa, li jistgħu jinkludu gruppi ta' ħidma *ad hoc*, biex iwettaq kompiti speċifiċi relatati mal-funzjonijiet tal-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji;

(f) jista' jidentifika u jikkunsidra proġetti ta' kooperazzjoni teknika bejn il-Partijiet b'rabta mal-iżvilupp, mal-implimentazzjoni, u mal-applikazzjoni tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji; u

(g) jista' jikkonsulta fuq materji u pożizzjonijiet għal-laqgħat tal-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji tad-WTO u għal-laqgħat organizzati taħt l-awspiċji tal-Codex Alimentarius, tal-OIE u tal-IPPC.

4. Il-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji għandu jkun imsawwar minn rappreżentanti tal-Partijiet li huma inkarigati mill-miżuri sanitarji u fitosanitarji bl-għarfien espert rilevanti.

5. Il-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu u jista' jirrevedi dawk ir-regoli skont il-bżonn.

6. Il-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji għandu jorganizza l-ewwel laqgħa fi żmien sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 6.16

Soluzzjoni tat-tilwim

1. L-Artikolu 6.6, subparagrafi 4(b) sa (d) tal-Artikolu 6.7 u l-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 6.14 m'għandhomx ikunu soġġetti għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-Kapitolu 21.

2. F'tilwima skont dan il-Kapitolu li tinvolvi kwistjonijiet xjentifiċi jew tekniċi, sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux mod ieħor, bord għandu jfittex il-pariri ta' esperti magħżula mill-bord f'konsultazzjoni mal-Partijiet. Għal dan l-għan, il-bord għandu fuq talba ta' Parti jistabbilixxi grupp tekniku konsultattiv ta' esperti jew jikkonsulta mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti.

KAPITOLU 7

OSTAKLI TEKNIĊI GĦALL-KUMMERĊ

ARTIKOLU 7.1

Objettivi

L-objettivi ta' dan il-Kapitolu huma li jiffaċilita u jżid il-kummerċ f'merkanzija bejn il-Partijiet billi:

(a) jiżgura li r-regolamenti tekniċi, l-istandards u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità ma joħolqux ostakli żejda għall-kummerċ;

(b) isaħħaħ il-kooperazzjoni konġunta bejn il-Partijiet, inkluż fl-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar l-OTK; u

(c) ifittex modi adattati kif inaqqas l-effetti negattivi żejda fuq il-kummerċ minn miżuri fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 7.2

Kamp ta’ applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għall-preparazzjoni, għall-adozzjoni u għall-applikazzjoni ta’ regolamenti, ta’ standards tekniċi u ta’ proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità tal-korpi tal-gvern ċentrali, kif definit fil-Ftehim dwar l-OTK, li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ f’merkanzija bejn il-Partijiet.

2. Kull Parti għandha tieħu tali miżuri raġonevoli li jkunu disponibbli għaliha biex tħeġġeġ ir-rispett tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 7.5 sa 7.11 mill-korpi tal-gvern lokali fi ħdan it-territorju tagħha fil-livell li jiġi direttament taħt dak tal-gvern ċentrali, li huma responsabbli għall-preparazzjoni, għall-adozzjoni u għall-applikazzjoni tar-regolamenti tekniċi, tal-istandards u tal-proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità.

3. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal:

(a) speċifikazzjonijiet għax-xiri mħejjija minn korp governattiv għar-rekwiżiti ta’ produzzjoni jew ta’ konsum tiegħu; jew

(b) miżuri sanitarji u fitosanitarji kif definiti fl-Anness A għall-Ftehim SPS.

&/mt 158

ARTIKOLU 7.3

Inkorporazzjoni ta’ ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar l-OTK

1. Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim dwar l-OTK.

2. L-Artikoli 2 sa 9 tal-Ftehim dwar l-OTK u l-Annessi 1 u 3 għall-Ftehim dwar l-OTK huma inkorporati f’dan il-Ftehim u saru parti minnu, *mutatis mutandis*.

3. Meta tqum tilwima rigward miżura partikolari ta’ Parti li l-Parti l-oħra tallega li qed tikser b’mod esklużiv id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar l-OTK imsemmija fil-paragrafu 2, dik il-Parti l-oħra għandha, minkejja l-paragrafu 1 tal-Artikolu 21.27, tagħżel il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim taħt il-Ftehim tad-WTO.

ARTIKOLU 7.4

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ dan il-Kapitolu, għandhom japplikaw it-termini u d-definizzjonijiet tal-Anness 1 għall-Ftehim dwar l-OTK.

ARTIKOLU 7.5

Regolamenti tekniċi

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza ta' prattiki regolatorji tajbin fir-rigward tat-tħejjija, tal-adozzjoni u tal-applikazzjoni tar-regolamenti tekniċi, b'mod partikolari tax-xogħol imwettaq mill-Kumitat tad-WTO dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ fuq prattiki regolatorji tajba. F'dan il-kuntest, kull Parti tieħu impenn li:

(a) meta tiżviluppa regolament tekniku:

(i) tivvaluta, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha jew mal-linji gwida amministrattivi tagħha, l-alternattivi regolatorji jew mhux regolatorji disponibbli għar-regolament tekniku propost li jistgħu jissodisfaw l-objettiv leġittimu tagħha, biex jiġi żgurat li r-regolament tekniku ma jkunx jirrestrinġi l-kummerċ aktar milli hemm bżonn biex jiġi ssodisfat l-objettiv leġittimu tiegħu, f'konformità mal-paragrafu 2 tal-Artikolu 2 tal-Ftehim dwar l-OTK; xejn f'din id-dispożizzjoni m'għandu jaffettwa d-drittijiet ta' kull Parti biex tħejji, tadotta u tapplika miżuri mingħajr dewmien meta jinqalgħu jew ikun hemm theddida li jinqalgħu problemi urġenti li jinkludu s-sikurezza, is-saħħa, il-ħarsien tal-ambjent jew is-sigurtà nazzjonali;

(ii) tieħu impenn biex twettaq b'mod sistematiku valutazzjonijiet tal-impatt għal regolamenti tekniċi b'effett sinifikanti fuq il-kummerċ, li tinkludi valutazzjoni tal-impatt tagħhom fuq il-kummerċ; u

(iii) tispeċifika, kull fejn xieraq, regolamenti tekniċi bbażati fuq ir-rekwiżiti tal-prodott f'termini ta' prestazzjoni aktar milli ta' disinn jew ta' karatteristiċi deskrittivi; u

(b) tirrieżamina, mingħajr ħsara għall-paragrafu 3 tal-Artikolu 2 tal-Ftehim dwar l-OTK, ir-regolamenti tekniċi adottati f'intervalli xierqa, idealment ta' mhux aktar minn ħames snin, b'mod partikolari bl-għan li tiżdied il-konverġenza ta' dawn mal-istandards internazzjonali rilevanti. Meta twettaq dan ir-rieżami, kull Parti għandha tieħu f'kunsiderazzjoni, fost l-oħrajn, kwalunkwe żvilupp ġdid fl-istandards internazzjonali rilevanti u jekk għandhomx jeżistu ċ-ċirkustanzi li jwasslu għad-diverġenzi fir-regolamenti tekniċi ta' dik il-Parti minn kwalunkwe standard internazzjonali rilevanti. L-eżitu ta' dan ir-rieżami għandu jiġi kkomunikat u spjegat lill-Parti l-oħra fuq talba tagħha.

2. Meta Parti tqis li r-regolament tekniku tagħha u regolament tekniku tal-Parti l-oħra li għandu l-istess objettivi u kopertura ta' prodotti huma ekwivalenti, dik il-Parti tista' titlob bil-miktub, filwaqt li tipprovdi raġunijiet dettaljati, li l-Parti l-oħra tagħraf dawk ir-regolamenti tekniċi bħala ekwivalenti. Il-Parti rikjesta għandha tagħti kunsiderazzjoni pożittiva għall-aċċettazzjoni ta' dawk ir-regolamenti tekniċi bħala ekwivalenti, anki jekk ivarjaw, dment li tkun issodisfata li r-regolament tekniku tal-Parti rikjedenti tissodisfa b'mod adegwat l-objettivi tar-regolament tekniku tagħha stess. Jekk il-Parti rikjesta ma taċċettax regolament tekniku tal-Parti rikjedenti bħala ekwivalenti, il-Parti rikjesta għandha, fuq talba tal-Parti rikjedenti, tispjega r-raġunijiejt għad-deċiżjoni tagħha.

3. Fuq talba ta' Parti li jkollha interess fl-iżvilupp ta' regolament tekniku simili għal regolament tekniku tal-Parti l-oħra, il-parti rikjesta għandha, sa fejn ikun possibbli fil-prattika, tipprovdi lill-Parti rikjedenti l-informazzjoni rilevanti, li tinkludi studji jew dokumenti, apparti informazzjoni kunfidenzjali, li bbażat fuqha meta żviluppat ir-regolament tekniku tagħha.

4. Kull Parti għandha tapplika b'mod uniformi u konsistenti r-rekwiżiti relatati mat-tqegħid tal-prodotti fis-suq li huma stabbiliti f'regolamenti tekniċi applikabbli għat-territorju sħiħ tagħha. Jekk Parti jkollha raġunijiet sostanzjati biex temmen li kwalunkwe wieħed minn dawn ir-rekwiżiti mhuwiex applikat b'mod uniformi u konsistenti fit-territorju tal-Parti l-oħra, u li din is-sitwazzjoni twassal għal impatt sinifikanti fuq il-kummerċ bilaterali, dik il-Parti tista' tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar dawk ir-raġunijiet sostanzjati bl-għan li tiċċara l-kwistjoni, u, jekk xieraq, tindirizzaha b'mod puntwali permezz tal-punt ta' kuntatt imsemmi fl-Artikolu 7.14 jew permezz ta' korpi xierqa oħra mwaqqfa skont dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 7.6

Standards internazzjonali

1. Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu u fil-Ftehim TBT, standards maħruġa minn organizzazzjonijiet internazzjonali bħalma huma l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istandardizzazzjoni (ISO), il-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali (IEC), l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (ITU), il-Kummissjoni tal-Codex Alimentarius, l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO), il-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Vetturi (WP.29) fil-qafas tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE), fis-Sottokumitat ta' Esperti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sistema Globalment Armonizzata tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikkettar ta' Sustanzi Kimiċi (UNSCEGHS), u l-Kunsill Internazzjonali għall-Armonizzazzjoni ta' Rekwiżiti Tekniċi għal Farmaċewtiċi għall-Użu mill-Bniedem (ICH) għandhom jiġu kkunsidrati bħala standards internazzjonali rilevanti kif imsemmi f'dan il-Kapitolu, l-Artikoli 2 u 5 tal-Ftehim dwar l-OTK u tal-Anness 3 tal-Ftehim TBT, sakemm fl-iżvilupp tagħhom, il-prinċipji u l-proċeduri stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kumitat tad-WTO dwar Ostakoli Tekniċi għall-Kummerċ dwar Prinċipji għall-Iżvilupp ta' Standards Internazzjonali, Gwidi u Rakkomandazzjonijiet b'Rabta l-Artikoli 2 u 5 tal-Ftehim TBT u tal-Anness 3 tal-Ftehim TBT[1] ġew segwiti, ħlief meta dawn l-istandards jew partijiet rilevanti ma jkunux effettivi jew xierqa għat-twettiq tal-miri leġittimi segwiti.

[1] L-Anness 4 għad-Dokument tad-WTO G/TBT/9, datat it-13 ta' Novembru 2000.

2. Bl-għan li jarmonizzaw l-istandards bl-aktar mod mifrux possibbli, il-Partijiet għandhom iħeġġu lill-korpi reġjonali jew nazzjonali tal-istandardizzazzjoni li jinsabu fit-territorji tagħhom biex:

(a) jaqdu rwol sħiħ, fi ħdan il-limiti tar-riżorsi tagħhom, fit-tħejjija tal-istandards internazzjonali mill-korpi internazzjonali rilevanti tal-istandardizzazzjoni;

(b) jużaw standards internazzjonali bħala bażi għall-istandards li jiżviluppaw, ħlief meta t-tali standards internazzjonali jkunu ineffikaċi jew inadatti, pereżempju minħabba livell insuffiċjenti ta' protezzjoni jew fatturi fundamentali jew ġeografiċi jew problemi teknoloġiċi fundamentali;

(c) jevitaw milli jagħmlu l-istess xogħol, jew jidħlu fi trikkib fuq ix-xogħol tal-korpi internazzjonali tal-istandardizzazzjoni; u

(d) jirrieżaminaw l-istandards tagħhom li mhumiex ibbażati fuq standards internazzjonali rilevanti f'intervalli xierqa, idealment li ma jaqbżux il-ħames snin, bl-għan li jżidu l-konverġenza tagħhom ma' standards internazzjonali rilevanti.

3. Meta jiżviluppaw regolamenti tekniċi jew proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità:

(a) kull Parti għandha tuża standards internazzjonali, gwidi jew rakkomandazzjonijiet rilevant, jew il-partijiet rilevanti minnhom, sa fejn stabbilit fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 2 u fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-OTK, bħala bażi għar-regolamenti tekniċi u għall-proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità tagħha u tevita devjazzjonijiet mill-istandards internazzjonali rilevanti jew rekwiżiti addizzjonali meta mqabbla ma’ dawk l-istandards, ħlief meta l-Parti li tiżviluppa r-regolament tekniku jew il-proċedura ta’ valutazzjoni tal-konformità tkun tista’ turi, fuq il-bażi ta’ informazzjoni rilevanti, li tinkludi evidenza xjentifika jew teknika disponibbli, li t-tali standards ikunu ineffikaċi jew inadatti għall-ilħuq tal-objettivi leġittimi fil-mira, kif imsemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 2 u fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-OTK; u

(b) jekk Parti ma tużax l-istandards internazzjonali, il-gwidi jew ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti, jew il-partijiet rilevanti għalihom, kif imsemmija fil-paragrafu 1, bħala bażi għar-regolamenti tekniċi jew għall-proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità tagħha, dik il-Parti għandha, fuq talba tal-Parti l-oħra, tispjega r-raġunijiet għaliex hi tqis li t-tali standards internazzjonali huma ineffikaċi jew inadatti għall-ilħuq tal-objettivi leġittimi fil-mira, kif imsemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 2 u fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-OTK, u tipprovdi l-informazzjoni rilevanti, li tinkludi evidenza xjentifika jew teknika li fuqha hi bbażata din il-valutazzjoni, kif ukoll tidentifika l-partijiet tar-regolament tekniku jew tal-proċedura ta’ valutazzjoni tal-konformità kkonċernati li fis-sustanza tagħhom jiddevjaw mill-istandards internazzjonali, mill-gwidi jew mir-rakkomandazzjonijiet rilevanti.

4. Kull Parti għandha tħeġġeġ lill-korpi reġjonali jew nazzjonali tal-istandardizzazzjoni tagħha fi ħdan it-territorju tagħha biex jikkooperaw mal-korpi tal-istandardizzazzjoni rilevanti tal-Parti l-oħra f'attivitajiet internazzjonali ta' standardizzazzjoni. It-tali kooperazzjoni tista' ssir f'korpi internazzjonali tal-istandardizzazzjoni li fihom huma membri ż-żewġ Partijiet jew il-korpi tal-istandardizzazzjoni taż-żewġ Partijiet. It-tali kooperazzjoni bilaterali tista' timmira, fost l-oħrajn, biex ittejjeb l-iżvilupp ta' standards internazzjonali, tiffaċilita l-iżvilupp ta' standards komuni għaż-żewġ Partijiet f'oqsma ta' interess komuni fejn ma hemm ebda standard internazzjonali, b'mod partikolari rigward prodotti jew teknoloġiji ġodda, jew tkompli ssaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-korpi tal-istandardizzazzjoni tal-Partijiet.

ARTIKOLU 7.7

Standards

1. Il-Partijiet jaffermaw l-obbligi tagħhom skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 4 tal-Ftehim dwar l-OTK biex jiżguraw li l-korpi reġjonali jew nazzjonali tal-istandardizzazzjoni fi ħdan it-territorji tagħhom jaċċettaw u jikkonformaw mal-Kodiċi ta' Prattika Tajba għat-Tħejjija, għall-Adozzjoni u għall-Applikazzjoni tal-Istandards fl-Anness 3 għall-Ftehim dwar l-OTK.

2. Il-Partijiet ifakkru li, skont id-definizzjoni ta' standard fl-Anness 1 għall-Ftehim dwar l-OTK, il-konformità mal-istandards mhix obbligatorja. Meta l-konformità ma' standard tkun meħtieġa f'Parti permezz tal-inkorporazzjoni tal-istandard, jew permezz ta' referenza għal standard, f'regolament tekniku jew fi proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità, il-Parti, meta tiżviluppa l-abbozz tar-regolament tekniku jew tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità, għandha tikkonforma mal-obbligi ta' trasparenza stabbiliti fil-paragrafu 9 tal-Artikolu 2 jew fil-paragrafu 6 tal-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-OTK, u fl-Artikolu 7.9.

3. Kull Parti għandha tħeġġeġ, soġġetta għal-liġijiet u għar-regolamenti tagħha, il-korpi reġjonali jew nazzjonali tal-istandardizzazzjoni tagħha biex jiżguraw il-parteċipazzjoni adegwata tal-persuni interessati fi ħdan it-territorju ta' dik il-Parti fil-proċess tal-iżvilupp tal-istandards u biex jippermettu lin-nies tal-Parti l-oħra jieħdu sehem fil-proċeduri ta' konsultazzjoni, li huma disponibbli għall-pubbliku ġenerali, b'termini li ma jkunux anqas favorevoli minn dawk mogħtija lill-persuni tagħhom stess.

4. Il-Partijiet jintrabtu li jiskambjaw informazzjoni dwar:

(a) l-użu minn kull Parti tal-istandards b'appoġġ tal-wiri jew tal-faċilitazzjoni tal-konformità mar-regolamenti tekniċi;

(b) il-proċessi ta' ffissar ta' standards tagħhom, b'mod partikolari l-mod li bih u kemm l-istandards internazzjonali jew reġjonali jintużaw bħala bażi għall-istandards reġjonali jew nazzjonali tagħhom; u

(c) ftehimiet jew arranġamenti ta’ kooperazzjoni dwar l-istandardizzazzjoni ma’ partijiet terzi jew ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali.

ARTIKOLU 7.8

Proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità

1. Fir-rigward tat-tħejjija, tal-adozzjoni u tal-applikazzjoni tar-regolamenti tekniċi, is-subparagrafi 1(a)(i), 1(a)(ii) u 1(b) tal-Artikolu 7.5 japplikaw ukoll, *mutatis mutandis*, għall-proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità.

2. F’konformità mal-paragrafu 1.2 tal-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-OTK, kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità ma jkunux aktar stretti jew li ma jiġux applikati b’mod aktar strett milli neċessarju biex jagħtu lill-Parti importatriċi kunfidenza adegwata li l-prodotti jikkonformaw mar-regolamenti tekniċi jew mal-istandards applikabbli, filwaqt li jqisu r-riskji assoċjati mal-prodotti, li jinkludu r-riskji li jkun joħloq in-nuqqas ta’ konformità.

3. Il-Partijiet jagħrfu li teżisti firxa wiesgħa ta' mekkaniżmi biex jiffaċilitaw l-aċċettazzjoni tar-riżultati tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità. Tali mekkaniżmi jistgħu jinkludu:

(a) ftehimiet ta' rikonoxximent reċiproku għar-riżultati tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità fir-rigward ta' regolamenti tekniċi speċifiċi li jitwettqu minn korpi li jinsabu fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(b) arranġamenti kooperattivi u volontarji bejn korpi ta' valutazzjoni tal-konformità li jinsabu fit-territorji tal-Partijiet;

(c) ftehimiet jew arranġamenti ta' rikonoxximent plurilaterali jew multilaterali li fihom iż-żewġ Partijiet huma parteċipanti;

(d) l-użu tal-akkreditazzjoni biex jiġu kkwalifikati korpi ta' valutazzjoni tal-konformità;

(e) dežinjazzjoni governattiva tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità, li jinkludu korpi li jinsabu ta' valutazzjoni tal-konformità li jinsabu fil-Parti l-oħra;

(f) rikonoxximent, min-naħa ta' Parti, tar-riżultati tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità mwettqa fit-territorju tal-Parti l-oħra; u

(g) id-dikjarazzjoni tal-konformità tal-manifattur jew tal-fornitur.

4. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw informazzjoni rigward il-mekkaniżmi koperti mill-paragrafu 3.
Fuq talba tal-Parti l-oħra, Parti għandha tipprovdi informazzjoni dwar:

(a) il-mekkaniżmi msemmija fil-paragrafu 3 u mekkaniżmi simili bl-għan li tiġi ffaċilitata l-aċċettazzjoni tar-riżultati tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità;

(b) fatturi, li jinkludu l-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju, ikkunsidrati meta jintgħażlu l-proċeduri xierqa ta' valutazzjoni tal-konformità għal prodotti speċifiċi; u

(c) il-politika ta' akkreditament, inkluż dwar l-istandards internazzjonali għall-akkreditament, ftehimiet u arranġamenti internazzjonali fil-qasam tal-akkreditament, inklużi dawk tal-Kooperazzjoni Internazzjonali għall-Akkreditament tal-Laboratorji (ILAC) u l-Forum Internazzjonali għall-Akkreditament (IAF), sa fejn possibbli u użati minn Parti f'qasam speċifiku.

5. Fir-rigward ta' dawk il-mekkaniżmi, kull Parti għandha:

(a) tuża, kull fejn possibbli u f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha, dikjarazzjoni tal-konformità ta' fornitur bħala garanzija tal-konformità mar-regolamenti tekniċi applikabbli;

(b) tuża akkreditament bl-awtorità miksuba mill-gvern jew imwettaq mill-gvern, kif xieraq, bħala mezz biex tintwera kompetenza teknika għall-kwalifika tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità;

(c) jekk l-akkreditament hu stabbilit bil-liġi bħala pass separat neċessarju għall-kwalifika tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità, tiżgura li l-attivitajiet ta' akkreditament ikunu indipendenti mill-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità u li ma hemm ebda kunflitt ta' interess bejn il-korpi ta' akkreditament u l-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità li jakkreditaw; il-partijiet jistgħu jikkonformaw ma' dan l-obbligu permezz tas-separazzjoni ta' korpi tal-evalwazzjoni tal-konformità minn korpi ta' akkreditazzjoni[1];

(d) tikkunsidra tissieħeb jew, kif applikabbli, ma tipprojbixxix lil korpi ta' ttestjar, ta' spezzjoni u ta' ċertifikazzjoni milli jissieħbu, fi ftehimiet jew f'arranġamenti internazzjonali għall-faċilitazzjoni tal-aċċettazzjoni tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-konformità; u

(e) jekk żewġ korpi ta' valutazzjoni tal-konformità jew aktar jiġu awtorizzati minn Parti biex iwettqu l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità meħtieġa għat-tqegħid ta' prodott fis-suq, ma tipprojbixxix lill-operaturi ekonomiċi milli jagħżlu minn fost il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità.

[1] Is-subparagrafu (c) ma japplikax għall-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità mwettqa minn Parti nfisha meta dik il-Parti żżomm l-awtorità finali ta' teħid ta' deċiżjonijiet rigward il-konformità ta' prodott.

6. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fil-asam tar-rikonoxximent reċiproku f'konformità mal-Ftehim dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku bejn il-Komunità Ewropea u l-Ġappun, magħmul fi Brussell fl-4 ta' April 2001. Il-Partijiet jistgħu jiddeċiedu wkoll, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dak il-Ftehim, li jestendu l-kopertura fir-rigward tal-prodotti, tar-rekwiżiti regolatorji applikabbli u tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità rikonoxxuti.

ARTIKOLU 7.9

Trasparenza

1. Meta tiżviluppa regolament tekniku jew proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li jista' jkollhom effett sinifikanti fuq il-kummerċ, kull Parti għandha:

(a) twettaq proċeduri ta' konsultazzjoni, soġġetta għal-liġijiet u għar-regolamenti tagħha, li huma disponibbli għall-pubbliku ġenerali u tagħmel ir-riżultati tat-tali proċeduri ta' konsultazzjoni u ta' kwalunkwe valutazzjoni tal-impatt pubblikament disponibbli;

(b) tippermetti lill-persuni tal-Parti l-oħra jieħdu sehem fil-proċeduri ta' konsultazzjoni li huma disponibbli għall-pubbliku ġenerali b'termini li ma jkunux anqas favorevoli minn dawk mogħtija lill-persuni tagħha stess;

(c) tieħu f'kunsiderazzjoni l-fehmiet tal-Parti l-oħra meta twettaq il-proċeduri ta' konsultazzjoni li huma disponibbli għall-pubbliku ġenerali u, fuq talba tal-Parti l-oħra, tipprovdi tweġibiet bil-miktub b'mod puntwali għall-kummenti magħmula minn dik il-Parti;

(d) minbarra s-subparagrafu 1(a)(ii) tal-Artikolu 7.5, tagħmel disponibbli pubblikament ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-impatt fuq regolament tekniku jew proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità proposti, jekk imwettaq, inkluż tal-impatt fuq il-kummerċ; u

(e) tieħu impenn li tipprovdi, fuq talba tal-Parti l-oħra, sommarju bl-Ingliż tal-valutazzjoni tal-impatt imsemmija fis-subparagrafu (d).

2. Kull Parti, meta tagħmel notifiki f'konformità mal-paragrafu 9.2 tal-Artikolu 2 jew mal-paragrafu 6.2 tal-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-OTK, għandha:

(a) tħalli fil-prinċipju tal-anqas 60 jum mid-data tan-notifika għall-Parti l-oħra biex tipprovdi kummenti bil-miktub dwar il-proposta, ħlief meta jinqalgħu jew ikun hemm theddida li se jinqalgħu problemi urġenti ta' sikurezza, ta' saħħa, ta' ħarsien tal-ambjent jew ta' sigurtà nazzjonali u, fejn ikun prattikabbli, tagħti kunsiderazzjoni xierqa għal talbiet raġonevoli biex jiġi estiż il-perjodu li fih jistgħu jsiru kummenti;

(b) tipprovdi l-verżjoni elettronika tat-test notifikat sħiħ flimkien man-notifika;

(c) tipprovdi, f'każ li t-test notifikat mhuwiex f'waħda mil-lingwi uffiċjali tad-WTO, deskrizzjoni dettaljata u komprensiva tal-kontenut tal-miżura fil-format tan-notifika, kif ukoll, jekk disponibbli minnufih, traduzzjoni tat-test notifikat f'waħda mil-lingwi uffiċjali tad-WTO;

(d) twieġeb bil-miktub għal kummenti bil-miktub riċevuti mingħand il-Parti l-oħra dwar il-proposta, mhux aktar tard mid-data tal-pubblikazzjoni tar-regolament tekniku jew tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità finali;

(e) tipprovdi l-informazzjoni dwar it-test finali adottat permezz ta' addendum għan-notifika oriġinali;

(f) tippermetti intervall raġonevoli[1] bejn il-pubblikazzjoni tar-regolamenti tekniċi u d-dħul fis-seħħ tagħhom għall-operaturi ekonomiċi tal-Parti l-oħra sabiex jadattaw; u

[1] Għall-finijiet ta' dan is-subparagrafu, "intervall raġonevoli" normalment tfisser perjodu ta' mhux anqas minn sitt xhur, sakemm dan ma jkunx ineffikaċi għall-ilħuq tal-objettivi leġittimi fil-mira.

(g) tiżgura li l-punti ta' kuntatt imwaqqfa skont l-Artikolu 10 tal-Ftehim dwar l-OTK jipprovdu informazzjoni u tweġibiet f'waħda mil-lingwi uffiċjali tad-WTO għal domandi raġonevoli mill-Parti l-oħra jew mingħand persuni interessati tal-Parti l-oħra dwar regolamenti tekniċi u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità adottati.

3. Kull Parti għandha, fuq talba tal-Parti l-oħra, tipprovdi informazzjoni rigward l-objettivi ta' regolament tekniku jew ta' proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità, u l-ħsieb wara dawn, li l-Parti tkun adottat jew tkun qiegħda tipproponi li tadotta.

4. Kull Parti għandha tiżgura li r-regolamenti tekniċi u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità adottati kollha jkunu disponibbli pubblikament fuq siti web uffiċjal u, jekk diġà jkunu disponibbli, bl-Ingliż.

ARTIKOLU 7.10

Sorveljanza tas-suq

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "sorveljanza tas-suq" hi funzjoni tal-awtorità pubblika separata mill-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u mwettqa wara dawn, u tfisser attivitajiet imwettqa u miżuri meħuda mill-awtoritajiet pubbliċi fuq il-bażi tal-proċeduri ta' Parti biex dik il-Parti tkun tista' tissorvelja u tindirizza l-konformità tal-prodotti mar-rekwiżiti stabbiliti fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha.

2. Kull Parti għandha, fost l-oħrajn:

(a) tiskambja informazzjoni mal-Parti l-oħra dwar l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq u ta' infurzar, pereżempju fuq l-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza tas-suq u għall-infurzar, jew fuq miżuri meħuda kontra prodotti perikolużi;

(b) tiġi żgurata l-indipendenza tal-funzjonijiet tas-sorveljanza tas-suq minn funzjonijiet ta' valutazzjoni tal-konformità bil-ħsieb li jiġu evitati kunflitti ta' interess[1]; u

(c) tiżgura li ma jkun hemm ebda kunflitt ta' interess bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u l-persuni kkonċernati, soġġetti għall-kontroll jew għas-superviżjoni, li jinkludu l-manifattur, l-importatur u d-distributur.

[1] Għal ċertezza akbar, dan is-subparagrafu ma japplikax għal funzjonijiet ta' awtorizzazzjoni mwettqa minn Parti stess meta hi żżomm l-awtorità ta' teħid ta' deċiżjonijiet finali rigward il-konformità ta' prodott. Parti tista' tikkonforma ma' dan l-obbligu permezz ta' separazzjoni tal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq mill-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità.

ARTIKOLU 7.11

Markar u tikkettar

1. Il-Partijiet jinnotaw li regolament tekniku jista' jinkludi jew jindirizza b'mod esklużiv rekwiżiti ta' markar jew ta' tikkettar. Kif xieraq, jekk Parti tiżviluppa rekwiżiti ta' markar jew ta' tikkettar fil-forma ta' regolament tekniku, dik il-Parti għandha tiżgura li t-tali rekwiżiti ma jitħejjewx, ma jiġux adottati jew applikati bl-għan jew bl-effett li joħolqu ostakli żejda għall-kummerċ internazzjonali u mhumiex jimponux aktar restrizzjonijiet fuq il-kummerċ minn dawk li huma neċessarji biex jissodisfaw l-objettivi leġittimi kif imsemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 2 tal-Ftehim dwar l-OTK.

2. B'mod partikolari, il-Partijiet jaqblu li, jekk Parti tkun teħtieġ markar jew tikkettar ta' prodott fil-forma ta' regolament tekniku:

(a) l-informazzjoni meħtieġa għat-tali markar jew tikkettar tal-prodotti għandha tkun limitata għal dik li hi rilevanti għall-persuni kkonċernati, li jinkludu l-konsumaturi, l-utenti tal-prodott jew l-awtoritajiet, għall-indikazzjoni tal-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti regolatorji;

(b) Parti m'għandhiex teħtieġ approvazzjoni, reġistrazzjoni jew ċertifikazzjoni minn qabel tal-marki jew tat-tikketti tal-prodotti bħala prekundizzjoni għat-tqegħid fis-suq minnha ta' prodotti li, kieku, ikunu konformi mar-rekwiżiti tekniċi obbligatorji tagħha, sakemm din ma tkunx neċessarja biex tilħaq l-objettiv leġittimu tagħha;

(c) jekk dik il-Parti teħtieġ l-użu ta' numru uniku ta' identifikazzjoni għall-markar jew għat-tikkettar tal-prodotti, din għandha toħroġ it-tali numru lill-persuni kkonċernati, li jinkludu l-manifattur, l-importatur u d-distributur, mingħajr ebda dewmien żejjed u fuq bażi nondiskriminatorja;

(d) diment li ma tkunx qarrieqa, kontradittorja jew ambigwa, jew li l-objettivi leġittimi tal-Parti ma jinxteħtux f'periklu, il-Parti għandha tippermetti dawn li ġejjin b'rabta mal-informazzjoni meħtieġa fil-pajjiż destinatarju tal-prodotti:

(i) informazzjoni f'ilsna oħra minbarra l-ilsien rikjest fil-pajjiż tad-destinazzjoni tal-merkanzija;

(ii) nomenklaturi, pittogrammi, simboli jew grafiki internazzjonali; u

(iii) informazzjoni addizzjonali għal dik mitluba fil-pajjiż destinatarju tal-prodotti;

(e) il-Parti għandha taċċetta li t-tikkettar u l-korrezzjonijiet għat-tikkettar iseħħu f'deposti fil-punt tal-importazzjoni bħala alternattiva għat-tikkettar fil-Parti esportatriċi sakemm ma jkunx meħtieġ li tali tikkettar jitwettaq minn persuni approvati għar-raġunijiet ta' saħħa jew ta' sikurezza pubblika; u

(f) il-Parti, sakemm ma tqisx li l-objettivi leġittimi skont il-Ftehim dwar l-OTK jiġu kompromessi b'dan, għandha tieħu impenn li taċċetta tikketti mhux permanenti jew li jistgħu jinqalgħu, jew markar jew tikkettar fid-dokumentazzjoni li takkumpanja pjuttost milli mwaħħla fiżikament mal-prodott.

ARTIKOLU 7.12

Kooperazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom isaħħu l-kooperazzjoni ta' bejniethom fil-qasam tar-regolamenti tekniċi, tal-istandards u tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità bl-għan li jżidu l-fehim reċiproku tas-sistemi rispettivi tagħhom u jiffaċilitaw l-aċċess għas-swieq rispettivi tagħhom. Il-Partijiet jagħrfu li d-djalogi eżistenti dwar il-kooperazzjoni regolatorja huma mezz importanti biex tissaħħaħ it-tali kooperazzjoni.

2. Il-Partijiet għandhom ifittxu li jidentifikaw, jiżviluppaw u jippromwovu inizjattivi ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ ta' interess reċiproku.

3. L-inizjattivi msemmija fil-paragrafu 2 jistgħu jinkludu:

(a) it-titjib tal-kwalità u tal-effikaċja tar-regolamenti tekniċi, tal-istandards u tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rispettivi tagħhom, u l-promozzjoni ta' prattiki regolatorji tajbin permezz ta' kooperazzjoni regolatorja bejn il-Partijiet, li jinkludu l-iskambju ta' informazzjoni, ta' esperjenza u ta' data;

(b) fejn tkun xierqa, is-simplifikazzjoni tar-regolamenti tekniċi, tal-istandards u tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rispettivi tagħhom;

(c) iż-żieda tal-konverġenza tar-regolamenti tekniċi, tal-istandards u tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rispettivi mal-istandards internazzjonali, mal-gwidi jew mar-rakkomandazzjonijiet rilevanti;

(d) l-iżgurar ta' interazzjoni u ta' kooperazzjoni effiċjenti tal-awtoritajiet regolatorji rispettivi tagħhom f'livell internazzjonali, reġjonali jew nazzjonali;

(e) il-promozzjoni jew it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet fil-Partijiet inkarigati mill-istandardizzazzjoni, mill-akkreditament u mill-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità; u

(f) l-iskambju ta' informazzjoni, sa fejn possibbli, dwar ftehimiet u arranġamenti internazzjonali rigward ostakli tekniċi għall-kummerċ li għalihom hi Parti waħda mill-Partijiet jew it-tnejn li huma.

ARTIKOLU 7.13

Kumitat dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ

1. Il-Kumitat dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ imwaqqaf skont l-Artikolu 22.3 għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni u għat-tħaddim effettivi ta' dan il-Kapitolu.

2. Il-Kumitat dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ għandu jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) jirrieżamina l-implimentazzjoni u t-tħaddim ta' dan il-Kapitolu;

(b) jirrieżamina l-kooperazzjoni fl-iżvilupp u fit-titjib tar-regolamenti tekniċi, tal-istandards u tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità kif stabbiliti fl-Artikolu 7.12;

(c) jirrieżamina dan il-Kapitolu fid-dawl ta' kwalunkwe żvilupp taħt il-Kumitat tad-WTO dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ imwaqqaf skont l-Artikolu 13 tal-Ftehim dwar l-OTK, u, jekk neċessarju, jiżviluppa rakkomandazzjonijiet għall-emendi għal dan il-Kapitolu;

(d) jieħu kwalunkwe pass li l-Partijiet jistgħu jqisu li jkun ta' assistenza fl-implimentazzjoni tagħhom ta' dan il-Kapitolu u l-Ftehim dwar l-OTK u fil-faċilitazzjoni tal-kummerċ bejn il-Partijiet;

(e) jiddiskuti kwalunkwe materja koperta minn dan il-Kapitolu, fuq talba ta' Parti;

(f) jindirizza minnufih kwalunkwe kwistjoni li Parti tqajjem b'rabta mal-iżvilupp, mal-adozzjoni jew mal-applikazzjoni tar-regolamenti tekniċi, tal-istandards jew tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità tal-Parti l-oħra skont dan il-Kapitolu u l-Ftehim dwar l-OTK;

(g) iwaqqaf, jekk ikun hemm bżonn biex jintlaħqu l-objettivi ta' dan il-Kapitolu, gruppi ta' ħidma tekniċi *ad hoc* biex jindirizzaw kwistjonijiet jew setturi speċifiċi bl-għan li jidentifikaw soluzzjoni;

(h) jiskambja informazzjoni dwar il-ħidma f'fora reġjonali u multilaterali involuti f'attivitajiet relatati mar-regolamenti tekniċi, mal-istandards u mal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u dwar l-implimentazzjoni u t-tħaddim ta' dan il-Kapitolu;

(i) iwettqu funzjonijiet oħra kif jista' jiġi ddelegat mill-Kumitat Konġunt skont is-subparagrafu 5(b) tal-Artikolu 22.1; u

(j) jirrapporta lill-Kumitat Konġunt, hekk kif iqis li hu xieraq, dwar l-implimentazzjoni u t-tħaddim ta' dan il-Kapitolu.

3. Il-Kumitat dwar Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ u kwalunkwe grupp ta' ħidma tekniku *ad hoc* taħt il-patroċinju tagħha għandhom jiġu kkoordinati permezz ta':

(a) għall-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea; u

(b) għall-Ġappun, il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

4. L-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 3 għandhom ikunu responsabbli għall-koordinazzjoni mal-istituzzjonijiet u mal-persuni rilevanti fit-territorji rispettivi tagħhom kif ukoll għall-iżgurar li t-tali istituzzjonijiet u persuni jiġu mistiedna għal-laqgħat tal-Kumitat dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ skont kif ikun meħtieġ.

5. Fuq talba ta' Parti, il-Kumitat dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ u kwalunkwe grupp ta' ħidma teknika *ad hoc* taħt l-awspiċji tiegħu għandhom jiltaqgħu f'ħinijiet u f'postijiet tali li jridu jiġu miftiehma bejn ir-rappreżentanti tal-Partijiet. Il-laqgħat jistgħu jsiru b'vidjokonferenza jew b'mezz ieħor.

ARTIKOLU 7.14

Punti ta' kuntatt

1. Mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha tiddeżinja punt ta' kuntatt għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu u tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta' kuntatt li jinkludu informazzjoni dwar l-uffiċjali rilevanti. Il-Partijiet minnufih għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar kwalunkwe tibdil f'dawk id-dettalji ta' kuntatt.

2. Il-funzjonijiet tal-punt ta' kuntatt għandhom jinkludu:

(a) l-iskambju ta' informazzjoni dwar regolamenti tekniċi, standards u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità ta' kull Parti jew kwalunkwe materja oħra koperta minn dan il-Kapitolu;

(b) jipprovdu kwalunkwe informazzjoni jew spjegazzjoni mitluba minn Parti skont dan il-Kapitolu, f'format stampat jew elettroniku, fi ħdan perjodu ta' żmien raġonevoli miftiehem bejn il-Partijiet u, jekk possibbli, fi żmien 60 jum mid-data tar-riċevuta tat-talba; u

(c) minnufih jiċċaraw u jindirizzaw, fejn possibbli, kwalunkwe kwistjoni li Parti tqajjem b'rabta mal-iżvilupp, mal-adozzjoni jew mal-applikazzjoni tar-regolamenti tekniċi, tal-istandards u tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità skont dan il-Kapitolu u l-Ftehim dwar l-OTK.

KAPITOLU 8

KUMMERĊ FIS-SERVIZZI, LIBERALIZZAZZJONI TAL-INVESTIMENTI U KUMMERĊ ELETTRONIKU

TAQSIMA A

Dispożizzjonijiet ġenerali

ARTIKOLU 8.1

Kamp ta' applikazzjoni

1. Il-Partijiet, li jaffermaw l-impenji rispettivi tagħhom taħt il-Ftehim tad-WTO u l-impenn tagħhom biex joħolqu klima aħjar għall-iżvilupp tal-kummerċ u tal-investiment bejn il-Partijiet, b'dan jistabbilixxu l-arranġamenti neċessarji għal-liberalizzazzjoni progressiva u reċiproka tal-kummerċ fis-servizzi u fl-investiment u għall-kooperazzjoni fil-kummerċ elettroniku.

2. Għall-finijiet ta’ dan il-Kapitolu, il-Partijiet jaffermaw id-dritt li jadottaw fit-territorji tagħhom miżuri regolatorji neċessarji biex jiksbu l-objettivi leġittimi tal-politika, bħall-protezzjoni tas-saħħa pubblika, tas-sikurezza, tal-ambjent jew tal-morali pubbliċi, il-protezzjoni soċjali jew tal-konsumatur jew il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-diversità kulturali.

3. Dan il-Kapitolu ma għandux japplika għal miżuri li jaffettwaw persuni fiżiċi ta’ Parti li jfittxu aċċess għas-suq tax-xogħol tal-Parti l-oħra, u lanqas għal miżuri rigward in-nazzjonalità jew iċ-ċittadinanza, ir-residenza jew l-impjieg fuq bażi permanenti.

4. Dan il-Kapitolu m’għandux jimpedixxi Parti milli tapplika miżuri sabiex tirregola d-dħul ta’ persuni fiżiċi fi, jew is-soġġorn temporanju tagħhom, fil-Parti, inklużi dawk il-miżuri neċessarji sabiex jipproteġu l-integrità, u sabiex jiżguraw il-moviment ordnat ta’ persuni fiżiċi bejn il-fruntieri tagħha, bil-kundizzjoni li tali miżuri ma jiġux applikati b’tali mod li fix-xejn jew ifixklu l-benefiċċji dovuti lill-Parti l-oħra skont it-termini ta’ dan il-Kapitolu. Il-fatt biss li hi mitluba viża għall-persuni fiżiċi ta’ ċertu pajjiż u mhux għal dawk ta’ oħrajn m’għandux jiġi kkunsidrat bħala wieħed li jannulla jew ixekkel il-benefiċċji dovuti skont dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 8.2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ dan il-Kapitolu:

(a) “servizzi ta’ tiswija u manutenzjoni ta’ inġenji tal-ajru li matulhom inġenju tal-ajru jiġi rtirat mis-servizz” tfisser tali attivitajiet meta jitwettqu fuq inġenju tal-ajru jew parti minnu waqt li jiġi rtirat mis-servizz u ma tinkludix l-hekk imsejħa manutenzjoni bil-linja;

(b) “servizzi ta’ sistema kompjuterizzata ta’ prenotazzjoni (CRS)” tfisser servizzi pprovduti b’sistemi kompjuterizzati li fihom informazzjoni dwar l-iskedi tat-trasportatur tal-ajru, in-nollijiet u r-regoli dwar in-nollijiet, li bihom jistgħu jsiru prenotazzjonijiet jew jinħarġu biljetti;

(c) “intrapriża koperta” tfisser intrapriża fit-territorju ta’ Parti stabbilita skont is-subparagrafu (i), b’mod dirett jew indirett, minn imprenditur tal-Parti l-oħra, eżistenti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim jew li huma stabbiliti minn hemm’ il quddiem, skont il-liġi applikabbli;

(d) “kummerċ transfruntier f'servizzi” tfisser il-provvista ta’ servizz:

(i) mit-territorju ta’ Parti fit-territorju tal-Parti l-oħra; jew

(ii) fit-territorju ta’ Parti lill-konsumatur tas-servizz tal-Parti l-oħra;

(e) “taxxi diretti” tinkludi t-taxxi kollha fuq l-introjtu totali, fuq il-kapital totali jew fuq elementi tal-introjtu u tal-kapital, inklużi taxxi fuq il-qligħ mit-trasferiment ta’ proprjetà, taxxi fuq il-patrimonju, wirt u rigali, u taxxi fuq l-ammonti totali ta’ pagi jew ta’ salarji mħallsa minn intrapriżi, kif ukoll taxxi fuq l-apprezzament tal-kapital.

(f) “attività ekonomiċi” tfisser kwalunkwe servizz jew attività ta’ karattru industrijali, kummerċjali u professjonali jew attivitajiet ta’ nies tas-sengħa, ħlief għalservizzi forniti jew attivitajiet imwettqa fl-eżerċizzju tal-awtorità governattiva;

(g) “intrapriża” tfisser persuna ġuridika jew fergħa jew uffiċċju rappreżentattiv;

(h) “imprenditur ta’ Parti” tfisser persuna fiżika jew ġuridika ta’ Parti li tfittex li tistabbilixxi, qed tistabbilixxi jew stabbilixxiet intrapriża f’konformità mas-subparagrafu (i), fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(i) “stabbiliment” tfisser l-istabbiliment jew l-akkwist ta’ persuna ġuridika, inkluż permezz ta’ parteċipazzjoni f’kapital, jew il-ħolqien ta’ fergħa jew uffiċċju rappreżentattiv, fl-Unjoni Ewropea jew fil-Ġappun rispettivament, sabiex ikunu stabbiliti jew jinżammu rabtiet ekonomiċi dewwiema[1];

(j) “eżistenti” tfisser b’effett fid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim;

(k) “servizzi fuq l-art” tfisser il-provvista f’ajruport, fuq bażi ta’ tariffi jew kuntrattwali, tas-servizzi li ġejjin: rappreżentazzjoni, amministrazzjoni u superviżjoni tal-linji tal-ajru; l-immaniġġjar tal-passiġġieri; l-immaniġġar tal-bagalji; servizzi tar-rampa; il-forniment tal-ikel, ħlief għat-tħejjija tal-ikel; il-ġarr ta’ merkanzija bl-ajru u l-immaniġġjar tal-posta; il-forniment tal-fjuwil f’inġenji tal-ajru; is-servizzjar u t-tindif tal-inġenji tal-ajru; it-trasport bis-superfiċje; u l-operazzjonijiet ta’ titjiriet, l-amministrazzjoni tal-ekwipaġġ u l-ippjanar tat-titjiriet. Is-servizzi fuq l-art ma jinkludux: l-awtommaniġġjar; is-sigurtà; il-manutenzjoni bil-linja; it-tiswija u l-manutenzjoni ta’ inġenji tal-ajru; jew il-ġestjoni jew it-tħaddim tal-infrastruttura ċentralizzata essenzjali tal-ajruport, bħal faċilitajiet ta’ tneħħija tas-silġ, sistemi ta’ distribuzzjoni tal-fjuwil, sistemi ta’ mmaniġġjar tal-bagalji u sistemi fissi tat-trasport bejn l-ajruporti;

(l) “persuna ġuridika” tfisser kull entità ġuridika debitament kostitwita jew organizzata b’xi mod ieħor skont id-dritt applikabbli, kemm jekk tkun għal skopijiet ta’ profitt kif ukoll għal skopijiet oħra, u kemm jekk tkun proprjetà privata jew tal-gvern, inkluża kwalunkwe korporazzjoni, trust, sħubija, impriża konġunta, impriża individwali jew assoċjazzjoni;

[1] L-espansjoni hi mifhuma mill-Partijiet bħala koperta bid-definizzjoni ta’ stabbiliment fil-forma ta’ stabbiliment minn intrapriża koperta.

(m) persuna ġuridika hi:

(i) "proprjetà" ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi ta' Parti jekk aktar minn 50 fil-mija tal-interessi ta' ekwità fiha jkunu taħt is-sjieda benefiċjarja ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi ta' dik il-Parti; u

(ii) "ikkontrollata" minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi ta' Parti jekk tali persuni fiżiċi jew ġuridiċi jkollhom is-setgħa jaħtru l-maġġoranza tad-diretturi tagħha jew inkella li jmexxu b'mod legali l-azzjonijiet tagħha;

(n) "persuna ġuridika ta' Parti" tfisser:

(i) għall-Unjoni Ewropea, persuna ġuridika kostitwita jew organizzata skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Unjoni Ewropea jew ta' wieħed mill-Istati Membri tagħha u impenjati f'operazzjonijiet sostantivi ta' negozju[1] fit-territorju tal-Unjoni Ewropea; u

[1] Bi qbil man-notifika tagħha tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea lid-WTO (WT/REG39/1), l-Unjoni Ewropea tifhem li l-kunċett ta' "rabta effettiva u kontinwa" mal-ekonomija ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea mnaqqax fl-Artikolu 54 tat-TFUE hu ekwivalenti għall-kunċett ta' "operazzjonijiet kummerċjali sostantivi".

(ii) għall-Ġappun, persuna ġuridika kkostitwita jew organizzata skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun u involuta f'operazzjonijiet kummerċjali sostantivi fit-territorju tal-Ġappun;

Minkejja s-subparagrafi (i) u (ii), il-kumpaniji tat-tbaħħir stabbiliti barra mill-Unjoni Ewropea jew mill-Ġappun u kkontrollati minn ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Ġappun, rispettivament, għandhom ikunu wkoll benefiċjarji tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu jekk il-bastimenti tagħhom ikunu rreġistrati skont il-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom, fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew fil-Ġappun u jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Ġappun;

(o) "miżuri minn Parti" tfisser miżuri adottati jew miżmuma minn:

(i) gvernijiet jew awtoritajiet ċentrali, reġjonali jew lokali; u

(ii) korpi mhux governattivi fl-eżerċizzju tas-setgħat delegati mill-gvernijiet jew mill-awtoritajiet ċentrali, reġjonali jew lokali;

(p) "operazzjoni" tfisser twettiq, ġestjoni, manutenzjoni, użu, tgawdija u bejgħ jew forma oħra ta' disponiment ta' intrapriża;

(q) “servizzi ta’ bejgħ u ta’ kummerċjalizzazzjoni tat-trasport bl-ajru” tfisser opportunitajiet għat-trasportatur bl-ajru kkonċernat biex ibigħ u jikkummerċjalizza liberament is-servizzi tiegħu tat-trasport bl-ajru fosthom kull aspett tal-kummerċjalizzazzjoni bħalma huma r-riċerka tas-suq, ir-reklamar u d-distribuzzjoni; dawn l-attivitajiet ma jinkludux l-ipprezzar tas-servizzi tat-trasport bl-ajru u lanqas il-kundizzjonijiet applikabbli;

(r) “servizzi” tinkludi kull servizz fi kwalunkwe settur ħlief is-servizzi pprovduti fl-eżerċizzju ta’ awtorità governattiva;

(s) “servizzi forniti jew attivitajiet imwettqa fl-eżerċizzju tal-awtorità governattiva” tfisser servizzi jew attivitajiet li la huma forniti jew imwettqa fuq bażi kummerċjali u lanqas f'kompetizzjoni ma’ operatur ekonomiku wieħed jew iktar;

(t) “fornitur ta’ servizz” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tfittex li tipprovdi jew tipprovdi servizz; u

(u) “fornitur ta' servizz ta’ Parti” tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li tfittex li tipprovdi servizz jew li tipprovdih;

ARTIKOLU 8.3

Eċċezzjonijiet ġenerali

1. Għall-finijiet tat-Taqsima B, l-Artikolu XX tal-GATT 1994 huwa b'dan inkorporat f'dan il-Ftehim u magħmul parti minnu, *mutatis mutandis*[1].

2. Mingħajr ħsara għar-rekwiżit li dawn il-miżuri ma jiġux applikati b'mod li jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja u mhux ġustifikabbli bejn il-pajjiżi fejn jipprevalu kundizzjonijiet simili, jew restrizzjoni moħbija fuq l-istabbiliment jew il-kummerċ fis-servizzi, xejn fit-Taqsimiet B sa F m'għandu jiġi interpretat li jipprevjeni l-adozzjoni jew l-infurzar minn xi Parti ta' miżuri:

(a) meħtieġa biex iħarsu s-sigurtà pubblika u l-morali pubblika jew biex iżommu l-ordni pubblika[2];

---

1 Il-partijiet jifhmu li l-miżuri msemmija fis-subparagrafu (b) tal-Artikolu XX tal-GATT 1994 jinkludu miżuri ambjentali meħtieġa biex jipproteġu s-saħħa tal-bniedem, il-ħajja jew is-saħħa tal-annimali jew tal-pjanti. Il-partijiet jifhmu li s-subparagrafu (g) tal-Artikolu XX tal-GATT 1994 japplika għal miżuri għall-konservazzjoni ta' riżorsi naturali eżawribbli ħajjin u mhux ħajjin

2 L-eċċezzjonijiet dwar is-sigurtà pubblika u l-ordni pubbliku jistgħu jiġu invokati biss meta jkun hemm theddida ġenwina u serja biżżejjed għal wieħed mill-interessi fundamentali tas-soċjetà.

(b) meħtieġa biex jipproteġu s-saħħa tal-bniedem, il-ħajja jew is-saħħa tal-annimali jew tal-pjanti[1];

(c) meħtieġa biex jiżguraw il-konformità ma' liġijiet jew ma' regolamenti li mhumiex inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu fosthom dawk relatati ma':

(i) il-prevenzjoni ta' prattiki qarrieqa u frawdolenti jew l-indirizzar tal-effetti ta' inadempjenza fuq il-kuntratti;

(ii) il-protezzjoni tal-privatezza tal-individwi f'dak li għandu x'jaqsam mal-proċessar u mat-tixrid ta' data personali u mal-protezzjoni tal-kunfidenzalità ta' rekords u ta' kontijiet individwali; jew

(iii) is-sikurezza; jew

[1] Il-Partijiet jifhmu li l-miżuri msemmija fis-subparagrafu (b) jinkludu miżuri ambjentali meħtieġa għall-protezzjoni tal-ħajja jew is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti.

(d) inkonsistenti mal-paragrafu 1 tal-Artikolu 8.8 u l-paragrafu 1 tal-Artikolu 8.16 bil-kundizzjoni li d-differenza fit-trattament tkun immirata sabiex tiżgura l-impożizzjoni jew il-ġbir ġust jew effettiv[1] ta' taxxi diretti fir-rigward ta' attivitajiet ekonomiċi, intraprendituri, servizzi jew fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra.

[1] Il-miżuri li huma mmirati lejn l-assigurazzjoni tal-impożizzjoni jew il-ġbir ekwitabbli jew effettiv ta' taxxi diretti jinkludu miżuri meħuda mill-Parti skont is-sistema tat-tassazzjoni tagħha li:

(a) japplikaw għal imprendituri u għal fornituri ta' servizzi mhux residenti b'rikonoxximent tal-fatt li l-obbligu tat-taxxa ta' dawk li mhumiex residenti huwa ddeterminat fir-rigward ta' oġġetti taxxabbli li jinkisbu jew jinsabu fit-territorju tal-Parti;

(b) japplikaw għal persuni mhux residenti biex tiġi żgurata l-impożizzjoni jew il-ġbir ta' taxxi fit-territorju tal-Parti;

(c) japplikaw għall-persuni mhux residenti jew għar-residenti biex jipprevjenu l-evitar jew l-evażjoni tat-taxxi, inklużi l-miżuri ta' konformità;

(d) japplikaw għall-konsumaturi ta' servizzi pprovduti fi jew mit-territorju tal-Parti l-oħra sabiex jiżguraw l-impożizzjoni jew il-ġbir ta' taxxi fuq tali konsumaturi derivati minn sorsi fit-territorju tal-Parti;

(e) jiddistingwu bejn investituri u fornituri ta' servizzi soġġetti għal taxxa fuq oġġetti taxxabbli madwar id-dinja kollha minn investituri u fornituri ta' servizzi oħra, b'rikonoxximent tad-differenza fin-natura tal-bażi tat-taxxa bejniethom; jew

(f) jiddeterminaw, jallokaw jew iqassmu dħul, qligħ, gwadann, telf, tnaqqis jew kreditu ta' persuni jew fergħat residenti, jew bejn persuni jew fergħat relatati tal-istess persuna, biex jissalvagwardjaw il-bażi għat-taxxa tal-Parti.

It-termini jew il-kunċetti tat-taxxa fis-subparagrafu 2(d), li jinkludu din in-nota ta' qiegħ il-paġna huma determinati skont definizzjonijiet u kunċetti tat-taxxa, jew definizzjonijiet u kunċetti ekwivalenti jew simili, skont il-liġi domestika tal-Parti li tieħu l-miżura.

ARTIKOLU 8.4

Kumitat dwar il-Kummerċ fis-Servizzi, il-Liberalizzazzjoni tal-Investiment u l-Kummerċ Elettroniku

1. Il-Kumitat dwar il-Kummerċ fis-Servizzi, l-Investiment il-Liberalizzazzjoni u l-Kummerċ Elettroniku stabbilit skont l-Artikolu 22.3 (minn hawn' il quddiem imsemmija f'dan il-Kapitolu bħala "il-Kumitat") għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni effettiva u t-tħaddim ta' dan il-Kapitolu.

2. Il-Kumitat għandu jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) jirrieżamina u jissorvelja l-implimentazzjoni u t-tħaddim ta' dan il-Kapitolu u l-miżuri mhux konformi stabbiliti fl-Iskedi ta' kull Parti fl-Anness I sa IV għall-Anness 8-B;

(b) jiskambja informazzjoni dwar kwalunkwe materja relatata ma' dan il-Kapitolu;

(c) jeżamina t-titjib possibbli f'dan il-Kapitolu;

(d) jiddiskuti kwalunkwe kwistjoni relatata ma' dan il-Kapitolu skont kif jistgħu jaqblu bejniethom ir-rappreżentanti tal-Partijiet; u

(e) iwettqu funzjonijiet oħra kif jista' jiġi ddelegat mill-Kumitat Konġunt skont is-subparagrafu 5(b) tal-Artikolu 22.1.

3. Il-Kumitat għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet inklużi uffiċjali mill-ministeri jew aġenziji responsabbli mill-kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati. Il-Kumitat jista' jistieden lil rappreżentanti tal-entitajiet rilevanti għajr il-Gvernijiet tal-Partijiet bl-għarfien espert neċessarju rilevanti għall-kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati.

ARTIKOLU 8.5

Rieżami

1. Kull Parti għandha tieħu impenn, fejn xieraq, li tnaqqas jew telimina l-miżuri mhux konformi stabbiliti fl-Iskedi rispettivi tagħha fl-Annessi I sa IV għall-Anness 8-B.

2. Bl-għan li jintroduċu t-titjib possibbli fid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, u b'mod konsistenti mal-impenji meħuda minnhom taħt ftehimiet internazzjonali, il-Partijiet għandhom jirrieżaminaw il-qafas legali tagħhom relatat mal-kummerċ fis-servizzi, mal-liberalizzazzjoni tal-investiment, mal-kummerċ elettroniku u mal-ambjent tal-investiment, inkluż dan il-Ftehim, f'konformità mal-Artikolu 23.1.

TAQSIMA B

Liberalizzazzjoni tal-investiment

ARTIKOLU 8.6

Kamp ta’ applikazzjoni

1. Din it-Taqsima tapplika għall-miżuri meħuda minn Parti fir-rigward tal-istabbiliment jew tal-operazzjoni ta’ attivitajiet ekonomiċi minn:

(a) imprendituri tal-Parti l-oħra;

(b) intrapriżi koperti; u

(c) għall-finijiet tal-Artikolu 8.11, kwalunkwe intrapriża fit-territorju tal-Parti li tadotta jew iżżomm il-miżura.

2. Din it-Taqsima ma tapplikax għal:

(a) kabotaġġ fis-servizzi tat-trasport marittimu[1];

(b) servizzi tal-ajru jew servizzi relatati f'appoġġ tas-servizzi tal-ajru[2], għajr dawn li ġejjin:

(i) is-servizzi ta' tiswija u ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru li matulhom inġenju tal-ajru jiġi rtirat mis-servizz;

[1] Għall-Unjoni Ewropea, mingħajr preġudizzju għall-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet li jistgħu jitqiesu bħala kabotaġġ skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, il-kabotaġġ nazzjonali fis-servizzi tat-trasport marittimu skont din it-Taqsima jkopri t-trasport ta' passiġġieri jew merkanzija bejn port jew punt li jinsab fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u port ieħor jew punt li jinsab fl-istess Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, inkluż fuq il-blata kontinentali tiegħu, kif previst fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, u t-traffiku li joriġina u li jintemm fl-istess port jew punt li jinsab fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

[2] Għal ċertezza akbar, din it-Taqsima ma tapplikax għal servizz li juża inġenju tal-ajru li l-iskop primarju tiegħu ma jkunx it-trasport ta' prodotti jew ta' passiġġieri, bħal taħriġ ta' titjiriet tat-tifi tan-nar, ġiti għall-veduti, sprejjar, stħarriġ, immappjar, fotografija, qbiż bil-paraxut, rmonkar tal-gliders, irfigħ bil-ħelikopter għall-qtugħ tas-siġar għall-injam u għall-kostruzzjoni li jsiru fl-ajru, u servizzi agrikoli, industrijali u ta' spezzjoni oħra li jsiru fl-ajru.

(ii) il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni ta' servizzi tat-trasport bl-ajru;

(iii) servizzi ta' sistema kompjuterizzata ta' prenotazzjoni (CRS); u

(iv) servizzi fuq l-art; u

(c) servizzi awdjoviżivi.

ARTIKOLU 8.7

Aċċess għas-suq

Parti m'għandhiex iżżomm jew tadotta, fir-rigward tal-aċċess għas-suq permezz ta' stabbiliment jew ta' operazzjoni minn imprenditur tal-Parti l-oħra jew minn intrapriża koperta, fuq il-bażi ta' suddiviżjoni territorjali jew fuq il-bażi tat-territorju sħiħ tagħha, miżuri li:

(a) jimponu limitazzjonijiet fuq[1]:

(i) l-għadd ta' intrapriżi, kemm jekk fil-forma ta' kwoti numeriċi, ta' monopolji, ta' drittijiet esklussivi jew ir-rekwiżiti ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

[1] Is-subparagrafi (a) (i) sa (iii) ma jkoprux miżuri meħuda sabiex tiġi limitata l-produzzjoni ta' prodott agrikolu tajjeb.

(ii) il-valur totali ta' tranżazzjonijiet jew ta' assi fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(iii) l-għadd totali ta' operazzjonijiet jew il-kwantità totali ta' produzzjoni mfissra f'termini ta' unitajiet numeriċi magħżula fil-forma ta' kwoti jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(iv) il-parteċipazzjoni ta' kapital barrani f'termini ta' limitu perċentwali massimu fuq ishma f'idejn barranin jew il-valur totali ta' investiment barrani individwali jew aggregat; jew

(v) l-għadd totali ta' persuni fiżiċi li jistgħu jiġu impjegati f'settur partikolari jew li intrapriża tista' timpjega u li huma meħtieġa għall-prestazzjoni ta' attività ekonomika, u direttament relatati magħha, fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi; jew

(b) jillimitaw jew li jeħtieġu tipi speċifiċi ta' entitajiet legali jew ta' impriżi konġunti li permezz tagħhom imprenditur tal-Parti l-oħra jista' jwettaq attività ekonomika.

ARTIKOLU 8.8

Trattament nazzjonali

1. Kull Parti għandha tagħti lill-imprendituri tal-Parti l-oħra u lill-intrapriżi koperti trattament xejn anqas favorevoli minn dak li tagħti, f'sitwazzjonijiet simili, lill-imprendituri tagħha stess u lill-intrapriżi tagħhom, fir-rigward tal-istabbiliment fit-territorju tagħha.

2. Kull Parti għandha tagħti lill-imprendituri tal-Parti l-oħra u lill-intrapriżi koperti trattament xejn anqas favorevoli minn dak li tagħti, f'sitwazzjonijiet simili, lill-imprendituri tagħha stess u lill-intrapriżi tagħhom, fir-rigward tal-operazzjoni fit-territorju tagħha.

3. Għal ċertezza akbar, il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx jiġu interpretati bħala li jipprevjenu lil Parti milli tippreskrivi formalitajiet statistiċi jew rekwiżiti ta' informazzjoni, b'rabta mal-intrapriżi koperti, dment li dawk il-formalitajiet jew ir-rekwiżiti ma jikkostitwixxux mezz kif jiġu evitati l-obbligi tal-Parti skont dan l-Artikolu.

ARTIKOLU 8.9

Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit

1. Kull Parti għandha tagħti lill-imprendituri tal-Parti l-oħra u lill-intrapriżi koperti trattament xejn anqas favorevoli minn dak li tagħti, f'sitwazzjonijiet simili, lill-imprendituri ta' pajjiż terz u lill-intrapriżi tagħhom, fir-rigward tal-istabbiliment fit-territorju tagħha.

2. Kull Parti għandha tagħti lill-imprendituri tal-Parti l-oħra u lill-intrapriżi koperti trattament xejn anqas favorvoli minn dak li tagħti, f'sitwazzjonijiet simili, lill-imprendituri ta' pajjiż terz u lill-intrapriżi tagħhom, fir-rigward tal-operazzjoni fit-territorju tagħha.

3. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx jiġu interpretati bħala li jobbligaw lil Parti testendi għall-imprendituri tal-Parti l-oħra u għall-intrapriżi koperti l-benefiċċju ta' kwalunkwe trattament li jirriżulta minn:

(a) ftehim internazzjonali għall-evitar tat-taxxa doppja jew ftehim jew arranġament internazzjonali ieħor relatat għalkollox jew primarjament mat-tassazzjoni; jew

(b) miżuri eżistenti jew futuri li jipprovdu għar-rikonoxximent ta' kwalifiki, ta' liċenzji jew miżuri prudenzjali kif imsemmija fl-Artikolu VII tal-GATS jew fil-paragrafu 3 tal-Anness tiegħu dwar is-Servizzi Finanzjarji.

4. Għal ċertezza akbar, it-trattament imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 ma jinkludix proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-istat li hu pprovdut fi ftehimiet internazzjonali oħra.

5. Dispożizzjonijiet sostantivi fi ftehimiet internazzjonali oħra konklużi minn kull Parti ma' pajjiż terz[1] li fihom infushom ma jikkostitwixxux trattament skont dan l-Artikolu. Għal aktar ċertezza, azzjonijiet jew inazzjonijiet ta' xi Parti fir-rigward ta' dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jikkostitwixxu trattament[2] u b'hekk jistgħu jagħtu lok għal ksur ta' dan l-Artikolu sa fejn il-ksur ma jkunx stabbilit abbażi biss fuq l-imsemmija dispożizzjonijiet.

---

1 Għal ċertezza akbar, is-sempliċi traspożizzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni domestika ma tbiddilx il-kwalifika tagħhom bħala dispożizzjonijiet tad-dritt internazzjonali u konsegwentement il-kopertura tagħhom skont dan il-paragrafu.

2 Għal ċertezza akbar, l-imprendituri tal-Parti l-oħra jew l-intrapriżi koperti tagħhom ikunu intitolati li jirċievu dak it-trattament anki fin-nuqqas ta' intrapriżi stabbiliti minn imprendituri tal-pajjiż terz fiż-żmien li fih isir it-tqabbil.

ARTIKOLU 8.10

Maniġment superjuri u bords tad-diretturi

Parti m'għandhiex teħtieġ li intrapriża koperta taħtar individwi ta' xi nazzjonalità partikolari bħala eżekuttivi, maniġers jew membri tal-bords tad-diretturi.

ARTIKOLU 8.11

Projbizzjoni tar-rekwiżiti tal-prestazzjoni

1. Parti m'għandhiex timponi jew tinforza ebda rekwiżit jew tinfurza ebda impenn jew impriża, b'rabta mal-istabbiliment jew l-operat ta' kull intrapriża fit-territorju tagħha[1]:

(a) biex tesporta ċertu livell jew perċentwal ta' prodotti jew ta' servizzi;

[1] Għal ċertezza akbar, kundizzjoni għar-riċevuta jew għar-riċevuta ssoktata ta' vantaġġ imsemmi fil-paragrafu 2 ma tikkostitwixxix rekwżit jew impenn jew impriża għall-fini tal-paragrafu 1.

(b) biex tikseb ċertu livell jew perċentwal ta’ kontenut domestiku;

(c) biex tixtri, tuża jew tagħti preferenza lil prodotti mmanifatturati jew servizzi pprovduti fit-territorju tagħha, jew biex tixtri prodotti jew servizzi mingħand persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew mingħand kwalunkwe entità oħra fit-territorju tagħha;

(d) biex tirrelata b’xi mod bejn il-volum jew il-valur tal-importazzjonijiet mal-volum jew il-valur tal-esportazzjonijiet jew mal-ammont relatat mad-dħul tal-munita barranija assoċjati mat-tali impriża;

(e) biex tirrestringi l-bejgħ ta’ prodotti jew ta’ servizzi fit-territorju tagħha li t-tali intrapriża tipproduċi jew tforni billi tirrelata dak il-bejgħ b’xi mod mal-volum jew mal-valur tal-esportazzjonijiet tagħha jew tal-influssi ta’ muniti barranin;

(f) biex tirrestringi l-esportazzjoni jew il-bejgħ għall-esportazzjoni;

(g) biex tittrasferixxi teknoloġija, proċess tal-produzzjoni jew għarfien proprjetarju ieħor lil persuna fiżika jew ġuridika jew lil kwalunkwe entità oħra fit-territorju tagħha;

(h) biex tistabbilixxi l-kwartieri ġenerali tat-tali intrapriża għal reġjun speċifiku jew għas-suq tad-dinja fit-territorju tagħha;

(i) biex taħtar ċertu numru jew perċentwal taċ-ċittadini tagħha;

(j) biex tikseb livell jew valur partikolari ta' riċerka u ta' żvilupp fit-territorju tagħha;

(k) biex tforni wieħed jew aktar mill-prodotti mmanifatturati jew mis-servizzi forniti mill-intrapriża lil reġjun speċifiku jew lis-suq tad-dinja b'mod esklużiv mit-territorju tagħha stess; jew

(l) biex tadotta:

(i) rata jew ammont ta' royalty li jkun anqas minn ċertu livell; jew

(ii) durata determinata tat-terminu ta' kuntratt ta' liċenzja[1];

fir-rigward ta' kwalunkwe kuntratt ta' liċenzja li jeżistu fil-mument meta tiġi imposta jew infurzata, ir-rekwiżit jew kwalunkwe impenn jew impriża li tiġi infurzata, jew fir-rigward ta' kwalunkwe liċenzja futura b'mod ħieles tal-kuntratt iffirmat bejn intrapriża u persuna fiżika jew persuna ġuridika jew kwalunkwe entità oħra fit-territorju tiegħu, jekk ir-rekwiżit huwa impost jew infurzat jew l-impenn jew impriża tiġi infurzata, b'mod li jikkostitwixxi interferenza diretta ma' dik il-liċenzja b'eżerċizzju ta' awtorità governattiva mhux ġudizzjarja ta' Parti[2].

[1] "Kuntratt ta' liċenzja" msemmi f'dan is-subparagrafu tfisser kwalunkwe kuntratt li jikkonċerna l-liċenzjar ta' teknoloġija, ta' proċess tal-produzzjoni, jew ta' għarfien proprjetarju ieħor.

[2] Għal ċertezza akbar, is-subparagrafu (l) ma japplikax meta l-kuntratt ta' liċenzja jiġi konkluż bejn l-intrapriża u Parti.

2. Parti m’għandhiex torbot ir-riċevuta jew l-issoktar tar-riċevuta ta’ vantaġġ, b'rabta mal-istabbiliment jew mal-operazzjoni ta’ kwalunkwe intrapriża fit-territorju tagħha, mal-konformità ma’ kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) biex tikseb ċertu livell jew perċentwal ta’ kontenut domestiku;

(b) biex tixtri, tuża jew tagħti preferenza lil prodotti mmanifatturati fit-territorju tagħha, jew biex tixtri prodotti mingħand persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew mingħand kwalunkwe entità oħra fit-territorju tagħha;

(c) biex tirrelata b’xi mod bejn il-volum jew il-valur tal-importazzjonijiet mal-volum jew il-valur tal-esportazzjonijiet jew mal-ammont relatat mad-dħul tal-munita barranija assoċjati mat-tali impriża;

(d) biex tirrestringi l-bejgħ ta’ prodotti jew ta’ servizzi fit-territorju tagħha li t-tali intrapriża tipproduċi jew tforni billi tirrelata dak il-bejgħ b’xi mod mal-volum jew mal-valur tal-esportazzjonijiet tagħha jew tal-influssi ta’ muniti barranin; jew

(e) biex tirrestringi l-esportazzjoni jew il-bejgħ għall-esportazzjoni.

3. Xejn fil-paragrafu 2 m'għandu jiġi interpretat bħala li jipprevjeni lil Parti milli torbot ir-riċevuta jew l-issoktar tar-riċevuta ta' vantaġġ, b'rabta mal-istabbiliment jew mal-operazzjoni ta' kwalunkwe intrapriża fit-territorju tagħha, mal-konformità ma' rekwiżit li l-produzzjoni, il-forniment ta' servizz, it-taħriġ jew ir-reklutaġġ tal-ħaddiema, il-bini jew l-espansjoni ta' faċilitajiet partikolari, jew it-twettiq ta' riċerka u ta' żvilupp, isiru fit-territorju tagħha.

4. Is-subparagrafi 1(a) sa (c), 2(a) u (b) ma japplikawx għal rekwiżiti ta' kwalifiki għal oġġetti jew servizzi fir-rigward ta' promozzjoni tal-esportazzjoni u programmi ta' għajnuna barranija.

5. Is-subparagrafi 1(g) u (1) ma japplikawx meta:

(a) ir-rekwiżit jiġi impost jew infurzat, jew l-impenn jew l-impriża jiġu infurzati, minn qorti, minn tribunal amministrattiv jew minn awtorità tal-kompetizzjoni biex jiġi rrimedjat ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni; jew

(b) Parti tawtorizza l-użu ta' dritt ta' proprjetà intellettwali f'konformità mal-Artikolu 31 jew 31*bis* tal-Ftehim TRIPS, jew ta' miżuri li jeħtieġu d-divulgazzjoni ta' data jew ta' informazzjoni proprjetarja li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 39 tal-Ftehim TRIPS u li huma konsistenti ma' dan.

6. Is-subparagrafu 1(l) ma japplikax jekk ir-rekwiżit jiġi impost jew infurzat, jew l-impenn jew l-impriża tiġi infurzata, minn tribunal bħala remunerazzjoni ekwitabbli skont il-liġijiet tal-Parti dwar id-dritt tal-awtur.

7. Is-Subparagrafi 2(a) u (b) ma għandhomx japplikaw għar-rekwiżiti imposti jew infurzati minn Parti li timporta relatati mal-kontenut ta' oġġetti meħtieġa biex jikkwalifikaw għal tariffi preferenzjali jew kwoti preferenzjali.

8. Dan l-Artikolu hu mingħajr ħsara għall-obbligi ta' Parti skont il-Ftehim tad-WTO.

ARTIKOLU 8.12

Miżuri mhux konformi u eċċezzjonijiet

1. L-Artikoli 8.7 sa 8.11 ma japplikawx għal:

(a) kwalunkwe miżura eżistenti mhux konformi li tinżamm minn Parti f'livell ta':

(i) għall-Unjoni Ewropea:

(A) l-Unjoni Ewropea, kif stipulat fl-Iskeda tagħha fl-Anness I għall-Anness 8-B;

(B) il-gvern ċentrali ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, kif stipulat fl-Iskeda tagħha fl-Anness I għall-Anness 8-B;

(C) gvern reġjonali ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, kif stipulat fl-Iskeda tagħha fl-Anness I għall-Anness 8-B; jew

(D) gvern lokali, għajr dak imsemmi fis-subparagrafu (C); u

(ii) għall-Ġappun:

(A) il-gvern ċentrali, kif stipulat fl-Iskeda tiegħu fl-Anness I għall-Anness 8-B;

(B) prefettura, kif stipulat fl-Iskeda tiegħu fl-Anness I għall-Anness 8-B; jew

(C) gvern lokali għajr prefettura;

(b) il-kontinwazzjoni jew it-tiġdid fil-pront ta' kwalunkwe miżura mhux konformi msemmija fis-subparagrafu (a); jew

(c) emenda jew modifika ta' kwalunkwe miżura mhux konformi msemmija fis-subparagrafi (a) u (b), dment li l-emenda jew il-modifika ma tnaqqasx il-konformità tal-miżura mal-Artikoli 8.7 sa 8.11 hekk kif kienet teżisti eżatt qabel l-emenda jew il-modifika.

2. L-Artikoli 8.7 sa 8.11 ma japplikawx għal xi miżura minn Parti fir-rigward ta' setturi, ta' subsetturi jew ta' attivitajiet kif stipulati fl-Iskeda tagħha fl-Anness II għall-Anness 8-B.

3. Parti m'għandhiex titlob, permezz ta' kwalunkwe miżura adottata wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u koperta mill-Iskeda tagħha fl-Anness II għall-Anness 8-B, lil imprenditur tal-Parti l-oħra, minħabba n-nazzjonalità ta' dan, biex ibigħ jew jiddisponi b'xi mod ieħor minn intrapriża li teżisti fiż-żmien li fih il-miżura ssir effettiva.

4. L-Artikoli 8.8 u 8.9 ma japplikawx għal xi miżura li tikkostitwixxi eċċezzjoni għall-Artikolu 3 jew 4 tal-Ftehim TRIPS, jew deroga minn dan, kif ipprovdut b'mod speċifiku fl-Artikoli 3 sa 5 tal-Ftehim TRIPS.

5. L-Artikoli 8.7 sa 8.11 ma japplikawx għal kwalunkwe miżura meħuda minn Parti fir-rigward tal-akkwist pubbliku mill-gvern.

6. L-Artikoli 8.7 sa 8.10 ma japplikawx għas-sussidji mogħtija mill-Partijiet.

ARTIKOLU 8.13

Ċaħda tal-benefiċċji

Parti tista' ċċaħħad il-benefiċċji ta' din it-Taqsima lil imprenditur tal-Parti l-oħra li jkun persuna ġuridika tal-Parti l-oħra u lill-intrapriża koperta tiegħu jekk dik il-persuna ġuridika tkun proprjetà u taħt il-kontroll ta' persuna fiżika jew ġuridika ta' pajjiż terz u l-Parti li tiċħad tadotta jew iżżomm miżuri fir-rigward tal-pajjiż terz li:

(a) huma relatati maż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali, inkluża l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem; u

(b) jipprojbixxu tranżazzjonijiet ma' dik il-persuna ġuridika jew mal-intrapriża koperta tagħha, jew ikunu miksura jew evitati li kieku jingħataw lilhom il-benefiċċji ta' din it-Taqsima.

TAQSIMA C

Kummerċ transfruntier fis-servizzi

ARTIKOLU 8.14

Kamp ta’ applikazzjoni

1. Din it-Taqsima tapplika għal miżuri minn Parti li jaffettwaw il-kummerċ transfruntier fis-servizzi minn fornituri ta’ servizzi tal-Parti l-oħra. Dawk il-miżuri jinkludu fost l-oħrajn miżuri li jaffettwaw:

(a) il-produzzjoni, id-distribuzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni, il-bejgħ u l-għoti ta’ servizz;

(b) ix-xiri jew l-użu ta’ servizz jew il-ħlas għalih; u

(c) l-aċċess għal servizzi u l-użu ta’ servizzi offruti lill-pubbliku ġeneralment b’rabta mal-provvista ta’ servizz.

2. Din it-Taqsima ma tapplikax għal:

(a) kabotaġġ fis-servizzi tat-trasport marittimu[1];

(b) servizzi tal-ajru jew servizzi relatati f'appoġġ tas-servizzi tal-ajru[2], għajr dawn li ġejjin:

(i) is-servizzi ta' tiswija u ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru li matulhom inġenju tal-ajru jiġi rtirat mis-servizz;

[1] Għall-Unjoni Ewropea, mingħajr preġudizzju għall-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet li jistgħu jitqiesu bħala kabotaġġ skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, il-kabotaġġ nazzjonali fis-servizzi tat-trasport marittimu skont din it-Taqsima jkopri t-trasport ta' passiġġieri jew merkanzija bejn port jew punt li jinsab fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u port ieħor jew punt li jinsab fl-istess Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, inkluż fuq il-blata kontinentali tiegħu, kif previst fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, u t-traffiku li joriġina u li jintemm fl-istess port jew punt li jinsab fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

[2] Għal ċertezza akbar, din it-Taqsima ma tapplikax għal servizz li juża inġenju tal-ajru li l-iskop primarju tiegħu ma jkunx it-trasport ta' prodotti jew ta' passiġġieri, bħal taħriġ ta' titjiriet tat-tifi tan-nar, ġiti għall-veduti, sprejjar, stħarriġ, immappjar, fotografija, qbiż bil-paraxut, rmonkar tal-gliders, irfigħ bil-ħelikopter għall-qtugħ tas-siġar għall-injam u għall-kostruzzjoni li jsiru fl-ajru, u servizzi agrikoli, industrijali u ta' spezzjoni oħra li jsiru fl-ajru.

(ii) il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni ta' servizzi tat-trasport bl-ajru;

(iii) servizzi ta' sistema kompjuterizzata ta' prenotazzjoni (CRS); u

(iv) servizzi fuq l-art;

(c) l-akkwist pubbliku;

(d) servizzi awdjoviżivi; u

(e) sussidji, kif definiti u stabbiliti fil-Kapitolu 12.

ARTIKOLU 8.15

Aċċess għas-suq

Parti m'għandhiex iżżomm jew tadotta, la fuq il-bażi ta' subdiviżjoni territorjali u lanqas fuq il-bażi tat-territorju sħiħ tagħha, miżuri li:

(a) jimponu limitazzjonijiet fuq:

(i) in-numru ta' fornituri tas-servizz, sew jekk fil-forma ta' kwoti numeriċi, monopolji, fornituri esklużivi ta' servizz jew ir-rekwiżiti ta' test ta' ħtiġijiet ekonomiċi[1];

(ii) il-valur totali tat-tranżazzjonijiet ta' servizz jew tal-assi fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi; jew

(iii) in-numru totali ta' operazzjonijiet ta' servizz jew fuq il-kwantità totali ta' produzzjoni ta' servizz espressi f'termini ta' unitajiet numeriċi magħżula fil-forma ta' kwoti jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi[2]; jew

[1] Is-subparagrafu (a)(i) jinkludi miżuri minn Parti li jeħtieġu li fornitur ta' servizz tal-Parti l-oħra li jistabbilixxu jew iżommu kwalunkwe forma ta' intrapriża jew li jkun residenti fit-territorju ta' Parti bħala kundizzjoni għall-forniment transkonfinali ta' servizzi.

[2] Is-subparagrafu (a)(iii) ma jkoprix miżuri minn Parti li jillimitaw id-dħul għall-provvista ta' servizzi.

(b) jirrestringu jew jirrikjedu tipi speċifiċi ta' entità ġuridika jew impriża konġunta li permezz tagħha fornitur ta' servizz jista' jipprovdi servizz.

ARTIKOLU 8.16

Trattament nazzjonali

1. Kull Parti għandha tagħti lis-servizzi u lill-forniturі ta' servizzi tal-Parti l-oħra trattament mhux anqas favorevoli minn dak li tagħti lis-servizzi u lill-forniturі ta' servizzi tagħha stess.

2. Parti tista' tissodisfa r-rekwiżit tal-paragrafu 1 billi tagħti lis-servizzi u lill-forniturі ta' servizzi tal-Parti l-oħra, trattament identiku b'mod formali jew trattament differenti b'mod formali minn dak li tagħti lis-servizzi u lill-forniturі ta' servizzi simili tagħha.

3. Trattament identiku b'mod formali jew trattament differenti b'mod formali għandu jiġi kkunsidrat bħala anqas favorevoli fil-każ li jimmodifika l-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni favur servizzi jew forniturі ta' servizzi tal-Parti meta mqabbla mas-servizzi jew mal-forniturі ta' servizzi simili tal-Parti l-oħra.

4. Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jiġi interpretat li jeħtieġ li xi Parti tikkumpensa għal kwalunkwe żvantaġġ kompetittiv inerenti li jirriżulta mill-karattru barrani tas-servizzi jew tal-forniturі ta' servizzi relevanti.

ARTIKOLU 8.17

Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit

1. Kull Parti għandha tagħti lis-servizzi u lill-fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra trattament mhux anqas favorevoli minn dak li tagħti lis-servizzi u lill-fornituri ta' servizzi simili ta' pajjiż terz.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux jiġi interpretat bħala li jobbliga lil Parti testendi għas-servizzi u għall-fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra l-benefiċċju ta' kwalunkwe trattament li jirriżulta minn:

(a) ftehim internazzjonali għall-evitar tat-taxxa doppja jew ftehim jew arranġament internazzjonali ieħor relatat għalkollox jew primarjament mat-tassazzjoni; jew

(b) miżuri eżistenti jew futuri li jipprovdu għar-rikonoxximent ta' kwalifiki, ta' liċenzji jew miżuri prudenzjali kif imsemmija fl-Artikolu VII tal-GATS jew fil-paragrafu 3 tal-Anness tiegħu dwar is-Servizzi Finanzjarji.

ARTIKOLU 8.18

Miżuri mhux konformi

1. L-Artikoli 8.15 sa 8.17 ma japplikawx għal:

(a) kwalunkwe miżura eżistenti mhux konformi li tinżamm minn Parti f'livell ta':

(i) għall-Unjoni Ewropea:

(A) l-Unjoni Ewropea, kif stipulat fl-Iskeda tagħha fl-Anness I għall-Anness 8-B;

(B) il-gvern ċentrali ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, kif stipulat fl-Iskeda tagħha fl-Anness I għall-Anness 8-B;

(C) gvern reġjonali ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, kif stipulat fl-Iskeda tagħha fl-Anness I għall-Anness 8-B; jew

(D) gvern lokali, għajr dak imsemmi fis-subparagrafu (C); u

(ii) għall-Ġappun:

(A) il-gvern ċentrali, kif stipulat fl-Iskeda tiegħu fl-Anness I għall-Anness 8-B;

(B) prefettura, kif stipulat fl-Iskeda tiegħu fl-Anness I għall-Anness 8-B; jew

(C) gvern lokali għajr prefettura;

(b) il-kontinwazzjoni jew it-tiġdid fil-pront ta' kwalunkwe miżura mhux konformi msemmija fis-subparagrafu (a); jew

(c) emenda jew modifika ta' kwalunkwe miżura mhux konformi msemmija fis-subparagrafi (a) u (b), dment li l-emenda jew il-modifika ma tnaqqasx il-konformità tal-miżura mal-Artikoli 8.15 sa 8.17 hekk kif kienet teżisti eżatt qabel l-emenda jew il-modifika.

2. L-Artikoli 8.15 sa 8.17 ma japplikawx għal xi miżura minn Parti fir-rigward ta' setturi, ta' subsetturi jew ta' attivitajiet kif stipulati fl-Iskeda tagħha fl-Anness II għall-Anness 8-B.

ARTIKOLU 8.19

Ċaħda tal-benefiċċji

Parti tista' ċċaħħad il-benefiċċji ta' din it-Taqsima lil fornitur ta' servizz tal-Parti l-oħra li jkun persuna ġuridika tal-Parti l-oħra u lil servizzi ta' dak il-fornitur ta' servizzi jekk dik il-persuna ġuridika tkun proprjetà u taħt il-kontroll ta' persuna fiżika jew ġuridika ta' pajjiż terz u l-Parti li tiċħad tadotta jew iżżomm miżuri fir-rigward tal-pajjiż terz li:

(a) huma relatati maż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali, inkluża l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem; u

(b) jipprojbixxu tranżazzjonijiet mal-fornitur ta' servizz, jew ikunu miksura jew evitati li kieku jingħataw lill-fornitur ta' servizz jew lis-servizzi tiegħu l-benefiċċji ta' din it-Taqsima.

TAQSIMA D

Dħul u residenza temporanja ta’ persuni fiżiċi

ARTIKOLU 8.20

Disposizzjonijiet ġenerali u kamp ta’ applikazzjoni

1. Din it-Taqsima tirrifletti r-relazzjoni kummerċjali msaħħa bejn il-Partijiet kif ukoll ix-xewqa tal-Partijiet li jiffaċilitaw id-dħul u r-residenza temporanja tal-persuni fiżiċi għal skopijiet kummerċjali fuq bażi reċiproka, u li jiżguraw it-trasparenza tal-proċess.

2. Din it-Taqsima tapplika għal miżuri minn Parti li jaffettwaw id-dħul f’dik il-Parti minn persuni fiżiċi tal-Parti l-oħra, li huma viżitaturi kummerċjali għal finijiet ta’ stabbiliment, ħaddiema bi trasferiment intra-ażjendali, investitui, fornituri ta’ servizzi kuntrattwali, professjonisti indipendenti u viżitaturi kummerċjali ta’ terminu qasir, u għal miżuri li jaffettwaw l-attivitajiet kummerċjali tagħhom matul ir-residenza temporanja tagħhom fil-Parti msemmija l-ewwel.

3. Sal-punt li l-impenji mhumiex meħuda f’din it-Taqsima, ir-rekwiżiti kollha previsti fil-liġijiet u r-regolamenti ta’ Parti fir-rigward tad-dħul u s-soġġorn temporanju għandhom ikomplu japplikaw, inklużi r-regolamenti dwar it-tul taż-żjara.

4. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta’ din it-Taqsima, ir-rekwiżiti kollha pprovduti fil-liġijiet u fir-regolamenti ta’ Parti rigward il-miżuri tal-impjiegi u tas-sigurtà soċjali għandhom ikomplu japplikaw, inklużi r-regolamenti li jirrigwardaw il-pagi minimi kif ukoll il-ftehimiet kollettivi dwar il-pagi.

5. Impenji dwar id-dħul u r-residenza temporanja ta’ persuni fiżiċi għal finijiet kummerċjali ma japplikawx f’każijiet li fihom l-intenzjoni jew l-effett tad-dħul u tar-residenza temporanja jkun ta’ xkiel jew ta’ xi effett ieħor fi kwalunkwe tilwima jew negozjar relatati mal-impjiegi jew mal-ġestjoni, jew fl-impjieg ta’ kwalunkwe persuna fiżika li tkun involuta f’dik it-tilwima.

ARTIKOLU 8.21

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ din it-Taqsima:

(a) “viżitaturi kummerċjali għal finijiet ta’ stabbiliment” ta’ Parti tfisser persuni fiżiċi li jaħdmu f’pożizzjoni għolja li jkunu responsabbli għat-twaqqif ta’ intrapriża, ma joffru u lanqas jipprovdu servizzi, ma jkunux involuti fi kwalunkwe attività ekonomika oħra għajr dak li huwa meħtieġ għall-finijiet ta’ stabbiliment u ma jirċevux remunerazzjoni fi ħdan il-Parti l-oħra;

(b) "fornituri ta' servizzi kuntrattwali" tfisser:

(i) fir-rigward tad-dħul u s-soġġorn temporanju tal-Unjoni Ewropea, persuni naturali impjegati minn persuna ġuridika tal-Ġappun li hija stess mhijiex aġenzija ta' servizzi ta' allokazzjoni u forniment ta' persunal u li ma tkunx qed taġixxi permezz ta' aġenzija bħal din, ma jkunux stabbiliti fit-territorju tal-Unjoni Ewropea u li tkun ikkonkludiet kuntratt *bona fide* biex tipprovdi servizzi lil konsumatur finali fl-Unjoni Ewropea, li teħtieġ il-preżenza fuq bażi temporanja tal-impjegati tagħha fl-Unjoni Ewropea sabiex jissodisfaw il-kuntratt li jipprovdu servizzi[1];

(ii) fir-rigward tad-dħul u tar-residenza temporanja fil-Ġappun, persuni fiżiċi tal-Unjoni Ewropea li huma impjegati ta' persuna ġuridika tal-Unjoni Ewropea li mhix stabbilita fil-Ġappun dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

(A) ġie konkluż kuntratt ta' servizz bejn persuna ġuridika tal-Ġappun u persuna ġuridika tal-Unjoni Ewropea li mhix stabbilita fil-Ġappun;

(B) awtorità tal-immigrazzjoni kompetenti tal-Ġappun tiddetermina, fil-kuntest tal-kuntratt ta' servizz imsemmi fis-subparagrafu (A), li ġie konkluż kuntratt tax-xogħol bejn il-persuna fiżika tal-Unjoni Ewropea u l-persuna ġuridika tal-Ġappun; u

[1] Il-kuntratt li jfornu servizzi msemmija fis-subparagrafu (b)(i) għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-liġijiet u r-regolamenti li japplikaw fil-post fejn jitwettaq il-kuntratt.

(C) il-kuntratt ta' servizz imsemmi fis-subparagrafu (A) ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-kuntratt ta' servizz għas-servizzi ta' kollokament u ta' provvista tal-persunal (CPC872), u l-kuntratt tax-xogħol kif imsemmi fis-subparagrafu (B) jikkonforma mal-liġijiet u mar-regolamenti rilevanti tal-Ġappun;

(c) "professjonisti indipendenti" tfisser:

(i) fir-rigward tad-dħul u s-soġġorn temporanju fl-Unjoni Ewropea, persuni fiżiċi li huma involuti fil-provvista ta' servizz u stabbiliti bħala persuni li jaħdmu għal rashom fit-territorju tal-Ġappun, ma jkunux stabbiliti fit-territorju tal-Unjoni Ewropea u li kkonkludew kuntratt *bona fide* (għajr permezz ta' aġenzija ta' servizzi ta' allokazzjoni u forniment ta' persunal) biex jipprovdu servizzi lil konsumatur finali fl-Unjoni Ewropea, li teħtieġ il-preżenza tagħhom fuq bażi temporanja fl-Unjoni Ewropea sabiex jissodisfaw il-kuntratt li jipprovdu servizzi[1]; kif ukoll

(ii) fir-rigward tad-dħul u tar-residenza temporanja fil-Ġappun, persuni fiżiċi tal-Unjoni Ewropea li ser ikunu involuti f'attivitajiet kummerċjali ta' provvista tas-servizzi matul ir-residenza temporanja tagħhom fil-Ġappun fuq il-bażi ta' kuntratt personali ma' persuna ġuridika tal-Ġappun;

[1] Il-kuntratt li jforni servizzi msemmija fis-subparagrafu (b)(i) għandu jkun konformi mar-rekwiżiti tal-liġijiet u r-regolamenti li japplikaw fil-post fejn jitwettaq il-kuntratt.

(d) “ħaddiema bi trasferiment intra-ażjendali” tfisser persuni fiżiċi li ġew impjegati minn persuna ġuridika ta’ Parti jew li kienu sħab fiha, għal perjodu ta’ mhux anqas minn sena eżatt qabel id-data tal-applikazzjoni tagħhom għad-dħul u għar-residenza temporanja fil-Parti l-oħra, u li jiġu ttrasferiti b’mod temporanju f’intrapriża, fit-territorju tal-Parti l-oħra, li tifforma parti mill-istess grupp tal-persuna ġuridika msemmija l-ewwel inklużi l-uffiċċju rappreżentattiv, is-sussidjarja, il-fergħa jew il-kumpanija prinċipali tagħha, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-persuna fiżika kkonċernata trid tkun tappartjeni lil waħda mill-kategoriji li ġejjin:

(A) maniġers: persuni li jaħdmu f'kariga għolja, li primarjament jiddirieġu l-ġestjoni tal-intrapriża, filwaqt li jirċievu sorveljanza jew direzzjoni ġenerali prinċipalment mill-bord tad-diretturi jew l-azzjonisti tan-negozju jew l-ekwivalenti tagħhom, inkluż mill-anqas:

(1) dawk li jmexxu l-impriża jew dipartiment tagħha;

(2) dawk li jissorveljaw u jikkontrollaw ix-xogħol ta’ impjegati superviżorji, professjonali jew maniġerjali oħra; jew

(3) dawk li għandhom awtorità personali li jirreklutaw u jkeċċu jew li jirrakkomandaw ir-reklutaġġ, it-tkeċċija jew azzjonijiet oħra relatati mal-persunal; jew

(B) speċjalisti: persuni li għandhom għarfien speċjalizzat li hu essenzjali għall-produzzjoni, għat-tagħmir ta' riċerka, għat-tekniki, għall-proċessi, għall-proċeduri jew għall-ġestjoni tal-intrapriża; u

(ii) għall-Unjoni Ewropea, fil-valutazzjoni tal-għarfien imsemmi fis-subparagrafu (i) (B), irid jitqies mhux biss l-għarfien speċifiku tal-intrapriża, imma anki jekk il-persuna fiżika jkollha livell għoli ta' kwalifika b'referenza għal tip ta' xogħol jew negozju li jeħtieġ għarfien tekniku speċifiku, inkluża s-sħubija ta' professjoni akkreditata. u

(e) "investituri" tfisser persuni fiżiċi li jistabbilixxu intrapriża, u jiżviluppaw jew jamministraw it-tħaddim ta' dik l-intrapriża fil-Parti l-oħra f'kapaċità li hi superviżorja jew eżekuttiva, u li għaliha dik il-persuna jew il-persuna ġuridika li timpjega lil dik il-persuna tkun impenjat, jew tkun tinsab fil-proċess timpenja, ammont sostanzjali ta' kapital.

ARTIKOLU 8.22

Obbligi ġenerali

1. Parti għandha tawtorizza d-dħul u r-residenza temporanja lil persuni fiżiċi tal-Parti l-oħra għal finijiet kummerċjali f'konformità ma' din it-Taqsima, u mal-Annessi III u IV għall-Anness 8-B, dment li dawk il-persuni jikkonformaw mal-liġijiet u mar-regolamenti dwar l-immigrazzjoni tal-Parti msemmija l-ewwel li huma applikabbli għad-dħul u għar-residenza temporanja.

2. Kull Parti għandha tapplika l-miżuri tagħha relatati mad-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima b'mod konsistenti max-xewqa tal-Partijiet li huma stabbiliti fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 8.20, u, b'mod partikolari, għandha tapplika dawk il-miżuri biex tevita indeboliment jew ittardjar għalxejn tal-kummerċ f'merkanzija jew f'servizzi, jew stabbiliment jew operazzjoni skont dan il-Ftehim.

3. Il-miżuri meħuda minn kull Parti għall-faċilitazzjoni u għat-tħaffif tal-proċeduri relatati mad-dħul u mar-residenza temporanja ta' persuni fiżiċi tal-Parti l-oħra għal finijiet kummerċjali għandhom ikunu konsistenti mal-Anness 8-C.

ARTIKOLU 8.23

Trasparenza

1. Parti għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni pubblika l-informazzjoni relatat mad-dħul u mar-residenza temporanja minn persuni fiżiċi tal-Parti l-oħra, imsemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 8.20.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi, fejn applikabbli, l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-kategoriji tal-viża, tal-permessi jew ta' kwalunkwe tip simili ta' awtorizzazzjoni rigward id-dħul u r-residenza temporanja;

(b) id-dokumentazzjoni meħtieġa u l-kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati;

(c) il-metodu ta' mili ta' applikazzjoni u l-alternattivi għall-preżentazzjoni, bħal uffiċċji konsulari jew online;

(d) tariffi tal-applikazzjoni u skeda ta' żmien indikattiva għall-proċessar ta' applikazzjoni;

(e) it-tul massimu ta' soġġorn skont kull tip ta' awtorizzazzjoni deskritti fis-subparagrafu (a);

(f) il-kundizzjonijiet għal kwalunkwe estensjoni jew tiġdid disponibbli;

(g) ir-regoli rigward id-dipendenti li jakkumpanjaw;

(h) il-proċeduri disponibbli għar-rieżami jew għall-appell; u

(i) il-liġijiet rilevanti ta' applikazzjoni ġenerali li jappartjenu għad-dħul u għar-residenza temporanja tal-persuni fiżiċi.

3. Fir-rigward tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2, kull Parti għandha tieħu impenn li tinforma minnufih lill-Parti l-oħra bl-introduzzjoni ta' kwalunkwe rekwiżit ġdid u proċedura ġdida jew bit-tibdiliet fi kwalunkwe rekwiżit u proċedura li jaffettwaw l-applikazzjoni effettiva għall-awtorizzazzjoni tad-dħul, għar-residenza temporanja u, fejn applikabbli, għall-awtorizzazzjoni ta' xogħol fil-Parti msemmija l-ewwel.

ARTIKOLU 8.24

Obbligi f'taqsimiet oħra

1. Dan il-Ftehim ma jimponi ebda obbligu fuq Parti rigward il-miżuri tal-immigrazzjoni tagħha, ħlief kif previst b'mod speċifiku f'din it-Taqsima.

2. Mingħajr ħsara għal kwalunkwe deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni tad-dħul lil persuna fiżika tal-Parti l-oħra fi ħdan it-termini ta' din it-Taqsima, li jinkludu t-tul permissibbli tar-residenza skont kwalunkwe awtorizzazzjoni bħal din:

(a) l-obbligi tal-Artikoli 8.7 sa 8.11 soġġetti għal:

(i) l-Artikolu 8.6; u

(ii) l-Artikolu 8.12 sa fejn il-miżura taffettwa t-trattament ta' persuni fiżiċi għal finijiet kummerċjali li huma preżenti fit-territorju tal-Parti l-oħra,

b'dan huma inkorporati f'din it-Taqsima u magħmula parti minnha u japplikaw għall-miżuri li jaffettwaw it-trattament ta' persuni fiżiċi għal finijiet kummerċjali li huma preżenti fit-territorju tal-Parti l-oħra taħt il-kategoriji ta' viżitaturi kummerċjali għal finijiet ta' stabbiliment, ta' ħaddiema bi trasferiment intra-ażjendali u ta' investituri, kif definiti fl-Artikolu 8.21;

(b) l-obbligi tal-Artikoli 8.15 u 8.16 soġġetti għal:

(i) l-Artikolu 8.14; u

(ii) l-Artikolu 8.18 sa fejn il-miżura taffettwa t-trattament ta' persuni fiżiċi għal finijiet kummerċjali li huma preżenti fit-territorju tal-Parti l-oħra,

b'dan huma inkorporati f'din it-Taqsima u magħmula parti minnha u japplikaw għall-miżuri li jaffettwaw it-trattament ta' persuni fiżiċi għal finijiet kummerċjali li huma preżenti fit-territorju tal-Parti l-oħra taħt il-kategoriji ta':

(i) fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti, kif definiti fl-Artikolu 8.21, għas-setturi kollha elenkati fl-Anness IV għall-Anness 8-B; u

(ii) viżitaturi kummerċjali ta' terminu qasir, imsemmija fl-Artikolu 8.27, f'konformità mal-Anness III għall-Anness 8-B; kif ukoll

(c) l-obbligu tal-Artikolu 8.17 soġġett għal:

(i) l-Artikolu 8.14; u

(ii) l-Artikolu 8.18 sa fejn il-miżura taffettwa t-trattament ta' persuni fiżiċi għal finijiet kummerċjali li huma preżenti fit-territorju tal-Parti l-oħra,

b'dan hu inkorporat f'din it-Taqsima u magħmul parti minnha u japplika għall-miżuri li jaffettwaw it-trattament ta' persuni fiżiċi għal finijiet kummerċjali li huma preżenti fit-territorju tal-Parti l-oħra taħt il-kategoriji ta':

(i) fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti, kif definiti fl-Artikolu 8.21; u

(ii) viżitaturi kummerċjali ta' terminu qasir, imsemmija fl-Artikolu 8.27.

3. Għal ċertezza akbar, l-obbligi msemmija fil-paragrafu 2 ma japplikawx għal miżuri relatati mal-awtorizzazzjoni tad-dħul f'Parti għal persuni fiżiċi ta' dik il-Parti jew ta' pajjiż terz.

ARTIKOLU 8.25

Viżitaturi kummerċjali għal finijiet ta' stabbiliment, ħaddiema bi trasferiment intra-ażjendali u investituri

1. Kull Parti għandha tagħti d-dħul u l-permanenza temporanja għal viżitaturi kummerċjali għall-finijiet ta' stabbiliment, ħaddiema bi trasferiment intra-ażjendali u lill-investituri tal-Parti l-oħra skont l-Anness III għal Anness 8-B.

2. Parti m'għandhiex tadotta jew iżżomm limitazzjonijiet fuq in-numru totali ta' persuni fiżiċi awtorizzati jidħlu f'konformità mal-paragrafu 1, f'settur jew f'subsettur speċifiku, fil-forma ta' kwoti numeriċi jew tar-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi fuq il-bażi ta' subdiviżjoni territorjali jew inkella fuq il-bażi tat-territorju sħiħ tagħha.

ARTIKOLU 8.26

Fornituri ta' servizzi kuntrattwali, u professjonisti indipendenti

1. Kull Parti għandha tagħti d-dħul u s-soġġorn temporanju lil fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti tal-Parti l-oħra skont l-Anness IV tal-Anness 8-B.

2. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor fl-Anness IV għall-Anness 8-B, Parti m'għandhiex tadotta jew iżżomm limitazzjonijiet fuq in-numru totali ta' fornituri ta' servizzi kuntrattwali u ta' professjonisti indipendenti tal-Parti l-oħra li jiġu awtorizzati jidħlu, fil-forma ta' kwoti numeriċi jew tar-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.

ARTIKOLU 8.27

Viżitaturi kummerċjali ta' terminu qasir

1. Kull Parti għandha tagħti d-dħul u s-soġġorn temporanju lil fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti tal-Parti l-oħra skont l-Anness IV tal-Anness 8-B, suġġett għal dawn il-kundizzjonijiet:

(a) il-viżitaturi kummerċjali ta' terminu qasir mhumiex involuti fil-bejgħ tal-prodotti tagħhom jew fil-forniment ta' servizzi lill-pubbliku ġenerali;

(b) il-viżitaturi kummerċjali ta' terminu qasir ma jirċivux remunerazzjoni, f'isimhom stess, mill-Parti fejn għandhom residenza temporanja; u

(c) il-viżitaturi kummerċjali ta' terminu qasir mhumiex involuti fil-provvista ta' servizz fil-qafas ta' kuntratt konkluż bejn persuna ġuridika li mhix stabbilita fit-territorju tal-Parti fejn għandhom residenza temporanja, u konsumatur hemmhekk, ħlief kif previst fl-Anness III għall-Anness 8-B.

2. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor fl-Anness III għall-Anness 8-B, kull Parti għandha tawtorizza d-dħul ta' viżitaturi kummerċjali ta' terminu qasir mingħajr ir-rekwiżit ta' permess tax-xogħol, ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi jew ta' proċeduri oħra ta' approvazzjoni minn qabel b'intenzjoni simili.

ARTIKOLU 8.28

Punti ta' kuntatt

Mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha tiddeżinja punt ta' kuntatt għall-implimentazzjoni u għat-tħaddim effettivi ta' din it-Taqsima u tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta' kuntatt li jinkludu informazzjoni dwar l-uffiċjali rilevanti. Il-Partijiet minnufih għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar kwalunkwe tibdil f'dawk id-dettalji ta' kuntatt.

TAQSIMA E

Qafas regolatorju

SUBTAQSIMA 1

Regolamentazzjoni interna

ARTIKOLU 8.29

Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Din is-Subtaqsima tapplika għall-miżuri mill-Partijiet dwar rekwiżiti u proċeduri ta' liċenzjar, rekwiżiti ta' kwalifiki u proċeduri u standards tekniċi[1] li jaffettwaw:

(a) il-kummerċ transfruntier fis-servizzi kif definit fis-subparagrafu (d) tal-Artikolu 8.2;

(b) l-istabbiliment kif definit fis-subparagrafu (i) tal-Artikolu 8.2 jew operazzjoni kif definita fis-subparagrafu (p) tal-Artikolu 8.2; jew

[1] Għal ċertezza akbar, f'dak li għandu x'jaqsam ma' miżuri relatati ma' standards tekniċi, din is-Subtaqsima tapplika biss għal miżuri bħal dawn li jaffettwaw il-kummerċ fis-servizzi.

(c) il-provvista ta' servizz permezz tal-preżenza ta' persuna fiżika ta' Parti fit-territorju tal-Parti l-oħra, f'konformità mal-Artikolu 8.24.

2. Din is-Subtaqsima ma tapplikax għal rekwiżiti u għal proċeduri ta' liċenzjar, għal rekwiżiti u għal proċeduri ta' kwalifika u għal standards tekniċi:

(a) skont miżura li ma tikkonformax mal-Artikolu 8.7 jew 8.8 u msemmija fis-subparagrafi 1(a) sa (c) tal-Artikolu 8.12 jew mal-Artikolu 8.15 jew 8.16 u msemmija fis-subparagrafi 1(a) sa (c) tal-Artikolu 8.18; jew

(b) skont miżura msemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 8.12 jew fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 8.18.

3. Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, "awtorità kompetenti" hi gvern jew awtorità ċentrali, reġjonali jew lokali, jew korp mhux governattiv fl-eżerċizzju ta' setgħat iddelegati minn gvernijiet jew minn awtoritajiet ċentrali, reġjonali jew lokali, li huma intitolati jieħdu deċiżjonijiet dwar l-awtorizzazzjoni biex jiġi fornit servizz, inkluż permezz tal-istabbiliment, jew dwar l-awtorizzazzjoni ta' stabbiliment ta' intrapriża għall-involviment f'attività ekonomika għajr servizz.

ARTIKOLU 8.30

Il-kundizzjonijiet għal-liċenzjar u għall-kwalifika

Miżuri relatati mar-rekwiżiti u mal-proċeduri ta' liċenzjar, u ma' rekwiżiti u ma' proċeduri ta' kwalifika ta' kull Parti għandhom ikunu bbażati fuq il-kriterji li ġejjin:

(a) ċarezza;

(b) oġġettività;

(c) trasparenza;

(d) disponibbiltà minn qabel għall-pubbliku; u

(e) l-aċċessibbiltà.

ARTIKOLU 8.31

Proċeduri ta’ liċenzjar u ta’ kwalifika

1. Il-proċeduri ta’ liċenzjar u ta’ kwalifika għandhom ikunu ċari, ikunu disponibbli għall-pubbliku minn qabel u jkunu tali li jiżguraw li l-applikazzjonijiet jiġu indirizzati b’mod oġġettiv u imparzjali.

2. Il-proċeduri ta’ liċenzjar u ta’ kwalifika għandhom ikunu sempliċi kemm jista’ jkun u m’għandhomx ikunu restrizzjoni minnhom infushom fuq il-provvista ta’ servizz jew fuq it-twettiq ta’ kwalunkwe attività ekonomika oħra. Kwalunkwetariffa ta’ awtorizzazzjoni[1] li l-applikanti jistgħu jġarrbu mill-applikazzjoni tagħhom għandhom ikunu raġonevoli, trasparenti u ma għandhomx fihom infushom jirrestrinġu l-provvista ta’ servizz jew l-insegwiment ta’ xi attività ekonomika oħra.

3. Il-proċeduri użati mill-awtorità kompetenti, u d-deċiżjonijiet ta’ din tal-aħħar fil-proċedura ta’ awtorizzazzjoni għandhom ikunu imparzjali fir-rigward tal-applikanti kollha. L-awtorità kompetenti għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha b’mod indipendenti u m’għandhiex tkun responsabbli quddiem xi persuna li tipprovdi xi servizz jew twettaq l-attivitajiet ekonomiċi li għalihom hi meħtieġa l-awtorizzazzjoni.

[1] It-tariffi tal-awtorizzazzjoni ma jinkludux it-tariffi għall-użu ta’ riżorsi naturali, il-pagamenti għall-irkant, il-proċedura tal-offerta jew mezzi nondiskriminatorji oħra għall-għoti ta’ konċessjonijiet jew kontribuzzjonijiet mandatorji għall-provvista ta’ servizzi universali.

4. Jekk jeżisti perjodu speċifiku ta’ żmien għall-applikazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tagħti perjodu raġonevoli ta’ żmien lil applikant biex jissottometti applikazzjoni. L-awtorità kompetenti għandha tagħti bidu għall-proċessar ta’ applikazzjoni mingħajr dewmien żejjed. Jekk possibbli, l-awtorità kompetenti għandha taċċetta applikazzjoni f’format elettroniku bl-istess kundizzjonijiet ta’ awtenticità bħal applikazzjoni f’format stampat.

5. L-awtorità kompetenti għandha tlesti l-proċessar ta’ applikazzjoni, li jinkludi l-ilħiq ta’ deċiżjoni finali, fi ħdan perjodu ta’ żmien raġonevoli mis-sottomissjoni ta’ applikazzjoni kompluta. Kull Parti għandha tieħu impenn li tistabbilixxi perjodu ta’ żmien indikattiv għall-proċessar ta’ applikazzjoni u għandha tqiegħed dak il-perjodu ta’ żmien għad-dispożizzjoni pubblika, meta tistabbilixxih.

6. L-awtorità kompetenti, f’perjodu ta’ żmien raġonevoli wara li tkun irċeviet applikazzjoni li hi tikkonsidra mhux kompluta, għandha tinforma lill-applikant u, sa fejn ikun fattibbli, tidentifika l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex titlesta l-applikazzjoni, u tipprovdi l-opportunità biex jiġu kkoreġuti n-nuqqasijiet.

7. L-awtorità kompetenti, fejn possibbli, għandha taċċetta kopji awtentikati minflok dokumenti oriġinali.

8. Jekk l-awtorità kompetenti tirrifjuta applikazzjoni minn applikant, din għandha tgħarraf lill-applikant, fil-prinċipju bil-miktub, u mingħajr dewmien żejjed. Fuq talba tal-applikant, din għandha wkoll tgħarraf lill-applikant bir-raġunijiet għar-rifjut tal-applikazzjoni u dwar il-perjodu ta' żmien li għandu biex jappella kontra dik id-deċiżjoni.

9. L-awtorità kompetenti għandha tagħti awtorizzazzjoni malli tiġi stabbilita, fid-dawl ta' eżaminazzjoni xierqa, li l-applikant jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-kisba tagħha.

10. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li awtorizzazzjoni, ladarba tingħata, tidħol fis-seħħ mingħajr dewmien żejjed f'konformità mal-patti u mal-kundizzjonijiet speċifikati fiha.

ARTIKOLU 8.32

Standards tekniċi

Kull Parti għandha tħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti tagħha, meta jadottaw standards tekniċi, biex jadottaw standards tekniċi li jkunu ġew żviluppati permezz ta' proċessi miftuħa u trasparenti, u għandha tħeġġeġ lil kwalunkwe korp iddeżinjat biex jiżviluppa standards tekniċi biex juża proċessi miftuħa u trasparenti.

SUBTAQSIMA 2

Dispożizzjonijiet ta’ applikazzjoni ġenerali

ARTIKOLU 8.33

Amministrazzjoni ta’ miżuri ta’ applikazzjoni ġenerali

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-miżuri kollha ta’ applikazzjoni ġenerali li jaffettwaw il-kummerċ fis-servizzi jkunu amministrati b’mod raġonevoli, oġġettiv u imparzjali.

2. Il-paragrafu 1 ma japplikax għal:

(a) l-aspetti ta’ miżura li ma jikkonformawx mal-Artikolu 8.7 jew 8.8 u msemmija fis-subparagrafu 1(a) sa (c) tal-Artikolu 8.12 jew mal-Artikolu 8.12 jew mal-Artikolu 8.15 jew 8.16 u msemmija fis-subparagrafi 1(a) sa (c) tal-Artikolu 8.18; jew

(b) miżura msemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 8.12 jew il-paragrafu 2 tal-Artikolu 8.18.

ARTIKOLU 8.34

Proċeduri ta’ rieżami għal deċiżjonijiet amministrattivi

1. Kull Parti għandha żżomm tribunali jew proċeduri ġudizzjarji, tal-arbitraġġ jew amministrattivi li jipprovdu, fuq talba ta’ imprenditur jew ta’ fornitur ta’ servizzi affettwat tal-Parti l-oħra, għal rieżami minnufih ta’ deċiżjonijiet amministrattivi u, fejn iġġustifikati, għar-rimedji xierqa għal tali deċiżjonijiet, li jaffettwaw:

(a) il-kummerċ transfruntier fis-servizzi kif definit fis-subparagrafu (d) tal-Artikolu 8.2;

(b) l-istabbiliment kif definit fis-subparagrafu (i) tal-Artikolu 8.2 jew operazzjoni kif definita fis-subparagrafu (p) tal-Artikolu 8.2; jew

(c) il-provvista ta’ servizz permezz tal-preżenza ta’ persuna fiżika ta’ Parti fit-territorju tal-Parti l-oħra, f’konformità mal-Artikolu 8.24.

2. Jekk il-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 ma jkunux indipendenti mill-aġenzija fdata bid-deċiżjoni amministrattiva kkonċernata, kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri fil-fatt jipprovdu għal rieżami oġġettiv u imparzjali.

ARTIKOLU 8.35

Rikonoxximent reċiproku

1. Xejn f'din it-Taqsima ma jimpedixxi lil xi Parti milli teħtieġ li l-persuni fiżiċi jrid ikollhom il-kwalifiki jew l-esperjenza professjonali neċessarji speċifikati fit-territorju fejn jiġi pprovdut is-servizz, għas-settur tal-attività kkonċernat.

2. Kull Parti tinkoraġġixxi lill-korpi professjonali rilevanti fit-territorju tagħha biex jipprovdu rakkomandazzjonijiet dwar ir-rikonoxximent reċiproku lill-Kumitat, għall-iskop tat-twettiq, b'mod sħiħ jew parzjali, mill-intraprendituri u l-forniturі tas-servizzi tal-kriterji applikati minn dik il-Parti għall-awtorizzazzjoni, il-liċenzjar, it-tħaddim u ċ-ċertifikazzjoni tal-intraprendituri u l-forniturі tas-servizzi u, b'mod partikolari, fis-settur tas-servizzi professjonali.

3. Malli jirċievi rakkomandazzjoni konġunta kif imsemmija fil-paragrafu 2, il-Kumitat, fi ħdan perjodu ta' żmien raġonevoli, għandu jirrieżamina dik ir-rakkomandazzjoni bl-għan li jiżgura l-konsistenza tagħha ma' dan il-Ftehim u, fuq il-bażi tal-informazzjoni li jkun hemm fiha, jivvaluta b'mod partikolari:

(a) il-punt sa fejn qegħdin jikkonverġu l-istandards u l-kriterji applikati minn kull Parti għall-awtorizzazzjoni, għal-liċenzjar, għall-operazzjoni u għaċ-ċertifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2; u

(b) il-valur ekonomiku potenzjali ta’ ftehim ta' rikonoxximent reċiproku għall-awtorizzazzjoni, għal-liċenzjar, għall-operazzjoni u għaċ-ċertifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

4. Meta jiġu ssodisfati dawk ir-rekwiżiti, il-Kumitat għandu jistabbilixxi l-passi neċessarji għan-negozjar. Wara, il-Partijiet għandhom jibdew bin-negozjati, permezz tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom, dwar ftehim ta’ rikonoxximent reċiproku għall-awtorizzazzjoni, għal-liċenzjar, għall-operazzjoni u għaċ-ċertifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

5. Kwalunkwe ftehim ta’ rikonoxximent reċiproku li l-Partijiet jistgħu jikkonkludu għandu jkun f’konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim tad-WTO u, b’mod partikolari, mal-Artikolu VII tal-GATS.

SUBTAQSIMA 3

Servizzi tal-posta u tal-kurrier

ARTIKOLU 8.36

Kamp ta’ applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Din is-Subtaqsima tistabbilixxi l-prinċipji tal-qafas regolatorju għall-provvista ta’ servizzi tal-posta u tal-kurrier, u tapplika għal miżuri meħuda minn Parti li taffettwa l-kummerċ fis-servizzi tal-posta u tal-kurrier.

2. Għall-finijiet ta’ din is-Subtaqsima:

(a) “liċenzja” tfisser awtorizzazzjoni li awtorità regolatorja indipendenti ta’ Parti tista’ titlob mingħand fornitur individwali, f’konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tal-Parti, biex dak il-fornitur joffri servizzi tal-posta u tal-kurrier; u

(b) “servizz universali” tfisser il-provvista permanenti ta’ servizz tal-posta ta’ kwalità speċifika fil-punti kollha fit-territorju ta’ Parti bi prezzijiet affordabbli għall-utenti kollha.

ARTIKOLU 8.37

Servizz universali

1. Kull Parti għandha d-dritt li tiddefinixxi t-tip ta’ obbligu universali tas-servizz li tixtieq li żżomm. Dak l-obbligu mhux se jitqies antikompetittiv minnu nnifsu, dment li jkun amministrat b’mod trasparenti, nondiskriminatorju u kompetittivament newtrali u ma joħloqx piżijiet aktar milli neċessarji għat-tip ta’ servizz universali definit mill-Parti, fir-rigward tal-fornituri kollha soġġetti għall-obbligu.

2. Fi ħdan il-qafas tal-leġiżlazzjoni postali tagħha jew b'mezzi abitwali oħra, kull Parti għandha tistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu ta' servizz universali, filwaqt li tqis bis-sħiħ il-ħtiġijiet tal-utenti u l-kundizzjonijiet nazzjonali, li jinkludu l-forzi tas-suq, ta' dik il-Parti.

3. Kull Parti għandha tiżgura li fornitur ta' servizzi tal-posta u tal-kurrier fit-territorju tagħha li hu soġġett għal obbligu ta' servizz universali skont il-liġijiet u r-regolamenti tagħha ma jkunx involut fil-prattiki li ġejjin:

(a) minbarra l-attivitajiet kummerċjali ta' intrapriżi oħra minn cross-subsidising, bi dħul derivat minn provvista ta' servizz universali, il-provvista ta' servizzi tal-posta express (EMS)[1] jew kwalunkwe servizz mhux universali b'tali mod li jikkostitwixxi monopolizzazzjoni privata bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Liġi dwar il-Projbizzjoni tal-Monopolju Privat u Manutenzjoni tal-kummerċ ġust (Liġi Nru 54, 1947) tal-Ġappun jew abbuż ta' pożizzjoni dominanti fis-suq bi ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni Ewropea rispettivament[2]; jew

[1] Għall-finijiet ta' dan is-subparagrafu, "servizzi tal-posta rapida (EMS)" tfisser is-servizzi msemmija fis-subparagrafu 1.3 tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Postali Universali, magħmula f'Istanbul fis-6 ta' Ottubru 2016.

[2] Għal aktar ċertezza, l-infurzar tal-liġi tal-kompetizzjoni ta' kull Parti u d-deċiżjonijiet relatati minn awtorità tal-kompetizzjoni għandha tkun koperta mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 11.

(b) differenzjar b'mod mhux ġustifikabbli bejn il-klijenti, bħal dawk li jibgħatu posta ta' volum kbir jew konsolidaturi tal-utenti, fejn ikun hemm kundizzjonijiet simili fir-rigward ta' spejjeż u d-dispożizzjonijiet dwar aċċettazzjoni, il-kunsinna, direzzjoni mill-ġdid, ir-ritorn u l-għadd ta' jiem meħtieġa għat-twettiq għall-provvista ta' servizz suġġett għal obbligu ta' servizz universali.

ARTIKOLU 8.38

Proċeduri fuq il-fruntiera

1. Proċeduri fuq il-fruntiera internazzjonali ta' servizzi postali u ta' kurrier internazzjonali[1] huma eżegwiti skont ftehimiet internazzjonali relatati u mal-liġijiet u mar-regolamenti ta' kull Parti.

[1] Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "servizzi internazzjonali tal-posta" tfisser servizzi li l-operaturi ddeżinjati msemmija fis-subparagrafu 1.12 tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Postali Universali jipprovdu f'konformità mal-Atti tal-Unjoni Postali Universali.
"Servizzi internazzjonali tal-kurrier" tfisser servizzi li jikkostitwixxu fil-ġbir, fit-tqassim, fit-trasport u fil-konsenja ta' dokumenti, ta' materja stampata, ta' pakketti u ta' prodotti għal destinazzjonijiet barranin, mhux irregolati mill-Atti tal-Unjoni Postali Universali.

2. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 1, kull Parti m'għandhiex tagħti trattament inqas favorevoli b'mod indebitu fir-rigward tal-proċeduri fuq il-fruntiera lil servizzi internazzjonali tal-kurrier minn dak li tagħti lil servizzi internazzjonali tal-posta.

ARTIKOLU 8.39

Liċenzji

1. Kull Parti tista' titlob liċenzja għall-provvista ta' servizz kopert minn din is-Subtaqsima.

2. Jekk Parti tkun teħtieġ liċenzja, din għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku:

(a) il-kriterji kollha ta' liċenzjar u l-perjodu ta' żmien normalment meħtieġ biex tittieħed deċiżjoni dwar applikazzjoni għal liċenzja; u

(b) il-patti u l-kundizzjonijiet tal-liċenzji.

3. Jekk applikazzjoni għal liċenzja tiġi rrifjutata mill-awtorità kompetenti, din, fuq talba, għandha tinforma lill-applikant bir-raġunijiet għar-rifjut tal-liċenzja. Kull Parti għandha tistabbilixxi proċedura tal-appell permezz ta' korp indipendenti disponibbli għall-applikanti li l-liċenzja tagħhom tkun ġiet irrifjutata. Dik il-proċedura għandha tkun trasparenti, nondiskriminatorja, u bbażata fuq kriterji oġġettivi.

ARTIKOLU 8.40

Indipendenza tal-korp regolatorju

Kull Parti għandha tiżgura li:

(a) il-korp regolatorju tiegħu[1] għal servizzi koperti minn din is-Subtaqsima huwa legament separat minn, u ma jagħtix rendikont lil, ebda fornitur ta' dawk is-servizzi; u,

(b) soġġett għal-liġijiet u għar-regolamenti ta' kull Parti, id-deċiżjonijiet tal-korp regolatorju tagħha, u l-proċeduri użati minn dan, ikunu imparzjali.

[1] Il-korp regolatorju msemmi f'dan l-Artikolu ma jinkludix awtoritajiet doganali ta' kull Parti.

SUBTAQSIMA 4

Servizzi tat-telekomunikazzjoni

ARTIKOLU 8.41

Kamp ta’ applikazzjoni

1. Din is-Subtaqsima tistabbilixxi l-prinċipji tal-qafas regolatorju għas-servizzi kollha tat-telekomunikazzjoni u tapplika għall-miżuri meħuda minn Parti li jaffettwaw il-kummerċ fis-servizzi tat-telekomunikazzjoni, li jikkonsistu fit-twassil ta’ sinjali li jinkludi, fost l-oħrajn, it-trażmissjoni ta’ sinjali tal-vidjo u tal-awdjo (irrispettivament mit-tipi ta’ protokolli u ta’ teknoloġiji użati) permezz ta’ netwerks pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni.

2. Din is-Subtaqsima ma tapplikax għal miżuri li jaffettwaw:

(a) servizzi tax-xandir kif definiti fil-liġijiet u fir-regolamenti ta’ kull Parti; u

(b) servizzi li jipprovdu, jew jeżerċitaw kontroll editorjali fuq, kontenut trażmess bl-użu ta’ netwerks u ta’ servizzi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni;

3. Minkejja s-subparagrafu 2(a), fornitur ta' servizzi tax-xandir għandu jitqies li hu fornitur ta' servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni u n-netwerks tiegħu bħala netwerks pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni, meta u sa fejn it-tali netwerks jintużaw ukoll biex jipprovdu servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni.

4. Xejn f'din is-Subtaqsima m'għandu jiġi interpretat bħala li jeħtieġ li Parti:

(a) tawtorizza fornitur ta' servizz tal-Parti l-oħra biex jistabbilixxi, jibni, jakkwista, jikri, jopera jew iforni netwerks jew servizzi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni għajr kif previst f'dan il-Ftehim; jew

(b) jistabbilixxi, jibni, jakkwista, jikri, jopera jew iforni netwerks jew servizzi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni mhux offruti lill-pubbliku b'mod ġenerali, jew tobbliga lil fornitur ta' servizz taħt il-ġurisdizzjoni tagħha biex jagħmel dan.

ARTIKOLU 8.42

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ din is-Subtaqsima:

(a) “faċilitajiet assoċjati” tfisser servizzi u infrastrutturi assoċjati ma’ netwerks jew ma’ servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni li huma neċessarji għall-provvista ta’ servizzi permezz ta’ dawk in-netwerks jew is-servizzi, bħal binjiet (inklużi d-daħliet u l-installazzjoni tal-wajers), il-kanali u l-armarji kif ukoll l-arbli u l-antenni;

(b) “orjentati lejn il-kostijiet” tfisser ibbażati fuq il-kostijiet, u jista’ jkun inkluż profitt raġonevoli, u jistgħu jkunu involuti metodoloġiji differenti tal-ikkostjar għal faċilitajiet jew għal servizzi differenti;

(c) “utent finali” jfisser konsumatur aħħari jew abbonat għal netwerk jew għal servizz tat-trasport tat-telekomunikazzjoni pubblika, inkluż fornitur ta’ servizz li ma jkunx fornitur ta’ netwerks jew ta’ servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni;

(d) “faċilitajiet essenzjali” tfisser faċilitajiet ta’ netwerk jew ta’ servizz pubbliku tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet li:

(i) jiġu offruti b’mod esklużiv jew prinċipali minn fornitur uniku jew minn numru limitat ta’ fornituri; u

(ii) ma jistgħux ikunu ekonomikament jew teknikament sostitwiti biex jiġi pprovdut servizz;

(e) “interkonnessjoni” tfisser l-irbit[1] ma’ fornituri li jipprovdu netwerks jew servizzi ta’ trasport tat-telekomunikazzjoni pubblika bl-għan li tippermetti lill-utenti ta’ fornitur wieħed jikkomunikaw mal-utenti ta’ fornitur ieħor jew li jkollhom aċċess għal servizzi provduti minn kwalunkwe fornitur li jkollu aċċess għan-netwerk;

(f) “servizz internazzjonali tar-roaming mobbli” tfisser servizz mobbli kummerċjali pprovdut skont ftehim kummerċjali bejn il-fornituri ta’ servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni li jippermetti lil utent finali juża l-apparat mobbli domestiku tiegħu jew apparat ieħor għal servizzi ta’ trażmissjoni tal-vuċi, ta’ data jew ta’ messaġġi waqt li jkun barra mit-territorju li fih jinsab in-netwerk pubbliku tat-trasport tat-telekomunikazzjoni tal-utent finali;

[1] Għal ċertezza akbar, il-konnessjoni tista’ tinkludi konnessjoni fiżika jew loġika, skont kif ikun xieraq.

(g) “ċirkwiti mikrija” tfisser faċilitajiet tat-telekomunikazzjoni bejn żewġ punti dežinjati jew aktar riżervati għall-użu ddedikat jew għad-disponibbiltà ta’ utent partikolari, irrispettivament mit-teknoloġija użata;

(h) “fornitur prinċipali” tfisser fornitur li għandu l-kapaċità li jaffettwa materjalment it-termini tal-parteċipazzjoni, fir-rigward tal-prezz u tal-provvista, fis-suq rilevanti għas-servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet bħala riżultat ta':

(i) kontroll fuq il-faċilitajiet essenzjali; jew

(ii) l-użu tal-pożizzjoni tiegħu fis-suq;

(i) “nondiskriminatorju” tfisser trattament mhux anqas favorevoli minn dak mogħti, f’ċirkustanzi simili, lil fornituri oħra ta’ servizzi u lil utenti tan-netwerks jew tas-servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni;

(j) “portabilità tan-numri” tfisser il-ħila ta’ utent finali tas-servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni li jitlob li jżomm, fl-istess post, l-istess numri tat-telefown mingħajr indeboliment tal-kwalità jew tal-affidabilità meta jaqleb bejn l-istess kategorija ta’ fornituri ta’ servizzi pubbliċi simili tat-trasport tat-telekomunikazzjoni;

(k) “netwerk pubbliku tat-trasport tat-telekomunikazzjoni” tfisser l-infrastruttura pubblika tat-telekomunikazzjoni li tippermetti t-telekomunikazzjoni bejn u fost punti tat-terminazzjoni definiti tan-netwerk;

(l) “servizz pubbliku tat-trasport tat-telekomunikazzjoni” tfisser kull servizz tat-trasport tat-telekomunikazzjoni offrut lill-pubbliku b’mod ġenerali li jista’ jinkludi fost l-oħrajn, telegrafija, telefown, telex u trażmissjoni ta’ data li tipikament jinvolvu t-trażmissjoni ta’ informazzjoni pprovduta mill-klijenti bejn żewġ punti jew iżjed mingħajr kwalunkwe tibdil minn tarf sa tarf fil-forma jew il-kontenut tal-informazzjoni tal-klijent;

(m) “awtorità regolatorja” tfisser il-korp jew il-korpi ta’ Parti li huma responsabbli għar-regolamentazzjoni tat-telekomunikazzjoni;

(n) “telekomunikazzjoni” tfisser it-trażmissjoni u r-riċezzjoni ta’ sinjali bil-wajer, bir-radju, b’mezzi ottiċi jew bi kwalunkwe mezz elettromanjetiku ieħor; u

(o) “utenti” tfisser utenti finali, jew fornituri ta’ netwerks jew ta’ servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni li huma konsumaturi ta’ netwerk jew ta’ servizz pubbliku tat-trasport tat-telekomunikazzjoni, jew abbonati għal dan.

ARTIKOLU 8.43

Approċċi għar-regolamentazzjoni

1. Il-Partijiet jagħrfu l-valur tas-swieq kompetittivi biex ifornu għażla mifruxa fil-provvista ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni u biex isaħħu l-benessri tal-konsumatur, u li jaf ma jkunx hemm bżonn ta' regolamentazzjoni ekonomika jekk ikun hemm kompetizzjoni effettiva. Kif xieraq, il-Partijiet jagħrfu li l-ħtiġijiet u l-approċċi regolatorji jvarjaw minn suq għal ieħor, u li Parti tista' tiddetermina kif timplimenta l-obbligi tagħha skont din is-Subtaqsima.

2. F'dak ir-rigward, il-Partijiet jagħrfu li Parti tista':

(a) tkun involuta f'regolamentazzjoni diretta jew b'antiċipazzjoni ta' kwistjoni li l-Parti tistenna li tista' tqum jew biex issolvi kwistjoni li diġà qamet fis-suq; jew

(b) tibbaża fuq ir-rwol tal-forzi tas-suq, b'mod partikolari fir-rigward tas-segmenti tas-suq li huma kompetittivi jew li għandhom ostakli baxxi għad-dħul, bħal servizzi forniti minn fornituri ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni li mhumiex sidien ta' faċilitajiet tan-netwerk.

3. Għal ċertezza akbar, Parti li żżomm lura milli tibda bir-regolamentazzjoni f'konformità mas-subparagrafu 2(b) tibqa' soġġetta għall-obbligi skont din is-Subtaqsima. Xejn f'dan l-Artikolu m'għandu jipprevjeni lil Parti milli tapplika regolament għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni.

ARTIKOLU 8.44

Aċċess u użu

1. Kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe fornitur ta' servizz tal-Parti l-oħra jingħata aċċess għan-netwerks u għas-servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni, u l-użu ta' dawn, bil-patti u bil-kundizzjonijiet li huma raġonevoli, nondiskriminatorji u mhux anqas favorevoli minn dawk li l-fornitur ta' dawk in-netwerks u s-servizzi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni jipprovdi għas-servizzi simili tiegħu f'ċirkustanzi simili. Dan l-obbligu għandu jiġi applikat, fost l-oħrajn, permezz tal-paragrafu 2 sa 6.

2. Kull Parti tiżgura li fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra huma mogħtija aċċess għal, u l-użu ta', kull netwerk ta' trasport tat-telekomunikazzjoni pubblika jew servizz offrut fi ħdan jew bejn il-fruntieri tal-ewwel Parti, inklużi ċirkwiti mikrija privatament, u għal dak l-għan jiżguraw, bla ħsara għall-paragrafi 5 u 6, li dawn il-fornituri jkunu permessi:

(a) jixtru jew jikru u jwaħħlu terminal jew tagħmir ieħor li joħloq interface man-netwerk li hi neċessarja biex huma jipprovdu s-servizzi tagħhom;

(b) jikkonnetjaw bejniethom ċirkwiti mikrija mill-privat jew ċirkwiti bi proprjetà privata ma' netwerks u ma' servizzi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni jew ma' ċirkwiti mikrija jew proprjetà ta' fornituri oħra ta' servizzi; u

(c) jużaw protokolli ta’ operazzjoni tal-għażla tagħhom fil-provvista ta’ kwalunkwe servizz, barra minn dak li hu neċessarju biex jiżguraw id-disponibbilità ta’ netwerks u ta’ servizzi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni għall-pubbliku b’mod ġenerali.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-fornituri ta’ servizzi tal-Parti l-oħra jkunu jistgħu jużaw in-netwerks u s-servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni għaċ-ċaqliq tal-informazzjoni fi ħdan il-Parti msemmija l-ewwel u b’mod transfruntier fiha, inkluż għal komunikazzjonijiet intrakorporattivi tat-tali fornituri ta’ servizzi, u għall-aċċess għal informazzjoni li tinsab fil-bażijiet ta’ data jew maħżuna b’xi mod ieħor f’forma li tinqara minn magna fi kwalunkwe Parti jew fi kwalunkwe membru ieħor tad-WTO.

4. Minkejja l-paragrafu 3, Parti tista’ tieħu dawk il-miżuri neċessarji biex tiżgura s-sigurtà u l-kunfidenzalità tal-messaġġi, soġġetta għar-rekwiżit li dawk il-miżuri ma jiġux applikati b’mod li jkun jikkostitwixxi mezz ta’ diskriminazzjoni arbitrarja u inġustifikabbli jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ fis-servizzi.

5. Kull Parti għandha tiżgura li ma tiġi imposta l-ebda kundizzjoni fuq l-aċċess għan-netwerks u għas-servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet u għall-użu ta’ dawn minbarra dawk il-kundizzjonijiet neċessarji biex:

(a) tissalvagwardja r-responsabbilitajiet tas-servizz pubbliku tal-fornituri ta’ netwerks u ta’ servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni, b’mod partikolari l-ħila tagħhom li jagħmlu n-netwerks jew is-servizzi tagħhom disponibbli għall-pubbliku b’mod ġenerali; jew

(b) tipproteġi l-integrità teknika tan-netwerks jew tas-servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni.

6. Diment li dawn jissodisfaw il-kriterji msemmija fil-paragrafu 5, il-kundizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks u għas-servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni u għall-użu ta' dawn jistgħu jinkludu:

(a) restrizzjonijiet fuq il-bejgħ mill-ġdid jew l-użu kondiviż ta' dawk is-servizzi;

(b) rekwiżit biex jintużaw interfaċċi tekniċi speċifiċi, inklużi protokolli tal-interfaċċa, għall-interkonnessjoni man-netwerks u mas-servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni;

(c) ir-rekwiżiti, jekk neċessarji, għall-interoperabbiltà tas-servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni u biex titħeġġeġ il-kisba tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 8.55;

(d) l-approvazzjoni tat-tip ta' terminal jew ta' tagħmir ieħor li joħloq interfaċċa man-netwerks pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni u r-rekwiżiti tekniċi relatati mat-tqabbid ta' dak it-tagħmir ma' dawk in-netwerks;

(e) restrizzjonijiet fuq l-interkonnessjoni bejn ċirkwiti mikrija mill-privat jew ċirkwiti bi proprjetà privata ma' netwerks jew ma' servizzi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni, jew ma' ċirkwiti mikrija jew proprjetà ta' fornituri oħra ta' servizzi; jew

(f) notifika, permess, reġistrazzjoni u liċenzjar.

ARTIKOLU 8.45

Portabbiltà tan-numru

Kull Parti għandha tiżgura li l-fornituri ta’ servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni fit-territorju tagħha jipprovdu portabilità tan-numri għas-servizzi mobbli u għal kwalunkwe servizz ieħor dežinjat minn dik il-Parti, fuq bażi puntwali u b’patti u b’kundizzjonijiet raġonevoli.

ARTIKOLU 8.46

Bejgħ mill-ġdid

Jekk Parti teħtieġ li fornitur ta’ servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni joffri s-servizzi pubbliċi tiegħu tat-trasport tat-telekomunikazzjoni għall-bejgħ mill-ġdid, dik il-Parti għandha tiżgura li t-tali fornitur ma jimponix kundizzjonijiet mhux raġonevoli jew diskriminatorji jew limitazzjonijiet fuq il-bejgħ mill-ġdid tas-servizzi pubbliċi tiegħu tat-trasport tat-telekomunikazzjoni.

ARTIKOLU 8.47

Awtorizzazzjoni tal-użu tal-faċilitajiet tan-netwerk u tal-interkonnessjoni

1. Il-partijiet jirrikonoxxu li jippermettu l-użu ta' faċilitajiet ta' netwerks[1] u l-interkonnessjoni għandha fil-prinċipju tiġi miftiehma fuq il-bażi ta' nnegozjar kummerċjali bejn il-forniturі ta' netwerks jew servizzi ta' trasport tat-telekomunikazzjoni pubblika kkonċernata.

2. Kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe fornitur ta' netwerks jew ta' servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni fit-territorju tagħha jkollu dritt u, jekk tintalab minn fornitur ta' netwerks jew ta' servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni tal-Parti l-oħra, obbligu, li jinnegozja interkonnessjoni għall-fini ta' provvista ta' netwerks jew ta' servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni. Kull Parti għandha tipprovdi lill-awtorità regolatorja tagħha bis-setgħa li titlob, fejn neċessarju, lil fornitur ta' netwerks jew ta' servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni biex jipprovdi interkonnessjoni mal-forniturі ta' netwerks jew ta' servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni tal-Parti l-oħra.

[1] Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "awtorizzazzjoni tal-użu tal-faċilitajiet tan-netwerk", tfisser it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' faċilitajiet jew ta' servizzi għal fornitur ieħor tan-netwerks jew tas-servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni bil-kundizzjonijiet definiti, għall-fini ta' forniment tas-servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni. Din tista' tinkludi l-użu ta' elementi attivi jew passivi tan-netwerk, faċilitajiet assoċjati, servizzi virtwali tan-netwerk, kolokazzjoni jew forom oħra ta' qsim tal-faċilitajiet assoċjati, l-użu ta' ċirkwiti mikrija u l-użu ta' faċilitajiet jew elementi speċifikati tan-netwerk, li jinkludu ċ-ċirkwit lokali, fuq bażi diżaggregata.

3. Parti m'għandhiex tadotta jew iżżomm xi miżura li tobbliga lill-fornituri ta' netwerks jew ta' servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni u li tippermetti l-użu ta' faċilitajiet ta' netwerks jew li tipprovdi interkonnessjoni biex joffru patti u kundizzjonijiet differenti lil fornituri differenti għal servizzi simili jew timponi obbligi li mhumiex relatati mas-servizzi pprovduti.

ARTIKOLU 8.48

Obbligi relatati ma' fornituri prinċipali

1. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri xierqa biex timpedixxi lill-fornituri li, waħedhom jew flimkien, ikunu fornitur ewlieni, milli jwettqu jew ikomplu jwettqu prattiki antikompetittivi. Dawn il-prattiki antikompetittivi għandhom jinkludu b'mod partikolari:

(a) l-involviment f'sussidjar reċiproku antikompetittiv;

(b) l-użu ta' informazzjoni miksuba mingħand il-kompetituri b'riżultati antikompetittivi; u

(c) ma jqegħdux għad-dispożizzjoni ta' fornituri ta' servizzi oħra b'mod puntwali informazzjoni teknika dwar faċilitajiet essenzjali u informazzjoni rilevanti mil-lat kummerċjali li hi meħtieġa għalihom biex jipprovdu s-servizzi.

2. Kull Parti għandha tipprovdi lill-awtorità regolatorja tagħha bis-setgħa li titlob, fejn xieraq, li l-forniturі prinċipali fit-territorju tagħha jagħtu lill-forniturі ta' netwerks jew ta' servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni tal-Parti l-oħra trattament xejn anqas favorevoli minn dak li l-fornitur prinċipali kkonċernat jagħti f'ċirkustanzi simili lis-sussidjarji tiegħu jew lill-affiljati tiegħu, rigward:

(a) id-disponibbiltà, il-proviżjonament, ir-rati jew il-kwalità tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni simili; u

(b) id-disponibbiltà ta' interfaċċi tekniċi neċessarji għall-interkonnessjoni.

3. Kull Parti għandha tiżgura li forniturі prinċipali fit-territorju tagħha jipprovdu interkonnessjoni mal-forniturі ta' netwerks jew ta' servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni tal-Parti l-oħra fi kwalunkwe punt teknikament fattibbli fin-netwerk tal-fornitur prinċipali kkonċernat u li l-fornitur prinċipali kkonċernat jipprovdi t-tali interkonnessjoni:

(a) bil-patti, bil-kundizzjonijiet (inkluż fir-rigward tal-istandards tekniċi, tal-ispeċifikazzjonijiet, tal-kwalità u tal-manutenzjoni) u bir-rati li huma nondiskriminatorji u xejn anqas favorevoli minn dawk ipprovduti għas-servizzi simili proprji tiegħu f'ċirkustanzi simili, u ta' kwalità xejn anqas favorevoli minn dik ipprovduta għas-servizzi simili proprji tiegħu, għas-servizzi simili ta' forniturі ta' servizzi mhux affiljati, jew għas-sussidjarji jew għal affiljati oħra tiegħu;

(b) b’mod puntwali, bil-patti, bil-kundizzjonijiet (inkluż fir-rigward tal-istandards tekniċi, tal-ispeċifikazzjonijiet, tal-kwalità u tal-manutenzjoni) u bir-rati orjentati lejn il-kostijiet li huma trasparenti, raġonevoli, u li jqisu l-fattibbiltà ekonomika, u diżaggregati biżżejjed biex il-fornituri ma jkollhomx bżonn iħallsu għal komponenti jew għal faċilitajiet tan-netwerk li ma jeħtiġux biex jiġi pprovdut is-servizz; u

(c) meta tintalab, f’punti minbarra fil-punti tat-terminazzjoni tan-netwerk offruti lill-maġġoranza tal-utenti, soġġetti għal ħlasijiet li jirriflettu l-kost tal-bini tal-faċilitajiet addizzjonali meħtieġa.

4. Kull Parti għandha tiżgura li fornituri prinċipali fit-territorju tagħha jipprovdu lill-fornituri ta’ netwerks jew ta’ servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni tal-Parti l-oħra bl-opportunità li joħolqu interkonnessjoni bejn il-faċilitajiet tagħhom u t-tagħmir u dawk ta’ fornitur prinċipali permezz ta’:

(a) offerta ta’ interkonnessjoni ta’ referenza jew offerta standard oħra ta’ interkonnessjoni li fiha r-rati, il-patti u l-kundizzjonijiet li l-fornitur prinċipali joffri b’mod ġenerali lil fornituri ta’ netwerks jew ta’ servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni; jew

(b) il-patti u l-kundizzjonijiet ta’ ftehim ta’ interkonnessjoni fis-seħħ.

5. Kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri applikabbli għal interkonnessjoni ma’ fornituri prinċipali fit-territorju tagħha jitqiegħdu għad-dispożizzjoni b’mod pubbliku.

6. Kull Parti tiżgura li l-forniturі prinċipali fit-territorju tagħha jagħmlu l-ftehimiet ta' interkonnessjoni tagħhom pubblikament disponibbli jew inkella l-offerti ta' interkonnessjoni ta' referenza tagħhom.

7. Kull Parti għandha tiżgura li l-forniturі prinċipali fit-territorju tagħha li jiksbu informazzjoni mingħand fornitur ieħor tan-netwerks jew tas-servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni fil-proċess tan-negozjar tal-arranġamenti dwar l-użu tal-faċilitajiet tan-netwerk jew tal-interkonnessjoni, u bħala riżultat ta' dan l-użu, jużaw dik l-informazzjoni biss għall-iskop li għalih tkun ġiet ipprovduta u jirrispettaw dejjem il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni mibgħuta jew maħżuna.

8. Kull Parti tiżgura li l-forniturі ewlenin fit-territorju tagħha tippermetti l-użu ta' faċilitajiet ta' netwerks, li jista' jinkludi, b'mod partikolari, għall-elementi ta' netwerk u faċilitajiet assoċjati, li l-forniturі ta' netwerks jew servizzi ta' trasport tat-telekomunikazzjoni pubblika tal-Parti l-oħra b'termini u kundizzjonijiet (inkluż fir-rigward ta' rati, standards, speċifikazzjonijiet tekniċi, kwalità u l-manutenzjoni) li jkunu trasparenti, raġonevoli, mhux diskriminatorji (inkluż fir-rigward ta' tempestività) u mhux inqas favorevoli minn dawk previsti għal servizzi simili proprji tagħhom taħt ċirkostanzi simili[1].

[1] Għal ċertezza akbar, xejn f'dan il-paragrafu m'għandu jiġi interpretat bħala li jipprevjeni lil Parti milli tippermetti lil fornitur prinċipali fit-territorju tagħha jirrifjuta kolokazzjoni fejn ikun hemm motivazzjoni raġonevoli għar-rifjut, b'mod partikolari fir-rigward tal-fattibbiltà teknika.

ARTIKOLU 8.49

Awtorità regolatorja

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtorità regolatorja tkun legalment distinta u funzjonalment indipendenti[1] minn kwalunkwe fornitur ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni, netwerks tat-telekomunikazzjoni jew tagħmir tan-netwerk tat-telekomunikazzjonijiet.

2. Parti li żżomm sjieda jew kontroll ta' fornitur ta' netwerks jew ta' servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni għandha tiżgura s-separazzjoni strutturali effettiva tal-funzjoni regolatorja tat-telekomunikazzjoni mill-attivitajiet assoċjati mas-sjieda jew mal-kontroll.

3. Kull Parti għandha tipprovdi lill-awtorità regolatorja tagħha bis-setgħa li tirregola s-settur tat-telekomunikazzjoni, u biex twettaq il-kompitu assenjat lilha inkluż l-infurzar tal-miżuri relatati mal-obbligi taħt din is-Subtaqsima. Il-kompiti li għandhom jitwettqu mill-awtorità regolatorja għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni pubblikament f'forma faċilment aċċessibbli u ċara.

[1] Għal ċertezza akbar, l-awtorità regolatorja ta' Parti m'għandhiex titqies li hi funzjonalment indipendenti biss fuq il-bażi tal-fatt li awtorità ta' dik il-Parti (għajr l-awtorità regolatorja) ikollha ishma jew interess ta' ekwità ieħor f'fornitur ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni, ta' netwerks tat-telekomunikazzjoni jew ta' tagħmir tan-netweks tat-telekomunikazzjoni.

4. Kull Parti għandha tiżgura li d-deċiżjonijiet tal-awtorità regolatorja tagħha, u l-proċeduri użati minnha, ikunu imparzjali fir-rigward tal-parteċipanti kollha fis-suq.

5. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtorità regolatorja tagħha twettaq il-kompiti tagħha b'mod trasparenti u, sa fejn prattikabbli, mingħajr dewmien żejjed.

6. Kull Parti għandha tipprovdi lill-awtorità regolatorja tagħha bis-setgħa li titlob mingħand il-fornituri ta' netwerks u ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni l-informazzjoni kollha, li tinkludi l-informazzjoni finanzjarja, li hi neċessarja biex twettaq il-kompiti tagħha f'konformità ma' din is-Subtaqsima. L-awtorità regolatorja m'għandhiex titlob aktar informazzjoni minn dik li hi meħtieġa biex twettaq il-kompiti tagħha u għandha tittratta l-informazzjoni miksuba mingħand dawk il-fornituri f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti ta' dik il-Parti b'rabta mal-kunfidenzjalità kummerċjali.

ARTIKOLU 8.50

Servizz universali

1. Kull Parti għandha d-dritt li tiddefinixxi t-tip ta' obbligi ta' servizz universali li tixtieq iżżomm. Dawk l-obbligi ma jitqisux antikompetittivi minnhom infushom, dment li jiġu amministrati b'mod trasparenti, nondiskriminatorju u kompetittivament newtrali u ma joħolqux piż akbar milli hu meħtieġ għax-xorta ta' servizz universali definit mill-Parti.

2. Il-forniturі kollha ta’ servizzi tat-telekomunikazzjoni għandhom ikunu eliġibbli biex jipprovdu servizz universali. Il-forniturі ta’ servizz universali għandhom jiġu ddeżinjati permezz ta’ mekkaniżmu trasparenza, nondiskriminatorju u li ma jkunx joħloq piżijied żejda b’mod indebitu.

3. L-awtorità regolatorja ta’ Parti tista’ tiddetermina jekk mekkaniżmu huwiex meħtieġ biex dan jikkumpensa għall-kost nett tal-forniturі ddeżinjati biex jipprovdu servizz universali, b’kunsiderazzjoni tal-benefiċċju tas-suq, jekk jeżisti, li jkun dovut għal dawk il-forniturі, jew biex jinqasam il-kost nett tal-obbligi ta’ servizz universali.

ARTIKOLU 8.51

Awtorizzazzjoni biex jiġu pprovduti netwerks u servizzi tat-telekomunikazzjoni

1. Kull Parti għandha tawtorizza l-provvista ta’ netwerks jew ta’ servizzi tat-telekomunikazzjoni, sa fejn possibbli, fuq notifika jew reġistrazzjoni sempliċi mingħajr ma teħtieġ deċiżjoni espliċita bil-quddiem mill-awtorità regolatorja tagħha. Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn tali awtorizzazzjoni għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku f’format aċċessibbli.

2. Jekk din tkun meħtieġa, Parti tista’ titlob liċenzja għad-dritt ta’ użu tal-frekwenzi tar-radju u tan-numri, b’mod partikolari biex:

(a) tkun evitata interferenza dannuża;

(b) tkun żgurata l-kwalità teknika tas-servizz; u

(c) ikun issalvagwardjat l-użu effiċjenti tal-ispettru.

3. Jekk Parti tkun teħtieġ liċenzja, dik il-Parti għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku:

(a) il-kriterji kollha ta' liċenzjar u perjodu ta' żmien raġonevoli normalment meħtieġ biex tittieħed deċiżjoni dwar liċenzja; u

(b) il-patti u l-kundizzjonijiet tal-liċenzji individwali.

4. Kull Parti għandha tinnotifika lil applikant dwar l-eżitu tal-applikazzjoni tagħha mingħajr dewmien żejjed wara li tkun ittieħdet deċiżjoni dwar il-liċenzja. F'każ li tittieħed deċiżjoni ta' rifjut ta' applikazzjoni għal liċenzja jew ta' revoka ta' din, kull Parti għandha tgħarraf lill-applikant, fil-prinċipju bil-miktub, fuq talba, dwar ir-raġunijiet għar-rifjut jew għar-revoka. F'dak il-każ, l-applikant għandu jkun jista' jirrikorri għal korp ta' appell kif imsemmi fl-Artikolu 8.54.

5. Kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe tariffa amministrattiva imposta fuq il-forniturі ta' netwerks jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni tkun oġġettiva, trasparenti u proporzjonata meta mqabbla mal-kostijiet amministrattivi tal-awtorità regolatorja tagħha. Dawk it-tariffi amministrattivi ma jinkludux pagamenti għad-drittijiet ta' użu ta' riżorsi skarsi u ta' kontribuzzjonijiet mandati għall-forniment ta' servizz universali.

ARTIKOLU 8.52

Allokazzjoni u użu ta’ riżorsi skarsi

1. Kull Parti għandha twettaq kwalunkwe proċedura għall-allokazzjoni u għall-użu ta’ riżorsi skarsi relatati mat-telekomunikazzjoni, inklużi l-frekwenzi, in-numri u d-drittijiet tal-linji, b’mod miftuħ, oġġettiv, puntwali, trasparenti, nondiskriminatorju u li ma joħloqx piżijiet żejda b’mod indebitu.

2. Kull Parti għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-istat kurrenti tal-frekwenzi allokati, iżda m’għandhiex tkun meħtieġa tipprovdi l-identifikazzjoni dettaljata tal-frekwenzi allokati għall-użi governattivi speċifiċi.

3. Miżuri meħuda minn Parti għall-allokazzjoni u għall-assenjazzjoni ta’ spettru u għall-ġestjoni tal-frekwenza mhumiex inkonsistenti minnhom infushom mal-Artikoli 8.7 u 8.15. Għalhekk, kull Parti żżomm id-dritt li tistabbilixxi u tapplika politiki ta’ ġestjoni tal-ispettru u tal-frekwenza li għandhom l-effett li jillimitaw in-numru ta’ fornituri ta’ servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni, dment li l-Parti tagħmel dan b’mod konsistenti mad-dispożizzjonijiet l-oħra ta’ dan il-Ftehim. Dan id-dritt jinkludi l-ħila ta’ allokazzjoni ta’ meded ta’ frekwenzi, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet attwali u futuri u d-disponibbiltà tal-ispettru.

ARTIKOLU 8.53

Trasparenza

Kull Parti għandha tiżgura li l-miżuri tagħha relatati mal-aċċess għan-netwerks u għas-servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni, u mal-użu ta' dawn, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, inklużi miżuri relatati ma':

(a) tariffi u termini oħrajn u kundizzjonijiet tas-servizz;

(b) speċifikazzjonijiet tal-interfaċċi tekniċi;

(c) korpi responsabbli għat-tħejjija, għall-emendar u għall-adozzjoni ta' standards li jaffettwaw l-aċċess u l-użu;

(d) il-kundizzjonijiet li japplikaw għat-tqabbid ta' terminal jew ta' tagħmir ieħor man-netwerks pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni; u

(e) ir-rekwiżiti ta' notifika, ta' permess, ta' reġistrazzjoni, jew ta' liċenzjar, jekk jeżistu.

ARTIKOLU 8.54

Soluzzjoni ta’ tilwimiet dwar it-telekomunikazzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura, f’konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha, li l-forniturі ta’ netwerks jew ta’ servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni tal-Parti l-oħra jkollhom rikors puntwali għall-awtorità regolatorja tal-Parti msemmija l-ewwel biex isolvu tilwim relatat mad-drittijiet u mal-obbligi ta’ dawk il-forniturі li jirriżultaw minn din is-Subtaqsima. F'dawn il-każijiet, l-awtorità regolatorja għandha timmira li toħroġ deċiżjoni vinkolanti, kif xieraq, biex issolvi t-tilwima mingħajr dewmien żejjed.

2. Jekk l-awtorità regolatorja tirrifjuta milli tieħu xi azzjoni fuq talba biex issolvi tilwima, din, fuq talba u fi ħdan perjodu ta’ żmien raġonevoli, għandha tipprovdi spjegazzjoni bil-miktub dwar id-deċiżjoni tagħha.

3. L-awtorità regolatorja għandha tieħu d-deċiżjoni li ssolvi t-tilwima disponibbli għall-pubbliku f’konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tal-Parti, b’kunsiderazzjoni tar-rekwiżiti ta’ kunfidenzjalità kummerċjali.

4. Kull Parti għandha tiżgura li fornitur ta’ netwerks jew ta’ servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni aggravat minn determinazzjoni jew minn deċiżjoni tal-awtorità regolatorja tiegħu jkun jista’ jikseb rieżami ta’ dik id-determinazzjoni jew id-deċiżjoni mill-awtorità regolatorja jew minn korp ta’ appell indipendenti li jistgħu, iżda mhux bilfors, ikunu awtorità ġudizzjarja.

5. Kull Parti għandha tiżgura li fornitur ta' netwerks jew ta' servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni affettwat minn deċiżjoni tal-awtorità regolatorja tiegħu jew ta' korp ta' appell indipendenti, jekk dan tal-aħħar ma jkunx awtorità ġudizzjarja, ikun jista' jkiseb rieżami ulterjuri ta' dik id-deċiżjoni minn awtorità ġudizzjarja indipendenti, ħlief jekk il-fornitur ikun aċċetta proċedura li biha l-awtorità regolatorja jew il-korp ta' appell indipendenti joħroġ deċiżjoni finali, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tal-Parti.

6. Parti m'għandhiex tippermetti li applikazzjoni għal rieżami minn korp ta' appell jew minn awtorità ġudizzjarja tikkostitwixxi bażi għal nuqqas ta' konformità mad-determinazzjoni jew mad-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja ħlief fil-każ li fih il-korp ta' appell jew l-awtorità ġudizzjarja rilevanti jżommu, jissospendu jew jirrevokaw it-tali determinazzjoni jew deċiżjoni.

7. Il-proċedura msemmija fil-paragrafi 1 sa 3 m'għandhiex tipprekludi lil xi waħda mill-partijiet milli tiftaħ kawża quddiem awtoritajiet ġudizzjarji.

ARTIKOLU 8.55

Relazzjoni ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali

Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tal-istandards internazzjonali għall-kompatibbilità u għall-interoperabbilitá tan-netwerks u tas-servizzi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni, u jieħdu impenn li jippromovu dawk l-istandards permezz tax-xogħol tal-korpi internazzjonali rilevanti, li jinkludu l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni.

ARTIKOLU 8.56

Kunfidenzjalità tal-informazzjoni

Kull Parti għandha tiżgura l-kunfidenzjalità tad-data tat-telekomunikazzjoni u tad-data relatata tat-traffiku tal-utenti f’netwerks u f’servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni mingħajr ma tirrestrinġi l-kummerċ fis-servizzi għalxejn.

&/mt 276

ARTIKOLU 8.57

Roaming mobbli internazzjonali[1]

1. Kull Parti għandha tieħu impenn li tikkoopera fil-promozzjoni ta' rati trasparenti u raġnoevoli għas-servizzi ta' roaming mobbli internazzjonali bl-għan li tippromwovi t-tkabbir tal-kummerċ bejn il-Partijiet u ssaħħaħ il-benessri tal-konsumaturi.

2. Kull Parti tista' tagħżel li tieħu pass biex issaħħaħ it-trasparenza u l-kompetizzjoni fir-rigward tar-rati tar-roaming mobbli internazzjonali u tal-alternattivi teknoloġiċi għas-servizzi tar-roaming, fosthom billi:

(a) tiżgura li l-informazzjoni rigward ir-rati għall-konsumaturi tkun faċilment aċċessibbli għall-konsumaturi; u

(b) timminimizza x-xkiel għall-użu ta' alternattivi teknoloġiċi għar-roaming, li bih il-konsumaturi, meta jżuru t-territorju ta' Parti mit-territorju tal-Parti l-oħra, jistgħu jaċċessaw is-servizzi tat-telekomunikazzjoni billi jużaw l-apparat tal-għażla tagħhom.

[1] Dan l-Artikolu ma japplikax għal servizzi ta' roaming fi ħdan l-Unjoni Ewropea, li huma servizzi mobbli kummerċjali pprovduti skont ftehim kummerċjali bejn il-forniturі ta' servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni li jippermettu lil utent finali juża l-apparat mobbli domestiku tiegħu jew apparat ieħor għal servizzi ta' trażmissjoni tal-vuċi, ta' data jew ta' messaġġi fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li ma jkunx dak li fih jinsab in-netwerk pubbliku tat-trasport tat-telekomunikazzjoni tal-utent finali.

3. Kull Parti għandha tħeġġeġ lill-fornituri ta' servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni fit-territorju tagħha biex iqiegħdu għad-dispożizzjoni b'mod pubbliku informazzjoni dwar ir-rati għall-konsumaturi għas-servizzi tar-roaming mobbli internazzjonali għall-vuċi, għad-data u għall-messaġġi testwali offruti lill-utenti finali tagħhom meta jżuru t-territorju tal-Parti l-oħra.

4. Xejn f'dan l-Artikolu m'għandu jeħtieġ li Parti tirregola r-rati jew il-kundizzjonijiet għas-servizzi ta' roaming mobbli internazzjonali.

SUBTAQSIMA 5

Servizzi finanzjarji

ARTIKOLU 8.58

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din is-Subtaqsima tapplika għal miżuri meħuda minn Parti li jaffettwaw il-kummerċ fis-servizzi finanzjarji.

2. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tas-subparagrafu (i) tal-Artikolu 8.2 ta' din is-Sottotaqsima, "servizzi pprovduti fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva" tfisser dan li ġej:

(a) attivitajiet immexxija minn bank ċentrali jew minn awtorità monetarja jew minn xi entità pubblika fit-twettiq ta' politiki monetarji jew dwar ir-rati tal-kambju;

(b) attivitajiet li jiffurmaw parti minn sistema statutorja ta' pjanijiet ta' sigurtà soċjali jew ta' rtirar pubbliku; u

(c) attivitajiet oħra mmexxija minn entità pubblika f'isem jew jew bil-garanzija jew bl-użu tar-riżorsi finanzjarji pubbliċi tal-Parti, jew tal-entitajiet pubbliċi tagħha.

3. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tas-subparagrafu (4) tal-Artikolu 8.2 għal din is-Subtaqsima, jekk Parti tippermetti biex xi attività msemmija fis-subparagrafu 2(b) jew (c) titwettaq mill-fornituri tagħha ta' servizzi finanzjarji li huma f'kompetizzjoni ma' entità pubblika jew ma' fornitur ta' servizzi finanzjarji, "servizzi" għandha tinkludi dawk l-attivitajiet.

4. Is-subparagrafu (s) tal-Artikolu 8.2 ma japplikax għas-servizzi koperti minn din is-Subtaqsima.

ARTIKOLU 8.59

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ dan il-Kapitolu:

(a) “servizz finanzjarju” tfisser kwalunkwe servizz ta’ natura finanzjarja offrut minn fornitur ta’ servizzi finanzjarji ta’ Parti; is-servizzi finanzjarji jinkludu kull servizz ta’ assigurazzjoni jew relatat mal-assigurazzjoni, u kull servizz bankarju jew servizz finanzjarju ieħor (minbarra l-assigurazzjoni); is-servizzi finanzjarji jinkludu l-attivitajiet li ġejjin:

(i) assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni;

(A) assigurazzjoni diretta (li tinkludi l-koassigurazzjoni):

(1. tal-ħajja; kif ukoll

(2. mhux tal-ħajja;

(B) riassigurazzjoni u retroċessjoni;

(C) intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni, bħas-senserija u l-aġenzija; u

(D) servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni, bħal konsultazzjoni, attwarja, valutazzjoni tar-riskju u servizzi ta' saldu tal-pretensjonijiet; u

(ii) servizzi bankarji u finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni):

(A) aċċettazzjoni ta' depożiti u ta' fondi ripagabbli oħra mill-pubbliku;

(B) is-self tat-tipi kollha, inkluż il-kreditu lill-konsumaturi, il-kreditu fuq l-ipoteka, il-fatturazzjoni u l-finanzjament ta' tranżazzjonijiet kummerċjali;

(C) lokazzjoni finanzjarja;

(D) is-servizzi kollha ta' trażmissjoni tal-pagamenti u tal-flus, inklużi l-karti tal-kreditu, iċ-charge cards u l-karti tad-debitu, iċ-ċekkijiet tal-vjaġġaturi u ċ-ċekkijiet bankarji;

(E) garanziji u impenji;

(F) negozjar għan-nom proprju jew f'isem klijenti, kemm jekk fil-borża, f'suq finanzjarju barra l-borża, kif ukoll jekk mod ieħor, f'dawn li ġejjin:

(1. strumenti tas-suq tal-flus (fosthom ċekkijiet, kambjali u ċertifikati ta' depożiti);

(2. munita barranija;

(3. prodotti derivattivi li jinkludu, iżda li mhumiex limitati għal, kuntratti tal-futuri u opzjonijiet;

(4. strumenti tar-rati tal-kambju u tar-rati tal-imgħax, li jinkludu prodotti bħal swaps u ftehimiet tar-rata tal-imgħax forward;

(5. titoli trasferibbli; u

(6. strumenti negozjabbli oħra u assi finanzjarji, inklużi ingotti tad-deheb;

(G) parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' kull tip ta' titoli, inklużi sottoskrittura u allokazzjoni bħala aġent sew jekk pubblikament sew jekk privatament, u l-forniment ta' servizzi relatati ma' ħruġ bħal dan;

(H) senserija ta' flus;

(I) l-immaniġġjar ta' assi, bħall-immaniġġjar ta' likwidità u ta' portafolji, il-forom kollha ta' mmaniġġjar ta' investimenti kollettivi, l-immaniġġjar ta' fondi tal-pensjonijiet, is-servizzi ta' kustodja, ta' depożitu u fiduċjarji;

(J) servizzi ta’ saldu u ta’ rilaxx għal assi finanzjarji, fosthom titoli, prodotti derivattivi u strumenti negozjabbli oħra;

(K) l-għoti u t-trasferiment ta’ informazzjoni finanzjarja, u l-proċessar ta’ data finanzjarja u s-softwer relatat minn fornituri ta’ servizzi finanzjarji oħra; u

(L) servizzi ta’ konsulenza, ta’ intermedjazzjoni u servizzi finanzjarji awżiljari oħra dwar l-attivitajiet kollha elenkati fis-subparagrafi (A) sa (K), li jinkludu referenza u analiżi tal-kreditu, investiment u riċerka u pariri dwar portafolji, pariri dwar akkwiżizzjonijiet u fuq ristrutturar u strateġija korporattivi;

(b) “fornitur ta’ servizzi finanzjarji” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika ta’ Parti li tixtieq tipprovdi jew li qed tipprovdi servizzi finanzjarji iżda ma tinkludix entità pubblika;

(c) “servizz finanzjarju ġdid” tfisser kwalunkwe servizz ta’ natura finanzjarja, fosthom servizzi relatati ma’ prodotti eżistenti u ġodda jew il-mod li bih jitwassal prodott, li ma jkunx ipprovdut minn xi fornitur ta’ servizz finanzjarju fit-territorju ta’ Parti iżda li jiġi fornit fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(d) “entità tal-assigurazzjoni tal-posta” tfisser entità li tissottoskrivi u tbigħ assigurazzjoni lill-pubbliku ġenerali u li hi proprjetà ta’ entità postali ta’ Parti jew li hi kkontrollata, b’mod dirett jew indirett, minn din;

(e) “entità pubblika” tfisser:

(i) gvern, bank ċentrali jew awtorità monetarja ta’ Parti, jew entità fil-proprjetà ta’ jew ikkontrollata minn Parti, li huma prinċipalment involuti fit-twettieq ta’ funzjonijiet jew ta’ azzjonijiet governattivi għal skopijiet governattivi, mhux inkluża entità prinċipalment involuta fil-fornitura ta’ servizzi finanzjarji fuq bażi kummerċjali; jew

(ii) entità privata, li twettaq funzjonijiet li normalment jitwettqu minn bank ċentrali jew minn awtorità monetarja, meta tkun qiegħda teżerċita dawk il-funzjonijiet; u

(f) “organizzazzjoni awtoregolatorja” tfisser korp mhux governattiv, li jinkludi kwalunkwe titolu jew kambju jew suq tal-futuri, aġenzija tar-rilaxx, jew organizzazzjoni jew assoċjazzjoni oħra, li teżerċita awtorità regolatorja jew superviżorja fuq il-forniturі ta’ servizzi finanzjarji minn delegazzjoni minn Parti.

ARTIKOLU 8.60

Servizzi finanzjarji ġodda għat-territorju ta’ Parti

1. Parti għandha tippermetti lill-forniturі ta’ servizzi finanzjarji tal-Parti l-oħra stabbiliti fit-territorju tagħha biex joffru fit-territorju tagħha kwalunkwe servizz finanzjarju ġdid.

2. Minkejja s-subparagrafu (b) tal-Artikolu 8.7, Parti tista' tiddetermina l-forma ġudizzjarja li permezz tagħha s-servizz finanzjarju l-ġdud jista' jiġi pprovdut u tista' teħtieġ awtorizzazzjoni għall-provvista tas-servizz. Jekk Parti titlob awtorizzazzjoni, din tista' tirrifjuta l-awtorizzazzjoni għal raġunijiet prudenzjali iżda mhux biss għaliex is-servizz ma jkunx fornit minn xi fornitur ta' servizzi finanzjarji fit-territorju tagħha.

ARTIKOLU 8.61

Sistemi ta' pagament u tal-ikklirjar

Skont il-patti u l-kundizzjonijiet li jagħtu trattament nazzjonali, kull Parti tagħti lill-fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra stabbiliti fit-territorju tagħha, aċċess għal sistemi ta' pagament u tal-ikklirjar operati minn entitajiet pubbliċi u għal faċilitajiet uffiċjali ta' finanzjament u ta' rifinanzjament li jkunu disponibbli fl-andament normali ta' negozju ordinarju. Dan l-Artikolu mhux intenzjonat li jagħti l-aċċess għal faċilitajiet ta' mutwanti tal-aħħar istanza tal-Parti.

ARTIKOLU 8.62

Organizzazzjonijiet ta’ awtoregolamentazzjoni

Jekk Parti teħtieġ sħubija jew parteċipazzjoni f’organizzazzjoni ta’ awtoregolamentazzjoni, jew aċċess għal din, biex il-forniturі ta’ servizzi finanzjarji tal-Parti l-oħra jfornu servizzi finanzjarji fuq bażi ugwali ma’ forniturі ta’ servizzi finanzjarji ta’ dik il-Parti, jew jekk dik il-Parti tipprovdi, b’mod dirett jew indirett, privileġġi jew vantaġġi lill-organizzazzjoni ta’ awtoregolamentazzjoni fil-forniment ta’ servizzi finanzjarji, dik il-Parti għandha tiżgura li l-organizzazzjoni ta’ awtoregolamentazzjoni tirrispetta l-obbligi li jinsabu fl-Artikolu 8.8.

ARTIKOLU 8.63

Trasferiment ta’ informazzjoni u proċessar ta’ informazzjoni

1. Parti m’għandhiex tieħu miżuri li jipprevjenu trasferimenti ta’ informazzjoni jew proċessar ta’ informazzjoni finanzjarja, inklużi trasferimenti ta’ data b’mezzi elettroniċi, jew li, soġġetti għar-regoli ta’ importazzjoni konsistenti ma’ ftehimiet internazzjonali, jipprevjenu trasferimenti ta’ apparat, fejn dawk it-trasferimenti ta’ informazzjoni, il-proċessar ta’ informazzjoni finanzjarja jew it-trasferiment ta’ apparat ikunu neċessarji għat-twettiq tal-kummerċ ordinarju ta’ fornitur ta’ servizzi finanzjarji.

2. Xejn fil-paragrafu 1 ma jirrestringi d-dritt ta’ Parti li tipproteġi d-data personali, il-privatezza personali u l-kunfidenzjalità tar-rekords individwali u tal-kontijiet dment li dan id-dritt ma jkunx użat biex jiġu evitati t-Taqsimiet B sa D u din is-Subtaqsima.

ARTIKOLU 8.64

Regolamentazzjoni effikaċi u trasparenti

1. Jekk Parti teħtieġ liċenzja għall-provvista ta’ servizz finanzjarju, din għandha tagħmel ir-rekwiżiti u l-proċeduri għal tali liċenzja disponibbli pubblikament.

2. Jekk Parti tkun teħtieġ informazzjoni addizzjonali mingħand l-applikant biex tipproċessa l-applikazzjoni tiegħu, din għandha tinnotifika lill-applikant mingħajr dewmien bla bżonn.

3. Parti għandha tieħu impenn biex tiżgura li r-regoli ta’ applikazzjoni ġenerali adottati jew miżmuma minn organizzazzjonijiet ta’ awtoregolamentazzjoni fit-territorju ta’ dik il-Parti jiġu ppubblikati minnufih jew imqiegħda għad-dispożizzjoni b’xi mod ieħor b'tali mod li l-persuni interessati jkunu jistgħu jsiru midħla tagħhom.

ARTIKOLU 8.65

Konċessjoni prudenzjali

1. Xejn f'dan il-Ftehim m'għandu jipprevjeni lil Parti milli tadotta jew iżżomm miżuri għal raġunijiet prudenzjali, fosthom:

(a) għall-protezzjoni ta' investituri, ta' depożitanti, ta' detenturi ta' poloz jew ta' persuni li lihom ikun dovut obbligu fiduċjarju minn fornitur ta' servizzi finanzjarji; jew

(b) għall-iżgurar tal-integrità u tal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja tal-Parti.

2. Meta t-tali miżuri ma jikkonformawx ma' dan il-Ftehim, dawn m'għandhomx jintużaw bħala mezz biex jiġu evitati l-obbligi tal-Parti skont dan il-Ftehim.

3. Xejn f'dan il-Ftehim m'għandha jiġi interpretat bħala li jirrikjedi lil Parti tiddivulga informazzjoni b'rabta mal-affarijiet u mal-kontijiet ta' klijenti individwali jew kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali jew proprjetarja fil-pussess ta' entitajiet pubbliċi.

ARTIKOLU 8.66

Provvista ta’ servizzi tal-assigurazzjoni minn entitajiet tal-assigurazzjoni tal-posta

1. Dan l-Artikolu jistabbilixxi d-dixxiplini li japplikaw jekk Parti tippermetti lill-entità tal-assigurazzjoni tal-posta tagħha tissottoskrivi u tforni servizzi tal-assigurazzjoni diretti lill-pubbliku ġenerali. Is-servizzi koperti minn dan l-Artikolu ma jinkludux il-provvista ta’ servizzi tal-assigurazzjoni relatati mal-ġbir, mat-trasport u mal-konsenja ta’ ittri jew ta’ pakketti mill-entità tal-assigurazzjoni tal-posta ta’ Parti.

2. Parti m’għandhiex tadotta jew iżżomm miżura li toħloq kundizzjonijiet ta’ kompetizzjoni li huma aktar favorevoli għal entità tal-assigurazzjoni tal-posta fir-rigward tal-provvista tas-servizzi tal-assigurazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 meta mqabbla ma’ fornitur privat ta’ servizzi tal-assigurazzjoni simili fis-suq tagħha, inkluż billi:

(a) timponi kundizzjonijiet aktar oneruži fuq il-liċenzja ta’ fornitur privat biex iforni servizzi tal-assigurazzjoni mill-kundizzjonijiet li l-Parti timponi fuq entità tal-assigurazzjoni tal-posta biex tforni servizz simili; jew

(b) tagħmel kanal ta’ distribuzzjoni għall-bejgħ ta’ servizzi tal-assigurazzjoni disponibbli għal entità tal-assigurazzjoni tal-posta b’patti u b’kundizzjonijiet aktar favorevoli minn dawk li tapplika għal forniturи privati ta’ servizzi simili.

3. Fir-rigward tal-provvista tas-servizzi tal-assigurazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 minn entità tal-assigurazzjoni tal-posta, Parti għandha tapplika l-istess regolamenti u attivitajiet ta' infurzar li hi tapplika għall-provvista tas-servizzi tal-assigurazzjoni simili minn fornituri privati.

4. Fl-implimentazzjoni tal-obbligi tagħha skont il-paragrafu 3, Parti għandha teħtieġ li entità tal-assigurazzjoni tal-posta li tforni s-servizzi tal-assigurazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tippubblika l-kontijiet annwali fir-rigward tal-provvista ta' dawk is-servizzi. Il-kontijiet għandhom jipprovdu l-livell ta' dettall u jissodisfaw l-istandards kontabilistiċi meħtieġa skont prinċipji kontabilistiċi u tal-awditjar ġeneralment aċċettabbli, standards kontabilistiċi u tal-awditjar aċċettati f'livell internazzjonali jew regoli ekwivalenti, applikati fit-territorju tal-Parti fir-rigward ta' intrapriżi privati elenkati fil-Borża li jfornu servizzi simili.

5. Il-paragrafi 1 sa 4 ma japplikawx għal entità tal-assigurazzjoni tal-posta fit-territorju ta' Parti:

(a) li l-Parti la hi sid u lanqas ma tikkontrolla, b'mod dirett jew indirett, dment li l-Pari ma żżomm ebda vantaġġ li jimmodifika l-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni favur l-entità tal-assigurazzjoni tal-posta fil-provvista ta' servizzi tal-assigurazzjoni meta mqabbla ma' fornitur privat tas-servizzi tal-assigurazzjoni simili fis-suq tagħha; jew

(b) jekk il-bejgħ ta' assigurazzjoni diretta tal-ħajja u u dak ta' assigurazzjoni diretta mhux tal-ħajja sottoskritta mill-entità tal-assigurazzjoni tal-posta ma jaqbżux l-10 fil-mija, rispettivament, tal-introjtu annwali totali mill-primjums mill-assigurazzjoni diretta tal-ħajja u mhux tal-ħajja fis-suq tal-Parti.

ARTIKOLU 8.67

Kooperazzjoni regolatorja fir-regolamentazzjoni finanzjarja

Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni regolatorja fir-regolamentazzjoni finanzjarja f'konformità mal-Anness 8-A.

SUBTAQSIMA 6

Servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali

ARTIKOLU 8.68

Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Din is-Subtaqsima tistabbilixxi l-prinċipji tal-qafas regolatorju għall-provvista ta' servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali skont it-Taqsimiet B sa D ta' dan il-Kapitolu, u tapplika għal miżuri meħuda minn Parti li jaffettwaw il-kummerċ fis-servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali.

2. Għall-finijiet ta’ dan il-Kapitolu:

(a) “servizzi ta’ stazzjon u depot tal-kontejners” tfisser attivitajiet li jikkonsistu fil-ħżin ta’ kontejners, kemm fiż-żoni tal-port kif ukoll fl-intern ta’ pajjiż, bl-għan li jitgħabbew bil-merkanzija/jinħattu, jissewwew u jsiru disponibbli għat-tbaħħir;

(b) “servizzi ta’ żdoganar” tfisser attivitajiet li jikkonsistu fit-twettiq f’isem parti oħra tal-formalitajiet doganali li jikkonċernaw l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew it-trasport tal-merkanzija li sejra għad-destinazzjoni tagħha, irrispettivament minn jekk jekk dan is-servizz ikunx l-attività ewlenija tal-fornitur ta’ servizz jew komplement tas-soltu tal-attività ewlenija tiegħu;

(c) “operazzjonijiet tat-trasport mill-bieb sal-bieb jew multimodali” tfisser it-trasport ta’ merkanzija bl-użu ta’ aktar minn modalità waħda tat-trasport, li tinvolvi parti mill-vjaġġ fuq il-baħar, b’dokument wieħed tat-trasport.

(d) “servizzi ta’ aġenti tal-merkanzija” (freight forwarding) tfisser attivitajiet li jikkonsistu fl-organizzazzjoni u fil-monitoraġġ tal-operat tat-tbaħħir f’isem min jimbarka l-merkanzija, permezz tal-akkwist ta’ trasport u ta’ servizzi relatati, il-preparazzjoni tad-dokumentazzjoni u l-forniment ta’ informazzjoni kummerċjali;

(e) “servizzi ta’ trasport marittimu internazzjonali” tfisser it-trasport ta’ passiġġieri jew merkanzija minn bastimenti li jbaħħru bejn port ta’ Parti u port ta’ Parti oħra jew pajjiż terz, u tinkludi kuntratti diretti ma’ forniturи ta’ servizzi tat-trasport oħra, bil-ħsieb li jkopru l-operazzjonijiet ta’ trasport multimodali minn bieb għal bieb jew b’dokument wieħed tat-trasport, iżda ma jinkludix id-dritt li jipprovdu tali servizzi tat-trasport oħra.

(f) “servizzi ta’ aġenzija marittima” tfisser attivitajiet li jikkonsistu fir-rappreżentanza, f’żona ġeografika partikolari, bħala aġent, tal-interessi kummerċjali ta’ linja jew ta’ kumpanija tat-tbaħħir waħda jew aktar, għall-finijiet li ġejjin:

(i) il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ ta’ servizzi tat-trasport marittimu u ta’ servizzi relatati, mill-ħruġ ta’ stimi sal-ħruġ ta’ fatturi, u l-ħruġ ta’ poloz ta’ kargu f’isem il-kumpaniji, l-akkwiżizzjoni u l-bejgħ mill-ġdid tas-servizzi relatati meħtieġa, it-tħejjija tad-dokumentazzjoni, u l-provvista ta’ informazzjoni kummerċjali; u

(ii) il-ħidma f’isem il-kumpanniji biex jiġi organizzat id-dħul tal-bastiment f’port jew it-teħid tal-kontroll tat-tagħbijiet tal-merkanzija meta jkun hemm bżonn;

(g) “servizzi awżiljari marittimi” tfisser servizzi marittimi ta’ mmaniġġjar tal-merkanzija, servizzi ta’ ħżin u ta’ ħżin doganali, servizzi ta’ żdoganar tal-merkanzija, servizzi ta’ stazzjon tal-kontejners u ta’ depot, servizzi ta’ aġenzija marittima u servizzi ta’ aġenti tal-merkanzija;

(h) “servizzi marittimi ta’ mmaniġġjar tal-merkanzija” tfisser attivitajiet imwettqa minn kumpaniji ta’ burdnara, li jinkludu l-operaturi tat-terminal, iżda li ma jinkludux l-attivitajiet diretti tal-ħaddiema fil-baċiri tat-tarzna, meta din il-forza tax-xogħol tiġi organizzata b’mod indipendenti mill-kumpaniji tal-burdnara jew tal-operaturi tat-terminal. L-attivitajiet koperti jinkludu l-organizzazzjoni u s-superviżjoni ta’:

(i) it-tagħbija jew il-ħatt ta’ merkanzija fuq jew minn bastiment;

(ii) l-irbit jew il-ħall tal-merkanzija; u

(iii) ir-riċeviment jew il-kunsinna u ż-żamma sigura tal-merkanzija qabel id-dispaċċ jew wara r-rilaxx; u

(i) “servizzi ta’ ħżin u ta’ ħżin doganali” tfisser servizzi ta’ ħżin ta’ prodotti ffriżati jew imkessħa, servizzi ta’ ħżin bl-ingrossa ta’ likwidi jew ta’ gassijiet, u servizzi ta’ ħżin u ta’ ħżin doganali ta’ prodotti oħra li jinkludu l-qoton, iż-żrieragħ, is-suf, it-tabakk, prodotti agrikoli oħra u prodotti oħra tad-dar.

ARTIKOLU 8.69

Obbligi

Mingħajr ħsara għall-miżuri mhux konformi jew għall-miżuri l-oħra msemmija fl-Artikolu 8.12 u 8.18, kull Parti għandha:

(a) tirrispetta l-prinċipju ta' aċċess mingħajr restrizzjonijiet għas-swieq marittimi internazzjonali u għar-rotot kummerċjali fuq bażi kummerċjali u nondiskriminatorja;

(b) tagħti lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Parti l-oħra jew imħaddma minn fornituri ta' servizz tal-Parti l-oħra, trattament mhux inqas favorevoli minn dak li tagħti lil bastimenti tagħha stess, fir-rigward, fost l-oħrajn, l-aċċess għall-portijiet, l-użu tal-infrastruttura u s-servizzi tal-portijiet, u l-użu tas-servizzi marittimi awżiljari, kif ukoll it-tariffi u l-imposti relatati, il-faċilitajiet tad-dwana u l-assenjazzjoni ta' rmiġġi u faċilitajiet għat-tagħbija u l-ħatt[1];

[1] Meta tapplika l-prinċipji stabbiliti fis-subparagrafi (a) u (b), kull Parti m'għandhiex tadotta jew iżżomm arranġamenti ta' qsim tal-merkanzija fi kwalunkwe ftehim li jikkonċerna servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali. Kull Parti għandha ttemm kwalunkwe arranġament bħal dan f'xi ftehim fis-seħħ jew iffirmati qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

(c) tagħti permess lill-forniturі ta’ servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali tal-Parti l-oħra biex jistabbilixxu u joperaw intrapriża fit-territorju tagħha bil-kundizzjonijiet ta’ stabbiliment u ta’ operazzjoni xejn anqas favorevoli minn dak li tagħti lill-forniturі ta’ servizzi tagħha stess; u

(d) tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-forniturі tat-trasport marittimu internazzjonali tal-Parti l-oħra, b’patti u b’kundizzjonijiet raġonevoli u nondiskriminatorji, is-servizzi segwenti fil-port: il-pilotaġġ, l-għajnuna għall-irmonk, il-provvista ta’ bżonnijiet, fjuwil u ilma, il-ġbir taż-żibel u r-rimi tal-iskart tas-saborra, servizzi ta’ kaptan portwali, għajnunijiet għan-navigazzjoni, faċilitajiet ta’ tiswija tal-emerġenza, ankraġġ, irmiġġ u servizzi ta’ rmiġġ, servizzi operattivi bbażati fuq l-art essenzjali għall-operazzjonijiet tal-bastiment, inklużi mezzi ta’ komunikazzjoni, provvisti ta’ ilma u ta’ elettriku.

TAQSIMA F

Kummerċ elettroniku

ARTIKOLU 8.70

Objettiv u dispożizzjonijiet ġenerali

1. Il-Partijiet jagħrfu li l-kummerċ elettroniku jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku u jżid l-opportunitajiet kummerċjali f’ħafna setturi. Il-Partijiet jagħrfu wkoll l-importanza tal-faċilitazzjoni tal-użu u tal-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku.

2. L-objettiv ta’ din it-Taqsima hu li tikkontribwixxi għall-ħolqien ta’ ambjent ta’ fiduċja u ta’ kunfidenza fl-użu tal-kummerċ elettroniku u biex jiġi promoss il-kummerċ elettroniku bejn il-Partijiet.

3. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tal-prinċipju ta’ newtralità teknoloġika fil-kummerċ elettroniku.

4. Din it-Taqsima tapplika għal miżuri meħuda minn Parti li jaffettwaw il-kummerċ b’mezzi elettroniċi.

5. Din it-Taqsima ma tapplikax għal servizzi tal-logħob tal-azzard u tal-imħatri, servizzi ta’ xandir, servizzi awdjoviżivi, servizzi ta’ nutara jew professjonijiet ekwivalenti, u servizzi ta’ rappreżentanza legali.

6. Fil-każ ta’ xi inkonsistenza bejn id-dispożizzjonijiet ta’ din it-Taqsima u d-dispożizzjonijiet l-oħra ta’ dan il-Ftehim, dawk id-dispożizzjonijiet l-oħra għandhom jipprevalu fir-rigward tal-inkonsistenza.

ARTIKOLU 8.71

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ din it-Taqsima:

(a) “awtentikazzjoni elettronika” tfisser il-proċess jew l-att ta’ verifika tal-identità ta’ parti għal komunikazzjoni jew għal tranżazzjoni elettronika jew l-iżgurar tal-integrità ta’ komunikazzjoni elettronika; u

(b) “firma elettronika” tfisser data f’forma elettronika li tiġi mehmuża jew assoċjata loġikament ma’ data elettronika oħra u li tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(i) li din tintuża minn persuna biex tikkonferma li d-data elettronika li hi relatata magħha nħolqot jew ġiet iffirmata, f’konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti ta’ kull Parti, minn dik il-persuna; u

(ii) li din tikkonferma li l-informazzjoni fid-data elettronika ma ġietx immodifikata.

ARTIKOLU 8.72

Dazji doganali

Il-Partijiet m'għandhomx jimponu dazji doganali fuq trażmissjonijiet elettroniċi.

ARTIKOLU 8.73

Kodiċi tas-sors

1. Parti ma tistax titlob it-trasferiment ta', jew l-aċċess għal, il-kodiċi tas-sors tas-softwer huma proprjetà ta' persuna tal-Parti l-oħra[1]. Xejn f'dan il-paragrafu m'għandu jipprevjeni l-inklużjoni jew l-implimentazzjoni tal-patti u tal-kundizzjonijiet relatati mat-trasferiment tal-aċċess jew mal-għoti tal-aċċess għall-kodiċi tas-sors f'kuntratti nnegozjati kummerċjalment, jew it-trasferiment voluntier tal-aċċess għall-kodiċi tas-sors jew l-għoti tal-aċċess għal dan, pereżempju fil-kuntest tal-akkwist pubbliku mill-gvern.

2. Xejn f'dan l-Artikolu m'għandu jaffettwa:

(a) ir-rekwiżiti minn qorti, minn tribunal amministrattiv jew minn awtorità tal-kompetizzjoni biex jiġi rrimedjat ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni;

[1] Għal ċertezza akbar, "kodiċi tas-sors ta' softwer li hu proprjetà ta' persuna tal-Parti l-oħra" jinkludi kodiċi tas-sors ta' softwer li jinsab fi prodott.

(b) ir-rekwiżiti minn qorti, minn tribunal amministrattiv jew minn awtorità amministrattiva fir-rigward tal-protezzjoni u tal-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali sa fejn il-kodiċijiet tas-sors huma protetti minn dawk id-drittijiet; u

(c) id-dritt ta' Parti li tieħu miżuri f'konformità mal-Artikolu III tal-GPA.

3. Għal aktar ċertezza, xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jimpedixxi lil Parti milli tadotta jew iżżomm miżuri[1] li huma inkonsistenti mal-paragrafu 1, skont l-Artikoli 1.5, 8.3 u 8.65.

ARTIKOLU 8.74

Regolamentazzjoni domestika

Kull Parti għandha tiżgura li l-miżuri kollha tagħha ta' applikazzjoni ġenerali li jaffettwaw il-kummerċ elettroniċi jkunu amministrati b'mod raġonevoli, oġġettiv u imparzjali.

[1] Dawk il-miżuri jinkludu miżuri għall-iżgurar tas-sigurtà u tas-sikurezza, pereżempju fil-kuntest ta' proċedura ta' ċertifikazzjoni.

ARTIKOLU 8.75

Prinċipju ta’ ebda għoti ta’ awtorizzazzjoni preliminari

1. Il-Partijiet se jieħdu impenn li ma jimponux l-għoti ta’ awtorizzazzjoni preliminari jew kwalunkwe rekwiżit ieħor li jkollu effett ekwivalenti fuq il-provvista ta’ servizzi b’mezzi elettroniċi.

2. Il-paragrafi 1 għandu jkun mingħajr ħsara għall-iskemi ta’ awtorizzazzjoni li mhumiex immirati b’mod speċifiku u esklużiv lejn servizzi pprovduti b’mezzi elettroniċi, u għal regoli fil-qasam tat-telekomunikazzjoni.

ARTIKOLU 8.76

Konklużjoni ta’ kuntratti b’mezzi elettroniċi

Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha, Parti m’għandhiex tadotta jew iżżomm miżuri li jirregolaw tranżazzjonijiet elettroniċi li:

(a) jiċħdu l-effett legali, il-validità jew l-eżegwibilità ta’ kuntratt, għall-unika raġuni li dan ġie konkluż b’mezzi elettroniċi; jew

(b) joħolqu ostakli b'xi mod ieħor għall-użu tal-kuntratti konklużi b'mezzi elettroniċi.

ARTIKOLU 8.77

Awtentikazzjoni elettronika u firma elettronika

1. Sakemm ma jkunx stabbilit mod ieħor fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha, Parti m'għandhiex tiċħad il-validità legali ta' firma biss għaliex il-firma hi f'forma elettronika.

2. Parti m'għandhiex tadotta jew iżżomm miżuri li jirregolaw l-awtentikazzjoni elettronika u l-firma elettronika li jkunu:

(a) jipprojbixxu lill-partijiet għal tranżazzjoni elettronika milli jiddeterminaw b'mod reċiproku l-metodi xierqa ta' awtentikazzjoni elettronika għat-tranżazzjoni tagħhom; jew

(b) jipprevjenu lill-partijiet għal tranżazzjonijiet elettroniċi milli jkollhom l-opportunità li jistabbiilixxu quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi li t-tranżazzjonijiet elettroniċi tagħhom jikkonformaw ma' kwalunkwe rekwiżit legali fir-rigward tal-awtentikazzjoni elettronika u tal-firma elettronika.

3. Minkejja l-paragrafu 2, kull Parti tista' titlob li, għal kategorija partikolari ta' tranżazzjonijiet, il-metodu ta' awtentikazzjoni jissodisfa ċerti standards tal-prestazzjoni jew hu ċċertifikat minn awtorità akkreditata f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha.

ARTIKOLU 8.78

Protezzjoni tal-konsumatur

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tal-adozzjoni u taż-żamma ta' miżuri effiċjenti ta' protezzjoni tal-konsumatur applikabbli għall-kummerċ elettroniku kif ukoll miżuri li jwasslu għall-iżvilupp tal-fiduċja tal-konsumaturi fil-kummerċ elettroniku.

2. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom inkarigati mill-protezzjoni tal-konsumatur f'attivitajiet relatati mal-kummerċ elettroniku biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur.

3. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tal-adozzjoni jew taż-żamma ta' miżuri, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti rispettivi tagħhom, biex jipproteġu d-data personali tal-utenti tal-kummerċ elettroniku.

ARTIKOLU 8.79

Messaġġi elettroniċi kummerċjali mhux sollečitati

1. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri rigward messaġġi elettroniċi kummerċjali mhux sollečitati li:

(a) jeħtieġu li l-fornituri ta' messaġġi elettroniċi kummerċjali mhux sollečitati jiffaċilitaw il-ħila tar-riċevituri biex jipprevjenu r-riċevuta ssoktata ta' dawk il-messaġġi; u

(b) jeħtieġu l-kunsens minn qabel, kif speċifikat skont il-liġijiet u r-regolamenti tagħha, tar-riċevituri biex jirċievu messaġġi elettroniċi kummerċjali.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-messaġġi elettroniċi kummerċjali jkunu identifikabbli biċ-ċar bħala tali, jiżvelaw biċ-ċar f'isem min isiru, u jkun fihom l-informazzjoni neċessarja biex ir-riċevituri jkunu jistgħu jitolbu waqfien mingħajr ħlas u fi kwalunkwe ħin.

3. Kull Parti għandha tipprovdi rikors kontra fornituri ta' messaġġi elettroniċi kummerċjali mhux sollečitati li ma jirrispettawx il-miżuri adottati jew miżmuma skont il-paragrafi 1 u 2.

ARTIKOLU 8.80

Kooperazzjoni fil-kummerċ elettroniku

1. Fejn xieraq, il-Partijiet għandhom jikkooperaw u jieħdu sehem b'mod attiv f'fora multilaterali biex jippromwovu l-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku.

2. Il-Partijiet jaqblu li jżommu djalogu dwar materji regolatorji relatati mal-kummerċ elettroniku bl-għan li jaqsmu l-informazzjoni u l-esperjenza, kif xieraq, inkluż dwar il-liġijiet relatati, ir-regolamenti u l-implimentazzjoni ta' dawn, u l-aħjar prattiki fir-rigward tal-kummerċ elettroniku, b'rabta ma', fost l-oħrajn:

(a) il-protezzjoni tal-konsumatur;

(b) iċ-ċibersigurtà;

(c) il-ġlieda kontra messaġġi elettroniċi kummerċjali mhux sollečitati;

(d) ir-rikonoxximent ta' ċertifikati ta' firem elettroniċi maħruġa lill-pubbliku;

(e) l-isfidi għal impriżi żgħar u medji fl-użu tal-kummerċ elettroniku;

(f) il-faċilitazzjoni tas-servizzi ta' ċertifikazzjoni transfruntiera;

(g) il-proprjetà intellettwali; u

(h) il-gvern elettroniku.

ARTIKOLU 8.81

Fluss liberu tad-data

Il-Partijiet għandhom jerġgħu jivvalutaw fi żmien tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim il-ħtieġa għall-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-fluss liberu tad-data f'dan il-Ftehim.

KAPITOLU 9

MOVIMENTI TA' KAPITAL, PAGAMENTI U TRASFERIMENTI U MIŻURI TEMPORANJI TA' SALVAGWARDJA

ARTIKOLU 9.1

Kont kurrenti

Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha tippermetti, f'munita liberament konvertibbli[1] u skont l-Artikoli tal-Ftehim tal-Fond Monetarju Internazzjonali, kif applikabbli, kull ħlas u trasferimenti fir-rigward ta' tranżazzjonijiet fuq il-kont kurrenti tal-bilanċ tal-pagamenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim.

[1] Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "munita konvertibbli liberament" tfisser munita li tista' tiġi skambjata liberament ma' muniti li huma nnegozjati spiss fi swieq internazzjonali tal-muniti barranin u użati spiss fi tranżazzjonijiet internazzjonali. Għal aktar ċertezza, muniti li huma nnegozjati b'mod wiesa' fis-swieq tal-kambju internazzjonali u tintuża ħafna fi transazzjonijiet internazzjonali jinkludu valuti li jistgħu jintużaw b'mod liberu kif maħtura mill-FMI skont l-Artikoli ta' Ftehim tal-Fond Monetarju Internazzjonali.

ARTIKOLU 9.2

Movimenti ta’ kapital

1. Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta’ dan il-Ftehim, kull Parti għandha tippermetti, fir-rigward ta’ tranżazzjonijiet fil-kont kapitali u finanzjarju tal-bilanċ tal-pagamenti, il-moviment liberu ta’ kapital għall-fini ta’ liberalizzazzjoni tal-investimenti u ta’ tranżazzjonijiet oħra kif previst fil-Kapitolu 8.

2. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw bejniethom bl-għan li jiffaċilitaw il-moviment ta’ kapital bejniethom biex jippromwovu l-kummerċ u l-investiment.

ARTIKOLU 9.3

Applikazzjoni tal-liġijiet u tar-regolamenti relatati mal-movimenti ta’ kapital, mal-pagamenti jew mat-trasferimenti

1. L-Artikoli 9.1 u 9.2 m’għandhomx jiġu interpretati bħala li jipprevjenu lil Parti milli tapplika l-liġijiet u r-regolamenti tagħha b'rabta ma’:

(a) il-falliment, l-insolvenza, jew il-protezzjoni tad-drittijiet tal-krediturі;

(b) il-ħruġ, il-kummerċ jew in-negozjar f'titoli jew f'kuntratti tal-futuri, f'opzjonijiet u f'derivattivi oħra;

(c) ir-rapportar finanzjarju jew iż-żamma ta' rekords ta' movimenti ta' kapital, ta' pagamenti jew ta' trasferimenti meta jkunu meħtieġa biex jassistu lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew lill-awtoritajiet regolatorji finanzjarji;

(d) reati kriminali jew penali, jew prattiki qarrieqa jew frawdolenti;

(e) l-iżgurar tal-konformità ma' ordnijiet jew ma' sentenzi fi proċedimenti aġġudikatorji; jew

(f) skemi tas-sigurtà soċjali jew ta' rtirar pubbliku jew skemi ta' tfaddil obbligatorju.

2. Il-liġijiet u r-regolamenti msemmija fil-paragrafu 1 m'għandhomx ikunu applikabbli b'mod inekwitabbli, arbitrarju jew diskriminatorju, jew jikkostitwixxu b'xi mod ieħor restrizzjoni moħbija fuq il-movimenti ta' kapital, il-pagamenti jew it-trasferimenti.

ARTIKOLU 9.4

Miżuri temporanji ta' salvagwardja

1. F'ċirkustanzi eċċezzjonali ta' diffikultajiet serji għall-operazzjoni tal-unjoni ekonomika u monetarja tal-Unjoni Ewropea, jew theddida għal din, l-Unjoni Ewropea tista' tadotta jew iżżomm miżuri ta' salvagwardja fir-rigward ta' movimenti ta' kapita, ta' pagamenti jew ta' trasferimenti għal perjodu li ma jaqbiżx is-sitt xhur. Dawk il-miżuri għandhom ikunu limitati għal dak li jkun strettament neċessarju u m'għandhomx jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew inġustifikata bejn il-Ġappun u pajjiż terz f'sitwazzjonijiet simili.

2. Parti tista' tadotta jew iżżomm miżuri restrittivi fir-rigward ta' movimenti ta' kapital, pagamenti jew trasferimenti[1]:

(a) f'każ ta' bilanċ serju tal-ħlasijiet jew diffikultajiet finanzjarji esterni, jew it-theddida tagħhom[2]; jew

[1] Fil-każ tal-Unjoni Ewropea, miżuri bħal dawn jistgħu jittieħdu minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea f'sitwazzjonijiet li mhumiex dawk imsemmija fil-paragrafu 1 li jaffettwaw l-ekonomija ta' dak l-Istat Membru.

[2] Il-Partijiet jagħrfu li diffikultajiet serji fil-bilanċ tal-ħlasijiet jew ta' diffikultajiet finanzjarji esterni serji, jew theddida ta' dawn, kif imsemmija fis-subparagrafu 2(a) jistgħu jkunu kkawżati, fost fatturi oħra, minn diffikultajiet makroekonomiċi serji relatati mal-politiki monetarji u dwar ir-rati tal-kambju, jew minn theddida ta' dawn, kif imsemmi fis-subparagrafu 2(b).

(b) jekk, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, il-movimenti ta' kapital, il-pagamenti jew it-trasferimenti jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw diffikultajiet makroekonomiċi serji relatati mal-politiki monetarji u dwar ir-rati tal-kambju.

3. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 għandhom:

(a) ikunu konsistenti mal-Artikoli tal-Ftehim tal-Fond Monetarju Internazzjonali, kif applikabbli;

(b) ma jmorrux lil hinn minn dak li hu neċessarju biex jindirizzaw is-sitwazzjonijiet deskritti fil-paragrafu 2;

(c) ikunu temporanji u eliminati gradwalment b'mod progressiv hekk kif titjieb is-sitwazzjoni deskritta fil-paragrafu 2;

(d) jevitaw ħsara mhux meħtieġa għall-interessi kummerċjali, ekonomiċi jew finanzjarji tal-Parti l-oħra; u

(e) ikunu nondiskriminatorji meta mqabbla ma' pajjiżi terzi f'sitwazzjonijiet simili.

4. Fil-każ ta' kummerċ fi prodotti, Parti tista' tadotta miżuri restrittivi skont l-Artikolu 2.20 għall-għanijiet tal-bilanċ tal-pagamenti.

5. Fil-każ ta' kummerċ fis-servizzi, Parti tista' tadotta miżuri restrittivi sabiex tissalvagwardja l-pożizzjoni tal-bilanċ tal-pagamenti jew finanzjarja esterna tagħha. Dawk il-miżuri għandhom ikunu konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu XII tal-GATS.

6. Parti li żżomm jew li tkun adottat il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 sa 3 għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra minnufih dwar dawn.

7. Jekk jiġu adottati jew jinżammu restrizzjonijiet skont dan l-Artikolu, il-Partijiet għandhom jorganizzaw konsultazzjonijiet minnufih fil-Kumitat dwar il-Kummerċ fis-Servizzi, il-Liberalizzazzjoni tal-Investiment u l-Kummerċ Elettroniku mwaqqaf skont l-Artikolu 22.3, sakemm ma jsirux konsultazzjonijiet f'fora oħra. Il-konsultazzjonijiet għandhom jivvalutaw il-bilanċ ta' pagamenti jew diffikultajiet finanzjarji esterni, jew diffikultajiet makroekonomiċi oħra li wasslu għall-miżuri rispettivi, waqt li jitqiesu, fost l-oħrajn, tali fatturi bħal:

(a) in-natura u l-firxa tad-diffikultajiet;

(b) l-ambjent ekonomiku u kummerċjali estern; kif ukoll

(c) il-miżuri korrettivi alternattivi li jistgħu jkunu disponibbli.

8. Il-konsultazzjonijiet skont il-paragrafu 7 għandhom jindirizzaw il-konformità ta' kwalunkwe miżura restrittiva mal-paragrafi 1 sa 3. Dawk il-konsultazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq is-sejbiet rilevanti disponibbli kollha ta' natura statistika jew fattwali ppreżentati mill-FMI, u l-konklużjonijiet għandhom iqisu l-valutazzjoni tal-FMI tal-bilanċ tal-pagamenti u s-sitwazzjoni finanzjarja esterna jew diffikultajiet makroekonomiċi oħra tal-Parti kkonċernata.

KAPITOLU 10

AKKWIST PUBBLIKU

ARTIKOLU 10.1

Inkorporazzjoni tal-GPA

Il-GPA hu inkoporat f'dan il-Kapitolu u hu magħmul parti minnu, *mutatis mutandis*.

ARTIKOLU 10.2

Kamp ta’ applikazzjoni addizzjonali

Japplikaw ir-regoli u l-proċeduri previsti fid-dispożizzjonijiet tal-GPA speċifikati fil-Parti 1 tal-Anness 10, *mutatis mutandis*, għall-akkwist pubbliku kopert mill-Parti 2 tal-Anness 10.

ARTIKOLU 10.3

Regoli addizzjonali

Kull Parti għandha tapplika l-Artikoli 10.4 sa 10.12 kemm għall-akkwist pubbliku kopert mill-annessi tagħha għall-Appendiċi I għall-GPA kif ukoll l-akkwist pubbliku kopert mill-Parti 2 tal-Anness 10.

ARTIKOLU 10.4

Pubblikazzjoni tal-avviżi

L-avviżi ta’ akkwist pubbliku maħsub jew ippjanat skont l-Artikolu VII tal-GPA għandhom ikunu direttament aċċessibbli b’mezzi elettroniċi mingħajr ħlas permezz ta’ punt uniku ta’ aċċess fuq l-Internet.

&/mt 314

ARTIKOLU 10.5

Kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni

1. Minbarra l-Artikolu VIII tal-GPA, entità tal-akkwist ta' Parti m'għandhiex teskludi lil fornitur stabbilit fil-Parti l-oħra milli jieħu sehem fi proċedura tal-offerti fuq il-bażi ta' rekwiżit legali li skont dan il-fornitur irid:

(a) persuna fiżika; jew

(b) persuna ġuridika.

Din id-dispożizzjoni ma tapplikax għall-akkwist pubbliku fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Att dwar il-Promozzjoni tal-Inizjattiva ta' Finanzjament Privat tal-Ġappun (Liġi Nru 117 tal-1999).

2. Filwaqt li entità tal-akkwist ta' Parti tista', meta tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni, teħtieġ esperjenza preċedenti rilevanti meta din tkun essenzjali biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-akkwist pubbliku f'konformità mas-subparagrafu 2(b) tal-Artikolu VIII tal-GPA, dik l-entità tal-akkwist m'għandhiex timponi l-kundizzjoni li t-tali esperjenza preċedenti trid tkun inkisbet fi ħdan it-territorju ta' dik il-Parti.

ARTIKOLU 10.6

Kwalifika tal-forniturі

1. Jekk Parti żżomm sistema ta' reġistrazzjoni tal-forniturі li fiha l-forniturі interessati huma meħtieġa jirreġistraw u jipprovdu ċerta informazzjoni, dawk il-forniturі jistgħu jitolbu r-reġistrazzjoni tagħhom fi kwalunkwe ħin. Entità tal-akkwist għandha tinforma lil dawk il-forniturі fi ħdan perjodu raġonevolment qasir ta' żmien jekk ir-reġistrazzjoni tagħhom ingħatatx.

2. Meta, biex jitħalla jissottometti offerta għal akkwist pubbliku għal xogħol ta' kostruzzjoni fil-Ġappun, fornitur stabbilit fl-Unjoni Ewropea hu meħtieġ jagħmel Evalwazzjoni Kummerċjali (Keieijikoshinsa) (magħrufa wkoll bħala Keishin) skont il-Liġi Kummerċjali tal-Bini tal-Ġappun (Liġi Nru 100 tal-1949), il-Ġappun għandu jiżgura li l-awtoritajiet tiegħu li jwettqu t-tali evalwazzjoni:

(a) jivvalutaw b'mod nondiskriminatorju u, fejn xieraq, jagħrfu bħala ekwivalenti għal dawk fil-Ġappun, l-indikaturi tal-fornitur li jiġu minn barra l-Ġappun, li jistgħu jinkludu:

(i) in-numru ta' persunal tekniku;

(ii) il-kundizzjonijiet relatati mal-benessri fuq ix-xogħol;

(iii) in-numru ta’ snin ta’ attività fin-negozju tal-kostruzzjoni;

(iv) il-kundizzjonijiet tal-kontabbiltà fin-negozju tal-kostruzzjoni;

(v) l-ammont tan-nefqa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp;

(vi) il-kisba ta’ ċertifikazzjoni ISO9001 jew ISO14001;

(vii) l-impjieg u l-iżvilupp ta’ inġiniera żgħażagħ u ta’ ħaddiema tas-sengħa żgħażagħ;

(viii) l-ammont tal-bejgħ għax-xogħol ta’ kostruzzjoni lest; u

(ix) l-ammont tal-bejgħ għax-xogħol ta’ kostruzzjoni lest bħala kuntrattur prinċipali; u

(b) kunsiderazzjoni xierqa lill-indikaturi tal-fornitur li jiġu minn barra l-Ġappun, li jistgħu jinkludu:

(i) l-ammont ta’ kapital ta’ ekwità;

(ii) l-ammont ta’ qligħ qabel l-imgħax, it-taxxa, id-deprezzament u l-ammortizzament (EBITDA);

(iii) il-proporzjon tan-nefqa netta fuq l-imgħax għall-ammont tal-bejgħ;

(iv) il-perjodu tal-fatturat tal-obbligazzjonijiet;

(v) il-proporzjon ta' profitt gross fuq il-bejgħ għall-kapital gross;

(vi) il-proporzjon tal-profitt rikorrenti għall-ammont tal-bejgħ;

(vii) il-proporzjon tal-kapital ta' ekwità għal assi fiss;

(viii) il-proporzjon ta' ekwità;

(ix) l-ammont ta' flussi tal-flus minn attivitajiet operatorji; u

(x) l-ammont ta' qligħ akkumulat.

ARTIKOLU 10.7

Proċeduri selettivi tal-offerti

1. Jekk, f'konformità mal-paragrafi 4 u 5 tal-Artikolu IX tal-GPA, entità tal-akkwist tillimita n-numru ta' forniturі għal akkwist pubbliku partikolari, in-numru ta' forniturі li jitħallew jissottomettu offerta għandu jkun biżżejjed biex tiġi żgurata kompetizzjoni mingħajr ma tiġi affettwata l-effiċjenza operazzjonali tas-sistema tal-akkwist.

2. Għall-Ġappun, dan l-Artikolu japplika biss għal entitajiet tal-gvern ċentrali.

ARTIKOLU 10.8

Speċifikazzjonijiet tekniċi

Jekk entità tal-akkwist tapplika speċifikazzjonijiet tekniċi ekoloġiċi kif stabbiliti għal tikketti ambjentali jew kif definiti mil-liġijiet u mir-regolamenti rilevanti fis-seħħ fi ħdan l-Unjoni Ewropea jew il-Ġappun, kull Parti għandha tiżgura li dawk l-ispeċifikazzjonijiet ikunu:

(a) xierqa biex jiġu ddefiniti l-karatteristiċi tal-prodotti jew tas-servizzi li huma l-oġġett tal-kuntratt;

(b) ibbażati fuq kriteriji li jistgħu jiġu vverifikati oġġettivament u nondiskriminatorji; u

(c) aċċessibbli għall-forniturі interessati kollha.

ARTIKOLU 10.9

Rapporti tat-testijiet

1. Kull Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, tista' titlob li l-fornituri interessati jipprovdu rapport tat-test maħruġ minn korp ta' valutazzjoni tal-konformità jew ċertifikat maħruġ minn korp bħal dan bħala mezz ta' prova tal-konformità mar-rekwiżiti jew mal-kriterji stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, fil-kriterji ta' evalwazzjoni jew fi kwalunkwe patt jew kundizzjoni oħra.

2. Meta tkun teħtieġ is-sottomissjoni ta' rapport tat-test jew ta' ċertifikat maħruġ minn korp ta' valutazzjoni tal-konformità, kull Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, għandha:

(a) taċċetta r-riżultati tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jitwettqu mill-korpi rreġistrati ta' valutazzjoni tal-konformità tal-Parti l-oħra f'konformità mal-paragrafu 1 tal-Artikolu 2 tal-Ftehim dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku bejn il-Komunità Ewropea u l-Ġappun, magħmul fi Brussell fl-4 ta' April 2001; u

(b) tieħu f'kunsiderazzjoni kif xieraq kwalunkwe espansjoni futura tal-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim imsemmi fis-subparagrafu (a), jew kwalunkwe ftehim ulterjuri li jkun se jiġi konkluż bejn il-Partijiet bl-għan ta' rikonoxximent reċiproku tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, ladarba jkun daħal fis-seħħ.

ARTIKOLU 10.10

Kundizzjonijiet ambjentali

L-entitajiet ta' akkwist jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet ambjentali relatati mal-eżekuzzjoni ta' akkwist pubbliku, dment li dawk il-kundizzjonijiet ikunu kompatibbli mar-regoli stabbiliti minn dan il-Kapitolu u jkunu indikati fl-avviż tal-akkwist pubbliku maħsub jew f'avviż ieħor użat bħala avviż tal-akkwist pubbliku maħsub jew dokument tal-offerta.

ARTIKOLU 10.11

Trattament tal-offerti u l-għoti tal-kuntratti

1 B’segwitu għal paragrafu 5 tal-Artikolu XV tal-GPA, u skont il-kondizzjonijiet stabbiliti skont il-liġijiet u r-regolamenti ta’ kull Parti, kull Parti għandha tiżgura li l-entitajiet tal-akkwist tagħha jkunu intitolati li jagħżlu bejn iż-żewġ kriterji msemmija fis-subparagrafi (a) u (b) tal-paragrafu 5 tal-Artikolu XV tal-GPA u li huma konxji tal-merti rispettivi ta’ dawk il-kriterji.

2 Minbarra l-paragrafu 6 tal-Artikolu XV tal-GPA, jekk entità tal-akkwist tirċievi offerta bi prezz li jkun anqas b’mod anormali mill-prezzijiet f’offerti oħra sottomessi, din tista’ tivverifika wkoll mal-fornitur jekk il-prezz iqisx l-għoti ta’ sussidji.

ARTIKOLU 10.12

Proċeduri domestiċi ta' rieżami

1. Meta awtorità amministrattiva imparzjali tiġi ddeżinjata minn Parti skont il-paragrafu 4 tal-Artikolu XVIII tal-GPA, dik il-Parti għandha tiżgura li:

(a) il-membri tal-awtorità ddeżinjata jkunu indipendenti, imparzjali, u liberi minn influwenza esterna matul it-terminu tal-ħatra;

(b) il-membri tal-awtorità ddeżinjata ma jingħatawx is-sensja kontra r-rieda tagħhom matul il-mandat, sakemm is-sensja tagħhom ma tkunx meħtieġa mid-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-awtorità ddeżinjata; u

(c) fir-rigward ta' entitajiet koperti taħt l-Annessi 1 u 3 ta' kull Parti tal-Appendiċi I tal-GPA, kif ukoll l-entitajiet tal-gvern ċentrali u l-entitajiet l-oħra kollha ħlief entitajiet tal-gvern subċentrali koperta taħt il-Parti 2 tal-Anness 10, il-President jew mill-inqas membru wieħed ieħor tal-awtorità nnominata, li jkollha kwalifiki legali u professjonali ekwivalenti għal dawk meħtieġa għal imħallfin, avukati jew esperti legali kkwalifikati taħt il-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti.

2. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm proċeduri li jipprovdu għal miżuri interim rapidi għall-preservazzjoni tal-opportunità tal-fornitur biex jieħu sehem fl-akkwist pubbliku. Tali miżuri interim, speċifikati fis-subparagrafu 7(a) tal-Artikolu XVIII tal-GPA, jistgħu jirriżultaw fis-sospensjoni tal-proċess tal-akkwist pubbliku jew, jekk entità tal-akkwist tkun ikkonkludiet kuntratt u jekk Parti tkun stipulat hekk, f'sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Il-proċeduri jistgħu jipprevedu li meta jkunu se jiġu applikati tali miżuri jistgħu jitqiesu l-konsegwenzi negattivi prevalenti għall-interessi kkonċernati, inkluż l-interess pubbliku. Kawża ġusta għal nuqqas ta' azzjoni għandha tiġi pprovduta bil-miktub.

3. F'każ li fornitur interessat jew parteċipanti ippreżenta sfida lill-awtorità maħtura msemmija fil-paragrafu 1, kull Parti għandha, fil-prinċipju, tiżgura li l-entità akkwirenti m'għandhiex tikkonkludi l-kuntratt sakemm dik l-awtorità tkun ħadet deċiżjoni jew rakkomandazzjoni dwar il-kontestazzjoni fir-rigward ta' miżuri provviżorji, azzjoni korrettiva jew kumpens għal telf jew danni batuti, kif imsemmi fil-paragrafi 2, 5 u 6 skont ir-regoli, ir-regolamenti u l-proċeduri tagħha. Kull Parti tista' tipprovdi li f'ċirkustanzi inevitabbli u debitament ġustifikati, il-kuntratt xorta waħda jista' jiġi konkluż.

4. Kull Parti tista' tipprovdi għal:

(a) perjodu sospensiv bejn id-deċiżjoni ta' għoti tal-kuntratt u l-konklużjoni ta' kuntratt biex jingħata biżżejjed żmien lill-forniturili ma jirbħux biex jivvalutaw jekk ikunx xieraq li jiftħu proċedura ta' rieżami; jew

(b) perjodu twil biżżejjed biex fornitur interessat jippreżenta kontestazzjoni, li tista' tikkostitwixxi motivazzjoni għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt.

5. Azzjoni korrettiva skont is-subparagrafu 7(b) tal-Artikolu XVIII tal-GPA tista' tinkludi waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) it-tneħħija ta' speċifikazzjonijiet tekniċi, ekonomiċi jew finanzjarji fl-istedina għall-preżentazzjoni tal-offerti, fid-dokumenti tal-kuntratt jew fi kwalunkwe dokument ieħor relatat mal-proċedura tal-offerti u t-twettiq ta' proċeduri ġodda tal-offerti;

(b) ir-ripetizzjoni tal-proċedura tal-offerti mingħajr ma jitbiddlu l-kundizzjonijiet;

(c) ir-revoka tad-deċiżjoni ta' għoti tal-kuntratt u l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida dwar l-għoti ta' kuntratt;

(d) it-terminazzjoni ta' kuntratt jew id-dikjarazzjoni tal-ineffikaċja tiegħu; jew

(e) l-adozzjoni ta' miżuri oħra bl-għan li jiġi rrimedjat ksur ta' dan il-Kapitolu, pereżempju ordni biex titħallas somma partikolari sakemm iseħħ ir-rimedju effettiv tal-ksur.

6. F’konformità mas-subparagrafu 7(b) tal-Artikolu XVIII tal-GPA, kull Parti tista’ tipprovdi għall-għoti ta’ kumpens għat-telf jew għad-danni mġarrba. F’dan ir-rigward, jekk il-korp ta’ rieżami tal-Parti ma jkunx qorti u fornitur jemmen li kien hemm ksur tal-liġijiet u tar-regolamenti domestiċi li jimplimentaw l-obbligi f’dan il-Kapitolu, il-fornitur jista’ jippreżenta l-każ quddiem qorti, inkluż bl-għan li jfittex kumpens, f’konformità mal-proċeduri ġudizzjarja tal-Parti.

7. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm il-proċeduri neċessarji li bihom jiġu effettivament implimentati d-deċiżjonijiet jew ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa minn korpi ta’ rieżami, jew id-deċiżjonijiet li bihom huma effettivament infurzati minn korpi ta’ rieżami ġudizzjarju.

ARTIKOLU 10.13

Ġbir u rapportar ta’ statistiki

Kull Parti għandha tikkomunika lill-Parti l-oħra d-data statistika komparabbli u disponibbli rilevanti għall-akkwist pubbliku kopert mill-Parti 2 tal-Anness 10.

ARTIKOLU 10.14

Modifiki u rettifiki tal-kopertura

1. Parti tista’ timmodifika jew tirrettifika l-impenji tagħha taħt il-Parti 2 tal-Anness 10.

2. Jekk modifika jew rettifika tal-annessi ta’ Parti għall-Appendiċi I għall-GPA tidħol fis-seħħ skont l-Artikolu XIX tal-GPA, din għandha tidħol fis-seħħ awtomatikament għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim.

3. Meta Parti jkun biħsiebha timmodifika l-impenji tagħha taħt il-Parti 2 tal-Anness 10, il-Parti għandha:

(a) tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub; u

(b) tinkludi fin-notifika proposta għal aġġustamenti ta’ kumpens xierqa lill-Parti l-oħra biex jinżamm livell ta’ kopertura paragunabbli għal dak li kien jeżisti qabel il-modifika.

4. Minkejja s-subparagrafu 3(b), Parti m’għandhiex bżonn tipprovdi aġġustamenti ta’ kumpens jekk il-modifika tkun tikkonċerna entità tal-akkwist li fuq l-akkwist pubbliku tagħha l-Parti tkun effettivament eliminat il-kontroll jew l-influwenza tagħha.

5. F’każ li l-Kumitat dwar l-Akkwisti Pubbliċi mill-Gvern imwaqqaf skont l-Artikolu XXI tal-GPA jadotta kriterji skont is-subparagrafi 8(b) u (c) tal-Artikolu XIX tal-GPA, dawk il-kriterji għandhom ikunu applikabbli anki fi ħdan il-kuntest ta’ dan l-Artikolu.

6. Jekk il-Parti l-oħra toġġezzjona li:

(a) aġġustament propost f’konformità mas-subparagrafu 3(b) hu inadegwat biex jinżamm livell komparabbli ta’ kopertura maqbula reċiprokament; jew

(b) il-modifika maħsuba msemmija fil-paragrafu 4 tirrigwarda aktar minn entità akkwirenti li l-akkwist tagħha l-Parti tkun eliminat b’mod effettiv il-kontroll jew l-influwenza tagħha,

din għandha tissottometti oġġezzjoni bil-miktub lill-Parti li biħsiebha timmodifika l-impenji tagħha fi żmien 45 jum mid-data ta’ riċevuta tan-notifika msemmija fis-subparagrafu 3(a) jew titqies li tkun aċċettat l-aġġustament jew il-modifika.

7. It-tibdiliet li ġejjin fl-impenji ta’ Parti taħt il-Parti 2 tal-Anness 10 għandhom jitqiesu li huma rettifika:

(a) tibdil fl-isem ta’ entità tal-akkwist;

(b) fużjoni ta’ żewġ entitajiet tal-akkwist jew aktar minn fost dawk elenkati fl-istess paragrafu tal-Parti 2 tal-Anness 10;

(c) is-separazzjoni ta' entità tal-akkwist elenkata fil-Parti 2 tal-Anness 10 f'żewġ entitajiet tal-akkwist jew aktar li jiżdiedu mal-entitajiet tal-akkwist elenkati fl-istess paragrafu ta' dik il-Parti; u

(d) aġġornamenti ta' listi indikattivi bħal dawk stabbiliti fil-paragrafu 3 tat-Taqsima A tal-Parti 2 tal-Anness 10, subparagrafu 1(b) tat-Taqsima B tal-Parti 2 tal-Anness 10, jew fl-Annessi 2 u 3 tal-Unjoni Ewropea għall-Appendiċi I għall-GPA.

8. Fil-każ ta' rettifiki maħsubin, il-Parti għandha tinnotifika bil-miktub lill-Parti l-oħra kull sentejn, skont iċ-ċiklu ta' notifiki previst f'din id-Deċiżjoni tal-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern dwar ir-Rekwiżiti ta' notifika skont l-Artikoli XIX u XXII tal-Ftehim adottat fit-30 ta' Marzu 2012 (GPA/113), wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

9. Il-Parti l-oħra, fi żmien 45 jum mid-data ta' riċevuta tan-notifika skont il-paragrafu 8, għandha tissottometti oġġezzjoni bil-miktub lill-Parti li jkun biħsiebha tirretifika l-impenji tagħha. Il-Parti li tissottometti oġġezzjoni għandha tistipula r-raġunijiet għalfejn temmen li r-rettifika maħsuba mhijiex tibdil previst fil-paragrafu 7, u tiddeskrivi l-effett li r-rettifika maħsuba dwar il-kopertura maqbula reċiprokament prevista f'dan il-Ftehim. Jekk ma tiġi sottomessa ebda oġġezzjoni bil-miktub fi żmien 45 jum mid-data ta' riċevuta tan-notifika, ir-rettifika maħsuba għandha titqies li ġiet aċċettata.

10. Jekk il-Parti toġġezzjona għall-modifika jew għar-rettifika maħsuba, jew għall-aġġustament ta' kumpens propost, il-Partijiet għandhom ifittxu li jsolvu l-kwistjoni permezz ta' konsultazzjonijiet. Jekk ma jintlaħaq ebda ftehim bejn il-Partijiet fi żmien 150 jum mid-data tar-riċevuta tan-notifika tal-oġġezzjoni, il-Parti li biħsiebha timmodifika jew tirrettifika l-impenji tagħha jista' jkollha rikors għal soluzzjoni tat-tilwim skont il-Kapitolu 21 biex tiddetermina jekk l-oġġezzjoni hix iġġustifikata. Modifika jew rettifika maħsuba li fir-rigward tagħha ġiet sottomessa oġġezzjoni, għandha titqies li ġiet aċċettata biss meta jintlaħaq qbil dwarha permezz tal-konsultazzjonijiet jew jiġi deċiż hekk mill-bord imwaqqaf skont l-Artikolu 21.7.

ARTIKOLU 10.15

Kooperazzjoni

Il-Partijiet għandhom jieħdu impenn li jikkooperaw bl-għan li jiksbu fehim aħjar tas-swieq rispettivi tagħhom tal-akkwist pubbliku mill-gvern. Il-Partijiet jagħrfu wkoll li l-involviment tal-industriji relatati tal-Partijiet, permezz ta' mezzi bħad-djalogi, hu importanti għal dak l-għan.

ARTIKOLU 10.16

Kumitat dwar l-Akkwisti Pubbliċi mill-Gvern

1. Il-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern imwaqqaf skont l-Artikolu 22.3 (minn hawn ’il quddiem f’dan l-Artikolu msejjaħ il-“Kumitat”) għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni u għat-tħaddim effettivi ta’ dan il-Kapitolu.

2. Il-Kumitat għandu jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) jagħmel rakkomandazzjonijiet għall-Kumitat Konġunt biex jadotta deċiżjonijiet li jemendaw il-Parti 2 tal-Anness 10 biex din tirrifletti l-modifiki jew ir-rettifiki aċċettati skont l-Artikolu 10.14 jew l-aġġustamenti ta’ kumpens miftiehma;

(b) jadotta modalitajiet għall-komunikazzjoni ta’ data statistika skont l-Artikolu 10.13, jekk jitqiesu neċessarji;

(c) jikkunsidra materji li tirreferilu xi Parti fir-rigward ta’ akkwist pubbliku mill-gvern; u

(d) jiskambja informazzjoni dwar opportunitajiet ta’ akkwist pubbliku mill-gvern, inklużi dawk fil-livelli sottoċentrali, f’kull Parti;

ARTIKOLU 10.17

Punti ta’ kuntatt

Mad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim, kull Parti għandha tiddeżinja punt ta’ kuntatt għall-implimentazzjoni ta’ dan il-Kapitolu u tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta’ kuntatt li jinkludu informazzjoni dwar l-uffiċjali rilevanti. Il-Partijiet minnufih għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar kwalunkwe tibdil f’dawk id-dettalji ta’ kuntatt.

KAPITOLU 11

POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

ARTIKOLU 11.1

Prinċipji

Il-Partijiet jagħrfu l-importanza ta’ kompetizzjoni ġusta u ħielsa fir-relazzjonijiet kummerċjali u ta’ investiment tagħhom. Il-Partijiet jagħrfu li l-prattiki antikompetittivi għanhom il-potenzjal li joħolqu tfixkil fil-funzjonament xieraq tas-swieq u jdgħajfu l-benefiċċji tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u tal-investiment.

ARTIKOLU 11.2

Prattiki antikompetittivi

F’konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha, kull Parti għandha tieħu miżuri li hi tqis li huma xierqa kontra prattiki antikompetittivi, biex tilħaq l-għanijiet ta’ dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 11.3

Qafas leġislattiv u regolatorju

1. Kull Parti għandha żżomm id-dritt tal-kompetizzjoni tagħha li japplika għall-intrapriżi kollha fis-setturi kollha tal-ekonomija u li jindirizza, b’mod effettiv, il-prattiki antikompetittivi li ġejjin:

(a) għall-Unjoni Ewropea:

(i) ftehimiet bejn intrapriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijet tal-impriżi u prattiki miftiehma, li jkollhom bħala l-għan jew l-effett tagħhom li jipprevjenu, jirrestrinġu jew ifixklu l-kompetizzjoni;

(ii) abbuż min-naħa ta’ intrapriża waħda jew aktar ta’ pożizzjoni dominanti, u

(iii) fużjonijiet jew konċentrazzjonijiet bejn intrapriżi li jistgħu jxekklu b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva; u

(b) għall-Ġappun:

(i) monopolizzazzjoni privata;

(ii) restrizzjoni mhux raġonevoli tal-kummerċ;

(iii) prattiki kummerċjali inġusti u

(iv) fużjonijet jew akkwiżizzjonijiet li jirrestringu b'mod sostanzjali l-kompetizzjoni f'qasam partikolari tal-kummerċ.

2. Kull Parti għandha tapplika d-dritt tal-kompetizzjoni tagħha għall-intrapriżi kollha, privati jew pubbliċi, involuti f'attivitajiet ekonomiċi. Dan m'għandux jipprevjeni lil Parti milli tipprovdi għal eżenzjonijiet mid-dritt tal-kompetizzjoni tagħha, dment li t-tali eżenzjonijiet ikunu trasparenti u jkunu limitati għal dawk neċessarji għas-salvagwardja tal-interess pubbliku. It-tali eżenzjonijiet m'għandhomx imorru lil hinn minn dak li hu strettament neċessarju biex jintlaħqu l-objettivi ta' interess pubbliku li ġew iddefiniti minn dik il-Parti.

3. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "attivitajiet ekonomiċi" tfisser dawk l-attivitajiet li jappartjenu għall-offerta ta' prodotti u ta' servizzi f'suq.

ARTIKOLU 11.4

Indipendenza operazzjonali

Kull Parti għandha żżomm awtorità operazzjonalment indipendenti li hi responsabbli u kompetenti għall-infurzar effettiv tad-dritt tal-kompetizzjoni tagħha.

ARTIKOLU 11.5

Nondiskriminazzjoni

Meta tapplika l-liġi tal-kompetizzjoni tagħha, kull Parti għandha tirrispetta l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni għall-intrapriżi kollha, irrispettivament min-nazzjonalità u mit-tip ta' sjieda tal-intrapriżi.

ARTIKOLU 11.6

Ġustizzja proċedurali

Meta tapplika l-liġi tal-kompetizzjoni tagħha, kull Parti għandha tirrispetta l-prinċipju ta' ġustizzja proċedurali għall-intrapriżi kollha, irrispettivament min-nazzjonalità u mit-tip ta' sjieda tal-intrapriżi.

ARTIKOLU 11.7

Trasparenza

Kull Parti għandha tapplika d-dritt tal-kompetizzjoni tagħha b'mod trasparenti. Kull Parti għandha tippromwovi t-trasparenza fil-politika tal-kompetizzjoni tagħha.

ARTIKOLU 11.8

Kooperazzjoni fl-infurzar

1. Biex jilħqu l-objettivi ta' dan il-Ftehim u jikkontribwixxu għall-infurzar effettiv tad-dritt tal-kompetizzjoni ta' kull Parti, il-Partijiet jagħrfu li hu fl-interess komuni tagħhom li jippromwovu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni fir-rigward tal-iżviluppi fil-politika tal-kompetizzjoni u fl-attivitajiet ta' infurzar, fi ħdan il-qafas tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Ġappun li jikkonċerna l-kooperazzjoni f'attivitajiet antikompetittivi, magħmul fi Brussell fl-10 ta' Lulju 2003 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ f'dan il-Kapitolu bħala l-"Ftehim li jikkonċerna l-kooperazzjoni f'attivitajiet antikompetittivi").

2. Sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Partijiet jistgħu jiskambjaw informazzjoni, jew li ssir xi komunikazzjoni oħra fi ħdan il-qafas tal-Ftehim dwar kooperazzjoni fuq attivitajiet antikompetittivi.

ARTIKOLU 11.9

Soluzzjoni tat-tilwim

Id-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Kapitolu m’għandhomx ikunu soġġetti għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-Kapitolu 21.

KAPITOLU 12

SUSSIDJI

ARTIKOLU 12.1

Prinċipji

Il-Partijiet jagħrfu li s-sussidji jistgħu jingħataw minn Parti meta jkunu meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi ta’ politika pubblika. Madanakollu, ċerti sussidji għanhom il-potenzjal li joħolqu tfixkil fil-funzjonament xieraq tas-swieq u jdgħajfu l-benefiċċji tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u tal-investiment. Fil-prinċipju, is-sussidji m’għandhomx jingħataw minn Parti meta din issib li dawn kellhom jew jista’ jkollhom effett negattiv sinifikanti fuq il-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet.

ARTIKOLU 12.2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "attivitajiet ekonomiċi" tfisser dawk l-attivitajiet li jappartjenu għall-offerta ta' prodotti u ta' servizzi f'suq;

(b) "sussidju" tfisser miżura li tissodisfa *mutatis mutandis* il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1.1 tal-Ftehim SCM, irrispettiament minn jekk ir-riċevituri tas-sussidju jinnegozjawx fi prodotti jew f'servizzi; u

(c) "sussidju speċifiku" tfisser sussidju li huwa determinat li jkun speċifika skont l-Artikolu 2 tal-Ftehim dwar is-SCM.

ARTIKOLU 12.3

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għal sussidji speċifiċi sal-punt li huma relatati ma' attivitajiet ekonomiċi[1].

[1] Għal ċertezza akbar, l-edukazzjoni pprovduta mis-sistema edukattiva domestika ta' kull Parti għandha titqies bħala attività mhux ekonomika.

2. Dan il-Kapitolu m'għandux japplika għal sussidji mogħtija lil intrapriżi inkarigati mill-gvern bil-provvista ta' servizzi lill-pubbliku ġenerali għal objettivi tal-ordni pubbliku. Eċċezzjonijiet bħal dawn mir-regoli fuq is-sussidji għandhom ikunu trasparenti u m'għandhomx imorru lil hinn mill-objettivi fil-mira tagħhom tal-ordni pubbliku.

3. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal sussidji mogħtija bħala kumpens għad-dannu kkawżat minn diżastri naturali jew minn okkorrenzi eċċezzjonali oħra.

4. L-Artikoli 12.5 u 12.6 ma japplikawx għal sussidji, l-ammonti kumulattivi jew baġits ta' inqas minn 450,000 drittijiet speċjali ta' ġbid (minn hawn' il quddiem "SDR") għal kull benefiċjarju għal perjodu ta' tliet snin konsekuttivi.

5. L-Artikoli 12.6 u 12.7 ma japplikawx għal sussidji relatati mal-kummerċ f'merkanzija koperti mill-Anness 1 għall-Ftehim dwar il-Biedja u għal sussidji relatati mal-kummerċ f'ħut u fi prodotti tal-ħut.

6. L-Artikolu 12.7 ma japplikax għal sussidji mogħtija temporanjament għal rispons għal emerġenza nazzjonali jew ekonomika globali[1]. It-tali sussidji għandhom ikunu mmirati, ekonomiċi, effettivi u effiċjenti biex tiġi rrimedjata l-emerġenza ekonomika temporanja identifikata nazzjonali jew globali.

[1] Għal ċertezza akbar, emerġenza għandha tkun miftuma bħala dik li taffettwa l-ekonomija sħiħa ta' Parti. Għall-Unjoni Ewropea, l-ekonomija sħiħa ta' Parti tfisser l-ekonomija sħiħa tal-Unjoni Ewropea jew tal-anqas ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

7. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal servizzi awdjoviżivi.

8. L-Artikolu 12.7 ma japplikax għal sussidji mogħtija minn livelli sottoċentrali tal-gvern ta' kull Parti. Biex tissodisfa l-obbligi tagħha skont dan il-Kapitolu, kull Parti għandha tieħu miżuri raġonevoli li jistgħu jkunu disponibbli għaliha biex tiżgura r-rispett tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu minn livelli sottoċentrali tal-gvern ta' dik il-Parti.

ARTIKOLU 12.4

Relazzjoni mal-Ftehim tad-WTO

Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi ta' waħda mill-Partijiet skont il-Ftehim SCM, l-Artikolu XVI tal-GATT 1994 u l-Artikolu XV tal-GATS.

ARTIKOLU 12.5

Notifika

1. Kull Parti għandha tinnotifika bl-Ingliż lill-Parti l-oħra dwar il-bażi legali, il-forma, l-ammont jew il-baġit u fejn ikun possibbli, l-isem ta' min jirċievi kwalunkwe sussidju speċifiku mogħtija jew miżmuma[1] minn Parti, li jinnotifika kull sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Madankollu, l-ewwel notifika għandha ssir sa mhux iktar tard minn tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

2. Jekk Parti tqiegħed għad-dispożizzjoni pubblika fuq sit web uffiċjali l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu 1, in-notifika skont il-paragrafu 1 għandha titqies li tkun saret. Jekk Parti tinnotifika s-sussidji skont l-Artikolu 25.2 tal-Ftehim SCM, il-Parti għandha titqies li tkun issodisfat ir-rekwiżit tal-paragrafu 1 fir-rigward tat-tali sussidji.

[1] Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, fil-każ ta' sussidji li ġew innotifikati qabel, l-informazzjoni pprovduta fin-notifiki aġġornati tista' tkun limitata għall-indikazzjoni ta' kwalunkwe modifika, jew in-nuqqas ta' din, min-notifika ta' qabel.

3. Fir-rigward tas-sussidji relatati mas-servizzi , dan l-Artikolu japplika għas-setturi li ġejjin biss: servizzi ta' arkitettura u inġinerija, servizzi bankarji, servizzi tal-kompjuter, servizzi ta' kostruzzjoni, enerġija, servizzi ambjentali, servizzi ta' tqassim express, servizzi tal-assigurazzjoni, servizzi ta' telekomunikazzjoni u servizzi ta' trasport.

ARTIKOLU 12.6

Konsultazzjonijiet

1. F'każ li Parti tqis li sussidju tal-Parti l-oħra jkollha jew jista' jkollha effett negattiv sinifikanti fuq il-kummerċ jew fuq l-interessi tal-investiment tagħha skont dan il-Kapitolu, il-Parti msemmija l-ewwel tista' tissottometti talba għall-konsultazzjoni bil-miktub. Il-Partijiet għandhom jidħlu f'konsultazzjonijiet bl-għan li jsolvu l-kwistjoni, dment li t-talba tinkludi spjegazzjoni ta' kif is-sussidju għandu jew jista' jkollu effett negattiv sinifikanti fuq il-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet.

2. Matul il-konsultazzjonijiet, il-Parti li tirċievi t-talba għall-konsultazzjoni għandha tikkunsidra li tipprovdi l-informazzjoni dwar is-sussidju, jekk din tintalab mill-Parti l-oħra, bħal:

(a) il-bażi ġuridika u l-objettiv tal-politika jew l-iskop tas-sussidju;

(b) il-forma tas-sussidju bħal għotja, self, garanzija, avvanz ripagabbli, injezzjoni ta' ekwità jew konċessjoni tat-taxxa;

(c) dati u durata tas-sussidju u kwalunkwe terminu ieħor marbut miegħu;

(d) ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà tas-sussidju;

(e) l-ammont totali jew l-ammont annwali bbaġittjat għas-sussidju u l-possibbiltà ta' limitazzjoni tas-sussidju;

(f) fejn possibbli, ir-riċevitur tas-sussidju; u

(g) kwalunkwe informazzjoni oħra, li tinkludi data statistika, li tippermetti li ssir valutazzjoni tal-effetti tas-sussidju fuq il-kummerċ jew l-investiment.

3. Biex jiġu ffaċilitati l-konsultazzjonijiet, il-Parti rikjesta għandha tipprovdi l-informazzjoni rilevanti dwar is-sussidju inkwistjoni bil-miktub mhux aktar tard minn 90 jum wara d-data tar-riċevuta tat-talba msemmija fil-paragrafu 1.

4. F'każ li kwalunkwe informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ma tiġix ipprovduta mill-Parti rikjesta, dik il-Parti għandha tispjega n-nuqqas tat-tali informazzjoni fit-tweġiba bil-miktub tagħha.

5. Jekk il-Parti rikjedenti, wara l-konsultazzjonijiet, tibqa' tqis li s-sussidju għandu jew jista' jkollu effett negattiv sinifikanti fuq il-kummerċ jew fuq l-interessi tal-investiment tagħha skont dan il-Kapitolu, il-Parti rikjesta għandha tagħti kunsiderazzjoni pożittiva lit-tħassib tal-Parti rikjedenti. Kwalunkwe soluzzjoni għandha tkun fattibbli u aċċettabbli mill-Parti rikjesta.

ARTIKOLU 12.7

Sussidji pprojbiti

Is-sussidji li ġejjin ta' Parti li għandhom jew jista' jkollhom effett negattiv sinifikanti fuq il-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet għandhom ikunu pprojbiti:

(a) arranġamenti legali jew oħra li bihom gvern jew korp pubbliku hu responsabbli biex jiggarantixxi djun jew obbligazzjonijiet ta' intrapriża, mingħajr ebda limitazzjoni rigward l-ammont u d-durata ta' kull garanzija; u

(b) sussidji għar-ristrutturar ta' intrapriża f'diffikultà jew insolventi mingħajr ma l-intrapriża tkun ħejjiet pjan kredibbli ta' ristrutturar. Tali pjan ta' ristrutturar għandu jiġi ppreparat f'perjodu ta' żmien raġonevoli wara li jkunu rċevew appoġġ temporanju ta' likwidità tal-intrapriża[1]. Il-pjan ta' ristrutturar għandu jkun ibbażat fuq suppożizzjonijiet realistiċi bl-għan li jiġi żgurat ir-ritorn għall-vijabbiltà fit-tul tal-intrapriża f'diffikultà jew insolventi fi ħdan perjodu ta' żmien raġonevoli. L-intrapriża nfisha jew is-sidien tagħha għandhom jikkontribwixxu fondi jew assi sinifikanti għall-kostijiet tar-ristrutturar.

ARTIKOLU 12.8

Użu ta' sussidji

Kull Parti għandha tiżgura li l-intrapriżi jużaw is-sussidji biss għall-fini speċifiku li għalih ikunu ngħataw.

[1] Għal aktar ċertezza, xejn f'dan l-Artikolu ma jimpedixxi lil Parti milli jipprovdu sussidji permezz ta' appoġġ temporanju ta' likwidità fil-forma ta' garanziji fuq is-self jew self limitat għall-ammont meħtieġ sabiex iżżomm impriża fin-negozju għaż-żmien neċessarju biex jippreparaw pjan ta' ristrutturar jew ta' likwidazzjoni.

ARTIKOLU 12.9

Eċċezzjonijiet ġenerali

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, b'dan, l-Artikolu XX tal-GATT 1994 u l-Artikolu XIV tal-GATS huma inkorporati f'dan il-Ftehim u huma magħmula parti minnu, *mutatis mutandis*.

ARTIKOLU 12.10

Soluzzjoni tat-tilwim

Il-paragrafu 5 tal-Artikolu 12.6 m'għandux ikun soġġett għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-Kapitolu 21.

&/mt 346

KAPITOLU 13

INTRAPRIŻI TAL-ISTAT, INTRAPRIŻI MOGĦTIJA DRITTIJIET JEW PRIVILEĠĠI SPEĊJALI U MONOPOLJI DDEŻINJATI

ARTIKOLU 13.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "Arranġament" tfisser l-Arranġament dwar Krediti għall-Esportazzjoni Appoġġjati b'mod Uffiċjali, żviluppat fi ħdan il-qafas tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"OECD") jew ta' impriża suċċessur, kemm jekk żviluppata fi ħdan kif ukoll barra mill-qafas tal-OECD, li ġiet adottata minn tal-anqas 12-il Membru oriġinali tad-WTO li ilhom Parteċipanti għall-Arranġament mill-1 ta' Jannar 1979;

(b) “attivitajiet kummerċjali” tfisser attivitajiet li impriża timpenja ruħha b’orjentazzjoni lejn bi skop ta’ lukru[1] u li tirriżulta fil-produzzjoni ta’ oġġett jew il-forniment ta’ servizz, li se jinbiegħu lil konsumatur fis-suq rilevanti fi kwantitajiet u bi prezzijiet determinati mill-intrapriża;

(c) “kunsiderazzjonijiet kummerċjali” tfisser kunsiderazzjonijiet tal-prezz, tal-kwalità, tad-disponibbiltà, kemm hu kummerċabbli, tat-trasport u ta’ patti u ta’ kundizzjonijiet oħra tax-xiri jew tal-bejgħ, jew fatturi oħra li normalment jittieħdu inkunsiderazzjoni fid-deċiżjonijiet kummerċjali ta’ intrapriża bi sjieda privata li topera skont il-prinċipji tal-ekonomija tas-suq relevanti tan-negozju jew tal-industrija;

(d) “tiddeżinja monopolju” tfisser li tistabbilixxi jew tawtorizza monopolju, jew li jiġi estiż l-ambitu ta’ monopolju, biex ikopri prodott jew servizz addizzjonali;

(e) “monopolju ddeżinjat” tfisser entità, li tinkludi konsorzju jew aġenzija tal-gvern, li f’suq rilevanti fit-territorju ta’ Parti tiġi ddeżinjata bħala l-uniku fornitur jew akkwirent ta’ prodott jew ta’ servizz, iżda ma tinkludix entità li tkun ingħatat dritt esklużiv ta’ proprjetà intellettwali purament minħabba tali għotja;

[1] Għal ċertezza akbar, l-attivitajiet imwettqa minn intrapriża li topera fuq bażi mhux ta’ profitt jew fuq bażi ta’ rkupru tal-kostijiet mhumiex attivitajiet imwettqa b’orjentazzjoni lejn il-profitt.

(f) “intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi spċjali” tfisser intrapriża, pubblika jew privata, li tinkludi s-sussidjarji tagħha, li lihla Parti tat drittijiet jew privileġġi speċjali; drittijiet jew privileġġi speċjali jingħataw minn Parti meta tiddeżinja numru limitat ta’ intrapriżi awtorizzati biex ifornu prodott jew servizz, għajr skont kriterji oġġettivi, proporzjonali u nondiskriminatorji, u b'hekk taffettwa sostanzjalment il-ħila ta’ kwalunkwe intrapriża oħra biex tipprovdi l-istess prodott jew servizz fl-istess żona ġeografika f’kundizzjonijiet sostanzjalment ekwivalenti;

(g) “servizz ipprovdut fl-eżerċizzju ta’ awtorità governattiva” tfisser servizz ipprovdut fl-eżerċizzju tal-awtorità governattiva kif definiti fil-GATS u, jekk ikun applikabbli, fl-Anness dwar is-Servizzi Finanzjarji lil GATS; u

(h) “intrapriża tal-istat” tfisser intrapriża li hi involuta f’attivitajiet kummerċjali li fihom Parti:

(i) hi l-proprjetarju dirett ta’ aktar minn 50 fil-mija tal-kapital azzjonarju;

(ii) tikkontrolla, b’mod dirett jew indirett permezz ta’ interessi proprjetarji, l-eżerċizzju ta’ aktar minn 50 fil-mija tad-drittijiet tal-vot;

(iii) għandha s-setgħa li taħtar maġġoranza tal-membri tal-bord tad-diretturi jew ta' kwalunkwe korp maniġerjali ekwivalenti ieħor; jew

(iv) għandha s-setgħa li tiggwida legalment l-azzjonijiet tal-intrapriża jew teżerċita b'xi mod ieħor grad ekwivalenti ta' kontroll f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha.

ARTIKOLU 13.2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għal intrapriżi tal-istat, għal intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali u għal monopolji ddeżinjati, involuti f'attivitajiet kummerċjali. Fejn dawn iwettqu kemm attivitajiet kummerċjali kif ukoll attivitajiet mhux kummerċjali, huma biss l-attivitajiet kummerċjali li huma koperti minn dan il-Kapitolu.

2. Dan il-Kapitolu japplika għal intrapriżi tal-istat, għal intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali u għal monopolji ddeżinjati fil-livelli kollha tal-gvern.

3. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal sitwazzjonijiet fejn impriżi statali, intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew magħżula monopolji jaġixxu bħala entitajiet koperti taħt l-Annessi ta' kull Parti tal-Appendiċi I tal-GPA jew taħt il-Parti 2 tal-Anness 10 li jwettqu akkwist għal finijiet governattivi u mhux bl-għan li jkun hemm bejgħ mill-ġdid kummerċjali jew bl-għan li jintużaw fil-produzzjoni ta' prodott jew fil-provvista ta' servizzi għal bejgħ kummerċjali.

4. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal kwalunkwe servizz ipprovdut fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva.

5. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal intrapriża tal-istat, għal intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew għal monopolju ddeżinjat, jekk fi kwalunkwe waħda mit-tliet snin fiskali konsekuttivi preċedenti d-dħul annwali derivat mill-attivitajiet kummerċjali tal-intrapriża jew tal-monopolju kkonċernati kien anqas minn 200 miljun SDR.

6. L-Artikolu 13.5 ma japplikax fir-rigward tal-provvista ta' servizzi finanzjarji minn intrapriża tal-istat taħt mandat tal-gvern, jekk dik il-provvista ta' servizzi finanzjarji:

(a) tappoġġja l-esportazzjonijiet jew l-importazzjonijiet, dment li dawk is-servizzi:

(i) mhumiex maħsuba biex jispustaw il-finanzjament kummerċjali; jew

(ii) huma offruti b'patti mhux aktar favorevoli minn dawk li jistgħu jinkisbu għal servizzi finanzjarji komparabbli fis-suq kummerċjali;

(b) tappoġġja l-investiment privat barra mit-territorju tal-Parti, dment li dawn is-servizzi huma:

(i) mhumiex maħsuba biex jispustaw il-finanzjament kummerċjali; jew

(ii) huma offruti b'patti mhux aktar favorevoli minn dawk li jistgħu jinkisbu għal servizzi finanzjarji komparabbli fis-suq kummerċjali; jew

(c) hi offruta b'patti konsistenti mal-Arranġament, dment li taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Arranġament.

7. L-Artikolu 13.5 ma japplikax għas-setturi stabbiliti fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 8.6.

8. L-Artikolu 13.5 ma japplikax sa fejn intrapriża tal-istat, intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew monopolju ddeżinjat ta' Parti jagħmlu xirjiet u jbigħu prodott jew servizz skont:

(a) kwalunkwe miżura eżistenti li ma tikkonformax mal-paragrafu 1 tal-Artikolu 8.12 u l-paragrafu 1 tal-Artikolu 8.18 li Parti żżomm, tkompli, iġġedded, temenda jew timmodifika kif stabbilit fl-Iskeda tagħha fl-Anness I għall-Anness 8-B; jew

(b) kwalunkwe miżura mhux konformi mwettqa minn Parti f'konformità mal-paragrafu 2 tal-Artikolu 8.12 u mal-paragrafu 2 tal-Artikolu 8.18 fir-rigward ta' setturi, ta' subsetturi, jew ta' attivitajiet kif stabbiliti fl-Iskeda tagħha fl-Anness II għall-Anness 8-B.

ARTIKOLU 13.3

Relazzjoni għall-Ftehim tad-WTO

Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont il-paragrafi 1 sa 3 tal-Artikolu XVII tal-GATT 1994, il-Ftehim dwar l-Interpretazzjoni tal-Artikolu XVII tal-Ftehim Ġenerali tal-1994 dwar it-Tariffi u l-Kummerċ, kif ukoll skont il-paragrafu 1, 2 u 5 tal-Artikolu VIII tal-GATS.

ARTIKOLU 13.4

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi ta' kull Parti skont dan il-Kapitolu, xejn f'dan il-Kapitolu ma jimpedixxi Parti milli tistabbilixxi jew iżżomm impriża intrapriża statali, li tagħti drittijiet jew privileġġi speċjali jew il-ħatra ta' monopolju.

2. L-ebda Parti m'għandha titlob jew tħeġġeġ lil intrapriża tal-istat, lil intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew lil monopolju ddeżinjat biex jaġixxu b'mod inkonsistenti ma' dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 13.5

Trattament nondiskriminatorju u kunsiderazzjonijiet kummerċjali

1. Kull Parti għandha tiżgura li kull wieħed/waħda mill-intrapriżi tal-istat, mill-intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali u mill-monopolji ddeżinjati tagħha, meta jkunu involuti f'attivitajiet kummerċjali:

(a) jaġixxu skont il-kunsiderazzjonijiet kummerċjali tagħhom fix-xiri jew bejgħ ta' prodott jew ta' servizz, minbarra biex jissodisfaw xi termini tal-mandat tagħhom ta' servizz pubbliku li ma jkunux konsistenti mas-subparagrafu (b) jew (c);

(b) fix-xiri tagħhom ta' prodott jew ta' servizz:

(i) jagħtu għal prodott jew għal servizz forniti minn intrapriża tal-Parti l-oħra trattament mhux anqas favorevoli milli jagħtu lil prodotti jew lil servizzi simili forniti minn intrapariżi tal-Parti; u

(ii) jagħtu lil prodott jew lil servizz fornit minn intrapriża koperta kif definita fis-subparagrafu (c) tal-Artikolu 8.2 trattament xejn anqas favorevoli milli jagħtu lil prodotti jew lil servizzi simili forniti minn intrapariżi ta' imprendituri tal-Parti fis-suq rilevanti fil-Parti; u

(c) fil-bejgħ tagħhom ta' prodott jew ta' servizz:

(i) jagħtu lil intrapriża tal-Parti l-oħra trattament xejn anqas favorevoli minn dak li jagħtu lill-intrapriżi tal-Parti; u

(ii) tagħti lil intrapriża kopert kif definit fis-subparagrafu (c) tal-Artikolu 8.2, trattament mhux inqas favorevoli minn dak li tagħti lil intrapriżi ta' intraprendituri tal-Parti fis-suq rilevanti f'Parti[1].

2. Is-subparagrafi 1(b) u (c) ma jipprekludux lil intrapriża tal-istat, lil intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew lil monopolju ddeżinjat milli:

(a) jixtru jew ibigħu prodotti jew servizzi b'patti jew b'kundizzjonijiet differenti, li jinkludu dawk relatati mal-prezz, dment li tali patti jew kundizzjonijiet differenti jsiru f'konformità mal-kunsiderazzjonijiet kummerċjali; jew

(b) jirrifjutaw milli jixtru jew ibigħu prodotti jew servizzi, dment li tali rifjut isir f'konformità mal-kunsiderazzjonijiet kummerċjali.

[1] Għal ċertezza akbar, dan il-paragrafu m'għandux japplika fir-rigward tax-xiri jew tal-bejgħ ta' ishma, ta' stokk jew ta' forom oħra ta' ekwità minn intrapriża tal-istat, minn intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew minn monopolju ddeżinjat bħala mezz tal-parteċipazzjoni fil-kapital tagħhom f'intrapriża oħra.

ARTIKOLU 13.6

Qafas regolatorju

1. Il-Partijiet jirrispettaw u jagħmlu l-aħjar użu mill-istandards internazzjonali rilevanti inklużi, fost l-oħrajn, il-Linji Gwida tal-OECD dwar il-Governanza Korporattiva tal-Intrapriżi tal-Istat.

2. Kull Parti għandha tiżgura li kull korp regolatorju jew kwalunkwe korp ieħor li jeżerċita funzjoni regolatorja li jistabbilixxi jew iżomm lill-Parti li tkun indipendenti minn, u mhux responsabbli lejn, xi waħda mill-intrapriżi irregolati minn dak il-korp, u taġixxi b'mod imparzjali[1] f'ċirkostanzi simili f'dak li jirrigwarda l-impriżi kollha rregolati minn dak il-korp, inklużi l-intrapriżi tal-istat, intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali u monopolji maħtura[2].

3. Kull Parti għandha tapplika l-liġijiet u r-regolamenti tagħha għal intrapriżi tal-istat, għal intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali u għal monopolji ddeżinjati b'mod konsistenti u nondiskriminatorju.

[1] Għal ċertezza akbar, l-imparzjalità li biha l-korp jeżerċita l-funzjonijiet regolatorji tiegħu trid tiġi vvalutata skont mudell ġenerali jew prattika ta' dak il-korp.

[2] Għal ċertezza akbar, għal dawk is-setturi li fihom il-Partijiet ikunu qablu li l-obbligazzjonijiet speċifiċi relatati ma' tali korp fil-Kapitolu 8, għandhom jipprevalu d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kapitolu 8.

ARTIKOLU 13.7

Skambju ta’ informazzjoni

1. Parti li għandha raġuni għaliex temmen li l-interessi tagħha skont dan il-Kapitolu qed jiġu affettwati b’mod avvers mill-attivitajiet kummerċjali ta’ intrapriża tal-istat, ta’ intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew ta’ monopolju ddeżinjat (minn hawn ’il quddiem imsejħa f’dan l-Artikolu bħala l-“entità”) tal-Parti l-oħra tista’ titlob lill-Parti l-oħra bil-miktub biex tipprovdi informazzjoni dwar l-attivitajiet kummerċjali tal-entità b'rabta mal-eżekuzzjoni tad-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Kapitolu f’konformità mal-paragrafu 2.

2. Il-Parti rikjesta għandha tipprovdi l-informazzjoni li ġejja, dment li t-talba tinkludi spjegazzjoni dwar kif l-attivitajiet tal-entità jistgħu jkunu qed jaffettwaw l-interessi tal-Parti rikjedenti skont dan il-Kapitolu u tindika liema mill-informazzjoni li ġejja għandha tiġi pprovduta:

(a) l-istruttura organizzazzjonali tal-entità u l-kompożizzjoni tal-bord tad-diretturi tagħha jew ta’ kwalunkwe korp maniġerjali ekwivalenti ieħor;

(b) il-perċentwal ta’ ishma li b’mod kumulattiv huma detenturi tagħhom il-Parti rikjesta, l-intrapriżi tal-istat, l-intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew il-monopolji ddeżinjati tagħha, u l-perċentwal ta’ drittijiet tal-vot li għandhom b’mod kumulattiv, fl-entità;

(c) deskrizzjoni ta’ kwalunkwe l-ishma speċifiċi jew drittijiet ta’ votazzjoni speċjali, jew drittijiet oħra li l-Parti ssirilha t-talba, intrapriżi tal-istat, intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew monopolji maħtuira, fejn dawn id-drittijiet huma differenti minn dawk marbuta ma’ ishma komuni ġenerali tal-entità;

(d) deskrizzjoni tad-dipartimenti tal-gvern jew tal-korpi pubbliċi li jirregolaw l-entità, deskrizzjoni tal-obbligi ta’ rapportar imposti fuqha minn dawk id-dipartimenti jew il-korpi pubbliċi, u d-drittijiet u l-prattiki, fejn possibbli, ta’ dawk id-dipartimenti jew il-korpi pubbliċi fir-rigward tal-ħatra, tas-sensja jew tar-remunerazzjoni ta’ eżekuttivi superjuri ta’ membri tal-bord tad-diretturi tagħha jew ta’ kwalunkwe korp maniġerjali ekwivalenti ieħor;

(e) dħul annwali u assi totali tal-entità tul l-aktar perjodu ta’ tliet snin riċenti li għalih hemm informazzjoni disponibbli;

(f) kwalunkwe eżenzjoni, immunità u miżura ta' akkumpanjament li minnha l-entità tibbenefika skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti rikjesta; u

(g) kwalunkwe informazzjoni addizzjonali rigward l-entità li hi disponibbli pubblikament, li tinkludi rapporti finanzjarji annwali u awditi minn partijiet terzi.

ARTIKOLU 13.8

Eċċezzjonijiet ġenerali

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, b'dan, l-Artikolu XX tal-GATT 1994 u l-Artikolu XIV tal-GATS huma inkorporati f'dan il-Ftehim u huma magħmula parti minnu, *mutatis mutandis*.

KAPITOLU 14

PROPRJETÀ INTELLETTWALI

TAQSIMA A

Dispożizzjonijiet ġenerali

ARTIKOLU 14.1

Dispożizzjonijiet inizjali

1. Biex jiġu ffaċilitati l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti innovattivi u kreattivi u l-provvista ta' servizzi bejn il-Partijiet u biex jiżdiedu l-benefiċċji mill-kummerċ u mill-investiment, il-Partijiet għandhom jagħtu u jiżguraw protezzjoni adegwata, effettiva u nondiskriminatorja tal-proprjetà intellettwali u jipprovdu għal miżuri għall-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali kontra l-ksur ta' dawn, inklużi l-kontrafazzjoni u l-piraterija, f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu u tal-ftehimiet internazzjonali li għalihom huma parti ż-żewġ Partijiet.

2. Parti tista', iżda mhix obbligata, tipprovdi protezzjoni aktar estensiva għad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, jew infurzar ta' dawn, skont il-liġi tagħha, minn dik li hi meħtieġa minn dan il-Kapitolu, dment li t-tali protezzjoni jew infurzar ma jiksurx id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.

3. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "proprjetà intellettwali" tfisser il-kategoriji kollha ta' proprjetà intellettwali li huma koperti mill-Artikoli 14.8 sa 14.39 ta' dan il-Kapitolu jew mit-Taqsimiet 1 sa 7 tal-Parti II tal-Ftehim TRIPS. Il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali tinkludi l-protezzjoni kontra kompetizzjoni inġusta kif imsemmija fl-Artikolu 10*bis* tal-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali, magħmul f'Pariġi fl-20 ta' Marzu 1883 (minn hawn' il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni ta' Pariġi")[1].

4. L-objettivi u l-prinċipji stabbiliti fil-Parti I tal-Ftehim TRIPS, b'mod partikolari fl-Artikoli 7 u 8, għandhom japplikaw għal dan il-Kapitolu, *mutatis mutandis*.

ARTIKOLU 14.2

Prinċipji miftiehma

Filwaqt li jqisu l-objettivi sottostanti tal-ordni pubbliku tas-sistemi domestiċi, il-Partijiet jagħrfu l-ħtieġa li:

(a) jippromwovu l-innovazzjoni u l-kreattività;

[1] Għal ċertezza akbar, il-Konvenzjoni ta' Pariġi għandha tinftiehem li hi l-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industirjali tal-20 ta' Marzu 1883, kif riveduta fi Brussell fl-14 ta' Diċembru 1900, f'Washington fit-2 ta' Ġunju 1911, fl-Aja fis-6 ta' Novembru 1925, f'Londra fit-2 ta' Ġunju 1934, f'Lisbona fil-31 ta' Ottubru 1958, u fi Stokkolma fl-14 ta' Lulju 1967 u kif emendata fit-28 ta' Settembru 1979.

(b) jiffaċilitaw id-diffużjoni tal-informazzjoni, tal-għarfien, tat-teknoloġija, tal-kultura u tal-arti; u

(c) irawmu l-kompetizzjoni u swieq miftuħa u effiċjenti,

permezz tas-sistema rispettiva tagħhom tal-proprjetà intellettwali, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipji ta' trasparenza u nondiskriminazzjoni, fost l-oħrajn, u filwaqt li jqisu l-interessi tal-partijiet ikkonċernati rilevanti li jinkludu d-detenturi tad-drittijiet u l-utenti.

ARTIKOLU 14.3

Ftehimiet internazzjonali

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu jikkumplimentaw id-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont ftehimiet internazzjonali oħra fil-qasam tal-proprjetà intellettwali li ż-żewġ Partijiet huma parti għalihom.

2. Il-Partijiet jaffermaw l-impenn tagħhom biex ikunu konformi mal-obbligi stabbiliti fil-ftehimiet internazzjonali relatati mal-proprjetà intellettwali li għalihom iż-żewġ Partijiet huma firmatarji[1] fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, inkluż dan li ġej:

(a) il-Ftehim TRIPS;

[1] Il-ftehimiet internazzjonali relatati mal-proprjetà intellettwali msemmija f'dan il-paragrafu jinkludu dawk li fihom huma parti l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

(b) il-Konvenzjoni ta’ Pariġi;

(c) il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Artisti tal-Ispettaklu, tal-Produtturi tal-Fonogrammi u tal-Organizzazzjonijiet tax-Xandir, magħmula f’Ruma fis-26 ta’ Ottubru 1961 (minn hawn ’il quddiem imsejħa l-“Konvenzjoni ta’ Ruma”);

(d) il-Konvenzjoni ta’ Berna għall-Protezzjoni ta’ Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi, magħmul f’Berne fid-9 ta’ Settembru 1886 (minn hawn’ il quddiem il- “Konvenzjoni ta’ Berne”)[1];

(e) it-Trattat tad-WIPO dwar id-Dritt tal-Awtur, adottat f’Ġinevra fl-20 ta’ Diċembru 1996;

(f) it-Trattat tad-WIPO dwar l-Interpretazzjonijiet, l-Eżekuzzjonijiet u l-Fonogrammi, adottat f’Ġinevra fl-20 ta’ Diċembru 1996;

(g) it-Trattat ta’ Budapest dwar ir-Rikonoxximent Internazzjonali tad-Depożitu ta’ Mikrorganiżmi għall-għanijiet ta’ Proċeduri ta’ Privattivi, magħmul f’Budapest fit-28 ta’ April 1977;

(h) il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta’ Varjetajiet Ġodda ta’ Pjanti, magħmul f’Pariġi fit-2 ta’ Diċembru 1961 (minn hawn’ il quddiem imsejħa “il-Konvenzjoni UPOV tan-1991”)[2];

---

1 Għal ċertezza akbar, il-Konvenzjoni ta’ Berna għandha tinftiehem li hi l-Konvenzjoni ta’ Berna għall-Protezzjoni ta’ Xogħlijiet Letterarji u Artisitiċi tad-9 ta’ Settembru 1886, li saret f’Pariġi fl-4 ta’ Mejju 1896, riveduta f’Berlin fit-13 ta’ Novembru 1908, li saret f’Berna fl-20 ta’ Marzu 1914, riveduta f’Ruma fit-2 ta’ Ġunju 1928, fi Brussell fis-26 ta’ Ġunju 1948, fi Stokkolma fl-14 ta’ Lulju 1967 u f’Pariġi fl-24 ta’ Lulju 1971 u emendata fit-28 ta’ Settembru 1979.

2 Għal ċertezza akbar, il-Konvenzjoni tal-UPOV tal-1991 għandha tinftiehem bħala l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta’ Varjetajiet Ġodda ta’ Pjanti tat-2 ta’ Diċembru 1961, kif riveduta f’Ġinevra fid-19 ta’ Marzu 1991.

(i) il-Protokoll Relatat mal-Ftehim ta' Madrid dwar ir-Reġistrazzjoni Internazzjonali ta' Marki, adottat f'Madrid fis-27 ta' Ġunju 1989; u

(j) it-Trattat ta' Kooperazzjoni dwar il-Privattivi, magħmul f'Washington fid-19 ta' Ġunju 1970.

3. Kull Parti għandha tagħmel kull sforz raġonevoli biex tirratifika jew taderixxi mal-ftehimiet multilaterali li ġejjin, jekk, mhux aktar tard mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, ma tkunx diġà parti għal dak il-ftehim[1]:

(a) it-Trattat dwar id-Dritt tal-Privattivi, adottat f'Ġinevra fl-1 ta' Ġunju 2000;

(b) it-Trattat dwar il-Liġi tat-Trademarks, adottat f'Ġinevra fis-27 ta' Ottubru 1994;

(c) it-Trattat ta' Singapore dwar il-Liġi tat-Trademarks, adottat f'Singapore fis-27 ta' Marzu 2006;

(d) l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim tal-Aja dwar ir-Reġistrazzjoni Internazzjonali tad-Disinni Industrijali, adottat f'Ġinevra fit-2 ta' Lulju 1999;

[1] Għall-Unjoni Ewropea, din tinkludi r-ratifika mill-Istati Membri tal-ftehimiet mulilaterali msemmija f'dan il-paragrafu jew l-adeżjoni ta' dawn għat-tali ftehimiet.

(e) it-Trattat ta' Bejġing dwar ir-Rappreżentazzjonijiet Awdjoviżivi, adottat f'Bejġing fl-24 ta' Ġunju 2012; u

(f) it-Trattat ta' Marrakexx biex jiġi Ffaċilitat l-Aċċess għal Xogħlijiet Pubblikati għal Persuni Għomja, b'Diżabbiltà fil-Vista jew li b'xi mod ieħor għandhom Diffikultà biex Jaqraw Materjal Stampat, adottat fis-27 ta' Ġunju 2013.

ARTIKOLU 14.4

Trattament nazzjonali

1. F'dak li għandu x'jaqsam għall-kategoriji kollha tal-proprjetà intellettwali koperti minn dan il-Kapitolu, kull Parti għandha tagħti liċ-ċittadini[1] tal-Parti l-oħra trattament mhux inqas favorevoli mit-trattament li tagħti liċ-ċittadini tagħha rigward il-protezzjoni[2] tal-proprjetà intellettwali, soġġetti għall-eċċezzjonijiet li diġà huma previsti fi, rispettivament, il-Konvenzjoni ta' Pariġi, il-Konvenzjoni ta' Berne, il-Konvenzjoni ta' Ruma u t-Trattat dwar Proprjetà Intellettwali fir-Rigward ta' Ċirkwiti Integrati, adottati f'Washington fis-26 ta' Mejju 1989. Fir-rigward ta' artisti tal-ispettaklu, ta' produtturi ta' fonogrammi u ta' organizzazzjonijiet tax-xandir, dan l-obbligu japplika biss għad-drittijiet imsemmija taħt dan il-Ftehim.

---

1 Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 14.5, "ċittadini" għandha l-istess tifsira li għandha fil-Ftehim TRIPS.

2 Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 14.5, "protezzjoni" tinkludi materji li jaffetwaw id-disponibbilità, l-akkwiżizzjoni, l-ambitu, iż-żamma u l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intelletwali kif ukoll dawk li jaffetwaw l-użu tad-drittijiet ta' proprjetà intelletwali indirizzati speċifikament f'dan il-Kapitolu.

2. L-obbligi skont il-paragrafu 1 ukoll għandhom ikunu soġġetti għall-eċċezzjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 5 tal-Ftehim TRIPS.

ARTIKOLU 14.5

Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit

Kull Parti għandha minnufih u mingħajr kundizzjonijiet tagħti liċ-ċittadini tal-Parti l-oħra trattament xejn anqas favorevoli mit-trattament li tagħti liċ-ċittadini ta' pajjiż terz fir-rigward tal-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali, soġġetti għall-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikoli 4 u 5 tal-Ftehim TRIPS.

ARTIKOLU 14.6

Materji proċedurali u trasparenza

1. Kull Parti għandha tagħmel kull sforz raġonevoli biex tippromwovi l-effiċjenza u t-trasparenza fl-amministrazzjoni tas-sistema tagħha tal-proprjetà intellettwali.

2. Għall-fini ta’ provvista ta’ amministrazzjoni effiċjenti tas-sistema tagħha tal-proprjetà intellettwali, kull Parti għandha tieħu miżuri xierqa biex issaħħaħ l-effiċjenza tal-proċeduri amministrattivi tagħha rigward id-drittijiet ta’ proprjetà intellettwali f’konformità mal-istandards internazzjonali.

3. Għall-fini ta’ promozzjoni ulterjuri tat-trasparenza fl-amministrazzjoni tas-sistema tagħha tal-proprjetà intellettwali, kull Parti għandha tagħmel kull sforz raġonevoli biex tieħu l-miżuri disponibbli xierqa biex:

(a) tippubblika informazzjoni u tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-informazzjoni li tinsab fil-fajls dwar:

(i) applikazzjonijiet għal privattivi u l-għoti ta’ dawn;

(ii) reġistrazzjonijiet ta’ disinni industrijali;

(iii) reġistrazzjonijiet ta’ trademarks u ta’ applikazzjonijiet għal dawn;

(iv) reġistrazzjonijiet ta’ varjetajiet ġodda ta’ pjanti; u

(v) reġistrazzjonijiet ta’ indikazzjonijiet ġeografiċi;

(b) tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku informazzjoni dwar miżuri meħuda mill-awtoritajiet kompetenti għas-sospensjoni tar-rilaxx tal-merkanzija li tikser id-drittijiet ta’ proprjetà intellettwali bħala miżura tal-fruntiera stabbilita fl-Artikolu 14.51;

(c) tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku informazzjoni dwar l-isforzi tagħha biex tiżgura l-infurzar effettiv tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u informazzjoni oħra fir-rigward tas-sistema tagħha tal-proprjetà intellettwali; u

(d) tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku informazzjoni dwar il-liġijiet u r-regolamenti rilevanti, id-deċiżjonijiet ġudizzjarji finali, u d-deċiżjonijiet amministrattivi ta' applikazzjoni ġenerali li jappartjenu għall-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

ARTIKOLU 14.7

Promozzjoni ta' sensibilizzazzjoni fost il-pubbliku rigward il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali

Kull Parti għandha tieħu l-miżuri neċessarji biex tkompli tippromwovi s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali li jinkludu proġetti edukattivi u ta' tixrid dwar l-użu tal-proprjetà intellettwali kif ukoll dwar l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

TAQSIMA B

Standards li jirrigwardaw il-proprjetà intellettwali

SUBTAQSIMA 1

Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati

ARTIKOLU 14.8

Awturi

Kull Parti għandha tipprovdi lill-awturi d-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu:

(a) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, bi kwalunkwe mezz u fi kwalunkwe forma, sħiħa jew parzjali tax-xogħlijiet tagħhom;

(b) kull forma ta’ distribuzzjoni lill-pubbliku, bil-bejgħ jew b’xi mod ieħor tal-forom oriġinali ta’ xogħlijiethom jew kopji tagħhom; kull Parti tista’ tiddetermina l-kundizzjonijiet li fihom japplika l-eżawriment tad-dritt stabbilit f'din id-dispożizzjoni wara l-ewwel bejgħ jew trasferiment tas-sjieda ieħor tax-xogħol oriġinali jew ta’ kopja ta’ dan bl-awtorizzazzjoni tal-awtur; u

(c) kull komunikazzjoni lill-pubbliku ta’ xogħlijiethom, b’mezz bil-fili jew mingħajr fili, inkluż li jagħmlu disponibbli lill-pubbliku xogħlijiethom b’mod li l-membri tal-pubbliku jistgħu jkollhom aċċess għalihom minn post u f’ħin magħżul individwalment minnhom.

ARTIKOLU 14.9

Artisti tal-ispettaklu

Kull Parti tipprovdi lill-artisti tal-ispettaklu d-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu:

(a) il-fissazzjoni tar-rappreżentazzjonijiet tagħhom;

(b) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, bi kwalunkwe mezz u fi kwalunkwe forma, sħiħa jew parzjali, tar-reġistrazzjonijiet tar-rappreżentazzjonijiet tagħhom;

(c) id-distribuzzjoni għall-pubbliku, permezz ta' bejgħ jew b'xi mod ieħor, tar-reġistrazzjonijiet tar-rappreżentazzjonijiet tagħhom f'fonogrammi; kull Parti tista' tiddetermina l-kundizzjonijiet li fihom japplika l-eżawriment tad-dritt stabbilit f'din id-dispożizzjoni wara l-ewwel bejgħ jew trasferiment tas-sjieda ieħor tar-rappreżentazzjoni rreġistrata oriġinali jew ta' kopja ta' din bl-awtorizzazzjoni tal-artist tal-ispettaklu;

(d) id-disponibbiltà għall-pubbliku ta' fissazzjonijiet tar-rappreżentazzjonijiet tagħhom, b'mezzi bil-fili jew mingħajr fili, b'tali mod li l-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jaċċessaw minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom; u

(e) ix-xandir b'mezzi mingħajr fili u l-komunikazzjoni lill-pubbliku tar-rappreżentazzjonijiet tagħhom, għajr meta l-prestazzjoni nnifisha tkun diġà prestazzjoni mxandra jew tkun magħmula minn reġistrazzjoni.

ARTIKOLU 14.10

Produtturi ta' fonogrammi

Kull Parti tipprovdi lill-produtturi ta' fonogrammi d-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu:

(a) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, bi kwalunkwe mezz u fi kwalunkwe forma, sħiħa jew parzjali tal-fonogrammi tagħhom;

(b) id-distribuzzjoni għall-pubbliku, bil-bejgħ jew b'xi mod ieħor, tal-fonogrammi tagħhom, inklużi kopji; kull Parti tista' tiddetermina l-kundizzjonijiet li fihom japplika l-eżawriment tad-dritt stabbilit f'din id-dispożizzjoni wara l-ewwel bejgħ jew trasferiment tas-sjieda ieħor tal-fonogramma oriġinali jew ta' kopja ta' din bl-awtorizzazzjoni tal-produttur tal-fonogramma; u

(c) id-disponibbiltà għall-pubbliku tal-fonogrammi tagħhom, b'mezzi bil-fili jew mingħajr fili, b'tali mod li l-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jaċċessaw minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom;

ARTIKOLU 14.11

Organizzazzjonijiet tax-xandir

Kull Parti għandha tipprovdi lill-organizzazzjonijiet tax-xandir id-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu:

(a) ir-reġistrazzjoni tax-xandiriet tagħhom;

(b) ir-riproduzzjoni tar-reġistrazzjoni tax-xandiriet tagħhom;

(c) li jagħmlu disponibbli lill-pubbliku[1] tax-xandiriet tagħhom, b'mezzi bil-fili jew mingħajr fili, li ssir bi tweġiba għal talba minn membru tal-pubbliku[2];

(d) ix-xandir mill-ġdid tax-xandiriet tagħhom b'mezzi mingħajr fili. u

(e) il-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xandiriet tagħhom jekk tali komunikazzjoni ssir ġewwa postijiet aċċessibbli għall-pubbliku wara l-ħlas ta' miżata tad-dħul; kull Parti tista' tiddetermina l-kundizzjonijiet li fihom jista' jiġi eżerċitat dak id-dritt esklużiv.

ARTIKOLU 14.12

Użu ta' fonogrammi

Il-Partijiet jaqblu li jkomplu d-diskussjoni dwar il-protezzjoni adegwata għall-użu ta' fonogrammi għal kull komunikazzjoni lill-pubbliku, filwaqt li jqisu kif xieraq l-importanza ta' standards internazzjonali rigward il-protezzjoni għall-użu ta' fonogrammi.

[1] Għal ċertezza akbar, għall-Unjoni Ewropea, dan id-dritt hu limitat għal sitwazzjonijiet li fihom it-talba ssir minn post u f'ħin magħżula b'mod individwali minn membru tal-pubbliku.

[2] Għal ċertezza akbar, għall-Ġappun, dan is-subparagrafu għandu jiġi applikat għall-forma ta' trasmissjoni pubblika li sseħħ b'mod awtomatiku bħala tweġiba għal talba mingħand il-pubbliku, ħlief għal dawk li jseħħu b'mod manwali.

ARTIKOLU 14.13

Terminu ta’ protezzjoni

1. It-terminu ta’ protezzjoni għad-drittijiet tal-awtur ta’ xogħol artistiku jew letterarju skont it-tifsira tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ta’ Berna jdum tul il-ħajja tal-awtur u għal 70 sena mill-mewt tal-awtur, irrispettivament mid-data meta x-xogħol ikun sar legalment disponibbli għall-pubbliku. Jekk it-terminu ta’ protezzjoni għal dawk id-drittijiet jingħadd fuq bażi li mhix il-ħajja ta’ persuna fiżika, it-tali terminu m’għandux ikun anqas minn 70 sena wara li x-xogħol ikun sar legalment disponibbli għall-pubbliku. Fin-nuqqas tat-tali tqegħid għad-dispożizzjoni fi żmien 70 sena mill-ħolqien tax-xogħol, it-terminu ta’ protezzjoni m’għandux ikun anqas minn 70 sena mill-ħolqien tax-xogħol.

2. It-terminu ta’ protezzjoni għad-drittijiet tal-artisti tal-ispettaklu m’għandux ikun anqas minn 50 sena wara r-rappreżentazzjoni.

3. It-terminu ta’ protezzjoni għad-drittijiet tal-produtturi tal-fonogrammi m’għandux ikun anqas minn 70 sena mindu ġiet ippubblikata l-fonogramma. Fin-nuqqas ta’ tali pubblikazzjoni fi żmien mill-inqas 50 snin mill-iffissar ta’ fonogramma, il-perjodu ta’ protezzjoni ma jkunx inqas minn 50 sena wara li jkun sar l-iffissar[1].

[1] Kull Parti tista’ tadotta miżuri effettivi biex jiġi żgurat li l-profitt iġġenerat tul l-20 sena ta’ protezzjoni lil hinn minn 50 sena jinqasam ġustament bejn l-artisti tal-ispettaklu u l-produtturi tal-fonogrammi.

4. It-terminu ta’ protezzjoni għad-drittijiet fix-xandiriet m’għandux ikun anqas minn 50 sena wara l-ewwel trażmissjoni tax-xandira.

5. It-termini stipulati f’dan l-Artikolu għandhom jingħaddu mill-ewwel ta’ Jannar tas-sena li ssegwi s-sena tal-avveniment li jagħti bidu għalihom.

ARTIKOLU 14.14

Limitazzjonijiet u eċċezzjonijiet

Kull Parti tista’ tipprovdi għal limitazzjonijiet jew għal eċċezzjonijiet għad-drittijiet stabbiliti fl-Artikoli 14.8 sa 14.12 biss f’ċerti każijiet speċjali li la jmorru kontra l-użu normali tal-materja u lanqas ma jippreġudikaw mingħajr raġuni l-interessi leġittimi tad-detenturi tad-drittijiet, f’konformità mal-konvenzjonijiet u mal-ftehimiet internazzjonali li hi parti għalihom.

ARTIKOLU 14.15

Dritt tal-bejgħ mill-ġdid tal-artisti fl-opri tal-arti

Il-Partijiet jaqblu li jaqsmu l-fehmiet u l-informazzjoni tagħhom dwar kwistjonijiet relatait mad-dritt ta’ interess fil-bejgħ mill-ġdid ta’ opra tal-arti oriġinali u s-sitwazzjoni f’dan ir-rigward fl-Unjoni Ewropea u fil-Ġappun.

ARTIKOLU 14.16

Immaniġġjar kollettiv

Il-Partijiet:

(a) jagħrfu l-importanza tal-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv rispettivi tagħhom.

(b) jaqblu li jippromwovu t-trasparenza tal-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv; u

(c) jieħdu impenn li jiffaċilitaw it-trattament nondiskriminatorju mill-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv tad-detenturi tad-drittijiet li jirrappreżentaw jew b'mod dirett jew inkella permezz ta' organizzazzjoni oħra ta' mmaniġġjar kollettiv.

ARTIKOLU 14.17

Protezzjoni tas-suġġett eżistenti

1. Kull Parti għandha tapplika l-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni ta' Berna u l-paragrafu 6 tal-Artikolu 14 tal-Ftehim TRIPS, *mutatis mutandis*, għal xogħlijiet, għal rappreżentazzjonijiet u għal fonogrammi, u d-drittijiet fis-suġġetti u l-protezzjonijiet mogħtija għal dawk is-suġġetti kif teħtieġ din is-Subtaqsima.

2. Parti m'għandhiex tkun meħtieġa tirrestawra l-protezzjoni għas-suġġett li fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ikun waqa' fid-dominju pubbliku fit-territorju tagħha.

SUBTAQSIMA 2

Trademarks

ARTIKOLU 14.18

Drittijiet konferiti minn trademark

Kull Parti għandha tiżgura li s-sid ta' trademark reġistrata għandu d-dritt esklużiv li jimpedixxi lit-terzi persuni kollha li ma jkollhomx il-kunsens tas-sid[1] milli tuża fl-eżerċizzju tal-kummerċ sinjali identiċi jew simili għal prodotti jew servizzi li huma identiċi jew simili għal dawk li għalihom it-trademark tkun reġistrata, fejn użu bħal dan iwassal għal probabbiltà ta' konfużjoni. F'każ li jintuża sinjal identiku għall-prodotti jew għas-servizzi identiċi, il-probabbilità ta' konfużjoni għandha tiġi preżunta. Id-drittijiet deskritti hawn fuq m'għandhomx ikunu ta' preġudizzju għad-drittijiet li kienu jeżistu qabel u lanqas ma għandhom jaffetwaw il-possibbiltà ta' Parti li tagħmel id-drittijiet disponibbli fuq il-bażi tal-użu.

[1] Għall-fini ta' dan l-Artikolu, "l-użu" tat-tali sinjal jinkludi, tal-anqas, l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti jew ta' pakketti ta' prodotti li magħhom hu mqabbad is-sinjal.

ARTIKOLU 14.19

Eċċezzjonijiet

Kull Parti għandha tipprovdi għal eċċezzjonijiet limitati għad-drittijiet mogħtija minn marka kummerċjali, bħall-użu ġust ta' termini deskrittivi[1] u tista' tipprovdi għal eċċezzjonijiet limitati oħra, bil-kundizzjoni li dawn l-eċċezzjonijiet jieħdu in kunsiderazzjoni l-interessi leġittimi tal-proprjetarju tat-trademark u ta' partijiet terzi.

ARTIKOLU 14.20

Atti preparatorji meqjusa bħala ksur

Fir-rigward tat-tikketti u tal-imballaġġ, kull Parti għandha tipprovdi li tal-anqas kull wieħed mill-atti preparatorji li ġejjin jitqies bħala ksur ta' trademark reġistrata jekk l-att ikun twettaq mingħajr il-kunsens tas-sid tat-trademark reġistrata:

(a) il-manifattur;

(b) l-importazzjoni; u

[1] L-użu ġust ta' termini deskrittivi jinkludi l-użu ta' sinjal li jindika l-oriġini ġeografika tal-prodotti jew is-servizzi f'konformità ma' prattiki onesti f'materji industrijali jew kummerċjali.

(c) il-preżentazzjoni[1]

ta' tikketti jew ippakkjar b'sinjal[2] li hija identika jew simili għal marka kummerċjali reġistrata, bl-għan li l-użu ta' tali sinjal jew tikkawża li din tiġi użata fil-kummerċ għal oġġetti jew servizzi li huma identiċi jew simili għal dawk li għalihom it-trademark tkun reġistrata.

ARTIKOLU 14.21

Trademarks magħrufa

Bl-għan li jagħtu effett lil l-protezzjoni ta' trademarks magħrufin sew, kif imsemmi fl-Artikolu 6bis tal-Konvenzjoni ta' Pariġi u l-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 16 tal-Ftehim TRIPS, il-Partijiet jaffermaw l-importanza ir-Rakkomandazzjoni Konġunta dwar Dispożizzjonijiet dwar il-Protezzjoni ta' Well-Known Marks adottata mill-Assemblea tal-Unjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali u mill-Assemblea Ġenerali tal-WIPO fir-Raba' u Tletin Serje ta' Laqgħat tal-Assemblej tal-Istati Membri tal-WIPO fl-1999.

[1] Għall-fini ta' dan l-Artikolu, l-Unjoni Ewropea tqis il-"preżentazzjoni" bħala l-offerta jew it-tqegħid fis-suq u l-Ġappun iqis il-"preżentazzjoni" bħala assenjazzjoni.

[2] Għall-fini ta' dan l-Artikolu, għall-Ġappun, "jintwera" tfisser li jiġi indikat.

SUBTAQSIMA 3

Indikazzjonijiet ġeografiċi

ARTIKOLU 14.22

Kamp ta’ applikazzjoni

1. Din is-Subtaqsima tapplika għar-rikonoxximent u l-protezzjoni ta’ indikazzjonijiet ġeografiċi għal inbejjed, spirti u xorb alkoħoliku ieħor[1] kif ukoll prodotti agrikoli[2] li joriġinaw fil-Partijiet.

2. Għall-finijiet ta’ dan il-Kapitolu, “indikazzjonijet ġeografiċi” tfisser indikazzjonijiet li jidentifikaw li prodott bħala li joriġina mit-territorju ta’ Parti, jew minn reġjun jew lokalità fit-territorju ta’ dik il-Parti, fejn kwalità, reputazzjoni jew xi karatteristika oħra partikolari tal-prodott tkun essenzjalment attriwibbli għall-oriġini ġeografika tiegħu.

1 Għall-finijiet ta’ din is-Subtaqsima, fir-rigward tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fil-Ġappun, “xarbiet alkoħoliċi” tfisser xarbiet li fihom wieħed fil-mija alkoħol jew aktar.

2 Għall-finijiet ta’ din is-Subtaqsima, fir-rigward tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fil-Ġappun, “prodotti agrikoli” tfisser prodotti agrikoli, tal-forestrija u tas-sajd kif ukoll oġġetti tal-ikel li jeskludu xarbiet alkoħoliċi.

3. L-indikazzjonijiet ġeografiċi ta' Parti elenkata fl-Anness 14-B għandhom ikunu protetti mill-Parti l-oħra skont dan il-Ftehim jekk dawn ikunu jaqgħu taħt it-tipi ta' prodotti li l-Parti l-oħra tipproteġi f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha kif elenkati fl-Anness 14-A.

ARTIKOLU 14.23

Sistema ta' protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi

1. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew iżżomm sistema għar-reġistrazzjoni[1] u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi fit-territorju tagħha.

2. Is-sistema msemmija fil-paragrafu 1 għandha jkun fiha tal-anqas l-elementi li ġejjin:

(a) mezz uffiċjali kif titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi reġistrati;

[1] Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, fir-rigward tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fil-Ġappun, "reġistrazzjoni" u "reġistru" rispettivament jistgħu jitqiesu li huma sinonimi għal "dežinjazzjoni" jew għal "konferma tal-protezzjoni" u "ddežinja" jew "ikkonferma l-protezzjoni" skont il-liġijiet u r-regolamenti rilevanti tiegħu.

(b) proċess amministrattiv li jivverifika li indikazzjoni ġeografika li tkun se tiġi rreġistrata kif imsemmi fis-subparagrafu (a) tidentifika prodott bħala li joriġina fit-territorju ta' Parti, jew f'reġjun jew lokalità fit-territorju ta' dik il-Parti, fejn kwalità, reputazzjoni jew karatteristika partikolari oħra tal-prodott tkun essenzjalment attribwita għall-oriġini ġeografika tiegħu;

(c) proċediment ta' oppożizzjoni li jippermetti li jitqiesu l-interessi leġittimi ta' partijiet terzi; u

(d) proċedura għall-kanċellazzjoni[1] tal-protezzjoni ta' indikazzjoni ġeografika, filwaqt li jitqiesu l-interessi leġittimi ta' partijiet terzi u dawk li jużaw indikazzjonijiet ġeografiċi reġistrati inkwistjoni[2].

---

1 Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, fir-rigward tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fil-Ġappun, "kanċellazzjoni" tista' titqies li hi sinonima għal "eżenzjoni mill-protezzjoni" skont il-liġijiet u r-regolamenti rilevanti tiegħu.

2 Mingħajr ħsara għal-liġijiet u għar-regolamenti tiegħu dwar is-sistema msemmija fil-paragrafu 1, kull Parti għandha tipprovdi għal mezzi legali għall-invalidazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi.

ARTIKOLU 14.24

Lista ta’ indikazzjonijiet ġeografiċi

1. Wara t-tlestija ta’ proċediment ta’ oppożizzjoni u ta’ eżaminazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Unjoni Ewropea elenkati fit-Taqsima A tal-Parti 1 u fit-Taqsima A tal-Parti 2 tal-Anness 14-B, il-Ġappun għandu jirrikonoxxi li dawk l-indikazzjonijiet huma indikazzjonijiet ġeografiċi skont it-tifsira tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 22 tal-Ftehim TRIPS u li dawn ġew irreġistrati mill-Unjoni Ewropea skont is-sistema msemmija fl-Artikolu 14.23. Il-Ġappun għandu jipproteġi dawk l-indikazzjonijiet ġeografiċi f’konformità ma’ din is-Subtaqsima.

2. Wara t-tlestija ta’ proċediment ta’ oppożizzjoni u ta’ eżaminazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Ġappun elenkati fit-Taqsima B tal-Parti 1 u fit-Taqsima B tal-Parti 2 tal-Anness 14B, l-Unjoni Ewropea għandha tirrikonoxxi li dawk l-indikazzjonijiet huma indikazzjonijiet ġeografiċi skont it-tifsira tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 22 tal-Ftehim TRIPS u li dawn ġew irreġistrati mill-Ġappun skont is-sistema msemija fl-Artikolu 14.23. L-Unjoni Ewropea għandha tipproteġi dawk l-indikazzjonijiet ġeografiċi f’konformità ma’ din is-Subtaqsima.

ARTIKOLU 14.25

Ambitu tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi

1. Soġġett għall-Artikolu 14.29, kull Parti għandha, fir-rigward ta' indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Parti l-oħra elenkati fl-Anness 14-B, tipprovdi l-mezzi legali għall-partijiet interessati biex jipprevjenu fit-territorju tiegħu[1]:

(a) l-użu ta' indikazzjoni ġeografika li tidentifika prodott għal prodott simili[2] li ma jissodisfax ir-rekwiżit ta' speċifikazzjonijiet applikabbli ta' indikazzjoni ġeografika anki jekk:

(i) tkun indikata l-oriġini vera tal-prodott;

[1] Għall-fini tal-paragrafu 1, u minkejja s-Subtaqsima 2 tat-Taqsima C, kull Parti tista' tipprovdi għall-infurzar b'azzjoni amministrattiva.

[2] Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-paragrafu 4 tal-Artikolu 14.27 u l-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 14.29, "prodott simili", b'rabta ma' prodott li għalih indikazzjoni ġeografika tkun ġiet protetta f'sistema ta' Parti kif imsemmi fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 14.23, tfisser prodott li jkun jaqa' taħt l-istess kategorija ta' prodott bħall-prodott li għalih indikazzjoni ġeografika tkun ġiet irreġistrata f'dik il-Parti.

(ii) l-indikazzjoni ġeografika tkun użata[1] fi traduzzjoni jew traskrizzjoni[2]; jew

(iii) l-indikazzjoni ġeografika tkun akkumpanjata minn espressjonijiet bħal "kwalità", "tip", "stil", "imitazzjoni" jew kliem simili;

(b) l-użu ta' kwalunkwe mezz fid-denominazzjoni jew fil-preżentazzjoni ta' prodott li jindika jew jissuġġerixxi li l-prodott inkwistjoni joriġina f'żona ġeografika oħra li ma tkunx il-post veru tal-oriġini, b'mod li jqarraq bil-pubbliku għal dak li jirrigwarda l-oriġini ġeografika jew in-natura tal-prodott; u

(c) kwalunkwe użu ieħor li jikkostitwixxi att ta' kompetizzjoni inġusta fit-tifsira tal-Artikolu 10*bis* tal-Konvenzjoni ta' Pariġi.

2. Kull Parti tistabbilixxi l-kundizzjonijiet prattiċi li taħthom l-indikazzjonijiet ġeografiċi omonimi ser ikunu differenzjati minn xulxin fit-territorju tagħha, filwaqt li jitqies il-bżonn li jkun garantit trattament ekwu tal-produtturi kkonċernati u li l-konsumaturi ma jiġux imqarrqa.

---

1 Għal aktar ċertezza, hu mifhum li dan hu evalwat fuq bażi ta' każ b'każ. Din id-dispożizzjoni ma tapplikax fejn tiġi pprovduta evidenza li ma hemm l-ebda rabta bejn l-isem protett u t-terminu tradott jew transliterat.

2 Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, it-transliterazzjoni tkopri l-konverżjoni tal-karattri skont il-fonetika tal-lingwa jew tal-lingwi oriġinali tal-indikazzjoni ġeografika rilevanti.

3. Jekk Parti biħsiebha tipproteġi, skont ftehim internazzjonali, indikazzjoni ġeografika ta' pajjiż terz li hi omonima ma' indikazzjoni ġeografika tal-Parti l-oħra li hi protetta skont dan il-Ftehim, il-Parti msemmija l-ewwel għandha tinforma mhux aktar tard mid-data tal-pubblikazzjoni għall-oppożizzjoni, lill-Parti l-oħra dwar l-opportunità li tikkummenta, dment li t-tali proċediment ta' oppożizzjoni għall-indikazzjoni ġeografika rilevanti tal-pajjiż terz għall-protezzjoni tagħha jibda wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

4. Fil-proċediment ta' oppożizzjoni u fl-eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 14.24, kull Parti tista' tikkunsidra r-raġunijiet li ġejjin li fuq il-bażi tagħhom il-Parti m'għandhiex tkun meħtieġa tipproteġi isem bħala indikazzjoni ġeografika fl-Anness 14-B:

(a) l-isem joħloq kunflitt mal-isem ta' varjetà tal-pjanti jew ta' razza tal-bhejjem u b'hekk il-konsumatur jista' jitfixkel dwar x'inhi l-oriġini vera tal-prodott; u

(b) dak l-isem ikun it-terminu abitwali fil-lingwa komuni bħala l-isem komuni għall-prodott ikkonċernat.

5. Minkejja l-ispeċifikazzjonijiet tal-indikazzjoni ġeografika msemmija fis-subparagrafu 1(a), għal perjodu ta' seba' snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-protezzjoni stabbilita f'din is-Subtaqsima għal indikazzjoni ġeografika partikolari tal-Unjoni Ewropea kif elenkata fl-Anness14-B m'għandhiex tipprekludi, fir-rigward tal-prodott identifikat bit-tali indikazzjoni ġeografika, il-possibbiltà li l-operazzjonijiet li jinvolvu l-ħakk, it-tfettit u l-imballaġġ, inkluż it-tqattigħ f'porzjonijiet u l-imballaġġar intern, jistgħu jitwettqu fi ħdan it-territorju tal-Ġappun, dment li t-tali prodott ikun destinat għas-suq Ġappuniż u mhux għall-fini ta' riesportazzjoni.

6. Il-Partijiet għandhom jirrieżaminaw l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 5 mhux aktar tard minn tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim bl-għan li jilħqu soluzzjoni aċċettabbli b'mod reċiproku qabel tmiem il-perjodu ta' seba' snin imsemmi f'dak il-paragrafu.

ARTIKOLU 14.26

Ambitu tal-użu tal-indikazzjonijiet ġeografiċi

1. Kwalunkwe persuna tista' tuża kwalunkwe indikazzjoni ġeografika protetta taħt din is-Subtaqsima dment li t-tali użu jkun relatat mal-prodotti kif identifikati minn dik l-indikazzjoni ġeografika u f'konformità mal-ambitu tal-protezzjoni skont dan il-Ftehim.

2. Ladarba indikazzjoni ġeografika ta' Parti tkun protetta skont dan il-Ftehim fil-Parti l-oħra, l-użu leġittimu tat-tali isem protett m'għandux ikun soġġett għal xi reġistrazzjoni tal-utent jew għal tibdiliet oħra fil-Parti l-oħra.

ARTIKOLU 14.27

Relazzjoni mat-trademarks

1. Jekk indikazzjoni ġeografika tkun protetta skont din is-Sottotaqsima, kull Parti għandhom jirrifjutaw li jirreġistraw marka kummerċjali li l-użu tagħhom x'aktarx li tqarraq fir-rigward tal-kwalità tal-prodott, bil-kundizzjoni li applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trademark tiġi sottomessa wara d-data applikabbli għal protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika fit-territorju kkonċernat[1] kif imsemmi fil-paragrafi 2 u 3. Trademarks reġistrati bi ksur ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu invalidati.

2. Għall-indikazzjonijiet ġeografiċi msemmija fl-Artikolu 14.24 u elenkati fl-Anness 14-B fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, id-data applikabbli għall-protezzjoni għandha tkun id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

[1] Għall-fini tal-paragrafu 1, l-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni għat-trademark li tiġi ppreżentata f'Parti wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim jew id-data tal-pubblikazzjoni għall-oppożizzjoni ta' indikazzjoni ġeografika msemmija fl-Artikolu 14.24, skont liema tiġi l-aktar tard minnhom, għandha tieħu f'kunsiderazzjoni l-pubblikazzjoni għall-oppożizzjoni tal-indikazzjoni ġeografika.

3. Għall-indikazzjonijiet ġeografiċi msemmija fl-Artikolu 14.30 u mhux elenkati fl-Anness 14-B fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, id-data applikabbli għall-protezzjoni għandha tkun id-data li fiha tidħol fis-seħħ l-emenda għall-Anness 14-B.

4. Il-partijiet jirrikonoxxu li l-eżistenza ta' marka kummerċjali konfliġġenti minn qabel f'Parti ma tkunx tipprekludi kompletament protetti taħt dan il-Ftehim ta' indikazzjoni ġeografika sussegwenti għal prodotti simili f'dik il-Parti[1].

5. Jekk issir applikazzjoni għal trademark jew din tiġi rreġistrata bona fide, jew jekk id-drittijiet għal trademark ikunu nkisbu permezz ta' użu in bona fide, f'Parti qabel ma indikazzjoni ġeografika tiġi protetta skont dan il-Ftehim f'dik il-Parti, il-miżuri adottati biex tiġi implimentata din is-Subtaqsima m'għandhomx jippreġudikaw l-eliġibbiltà għar-reġistrazzjoni tat-trademark jew il-validità tagħha, jew id-dritt għall-użu tat-trademark, fuq il-bażi li dik it-trademark tkun identika jew simili għall-indikazzjoni ġeografika.

[1] L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu ċerti kundizzjonijiet għall-protezzjoni ta' indikazzjoni ġeografika li tkun konfliġġenti ma' trademark eżistenti preċedenti.

ARTIKOLU 14.28

Infurzar tal-protezzjoni

Kull Parti għandha tawtorizza lill-awtoritajiet kompetenti tagħha biex jieħdu miżuri xierqa *ex officio* jew fuq talba ta' parti interessata f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha biex jipproteġu l-indikazzjonijiet ġeografiċi elenkati fl-Anness 14-B.

ARTIKOLU 14.29

Eċċezzjonijiet

1. Minkejja l-paragrafu 1 tal-Artikolu 14.25, Parti għandha timpedixxi ż-żamma qabel l-użu fit-territorju tagħha ta' indikazzjoni ġeografika partikolari tal-Parti l-oħra elenkata fl-Anness 14-B li tidentifika prodott agrikolu għal prodott simili b'rabta ma' oġġetti jew servizzi wara perjodu tranżitorju ta' massimu ta' seba' snin mid-data tal-protezzjoni mill-ewwel Parti tal-indikazzjoni ġeografika imsemmija. Prodotti mmanifatturati fil-Parti msemmija l-ewwel u kkonċernati mit-tali użi għandu jkollhom fuqhom indikazzjoni ċara u viżibbli tal-oriġini ġeografika vera.

2. Minkejja l-paragrafu 1 tal-Artikolu 14.25, ħlief meta l-paragrafu 4 tal-Artikolu 24 tal-Ftehim TRIPS huwa applikabbli, kull Parti għandha tipprevjeni li tinżamm l-użu minn qabel fit-territorju tagħha ta' indikazzjoni ġeografika partikolari tal-Parti l-oħra elenkata fl-Anness 14-B li tidentifika l-inbid, l-ispirti jew xorb alkoħoliku għal prodotti simili oħra b'rabta ma' oġġetti jew servizzi wara perjodu tranżitorju ta' massimu ta' ħames snin mid-data tal-protezzjoni mill-ewwel Parti tal-indikazzjoni ġeografika imsemmija. Prodotti mmanifatturati fil-Parti msemmija l-ewwel u kkonċernati mit-tali użi għandu jkollhom fuqhom indikazzjoni ċara u viżibbli tal-oriġini ġeografika vera.

3. Kull Parti tista' tiddetermina l-kundizzjonijiet prattiċi li fihom it-tali użu msemmi fil-paragrafi 1 u 2 se jiġi differenzjat mill-indikazzjoni ġeografika fit-territorju tagħha, b'kunsiderazzjoni tal-ħtieġa li jiġi żgurat li l-konsumaturi ma jiġux imqarrqa.

4. Il-perjodu tranżitorju msemmi fil-paragrafu 1 m'għandux japplika jekk l-użu tal-indikazzjoni ġeografika għall-prodott ikkonċernat li hu prodott fit-territorju tal-Parti l-oħra kif imsemmi fil-paragrafu 1 ma jikkonformax mal-liġijiet u mar-regolamenti rilevanti kif elenkati fl-Anness 14-A applikabbli fit-territorju ta' dik il-Parti.

5. Xejn f'din is-Subtaqsima m'għandu jippreġudika d-dritt ta' kwalunkwe persuna li tuża, waqt il-kummerċ, l-isem ta' dik il-persuna jew l-isem tal-predeċessur ta' dik il-persuna fin-negozju, ħlief meta dak l-isem jintuża b'mod tali li jqarraq bil-pubbliku.

ARTIKOLU 14.30

Emenda tal-listi ta’ indikazzjonijiet ġeografiċi

1. Il-Partijiet jaqblu dwar il-possibbiltà li jiġu emendati l-listi ta’ indikazzjonijiet ġeografiċi fl-Anness 14-B f’konformità mal-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 14.53 wara li jkunu lestew il-proċediment ta’ oppożizzjoni u wara li jkunu eżaminaw l-indikazzjonijiet ġeografiċi kif imsemmi fl-Artikolu 14.24 għas-sodisfazzjon taż-żewġ Partijiet.

2. Il-paragrafi 4 tal-Artikolu 14.25 japplika fir-rigward taż-żieda ta’ isem li għandu jiġi protett bħala indikazzjoni ġeografika fl-Anness 14-B.

3. Xejn f’din is-Subtaqsima m’għandu jobbliga lil Parti tipproteġi indikazzjoni ġeografika tal-Parti l-oħra li mhijiex jew li ma għadhiex protetta aktar f’konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tal-Parti l-oħra. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra jekk indikazzjoni ġeografika ma tibqax tkun protetta fit-territorju tal-Parti ta’ oriġini.

4. Fuq talba ta’ Parti, il-Partijiet għandhom jorganizzaw konsultazzjonijiet għall-emenda tal-Anness 14-B fir-rigward ta’ kwalunkwe materja li taffettwa l-issoktar tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi elenkati f’dak l-Anness bl-għan li jilħqu soluzzjoni aċċettabbli għat-tnejn.

SUBTAQSIMA 4

Disinni industrijali[1]

ARTIKOLU 14.31

Disinni industrijali

1. Kull waħda mill-Partijiet tipprovdi għall-protezzjoni ta' disinji industrijali maħluqa indipendentement li jkunu ġodda u oriġinali, inklużi disinji ta' parti minn prodott[2], irrispettivament minn jekk il-parti tistax tiġi sseparata mill-prodott. Din il-protezzjoni għandha tingħata b'reġistrazzjoni, u għandha tagħti dritt esklużiv lid-detenturi tagħha skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

[1] Għall-finijiet ta' din is-Sottotaqsima, għall-Unjoni Ewropea, "disinni industrijali" tirreferi għal disinni rreġistrati.

[2] Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu u l-paragrafu 2, "prodott" għandu jiġi interpretat bħala "oġġett".

2. Disinn li jiġi applikat jew inkorporat fi prodott li jikkostitwixxi parti komponenti ta' prodott kumpless għandu jitqies bħala ġdid u oriġinali fiċ-ċirkostanzi li ġejjin[1]:

(a) jekk il-parti komponenti, ġaladarba tkun ġiet inkorporata fil-prodott kumpless, tibqa' tidher matul l-użu normali ta' dan tal-aħħar[2], u

(b) sa fejn dawk il-karatteristiċi viżibbli tal-parti komponenti jwettqu fihom infushom il-ħtiġijiet dwar in-novità u l-oriġinalità.

3. Kull Parti tista' tipprovdi eċċezzjonijiet limitati għall-protezzjoni ta' disinni industrijali b'mod li jkun konsistenti mal-paragrafu 2 tal-Artikolu 26 tal-Ftehim TRIPS.

4. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu mingħajr ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan il-Kapitolu jew tal-liġijiet u tar-regolamenti ta' kull Parti relatati ma' proprjetà intellettwali oħra inklużi d-dehriet mhux reġistrati ta' prodotti, ta' trademarks jew ta' sinjali u ta' privattivi distintivi oħra.

---

1 Bħala alternattiva għaċ-ċirkustanzi previsti fis-subparagrafi (a) u (b), Parti tista' tikkunsidra disinn applikat għal prodott jew inkorporat fi prodott li jikkostitwixxi parti komponenti minn prodott kumpless bħala ġdid u oriġinali fiċ-ċirkustanzi konformi mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha.

2 Għall-fini ta' dan il-paragrafu, "użu normali" għandha tfisser użu mill-utent finali, eskluż xogħol ta' manutenzjoni, ta' servizzjar jew ta' tiswija.

5. Kull Parti għandha tiżgura li sid ta' disinn industrijali protett tal-anqas ikollu d-dritt li jipprevjeni lil partijiet terzi li ma jkollhomx il-kunsens tas-sid milli jagħmlu, ibigħu, jimportaw jew jesportaw oġġetti li fuqhom ikun hemm jew li jinkorporaw fihom disinn li jkun identiku jew simili għad-disinn protett, meta t-tali att jitwettaq għal finijiet kummerċjali.

6. Kull Parti għandha li applikant għal reġistrazzjoni ta' disinni industrijali jista' jitlob lill-awtorità kompetenti biex iżżomm id-disinn mhux ippubblikat għal perjodu ddeżinjat mill-applikant li ma jaqbiżx il-perjodu previst fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha.

7. Kull Parti għandha tiżgura li t-terminu totali tal-protezzjoni disponibbli għad-disinni industrijali ma jkunx anqas minn 20 sena.

SUBTAQSIMA 5

Dehra mhux reġistrata tal-prodotti

ARTIKOLU 14.32

Dehra mhux reġistrata tal-prodotti

1. Il-Partijiet jagħrfu li d-dehra tal-prodotti tista' tkun protetta permezz ta' leġiżlazzjoni dwar id-disinni industrijali, id-drittijiet tal-awtur jew il-prevenzjoni tal-kompetizzjoni inġusta.

2. Kull Parti għandha tipprovdi mezzi legali għall-prevenzjoni tal-użu tad-dehra mhux reġistrata ta' prodott, jekk tali użu jirriżulta mill-ikkupjar tad-dehra mhux reġistrata tal-prodott sa fejn previst mil-liġijiet u mir-regolamenti tagħha. Użu bħal dan għandu tal-anqas ikopri l-offerta għall-bejgħ, it-tqegħid fis-suq, l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tal-prodott[1].

3. Id-durata tal-protezzjoni disponibbli għad-dehra mhux reġistrata ta' prodott għandha tammonta għal tal-anqas tliet snin skont il-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tal-Partijiet.

[1] Għall-fini ta' dan l-Artikolu, "ikkopjar", "dehriet", "offerta", u "tqegħid fis-suq" jistgħu jitqiesu minn Parti li huma sinonimi ta' "imitazzjoni", ta' "konfigurazzjoni", ta' "wiri" u ta' "bejgħ", rispettivament.

SUBTAQSIMA 6

Privattivi

ARTIKOLU 14.33

Privattivi

1. Kull Parti għandha tiżgura li privattiva tagħti lis-sid tagħha drittijiet esklużivi:

(a) meta s-suġġett ta' privattiva jkun prodott, sabiex jipprevjeni partijiet terzi li ma jkollhomx il-kunsens tal-proprjetarju milli jagħmlu, jużaw, joffru għall-bejgħ[1], ibigħu jew jimportaw għal dawn il-finijiet dan il-prodott; u

(b) meta s-suġġett ta' privattiva jkun proċess, biex jipprevjeni lil partijiet terzi li ma jkollhomx il-kunsens tas-sid milli jużaw il-proċess, u milli jużaw, joffru għall-bejgħ, ibigħu jew jimportaw għal dawn l-għanijiet tal-anqas il-prodott miksub direttament b'dak il-proċess.

[1] Għall-fini ta' dan il-paragrafu, "offerta għall-bejgħ" tista' tinkludi l-esportazzjoni.

2. Kull Parti tista' tipprovdi eċċezzjonijiet limitati għad-drittijet mogħtija minn privattiva, dment li dawn l-eċċezzjonijiet ma jidħlux f'kunflitt inġustifikat għal sfruttament normali tal-privattiva u li ma jkunux ta' preġudizzju inġustifikat għall-interessi leġittimi tas-sid tal-privattiva, b'kunsiderazzjoni tal-interessi leġittimi tal-partijiet terzi.

3. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza li tiġi pprovduta sistema ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja li tinkludi sistema ġudizzjarja unitarja fit-territorju rispettiv tagħhom.

4. Il-Partijiet għandhom ikomplu jikkooperaw biex isaħħu l-armonizzazzjoni tal-liġi sostantiva internazzjonali tal-privattivi, fost l-oħrajn dwar il-perjodu ta' grazzja, id-drittijiet tal-utent preċedenti u l-pubblikazzjoni ta' applikazzjonijiet pendenti għal privattivi.

5. Il-partijiet għandhom jagħtu kunsiderazzjoni xierqa għal użu ta' kooperazzjoni reċiproka ta' tiftix u riżultati ta' eżamijiet, bħal dik ibbażata fuq it-Trattat ta' Kooperazzjoni dwar il-Privattivi u kwalunkwe użu ieħor[1], sabiex jippermettu lill-applikanti li jiksbu privattivi b'mod effiċjenti u mingħajr dewmien, mingħajr preġudizzju għal eżami sostantiv dwar il-privattivi rispettivi tagħhom.

[1] Użu bħal dan jista' jinkludi dak ibbażat fuq l-Awtostrada għall-Prosekuzzjoni tal-Privattivi.

ARTIKOLU 14.34

Privattivi u saħħa pubblika

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tad-Dikjarazzjoni ta' Doha dwar il-Ftehim TRIPS u s-Saħħa Pubblika, li ġiet adottata fl-14 ta' Novembru 2001 mill-Konferenza Ministerjali tad-WTO. Fl-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi skont dan il-Kapitolu, il-Partijiet jiżguraw konsistenza ma' dik id-Dikjarazzjoni.

2. Il-Partijiet għandhom jirrispettaw id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ġenerali tad-WTO tat-30 ta' Awwissu 2003 dwar l-Implimentazzjoni tal-Paragrafu 6 tad-Dikjarazzjoni ta' Doha dwar il-Ftehim TRIPS u s-Saħħa Pubblika u jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' din.

ARTIKOLU 14.35

Estensjoni tal-perjodu ta’ protezzjoni mogħti minn privattivi fuq prodotti farmaċewtiċi[1] u prodotti kimiċi agrikoli[2]

Fir-rigward tal-privattivi li jingħataw għal invenzjonijiet relatati ma’ prodotti farmaċewtiċi jew ma’ prodotti kimiċi agrikoli, kull Parti, soġġetta għall-patti u għall-kundizzjonijiet tal-liġijiet u tar-regolamenti applikabbli, għandha tipprovdi għal terminu kumpensatorju ta’ protezzjoni għal perjodu li matulu invenzjoni bi privattiva ma tistax tinħadem minħabba proċess ta’ approvazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni. Mid-data tal-iffirmar ta’ dan il-Ftehim, it-terminu massimu kumpensatorju huwa stipulat li hu ħames snin[3] mil-liġijiet u r-regolamenti relevanti ta’ kull Parti.

---

1 Għall-Unjoni Ewropea, “prodotti farmaċewtiċi” tirreferi f’dan l-Artikolu għal prodotti mediċinali kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 469/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Mejju 2009 dwar iċ-ċertifikat ta’ protezzjoni supplimentari għal prodotti mediċinali.

2 Għall-Unjoni Ewropea, “prodotti kimiċi agrikoli” tirreferi f’dan l-Artikolu għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 1610/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Lulju 1996 dwar il-ħolqien ta’ kull ċertifikat supplimentari ta’ ħarsien għall-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti.

3 Għall-Unjoni Ewropea, estensjoni ulterjuri ta’ sitt xhur hi possibbli fil-każ ta’ prodotti mediċinali li għalihom twettqu studji pedjatriċi, u r-riżultati ta’ dawk l-istudji huma riflessi fl-informazzjoni dwar il-prodott.

SUBTAQSIMA 7

Sigrieti tal-mestier u data mhux iddivulgata ta' testijiet jew data mhux iddivulgata oħra

ARTIKOLU 14.36

Ambitu tal-protezzjoni ta' sigrieti tal-mestier

1. Kull Parti għandha tiżgura fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha protezzjoni adegwata u effettiva tas-sigrieti tal-mestier f'konformità mal-paragrafu 2 tal-Artikolu 39 tal-Ftehim TRIPS.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu u s-Subtaqsima 3 tat-Taqsima C:

(a) "sigriet tal-mestier" jfisser informazzjoni li:

(i) hi sigrieta fis-sens li mhijiex, bħala korp jew fil-konfigurazzjoni u fl-assemblaġġ preċiżi tal-komponenti tagħha, magħrufa b'mod ġenerali jew aċċessibbli b'mod faċli għal persuni li ġeneralment jittrattaw dan it-tip ta' informazzjoni inkwistjoni;

(ii) għandha valur kummerċjali minħabba li hi sigrieta; u

(iii) kienet soġġetta għal passi raġonevoli taħt iċ-ċirkostanzi, mill-persuna li għandha l-kontroll legali tal-informazzjoni, biex tinżamm sigrieta; u

(b) "detentur ta' sigriet tal-mestier" tfisser kwalunkwe persuna li legalment tikkontrolla sigriet tal-mestier.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu u tas-Subtaqsima 3 tat-Taqsima C, kull Parti għandha tipprovdi, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha, li tal-anqas l-imġiba li ġejja għandha titqies li tmur kontra prattiki kummerċjali onesti:

(a) il-ksib ta' sigriet tal-mestier mingħajr il-kunsens tad-detentur tas-sigriet tal-mestier, kull meta dan isir permezz ta' mezzi inġusti, jew inkella, permezz ta' aċċess mhux awtorizzat għal, l-approprjazzjoni ta', jew l-ikkopjar ta' kwalunkwe dokument, oġġett, materjal, sustanza jew fajl elettroniku, legalment taħt il-kontroll tad-detentur tas-sigriet tal-mestier, li fihom sigrieti tal-mestier jew li minnhom wieħed jista' jiddeduċi sigrieti tal-mestier;

(b) l-użu jew id-divulgazzjoni ta' sigriet tal-mestier kull meta jsiru, mingħajr il-kunsens tad-detentur tas-sigriet tal-mestier, minn persuna li tinstab li tissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) kisbet is-sigriet tal-mestier b'mod imsemmi fis-subparagrafu (a);

(ii) li tkun tikser ftehim ta' kunfidenzjalità jew kwalunkwe dmir ieħor ta' nuqqas ta' divulgazzjoni tas-sigriet tal-mestier, b'intenzjoni li tiggwadanja profitt inġust jew tikkawża ħsara għad-detentur tas-sigriet tal-mestier; jew

(iii) li tkun tiksret dmir kuntrattwali jew kwalunkwe dmir ieħor għal-limitazzjoni tal-użu tas-sigriet tal-mestier, b'intenzjoni li tiggwadanja profitt inġust jew tikkawża ħsara għad-detentur tas-sigriet tal-mestier; u

(c) l-akkwist, l-użu jew l-iżvelar ta' sigriet kummerċjali meta jitwettaq minn persuna li, fil-mument tal-akkwist, l-użu jew l-iżvelar, kienet taf, jew kellha, taħt iċ-ċirkostanzi, tkun taf[1] li s-sigriet kummerċjali kien miksub direttament jew indirettament minn persuna oħra li kienet qed tiżvela s-sigriet kummerċjali b'mod msemmija fis-subparagrafu (b), inkluż meta persuna indużiet persuna oħra biex twettaq l-azzjonijiet imsemmija fis-subparagrafu (b).

4. Xejn f'din is-Subtaqsima m'għandu jeħtieġ lil Parti tikkunsidra kwalunkwe mġiba minn fost dawn li ġejjin bħala li tmur kontra prattiki kummerċjali onesti jew tissoġġetta t-tali mġiba għall-miżuri, għall-proċeduri u għar-rimedji msemmija fis-Subtaqsima 3 tat-Taqsima C:

(a) skoperta jew kreazzjoni indipendenti minn persuna tal-informazzjoni relevanti;

[1] Għall-fini ta' dan l-Artikolu, Parti tista' tinterpreta "missha kienet taf" bħala "negliġenza gravi li ma kinitx taf".

(b) inġinerija inversa ta’ prodott minn persuna li għandha legalment fil-pussess tagħha u li hija libera minn kwalunkwe dmir legalment validu biex jiġi limitat il-ksib ta’ informazzjoni relevanti;

(c) l-akkwiżizzjoni, l-użu jew id-divulgazzjoni ta’ informazzjoni meħtieġa jew permessi mil-liġijiet u mir-regolamenti rilevanti tagħha;

(d) l-użu mill-impjegati tal-esperjenza u tal-ħiliet miksuba b’mod onest matul l-impjieg tagħhom; jew

(e) divulgazzjoni ta’ informazzjoni fl-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà ta’ espressjoni u għall-informazzjoni.

ARTIKOLU 14.37

Trattament ta’ data tat-testijiet fil-proċedura ta’ approvazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni

1. Kull Parti għandha tipprevjeni l-applikanti għal approvazzjoni tas-suq għal prodotti farmaċewtiċi[1] li jużaw ingredjenti farmaċewtiċi attivi ġodda milli jserrħu fuq jew jagħmlu referenza għal test mhux żvelat jew tagħrif ieħor sottomess lill-awtorità kompetenti tagħha mill-ewwel rikorrenti għal ċertu perjodu ta’ żmien li jibda jgħodd mid-data ta’ approvazzjoni ta’ din l-applikazzjoni. Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim, tali perjodu ta’ żmien hu stipulat bħala mhux anqas minn sitt snin mil-liġijiet u mir-regolamenti rilevanti ta’ kull Parti.

[1] Għall-Unjoni Ewropea, “prodotti farmaċewtiċi” tirreferi f’dan l-Artikolu għal prodotti mediċinali kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 469/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Mejju 2009 dwar iċ-ċertifikat ta’ protezzjoni supplimentari għal prodotti mediċinali.

2. Jekk Parti tkun teħtieġ, bħala kundizzjoni ta' approvazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti kimiċi agrikoli[1] li jużaw entitajiet kimiċi, is-sottomissjoni ta' testijiet mhux żvelati jew data oħra, li l-oriġini tagħhom jinvolvi sforz konsiderevoli, dik il-Parti għandha tiżgura li, skont il-liġijiet u r-regolamenti rilevanti tagħha, l-applikanti għal approvazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni huma jew:

(a) ma jitħallewx jibbażaw fuq it-tali data jew milli jirreferu għat-tali data sottomessa lill-awtorità kompetenti tagħha mill-ewwel applikant għal perjodu ta' tal-anqas 10 snin li jibda jgħodd mid-data ta' approvazzjoni ta' dik l-applikazzjoni; jew

(b) ġeneralment ikunu meħtieġa jissottomettu sett sħiħ ta' data tat-test, anki f'każijiet li fihom kien hemm applikazzjoni preċedenti għall-istess prodott, għal perjodu ta' tal-anqas 10 snin, li jibda jgħodd mid-data ta' approvazzjoni ta' applikazzjoni preċedenit.

[1] Għall-Unjoni Ewropea, "prodotti kimiċi agrikoli" tirreferi f'dan l-Artikolu għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 1610/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1996 dwar il-ħolqien ta' kull ċertifikat supplimentari ta' ħarsien għall-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti.

SUBTAQSIMA 8

Varjetajiet ġodda ta’ pjanti

ARTIKOLU 14.38

Varjetajiet ġodda ta’ pjanti

Kull Parti għandha tipprovdi għall-protezzjoni ta’ varjetajiet ġodda ta’ kull ġeneru u speċi ta’ pjanti f’konformità mad-drittijiet u mal-obbligi tagħha skont il-Konvenzjoni tal-UPOV tal-1991.

SUBTAQSIMA 9

Kompetizzjoni inġusta

ARTIKOLU 14.39

Kompetizzjoni inġusta

1. Kull waħda mill-Partijiet għandha tipprovdi protezzjoni effettiva kontra atti ta' kompetizzjoni żleali skont il-Konvenzjoni ta' Pariġi[1].

[1] Għal ċertezza akbar, hu mifhum mill-Partijiet li l-Artikolu 10*bis* tal-Konvenzjoni ta' Pariġi jkopri atti ta' kompetizzjoni inġusta b'rabta mal-provvista ta' servizzi f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti rispettivi tagħhom.

2. Fir-rigward tas-sistemi rispettivi tal-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għall-ġestjoni tad-dominju tal-kodiċi tal-pajjiż tal-ogħla livell (ccTLD) l-ismijiet tad-dominju[1] rimedji xierqa[2] għandhom ikunu disponibbli, skont il-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tagħhom, tal-anqas f'każijiet fejn persuna żżomm reġistri jew b'mala fede intenzjoni ta' qligħ, isem ta' dominju identiku jew simili b'tali mod li toħloq konfużjoni ma' marka kummerċjali.

3. Kull Parti għandha tipprovdi għall-protezzjoni effettiva kontra użu mhux awtorizzat tat-trademarks permezz tal-implimentazzjoni tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 6*septies* tal-Konvenzjoni ta' Pariġi.

---

1 Għal ċertezza akbar, għall-Unjoni Ewropea, dan il-paragrafu japplika biss għal ismijiet tad-dominju ".eu".

2 Il-partijiet jifhmu li dawn ir-rimedji jistgħu jinkludu, fost affarijiet oħra, ir-revokazzjoni, il-kanċellazzjoni u t-trasferiment ta' isem ta' dominju rreġistrat, rimedju b'mandat ta' inibizzjoni kontra l-persuna li rreġistrat jew għandha rreġistrat l-isem tad-dominju u kontra l-isem tad-dominju, jew danni kontra l-persuna li rreġistrat jew ikollha l-isem tad-dominju.

TAQSIMA C

Infurzar

SUBTAQSIMA 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

ARTIKOLU 14.40

Infurzar – ġenerali

1. Il-Partijiet jaffermaw l-impenji tagħhom taħt il-Ftehim TRIPS u b'mod partikolari l-Parti III tiegħu. Kull Parti għandha tipprovdi għal miżuri kumplimentari li ġejjin, il-proċeduri u r-rimedji[1] neċessarji biex tassigura l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Il-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji għandhom ikunu ġusti u ekwitabbli, u m'għandhomx ikunu kumplikati jew għaljin bla bżonn, jew li jwasslu għal-limiti ta' żmien mhux raġonevoli jew dewmien mhux ġustifikat.

[1] Mingħajr ħsara għall-miżuri, għall-proċeduri u għar-rimedji ċivili u amministrattivi stipulati f'dan il-Kapitolu, Parti tista' tipprovdi għal sanzjonijiet xierqa oħra f'każijiet li fihom inkisru d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

2. Il-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi[1] u għandhom ikunu applikati b'mod u manjiera li jevitaw il-ħolqien ta' ostakoli għall-kummerċ leġittimu u sabiex ikunu pprovduti salvagwardji kontra l-abbuż tagħhom.

3. Kull Parti għandha tagħmel kull sforz raġonevoli biex:

(a) tħeġġeġ it-twaqqif ta' gruppi konsultattivi pubbliċi jew privati li tal-anqas jindirizzaw il-kwistjonijiet tal-kontrafazzjoni u tal-piraterija; u

(b) jiżguraw koordinazzjoni interna bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħha, u jiffaċilitaw l-azzjonijiet konġunti mit-tali awtoritajiet, li huma kkonċernati bl-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, soġġetti għar-riżorsi disponibbli tagħhom.

ARTIKOLU 14.41

Applikanti intitolati

Kull Parti għandha tagħraf bħala persuni intitolati biex ifittxu l-applikazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji msemmija f'din it-Taqsima:

(a) lid-detenturi tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha;

[1] Għall-fini ta' dan l-Artikolu, "dissważivi" tista' titqies minn Parti li hi sinonima għal "deterrent" skont l-Artikolu 41 tal-Ftehim TRIPS.

(b) lid-detenturi tas-sigrieti tal-mestier imsemmija fl-Artikolu 14.36; u

(c) lill-persuni u lill-entitajiet l-oħra kollha, sa fejn permess mil-liġijiet u mar-regolamenti tagħha u f'konformità ma' dawn.

SUBTAQSIMA 2

Infurzar - rimedji ċivili[1] [2]

ARTIKOLU 14.42

Miżuri għall-preservazzjoni tal-evidenza

1. L-awtoritajiet ġudizzjarji ta' kull Parti għandu jkollhom l-awtorità li jordnaw miżuri proviżorji veloċi u effettivi biex jippreservaw l-evidenza rilevanti fir-rigward tal-ksur allegat, f'konformità mal-proċeduri li jiżguraw il-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali kif xieraq.

[1] Din is-Subtaqsima tapplika għad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali deskritti fis-Subtaqsimiet 1 sa 9 tat-Taqsima B, eskluża s-Subtaqsima 7.

[2] Għall-Ġappun, l-infurzar ċivili għall-indikazzjonijiet ġeografiċi se jiġi pprovdut fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 10*bis* tal-Konvenzjoni ta' Pariġi u tal-Artikolu 22 tal-Ftehim TRIPS.

2. L-awtoritajiet ġudizzjarji ta’ kull Parti għandu jkollhom l-awtorità li jadottaw miżuri proviżorji *inaudita altera parte* fejn xieraq, b’mod partikolari fejn kwalunkwe dewmien ikollu probabbiltà li jikkawża danni irreparabbli lid-detentur tad-drittijiet jew jekk hemm riskju dimostrabbli ta’ xhieda li tkun qiegħda tinqered.

3. Fil-każijiet ta’ ksur tad-drittijiet ta’ proprjetà intellettwali, kull Parti għandha tipprovdi li fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili, l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha għandhom l-awtorità li jordnaw is-sekwestru jew li jieħdu taħt il-kustodja tagħhom prodotti, materjali u affarijiet suspettużi rilevanti għall-att tal-ksur u l-evidenza dokumentarja, kemm jekk l-oriġinali kif ukoll jekk kopji ta’ dawn, rilevanti għall-att ta’ ksur.

ARTIKOLU 14.43

Dritt għall-informazzjoni

Mingħajr ħsara għal-liġi tagħha li tirregola l-privileġġi, il-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tas-sorsi tal-informazzjoni, jew il-proċessar ta' data personali, kull Parti għandha tipprovdi li, fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili li jikkonċernaw l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkollhom l-awtorità, fuq talba ġustifikata tad-detentur tad-dritt, li jordnaw lill-kontraventur jew lill-allegat kontraventur, biex jipprovdi lid-detentur tad-dritt jew lill-awtoritajiet ġudizzjarji, tal-anqas għall-fini tal-kumpilazzjoni tal-evidenza, informazzjoni relevanti kif prevista fil-liġijiet u fir-regolamenti applikabbli tagħha li l-kontraventur jew l-allegat kontraventur ikollu fil-pussess jew taħt il-kontroll tiegħu. Tali informazzjoni tista' tinkludi informazzjoni dwar kwalunkwe persuna involuta fi kwalunkwe aspett tal-ksur jew tal-ksur allegat u dwar il-mezzi tal-produzzjoni jew il-kanali tad-distribuzzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi kontraventorji jew allegatament kontraventorji, inkluża l-identifikazzjoni tal-persuni terzi li allegatament ikunu involuti fil-produzzjoni u fid-distribuzzjoni tat-tali prodotti jew servizzi u tal-kanali tad-distribuzzjoni tagħhom.

ARTIKOLU 14.44

Miżuri proviżorji u kawtelatorji

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jistgħu, fuq it-talba tal-applikant, joħorġu inġunzjoni interlokutorja kontra l-allegat kontraventur maħsuba biex tipprevjeni kull ksur imminenti ta' dritt ta' proprjetà intellettwali jew biex tipprojbixxi, fuq bażi proviżorja u soġġetta, fejn ikun xieraq, għal pagament rikorrenti ta' penali fejn dan ikun previst fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha, il-kontinwazzjoni tal-ksur allegat ta' dak id-dritt, jew li tali kontinwazzjoni tkun soġġetta għad-depożitu ta' garanziji maħsuba biex ikun żgurat il-kumpens tad-detentur tad-dritt. Inġunzjoni interlokutorja tista' tinħareġ ukoll, taħt l-istess kundizzjonijiet, fejn xieraq, kontra xi parti terza[1] li lilha l-awtorità ġudizzjarja rilevanti teżerċita ġurisdizzjoni u li s-servizzi tagħhom jintużaw sabiex tikser dritt ta' proprjetà intelletwali.

2. Inġunzjoni interlokutorja tista' tinħareġ ukoll biex jiġu ordnati l-qbid jew iċ-ċessjoni ta' prodotti li jkunu ssuspettati li qed jiksru dritt ta' proprjetà intellettwali, bl-għan li ma jitħallewx jidħlu jew jiċċaqalqu fi ħdan il-kanali tal-kummerċ.

[1] Għall-fini ta' dan l-Artikolu, Parti tista' tipprovdi li "parti terza" tinkludi intermedjarju.

3. Fil-każ ta’ ksur allegat imwettaq fuq skala kummerċjali, kull Parti għandha tiżgura li, jekk l-applikant juri ċirkustanzi li x’aktarx jipperikolaw l-irkupru tad-danni, l-awtoritajiet ġudizzjarji tiegħu jistgħu jordnaw il-qbid prekawzjonarju tal-proprjetà mobbli u immobbli tal-allegat kontraventur, fosthom l-imblokkar tal-kontijiet bankarji u ta’ assi oħra tal-allegat kontraventur.

ARTIKOLU 14.45

Miżuri korrettivi

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkunu jistgħu jordnaw, fuq it-talba tal-applikant u mingħajr preġudizzju għal kull dannu dovut lid-detentur tad-dritt minħabba l-ksur, tal-anqas it-tneħħija definittiva mill-kanali kummerċjali jew il-qerda, ħlief f’ċirkustanzi eċċezzjonali, tal-prodotti li sabu li qed jiksru dritt ta’ proprjetà intellettwali, mingħajr ebda tip ta’ kumpens. Jekk ikun xieraq, l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jordnaw ukoll il-qerda ta’ materjali u ta’ affarijiet użati b’mod predominanti fil-ħolqien jew fil-manifattura ta’ dawk il-prodotti.

2. L-awtoritajiet ġudizzjarji ta’ kull Parti għandu jkollhom is-setgħa jordnaw li dawk il-miżuri jitwettqu bl-ispejjeż għall-kontraventur, sakemm ma jiġux invokati raġunijiet partikolari biex dan ma jsirx.

ARTIKOLU 14.46

Inġunzjonijiet

Kull Parti għandha tassigura li, jekk deċiżjoni ġudizzjarja ssib ksur ta' dritt tal-proprjetà intellettwali, l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu joħorġu inġunzjoni bl-għan li tipprojbixxi l-kontinwazzjoni tal-ksur, kontra min ikun kiser id-drittijiet, kif ukoll, fejn xieraq, kontra xi parti terza[1] li fuqha l-awtorità ġudizzjarja rilevanti teżerċita ġurisdizzjoni u li s-servizzi tagħha jintużaw sabiex tikser dritt ta' proprjetà intelletwali.

ARTIKOLU 14.47

Kumpens

1. Kull Parti tipprevedi li, fil-proċedimenti ġuridiċi ċivili, l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkollhom l-awtorità li jordnaw lil kontraventur li, b'mod intenzjonat jew b'motivazzjonijiet raġonevoli biex ikun jaf, wettaq attivitajiet li jiksru d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali biex jħallas lid-detentur tad-dritt kumpens adegwat li jagħmel tajjeb għad-dannu li jkun ġarrab id-detentur tad-dritt minħabba l-ksur.

[1] Għall-fini ta' dan l-Artikolu, Parti tista' tipprovdi li "parti terza" tinkludi intermedjarju.

2. Fid-determinazzjoni tal-ammont ta’ danni għall-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, l-awtoritajiet ġudizzjarji ta’ kull Parti jistgħu jikkunsidraw, fost affarijiet oħra, kwalunkwe miżura leġittima ta' valur li tista’ tiġi ppreżentata mid-detentur tad-dritt, li tista’ tinkludi profitti mitlufa.

3. Parti tista’ tipprevedi fil-liġijiet u r-regolamenti tagħha suppożizzjonijiet[1] għad-determinazzjoni tal-ammont ta’ danni kif imsemmi fil-paragrafu 1.

[1] Dawn jistgħu jinkludu preżunzjonijiet li l-ammont tal-kumpens:
(a) tal-anqas ikun l-ammont li d-detentur tad-dritt kien ikun intitolat li jirċievi għall-eżerċizzju tad-drittijiet ta’ proprjetà intellettwali tiegħu, li jista’ jinkludi royalty raġonevoli, biex jikkumpensa lil detentur tad-dritt għall-użu mhux awtorizzat tal-proprjetà intellettwali tiegħu;
(b) ikun il-profitti ggwadanjati mill-att ta’ ksur; jew
(c) ikun il-kwantità tal-prodotti li jiksru d-drittijiet ta’ proprjetà intellettwali tad-detentur tad-dritt u fil-fatt ittrasferiti lil persuni terzi, immoltiplikati bl-ammont ta’ profitt għal kull unità ta’ prodotti li kienu jinbiegħu mid-detentur tad-dritt li kieku ma kienx seħħ l-att ta’ ksur.

ARTIKOLU 14.48

Spejjeż

Kull Parti tipprevedi li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha, fejn xieraq, ikollhom l-awtorità li fi tmiem il-proċedimenti ġudizzjarji ċivili li jikkonċernaw il-ksur ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali, jordnaw lill-parti rebbieħa tingħata ħlas mill-parti telliefa għall-ispejjeż jew għall-miżati tal-qorti u għall-miżati xierqa għall-pariri u d-difiża legali, jew għal kull spiża oħra kif stabbilit fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha.

ARTIKOLU 14.49

Preżunzjoni tal-oriġini jew tas-sjieda

1. Kull Parti għandha tiżgura li jkun suffiċjenti li l-isem ta' awtur ta' xogħol letterarju jew artistiku li jidher fuq ix-xogħol bil-mod abitwali biex l-awtur jiġi kkunsidrat bħala tali, sakemm ma jkunx hemm prova kuntrarja, u konsegwentament biex ikunu intitolat li jiftaħ azzjoni għal ksur.

2. Parti tista' tapplika l-paragrafu 1 *mutatis mutandis* għad-detenturi tad-drittijiet relatati mad-dritt tal-awtur fir-rigward tas-suġġett protett tagħhom.

SUBTAQSIMA 3

Infurzar tal-protezzjoni kontra miżappropriazzjoni tas-sigrieti tal-mestier

ARTIKOLU 14.50

Proċeduri u rimedji ċivili

1. Kull Parti għandha tipprovdi għal proċeduri ġudizzjarji ċivili u rimedji xierqa biex detentur ta' sigriet kummerċjali jipprevjeni l-akwiżizzjoni, l-użu jew id-divulgazzjoni ta' sigriet tal-mestier, u jikseb rimedju għal dawn, meta jitwettqu b'mod li jmur kontra prattiki kummerċjali onesti.

2. Kull Parti għandha tipprovdi, skont il-liġijiet u r-regolamenti tagħha, li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkollhom l-awtorità li jordnaw li l-partijiet, l-avukati tagħhom u persuni oħra kkonċernati fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili rilevanti, mhumiex permessi li juża jew jiżvela kwalunkwe sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali li l-awtoritajiet ġudizzjarji identifikaw bħala kunfidenzjali[1], b'rispons għal applikazzjoni debitament motivata minn parti interessata, u li dawn il-partijiet, avukati u persuni oħra għandhom isiru konxji bħala riżultat tal-parteċipazzjoni tagħhom f'tali proċedimenti ġudizzjarji ċivili.

3. Fil-proċedimenti ġudizzjarji ċivili rilevanti, kull Parti għandha tipprovdi li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha tal-anqas ikollhom l-awtorità li:

(a) jordnaw rimedju b'mandat ta' inibizzjoni biex jipprevjenu l-akkwiżizzjoni, l-użu jew id-divulgazzjoni ta' sigriet tal-mestier b'mod li jmur kontra prattiki kummerċjali onesti;

(b) tikkundanna persuna li kienet taf jew li messa kienet taf[2] li hu jew hi kien, takkwista, tuża jew tiżvela sigriet kummerċjali b'mod li jmur kontra prattiki kummerċjali onesti li jħallsu lid-detentur tas-sigriet kummerċjali d-danni skont il-preġudizzju attwali mġarrab b'riżultat ta' tali akkwist, użu jew żvelar ta' sigriet kummerċjali;

---

1 Għal ċertezza akbar, Parti tista' tipprovdi li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jistgħu jidentifikaw sigriet tal-mestier bħala kunfidenzjali permezz ta' ordni protettiva.

2 Għall-fini ta' dan l-Artikolu, Parti tista' tinterpreta "missha kienet taf" bħala "negliġenza gravi li ma kinitx taf".

(c) jieħdu miżuri speċifiċi biex jippreservaw il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe sigriet tal-mestier jew allegat sigriet tal-mestier ippreżentat fi proċeduri ġudizzjarji ċivili li jikkonċernaw l-allegati akkwiżizzjoni, użu u divulgazzjoni ta' sigriet tal-mestier b'mod li jmur kontra prattiki kummerċjali onesti. Tali miżuri speċifiċi jistgħu jinkludu, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha, il-possibbiltà ta' restrizzjoni tal-aċċess għal ċerti dokumenti fis-sħuħija tagħhom jew f'parti minnhom; ta' restrizzjoni tal-aċċess għas-seduti u għar-rekords jew għat-traskritt korrispondenti tagħhom; u ta' tqegħid għad-dispożizzjoni ta' verżjoni mhux kunfidenzjali ta' deċiżjoni ġudizzjarja, li fiha s-siltiet li jinkludu s-sigrieti kummerċjali jkunu tneħħew jew tgħattew; u

(d) jimponu sanzjonijiet fuq il-partijiet, fuq l-avukati tagħhom u fuq persuni oħra kkonċernati fil-proċedimenti ġudizjarji ċivili għall-ksur tal-ordnijiet ġudizzjarji msemmija fil-paragrafu 2 rigward il-protezzjoni ta' sigriet tal-mestier jew ta' allegat sigriet tal-mestier prodott f'dawk il-proċedimenti.

4. Parti m'għandhiex tkun meħtieġa tipprovdi għall-proċeduri ġudizzjarji ċivili u għar-rimedji msemmija fil-paragrafu 1 meta l-imġiba tkun waħda kuntrarja għal prattiki kummerċjali onesti, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha, għall-kxif ta' mġiba ħażina, ta' għemil ħażin jew ta' attività illegali jew għall-fini ta' protezzjoni ta' interess leġittimu rikonoxxut mil-liġi.

SUBTAQSIMA 4

Infurzar – miżuri tal-fruntiera

ARTIKOLU 14.51

Infurzar – miżuri tal-fruntiera

1. Fir-rigward ta' merkanzija importata jew esportata[1], kull Parti għandha tadotta jew iżżomm proċeduri li skonthom detentur tad-dritt jista' jissottometti applikazzjonijiet li jitolbu lill-awtorità doganali biex jissospendu r-rilaxx ta' jew iżommu merkanzija suspettata li tikser it-trademarks, id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati, l-indikazzjonijiet ġeografiċi[2], privattivi, mudelli ta' utilità, disinni industrijali, u d-drittijiet tal-varjetajiet tal-pjanti (minn hawn' il quddiem imsejjaħ f'dan l-Artikolu bħala "oġġetti suspettati") fit-territorju doganali tagħha.

[1] Għall-fini ta' dan l-Artikolu, "prodotti importati jew esportati" tfisser, għall-Unjoni Ewropea, prodotti taħt kontroll doganali, li jkunu qed jiddaħħlu jew jinħarġu mit-territorju doganali tagħha jew li jkunu hemm f'ħażna temporanja, jitqiegħdu taħt proċedura doganali jew jiġu riesportati.

[2] Fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, il-Ġappun jista' jikkonforma mal-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu billi jipprovdi għal miżuri amministrattivi għall-prevenzjoni tar-rilaxx ta' prodotti suspettati fis-suq domestiku tiegħu mill-awtoritajiet kompetenti xierqa tiegħu, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tiegħu.

2. Kull Parti għandu jkollha fis-seħħ sistemi elettroniċi għall-ġestjoni mill-awtorità doganali tagħha tal-applikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ladarba jiġu approvati jew jiġu rreġistrati.

3. L-awtorità doganali ta' kull Parti għandha tiddeċiedi dwar l-għoti jew ir-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 fi ħdan perjodu raġonevoli ta' żmien mis-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet.

4. Kull Parti għandha tipprovdi biex l-applikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 japplikaw għal diversi vjeġġi.

5. Fir-rigward ta' merkanzija importata jew esportata, l-awtorità doganali ta' kull Parti għandu jkollhom l-awtorità li jaġixxi fuq l-inizjattiva tiegħu stess biex jissospendu r-rilaxx ta' oġġetti suspettati jew jissekwestrawhom fit-territorju doganali ta' dik il-Parti[1].

[1] Għall-fini ta' dan il-paragrafu, il-Ġappun jista' jipprovdi biex jiġu applikati penali f'każijiet ta' tranżitu doganali jew ta' trasbord ta' prodotti kontraventorji. Għal dak il-għan,
(a) "tranżitu doganali" tfisser il-proċedura doganali li fiha l-prodotti jingarru taħt kontroll doganali minn uffiċċju doganali għal ieħor; u
(b) "trasbord" tfisser il-proċedura doganali li fiha l-prodotti jingarru taħt kontroll doganali mill-mezz tat-trasport tal-importazzjoni għall-mezz tat-trasport tal-esportazzjoni fiż-żona ta' uffiċċju doganali li huwa l-uffiċċju li jikkontrolla kemm l-importazzjoni kif ukoll l-esportazzjoni.

6. L-Artikolu 4.9 ikopri d-detezzjoni ta’ prodotti suspettati msemmija f’dan l-Artikolu.

7. Bla ħsara għal-liġijiet u r-regolamenti tagħha relatati għall-privatezza jew il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni, Parti tista’ tawtorizza lill-awtoritajiet doganali tagħha li tipprovdi detentur tad-dritt b’informazzjoni dwar oġġetti, li jinkludu d-deskrizzjoni u l-kwantitajiet tagħhom, u jekk ikun magħruf, l-isem u l-indirizz tal-kunsinnatur, l-importatur, id-destinatarju esportatur, u l-pajjiż ta’ oriġini tal-prodotti, li r-rilaxx tagħhom ġie sospiż jew li ġew issekwestrati.

8. Parti tista’ tadotta jew iżżomm proċeduri li fihom l-awtoritajiet kompetenti tagħha jistgħu jiddeterminaw, fi ħdan perjodu ta’ żmien raġonevoli wara t-tnedija tal-proċeduri deskritti fil-paragrafi 1 u 5, jekk il-prodotti suspettati humiex kontraventorji. F’dan il-każ, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom l-awtorità li jordnaw il-qerda ta’ merkanzija wara determinazzjoni li l-prodotti huma kontraventorji. Parti jista’ jkollha proċeduri fis-seħħ li jippermettu l-qerda ta’ merkanzija suspettata mingħajr ma jkun hemm bżonn ta’ determinazzjoni formali dwar il-ksur, meta l-persuni kkonċernati jaqblu dwar il-qerda jew ma jopponuhiex.

9. Jekk Parti titlob lid-detenturi tad-drittijiet iġarrbu l-kostijiet fil-fatt imġarrba għall-ħażna jew għall-qerda tal-prodotti li r-rilaxx tagħhom ikun ġie sospiż, jew li jkunu nżammew skont il-paragrafi 1 u 5, dawk il-kostijiet għandhom ikunu jikkorrispondu għas-servizzi pprovduti għall-ħażna jew għall-qerda tal-prodotti.

10. M’għandu jkun hemm l-ebda obbligu biex jiġi applikat dan l-Artikolu għall-importazzjoni ta’ prodotti mqiegħda fis-suq f’pajjiż ieħor mid-detentur tad-dritt jew bil-kunsens ta’ dan. Parti tista’ teskludi mill-applikazzjoni ta’ dan l-Applikazzjoni kwantitajiet żgħar ta’ prodotti ta’ natura mhux kummerċjali li jinsabu fil-bagalja personali tal-vjaġġaturi.

11. Il-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 4.3 għandhom jindirizzaw ukoll il-miżuri tal-fruntiera meħuda mill-awtorità doganali ta’ kull Parti skont dan l-Artikolu.

12. L-awtoritajiet doganali tal-Partijiet jistgħu jikkooperaw dwar miżuri tal-fruntiera kontra ksur tal-proprjetà intellettwali kopert minn din is-Subtaqsima.

13. Mingħajr ħsara għar-responsabbiltajiet tal-Kumitat dwar il-Proprjetà Intellettwali msemmi fl-Artikolu 14.53, il-Kumitat dwar ir-Regoli tal-Oriġini u Materji Relatati mad-Dwana msemmi fl-Artikolu 4.14 jista’ jikkunsidra l-possibbiltà ta’ kooperazzjoni f’dawn li ġejjin:

(a) l-iskambju ta’ informazzjoni rigward il-qbid ta’ prodotti kontraventorji jew ta’ prodotti suspettati; u

(b) l-organizzazzjoni ta’ djalogu dwar suġġetti speċifiċi ta’ interess komuni rigward:

(i) informazzjoni ġenerali fuq l-użu ta’ sistemi ta’ mmaniġġjar tar-riskju fid-detezzjoni ta’ prodotti suspettati; u

(ii) informazzjoni ġenerali rigward analiżi tar-riskju fil-ġlieda kontra prodotti kontraventorji.

TAQSIMA D

Kooperazzjoni u arranġamenti istituzzjonali

ARTIKOLU 14.52

Kooperazzjoni

1. Il-Partijiet, filwaqt li jagħrfu l-importanza dejjem akbar tal-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali fil-promozzjoni ulterjuri tal-kummerċ u tal-investiment bejniethom, għandhom jikkooperaw fil-proprjetà intellettwali, inkluż billi jiskambjaw informazzjoni dwar ir-relazzjonijiet ta' Parti ma' pajjiżi terzi f'materji li jikkonċernaw il-proprjetà intellettwali, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti rispettivi tagħhom u soġġetti għar-riżorsi disponibbli tagħhom.

2. Għall-fini tal-paragrafu 1, il-kooperazzjoni tista' tinkludi l-iskambju ta' informazzjoni, il-qsim ta' esperjenzi u ta' ħiliet u kwalunkwe forma oħra ta' kooperazzjoni jew attivitajiet li jistgħu jiġu miftiehma bejn il-Partijiet. It-tali kooperazzjoni tista' tkopri oqsma bħal:

(a) żviluppi fil-politika domestika u internazzjonali dwar il-proprjetà intellettwali;

(b) sistemi ta’ amministrazzjoni u ta’ reġistrazzjoni tal-proprjetà intellettwali;

(c) edukazzjoni u sensibilizzazzjoni relatati mal-proprjetà intellettwali;

(d) materji tal-proprjetà intellettwali rilevanti għal:

(i) intrapriżi żgħar u medji;

(ii) attivitajiet tax-xjenza, tat-teknoloġija u tal-innovazzjoni; u

(iii) il-ġenerazzjoni, it-trasferiment u d-disseminazzjoni tat-teknoloġija;

(e) politiki li jinvolvu l-użu tal-proprjetà intellettwali għar-riċerka, għall-innovazzjoni u għat-tkabbir ekonomiku;

(f) l-implimentazzjoni ta’ ftehimiet multilaterali dwar il-proprjetà intellettwali, bħal dawk konklużi jew amministrati taħt l-awspiċji tad-WIPO;

(g) assistenza teknika għall-pajjiżi fil-faża tal-iżvilupp;

(h) l-aħjar prattiki, il-proġetti u l-programmi relatati mal-ġlieda kontra l-ksur tad-drittijiet ta’ proprjetà intellettwali; u

(i) esplorazzjoni tal-possibbiltà ta' ħidma ulterjuri dwar sforzi komuni kontra ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali madwar id-dinja.

3. Il-Partijiet għandhom ifittxu li jikkooperaw fir-rigward ta' attivitajiet għat-titjib tal-qafas regolatorju internazzjonali tal-proprjetà intellettwali, inkluż billi jħeġġu r-ratifika ultejruri tal-ftehimiet internazzjonali eżistenti u billi jrawmu armonizzazzjoni, amministrazzjoni u infurzar internazzjonali tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u ta' attivitajiet fl-organizzazzjonijiet internazzjonali li jinkludu d-WTO u d-WIPO.

ARTIKOLU 14.53

Kumitat dwar il-Proprjetà Intellettwali

1. Il-Kumitat dwar il-Proprjetà Intellettwali mwaqqaf skont l-Artikolu 22.3 (minn hawn 'il quddiem f'dan l-Artikolu msejjaħ il-"Kumitat") għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni u għat-tħaddim effettivi ta' dan il-Kapitolu.

2. Il-Kumitat għandu jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) jirrieżamina u jissorvelja l-implimentazzjoni u l-operazzjoni ta' dan il-Kapitolu;

(b) jiskambja informazzjoni dwar żviluppi leġiżlattivi u tal-politika dwar indikazzjonijiet ġeografiċi u dwar kwalunkwe materja oħra ta' interess reċiproku fil-qasam tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, inkluża kwalunkwe materja li tirriżulta mir-rekwiżiti applikabbli tal-ispeċifikazzjonijiet tal-indikazzjonijiet ġeografiċi elenkati fl-Anness 14-B fir-rigward tal-protezzjoni tagħhom skont dan il-Ftehim;

(c) jiddiskuti kwalunkwe kwistjoni relatata mal-proprjetà intellettwali bl-għan li jsaħħaħ il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali u l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u biex jippromwovu l-amministrazzjoni effiċjenti u trasparenti tas-sistemi tal-proprjetà intellettwali;

(d) jirrapporta s-sejbiet tiegħu u l-eżiti tad-diskussjonijiet tiegħu lill-Kumitat Konġunt; u

(e) iwettqu funzjonijiet oħra kif jista' jiġi ddelegat mill-Kumitat Konġunt skont is-subparagrafu 5(b) tal-Artikolu 22.1.

3. Il-Kumitat għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Konġunt dwar emendi għall-Anness 14-A u għall-Anness 14-B dwar talba ta' Parti.

4. Kull Parti għandha teżamina kwalunkwe talba tal-Parti l-oħra rigward l-emenda tal-Anness 14-B, f'konformità mal-Artikolu 14.30.

5. Il-Kumitat jista' jistieden lir-rappreżentanti tal-entitajiet rilevanti apparti l-Partijiet, inkluż mis-settur privat, bl-għarfien espert neċessarju rilevanti għall-kwistjonijiet li jkunu se jiġu diskussi.

ARTIKOLU 14.54

Eċċezzjonijiet ta' sigurtà

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, b'dan, l-Artikolu 73 tal-Ftehim TRIPS hu inkorporat f'dan il-Ftehim u magħmul parti minnu, *mutatis mutandis*.

ARTIKOLU 14.55

Soluzzjoni tat-tilwim

L-Artikolu 14.52 m'għandux ikun soġġett għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-Kapitolu 21.

KAPITOLU 15

GOVERNANZA KORPORATTIVA

ARTIKOLU 15.1

Objettivi

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza ta' qafas effettiva ta' governanza korporattiva biex jinkiseb it-tkabbir ekonomiku permezz ta' swieq li jaħdmu kif suppost u sistema finanzjarja solida bbażata fuq trasparenza, effiċjenza, fiduċja u integrità.

&/mt 431

2. Kull Parti għandha tieħu miżuri xierqa biex tiżviluppa qafas effettiv ta' governanza korporattiva fi ħdan it-territorju tagħha, filwaqt li tagħraf li dawk il-miżuri se jattiraw u jħeġġu l-investiment billi jsaħħu l-kunfidenza tal-investituri u jtejbu l-kompetittività, u b'hekk jippermettu li jittieħed l-aqwa vantaġġ possibbli mill-opportunitajiet mogħtija mill-impenji rispettivi tagħhom ta' aċċess għas-suq.

3. Mingħajr ma jillimitaw il-ħila ta' kull Parti biex tiżviluppa l-qafas legali, istituzzjonali u regolatorju tagħha stess għall-governanza korporattiva tal-kumpaniji elenkati fil-Borża, il-Partijiet jieħdu impenn li jirrispettaw il-prinċipji u jaderixxu għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu peress li dawn jiffaċilitaw l-aċċess għas-swieq ta' xulxin kif previst f'dan il-Ftehim.

4. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw f'materji relatati mal-iżvilupp ta' qafas effettiv ta' governanza korporattiva li jaqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 15.2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "bord" tfisser il-korp ta' tmexxija ta' kumpanija elenkata fil-Borża b'awtorità ta' teħid ta' deċiżjonijiet fuq is-sorveljanza tal-operazzjonijiet tal-kumpanija, li l-membri (diretturi) tiegħu huma eletti, normalment mill-azzjonisti tal-kumpanija, biex imexxu lill-kumpanija;

(b) “governanza korporattiva” tfisser is-sett ta’ relazzjonijiet bejn il-maniġment ta’ kumpanija, il-bord ta’ din, l-azzjonisti tagħha u partijiet ikkonċernati oħra; din tipprovdi wkoll l-istruttura li biha kumpanija tiġi ġestita u kkontrollata, b’mod partikolari billi jiġi ddeterminat kif inhuma stabbiliti l-objettivi tal-kumpanija u l-mezzi ta’ kif jinkisbu dawk l-objettivi, kif ukoll billi tiġi ssorveljata l-prestazzjoni;

(c) “qafas ta’ governanza korporattiva” ta’ Parti tfisser il-prinċipji u r-regoli ta’ natura vinkolanti u mhux vinkolanti rigward il-governanza korporattiva ta’ kumpaniji elenkati fil-Borża, kif applikabbli skont il-kompetenzi u l-leġiżlazzjoni ta’ dik il-Parti; u

(d) “kumpanija elenkata fil-Borża” tfisser persuna ġuridika li l-ishma tagħha huma elenkati jew ikkwotati għan-negozjar pubbliku f’suq tal-ekwità jew f’suq regolat ta’ Parti kif definit fil-leġiżlazzjoni ta’ dik il-Parti.

ARTIKOLU 15.3

Prinċipji ġenerali

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tar-rwol tal-qafas ta’ governanza korporattiva fil-forniment ta’ divulgazzjoni puntwali u preċiża f’kull kwistjoni materjali rigward kumpaniji elenkati fil-Borża fi ħdan il-ġurisdizzjonijiet rispettivi tagħhom, inkluża s-sitwazzjoni finanzjarja, il-prestazzjoni, is-sjieda u l-governanza ta’ dawk il-kumpaniji.

2. Il-Partijiet jagħrfu wkoll l-importanza tar-rwol tal-qafas ta' governanza korporattiva fl-għoti ta' responsabbiltà xierqa tal-maniġment u tal-bord quddiem l-azzjonisti, teħid ta' deċiżjonijiet responsabbli tal-bord ibbażat fuq perspettiva indipendenti u oġġettiva, u trattament indaqs tal-azzjonisti tal-istess klassi.

3. Għal ċertezza akbar, id-dispożizzjonijiet tal-qafas ta' governanza korporattiva ta' Parti msemmi fl-Artikoli 15.4 u 15.5 jistgħu jiġu implimentati permezz ta' mekkaniżmi li jorbtu legalment jew inkella permezz ta' mezzi li ma jorbtux legalment bħal fuq bażi ta' konformità jew spjegazzjoni.

4. Parti tista' tipprevedi li ċerti prinċipji ta' governanza korporattiva jew regoli ma japplikawx għal ċerti kumpaniji[1] f'każijiet ġustifikati minn kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji fil-fażi bikrija ta' żvilupp jew id-daqs tal-kumpanija.

[1] Il-kumpaniji mhux elenkati f'suq regolat huma eżempji ta' kumpaniji li l-Unjoni Ewropea tista' teskludi mill-applikazzjoni ta' ċerti prinċipji u regoli tal-governanza korporattiva.

ARTIKOLU 15.4

Drittijiet tal-azzjonisti u funzjonijiet ta’ sjieda

1. Il-qafas ta’ governanza korporattiva ta’ kull Parti għandu jinkludi dispożizzjonijiet immirati biex jipproteġu u jiffaċilitaw l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tal-azzjonisti f’kumpaniji elenkati fil-Borża. Dawn id-drittijiet jinkludu, fejn applikabbli, il-parteċipazzjoni u l-votazzjoni fil-laqgħa ġenerali kif ukoll għall-elezzjoni u t-tneħħija tal-membri tal-bord skont l-istruttura ta’ governanza korporattiva tal-kumpanija bil-ħsieb li jippermetti lill-azzjonisti biex jissorvelja l-imġiba tal-bord[1] u jieħdu sehem f’teħid ta’ deċiżjonijiet importanti tal-kumpannija.

2. Il-qafas ta’ governanza korporattiva ta’ kull Parti għandu jinkludi dispożizzjonijiet li għandhom l-għan li jħeġġu d-divulgazzjoni tal-informazzjoni fir-rigward tal-kontroll ta’ kumpanija li tista’ tkun siewja u utli għall-investituri. Dik l-informazzjoni tinkludi, pereżempju, l-istruttura kapitali, b’indikazzjoni tal-klassijiet differenti tal-ishma fejn xieraq, il-parteċipazzjonijiet azzjonarji diretti u indiretti li huma meqjusa sinifikanti, u d-drittijiet speċjali ta’ kontroll.

[1] Għal ċertezza akbar, “jissorveljaw l-imġiba tal-bord” ma teħtieġx is-sorveljanza ta’ kuljum tal-operat tal-bord mill-azzjonisti.

ARTIKOLU 15.5

Rwoli tal-bord

Il-qafas ta' governanza korporattiva ta' kull Parti għandu jinkludi dispożizzjonijiet immirati lejn dawn li ġejjin, b'tali mod li t-tali qafas jippromwovi t-teħid ta' deċiżjonijiet responsabbli mill-bord:

(a) il-monitoraġġ effettiv tal-maniġment mill-bord indipendenti u oġġettiv, li jista' jinkiseb, pereżempju, permezz tal-użu effettiv ta' għadd suffiċjenti ta' diretturi indipendenti[1];

(b) l-iżgurar tar-responsabbiltà tal-bord quddiem l-azzjonisti; u

(c) l-iżgurar ta' divulgazzjoni suffiċjenti tal-informazzjoni rilevanti għall-investituri, pereżempju fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-bord, tal-kumitati tal-bord u tal-indipendenza tad-diretturi.

[1] Kull Parti tista' tiddetermina fil-ġurisdizzjoni tagħha dak li jikkostitwixxi "numru suffiċjenti ta' diretturi indipendenti" f'termini kwalitattivi jew kwantitattivi.

ARTIKOLU 15.6

Akkwiżizzjoni tal-kontroll

Kull Parti għandha tipprovdi regoli u proċeduri li jirregolaw l-akkwiżizzjonijiet tal-kontroll f'kumpaniji elenkati fil-Borża. Tali regoli u proċeduri għandhom jimmiraw biex jippermettu li dawk it-tranżazzjonijiet iseħħu bi prezzijiet trasparenti u f'kundizzjonijiet ġusti.

ARTIKOLU 15.7

Soluzzjoni tat-tilwim

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu m'għandhomx ikunu soġġetti għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-Kapitolu 21.

KAPITOLU 16

KUMMERĊ U ŻVILUPP SOSTENIBBLI

ARTIKOLU 16.1

Kuntest u objettivi

1. Il-partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jippromwovu l-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali b'mod li jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli, għall-benesseri tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri, b'kont meħud tal-Aġenda 21 adottati mill-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti fuq l-Ambjent u l-Iżvilupp tat-14 ta' Ġunju 1992, u d-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol u Segwitu tagħha adottata mill-Konferenza Internazzjonali tax-Xogħol fit-18 ta' Ġunju 1998, il-Pjan ta' Implimentazzjoni adottati mis-Samit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli fl-4 ta' Settembru 2002, id-Dikjarazzjoni Ministerjali intitolat "Il-ħolqien ta' ambjent fil-livell nazzjonali u dak internazzjonali li jwassal biex jiġi ġġenerat impjieg sħiħ u produttiv u xogħol deċenti għal kulħadd, u l-impatt tiegħu fuq l-iżvilupp sostenibbli" adottata mill-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-5 ta' Lulju 2006, u d-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta adottata mill-Konferenza Internazzjonali tax-Xogħol fl-10 ta' Ġunju 2008, id-dokument ta' eżitu tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, bit-titolu "Il-futur li rridu", adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fis-27 ta' Lulju 2012, u d-dokument ta' eżitu tas-summit tan-Nazzjonijiet Uniti għall-adozzjoni tal-aġenda għall-iżvilupp għal wara l-2015 bit-titolu "Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda tal-2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli" adottat mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-25 ta' Settembru 2015.

&/mt 438

2. Il-Partijiet jagħrfu l-kontribuzzjoni ta' dan il-Ftehim għall-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli, li l-komponenti tiegħu ta' żvilupp ekonomiku, ta' żvilupp soċjali u ta' ħarsien tal-ambjent isaħħu lil xulxin. Il-Partijiet jagħrfu wkoll li l-iskop ta' dan il-Kapitolu hu li jsaħħaħ ir-relazzjonijiet kummerċjali u l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet b'modi li jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli, u mhuwiex li jarmonizza l-istandards tal-ambjent jew tax-xogħol tal-Partijiet.

ARTIKOLU 16.2

Dritt ta' regolamentazzjoni u livelli ta' protezzjoni

1. Filwaqt li jirrikonoxxi d-dritt ta' kull Parti li tiddetermina l-politiki u l-prijoritajiet tal-iżvilupp sostenibbli tagħha, li tistabbilixxi l-livelli tagħha ta' protezzjoni domestika tal-ambjent u tax-xogħol, u li tadotta jew timmodifika kif xieraq il-liġijiet u r-regolamenti rilevanti tagħha, b'mod konsistenti mal-impenji tagħha lejn l-istandards rikonoxxuti internazzjonalment u l-ftehimiet internazzjonali li għalihom Parti tkun parti, kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tiżgura li l-liġijiet, ir-regolamenti u l-politiki relatati jipprovdu livelli għolja ta' protezzjoni ambjentali u tax-xogħol u tagħmel ħilitha biex tkompli ttejjeb dawk il-liġijiet u regolamenti u livelli ta' protezzjoni sottostanti tagħhom.

2. Il-Partijiet m’għandhomx iħeġġu l-kummerċ jew l-investiment billi jillaxkaw jew ibaxxu l-livell ta’ protezzjoni pprovduta mil-liġijiet u mir-regolamenti tagħhom dwar l-ambjent jew ix-xogħol. Għal dak l-għan, il-Partijiet m’għandhomx jirrinunzjaw għal dawk il-liġijiet u r-regolamenti, jidderogaw b’xi mod ieħor minnhom jew jonqsu milli jsaħħuhom permezz ta’ azzjoni jew ta’ inazzjoni sostnuta jew rikorrenti b’mod li jaffettwa l-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet.

3. Il-Partijiet m’għandhomx jużaw il-liġijiet u r-regolamenti ambjentali jew tax-xogħol rispettivi tagħhom b’mod li jkun jikkostitwixxi mezz ta’ diskriminazzjoni arbitrarja jew inġustifikabbli kontra l-Parti l-oħra, jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ internazzjonali.

ARTIKOLU 16.3

Standards u konvenzjonijiet internazzjonali dwar ix-xogħol

1. Il-Partijiet jagħrfu l-okkupazzjoni sħiħa u produttiva u x-xogħol diċenti għal kulħadd bħala elementi importanti li jwieġbu għal sfidi ekonomiċi, tax-xogħol u soċjali. Il-Partijiet jagħrfu wkoll l-importanza tal-promozzjoni tal-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali b’mod li jwassal għal okkupazzjoni sħiħa u produttiva u għal xogħol diċenti għal kulħadd. F’dak il-kuntest, il-Partijiet għandhom jiskambjaw fehmiet u informazzjoni dwar kwistjonijiet tax-xogħol relatati mal-kummerċ ta’ interess reċiproku fil-laqgħat tal-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli mwaqqaf skont l-Artikolu 22.3, u kif xieraq f’fora oħra.

2. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mis-sħubija fl-Organizzazzjoni Internazzjoni tax-Xogħol (minn hawn 'il quddiem "ILO")[1]. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid ukoll l-impenji rispettivi tagħhom fir-rigward tad-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol u s-Segwitu għal din. Kif xieraq, il-Partijiet għandhom jirrispettaw, jippromwovu u jinkorporaw fil-liġijiet, fir-regolamenti u fil-prattiki tagħhom il-prinċipji rikonoxxuti internazzjonalment li jikkonċernaw id-drittijiet fundamentali fuq ix-xogħol, li huma:

(a) il-libertà ta' assoċjazzjoni u r-rikonoxximent effettiv tad-dritt ta' negozjar kollettiv;

(b) l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' xogħol furzat jew obbligatorju;

(c) l-abolizzjoni effettiva tat-tħaddim tat-tfal; u

(d) l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjieg u tax-xogħol.

3. Kull Parti għandha tagħmel sforzi kontinwi u sostnuti fuq inizjattiva tagħha stess biex tfittex li tirratifika l-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO u Konvenzjonijiet oħra tal-ILO li kull Parti tqis li huma xierqa li jiġu rratifikati.

[1] Għall-Unjoni Ewropea, "sħubija fl-ILO" tfisser is-sħubija fl-ILO tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

4. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar is-sitwazzjonijiet rispettivi tagħhom fir-rigward tar-ratifika tal-Konvenzjonijiet u tal-Protokolli tal-ILO, li jinkludu l-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO.

5. Kull Parti tafferma mill-ġdid l-impenji tagħha li timplimenta b'mod effettiv fil-liġijiet, fir-regolamenti u fil-prattiki tagħha l-Konvenzjonijiet tal-ILO rratifikati mill-Ġappun u mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea rispettivament.

6. Il-Partijiet jagħrfu li l-ksur tal-prinċipji rikonoxxuti internazzjonalment li jikkonċernaw id-drittijiet fundamentali fuq ix-xogħol imsemmija fil-paragrafu 2 ma jistax jiġi invokat jew użat b'xi mod ieħor bħala vantaġġ komparattiv leġittimu, u li l-istandards tax-xogħol m'għandhomx jintużaw għal skopijiet ta' kummerċ protezzjonist.

ARTIKOLU 16.4

Ftehimiet ambjentali multilaterali

1. Il-Partijiet jisħqu fuq l-importanza tal-ftehimiet ambjentali multilaterali, b'mod partikolari ta' dawk li fihom huma parti ż-żewġ Partijiet, bħala mezz ta' governanza ambjentali multilaterali biex il-komunità internazzjonali tindirizza sfidi ambjentali globali jew reġjonali. Il-Partijiet jisħqu wkoll fuq l-importanza li jinkiseb sostenn reċiproku bejn il-kummerċ u l-ambjent. F'dan il-kuntest, il-Partijiet għandhom jiskambjaw fehmiet u informazzjoni dwar kwistjonijiet ambjentali relatati mal-kummerċ ta' interess reċiproku fil-laqgħat tal-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, u kif xieraq f'fora oħra.

2. Kull Parti tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li timplimenta b'mod effettiv fil-liġijiet, fir-regolamenti u fil-prattiki tagħha l-ftehimiet ambjentali multilaterali li hi parti għalihom.

3. Kull Parti għandha tiskambja informazzjoni mal-Parti l-oħra dwar is-sitwazzjoni u l-avvanzi rispettivi tagħha rigward ir-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni ta' ftehimiet ambjentali multilaterali, jew l-adeżjoni għalihom, inklużi l-emendi ta' dawn, li kull Parti tqis li jkun xieraq li tintrabat bihom, kif ukoll dwar l-implimentazzjoni ta' dawn.

4. Il-partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jinkiseb l-objettiv aħħari tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, li saret f'New York fid-9 ta' Mejju 1992 (minn hawn' il quddiem "UNFCCC"), sabiex tiġi indirizzata t-theddida tat-tibdil fil-klima urġenti, u r-rwol tal-kummerċ għal dak l-għan. Il-partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jimplimentaw b'mod effettiv l-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi, magħmul f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC fil-21 sessjoni tiegħu. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw biex jippromwovu l-kontribuzzjoni pożittiva tal-kummerċ għat-tranżizzjoni lejn emissjonijiet baxxi ta' gass serra u lejn żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima. Il-Partijiet jieħdu impenn li jaħdmu flimkien biex jieħdu azzjonijiet bl-għan li jindirizzaw it-tibdil fil-klima għall-kisba tal-objettiv finali tal-UNFCCC u tal-iskop tal-Ftehim ta' Pariġi.

5. Xejn f'dan il-Ftehim m'għandu jipprevjeni lil Parti milli tadotta jew iżżomm miżuri immirati għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet ambjentali multilaterali li hi parti għalihom, dment li t-tali miżuri ma jiġux applikati b'mod li jikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew inġustifikabbli kontra l-Parti l-oħra jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ.

ARTIKOLU 16.5

Kummerċ u investiment li jiffavorixxu l-iżvilupp sostenibbli

Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tat-tisħiħ tal-kontribuzzjoni tal-kummerċ u tal-investiment għall-għan ta' żvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tiegħu. Għaldaqstant, il-Partijiet:

(a) jagħrfu l-importanza tal-prinċipji li jikkonċernaw id-drittijiet fundamentali fuq ix-xogħol, ix-xogħol għal kulħadd, u l-valuri fundamentali tal-libertà, tad-dinjità tal-bniedem, tal-ġustizzja soċjali, tas-sigurtà u tan-nondiskriminazzjoni għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli u għall-effiċjenza, kif ukoll l-importanza li jfittxu integrazzjoni aħjar ta' dawk il-prinċipji f'politiki kummerċjali u tal-investiment;

(b) għandhom jistinkaw biex jiffaċilitaw u jippromwovu l-kummerċ u l-investiment fi prodotti u f'servizzi ambjentali, b'mod konsistenti ma' dan il-Ftehim;

(c) għandhom jistinkaw biex jiffaċilitaw il-kummerċ u l-investiment fi prodotti u f'servizzi ta' rilevanza partikolari għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, bħal dawk relatati mal-enerġija rinnovabbli sostenibbli u ma' prodotti u ma' servizzi effiċjenti fl-enerġija, b'mod konsistenti ma' dan il-Ftehim;

&/mt 445

(d) għandhom jistinkaw biex jippromwovu l-kummerċ u l-investiment fi prodotti li jikkontribwixxu għal kundizzjonijiet soċjali msaħħa u għal prattiki ambjentalment korretti, li jinkludu prodotti li huma s-suġġett ta' skemi ta' tikkettar, u jagħrfu l-kontribuzzjoni ta' inizjattivi volontarji oħra, inklużi dawk privati, għas-sostenibbiltà; u

(e) għandhom jinkoraġġixxu responsabbiltà soċjali korporattiva u jiskambjaw fehmiet u informazzjoni dwar din il-kwistjoni permezz tal-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, u kif ikun xieraq permezz ta' fora oħra. F'dan ir-rigward, il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li l-prinċipji u l-linji gwida rilevanti rikonoxxuti internazzjonalment, inklużi l-Linji Gwida tal-OECD għal Intrapriżi Multinazzjonali li huma parti għad-Dikjarazzjoni tal-OECD dwar l-Investiment Internazzjonali u l-Intrapriżi Multinazzjonali li ġiet adottata mill-OECD fil-21 ta' Ġunju 1976 u d-Dikjarazzjoni Tripartitika ta' Prinċipji dwar l-Impriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali adottati mill-Korp Governattiv tal-Uffiċċju Internazzjonali tax-Xogħol f'Novembru 1977.

ARTIKOLU 16.6

Diversità bijoloġika

1. Kull Parti tagħraf l-importanza u r-rwol tal-kummerċ u tal-investiment fl-iżgurar tal-konservazzjoni u tal-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti li hi parti għalihom, b'mod partikolari l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, magħmula f'Rio de Janeiro fil-5 ta' Ġunju 1992, u l-protokolli tagħha u l-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu, magħmula f'Washington D.C. fit-3 ta' Marzu 1973 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "CITES").

2. F'dak il-kuntest, kull Parti għandha:

(a) tħeġġeġ l-użu ta' prodotti li nkisbu permezz tal-użu sostenibbli ta' riżorsi naturali u li jikkontribwixxu għall-konservazzjoni u għall-użu sostenibbli tal-bijodiversità, inkluż permezz ta' skemi ta' tikkettar, b'kunsiderazzjoni tal-importanza tal-kummerċ fit-tali prodotti;

(b) timplimenta miżuri effettivi, bħal miżuri ta' monitoraġġ u ta' infurzar, u azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni, għall-ġlieda kontra l-kummerċ illegali fi speċijiet ta' fawna u ta' flora selvaġġi fil-periklu kif elenkati f'CITES, u kif xieraq fi speċijiet oħra fil-periklu;

(c) timplimenta, kif xieraq, id-deċiżjonijiet li ġew adottati skont il-ftehimiet internazzjonali msemmija fil-paragrafu 1, inkluż permezz ta' liġijiet, ta' regolamenti, ta' strateġiji, ta' pjanijiet u ta' programmi; u

(d) jiskambjaw informazzjoni u jikkonsultaw mal-Parti l-oħra f'livelli bilaterali u multilaterali dwar materji ta' rilevanza għal dan l-Artikolu, inkluż il-kummerċ fil-ħajja selvaġġa u fi prodotti bbażati fuq riżorsi naturali, il-valwazzjoni, l-immappjar u l-valutazzjoni tal-ekosistemi u tas-servizzi relatati, u l-aċċess għal riżorsi ġenetiċi u l-qsim ġust u ekwitabbli tal-benefiċċji miksuba mill-użu ta' dawn.

ARTIKOLU 16.7

Ġestjoni sostenibbli tal-foresti u kummerċ fl-injam u fi prodotti tal-injam

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza u r-rwol tal-kummerċ u tal-investiment fl-iżgurar tal-konservazzjoni u tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti.

2. F'dak il-kuntest, il-Partijiet għandhom:

(a) iħeġġu l-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, u l-kummerċ fl-injam maħsud u fil-prodotti tal-injam maħsud f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tal-pajjiż tal-ħsad;

(b) jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u l-kummerċ relatat inkluż, kif xieraq, il-kummerċ ma' partijiet terzi; u

(c) jiskambjaw informazzjoni u jaqsmu esperjenzi f'livelli bilaterali u multilaterali bl-għan li jippromwovu l-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli ta' foresti u tal-kummerċ f'injam maħsud u fi prodotti tal-injam maħsud, kif ukoll biex jiġġieldu kontra l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam.

ARTIKOLU 16.8

Kummerċ u użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd u akkwakultura sostenibbli

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza u r-rwol tal-kummerċ u tal-investiment fl-iżgurar tal-konservazzjoni u tal-użu sostenibbli u tal-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd, fis-salvagwardja tal-ekosistemi marini, u fil-promozzjoni ta' akkwakultura responsabbli u sostenibbli.

2. F'dak il-kuntest, il-Partijiet għandhom:

(a) ikunu konformi mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, il-Ftehim għall-Promozzjoni tal-Konformità mal-Miżuri Internazzjonali ta' Konservazzjoni u Ġestjoni minn Bastimenti tas-Sajd fl-Ibħra Miftuħa, li sar f'Ruma fl-24 ta' Novembru 1993, u l-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transżonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna, magħmul fi New York fl-4 ta' Awwissu 1995, jieħdu miżuri biex jiksbu l-objettivi u l-prinċipji tal-Kodiċi ta' Kondotta għal Sajd Responsabbli adottat mill-Konferenza tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura fil-31 ta' Ottubru 1995, jinkoraġġixxu l-implimentazzjoni ta' miżuri tal-istat tal-port kemm fil-livell globali u reġjonali, u, kif xieraq, jinkoraġġixxu lil pajjiżi terzi biex jirratifikaw, jaċċettaw, japprovaw jew jaderixxu ma', ftehimiet internazzjonali rilevanti li għalihom iż-żewġ Partijiet huma firmatarji;

(b) jippromwovu l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' organizzazzjonijiet jew korpi internazzjonali li fihom jipparteċipaw iż-żewġ Partijiet, fosthom l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (minn hawn' il quddiem imsejħa "RFMO"), permezz ta', fejn applikabbli, monitoraġġ, kontroll jew infurzar tal-RFMOs" riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet jew miżuri, u l-implimentazzjoni ta' dokumentazzjoni dwar il-qbid tagħhom jew skemi ta' ċertifikazzjoni;

(c) jadottaw u jimplimentaw l-għodod effettivi rispettivi tagħhom għall-ġlieda kontra sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (minn hawn ’il quddiem imsejjaħ sajd “IUU”), inkluż permezz ta’ strumenti legali, u, fejn xieraq, miżuri ta’ kontroll, ta’ monitoraġġ u infurzar, u ta’ ġestjoni tal-kapaċità, filwaqt li jirrikonoxxu li l-kondiviżjoni volontarja ta’ informazzjoni dwar is-sajd IUU ser issaħħaħ l-effikaċja ta’ dawn l-għodod fil-ġlieda kontra s-sajd IUU, u jisħqu fuq ir-rwol kruċjali tal-membri tal-RFMOs bi swieq ewlenin tas-sajd biex jiksbu użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd b’ingranaġġ; u

(d) jippromwovu l-iżvilupp ta’ akkwakultura sostenibbli u responsabbli, b’kunsiderazzjoni tal-aspetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tagħha.

ARTIKOLU 16.9

Informazzjoni xjentifika

Meta jfasslu u jimplimentaw miżuri bl-għan li jħarsu l-kundizzjonijiet ambjentali jew tax-xogħol li jistgħu jolqtu l-kummerċ jew l-investiment, il-Partijiet iqisu l-informazzjoni xjentifika u teknika li tkun disponibbli u, fejn xieraq, l-istandards internazzjonali, il-linji gwida jew ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti, u l-approċċ ta’ prekawzjoni.

ARTIKOLU 16.10

Trasparenza

Kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe miżura ta' applikazzjoni ġenerali għall-kisba tal-objettivi ta' dan il-Kapitolu titwettaq b'mod trasparenti, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha u mal-Kapitolu 17, inkluż billi l-pubbliku jiġu pprovdut b'opportunitajiet raġonevoli u b'biżżejjed żmien biex jikkummenta, billi tippubblika t-tali miżuri.

ARTIKOLU 16.11

Rieżami tal-impatti għas-sostenibbiltà

Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tar-rieżami, tal-monitoraġġ u tal-valutazzjoni, b'mod konġunt jew individwali, tal-impatt tal-implimentazzjoni tal-Ftehim fuq l-iżvilupp sostenibbli permezz tal-proċessi u tal-istituzzjonijiet rispettivi tagħhom, kif ukoll permezz ta' dawk stabbiliti skont dan il-Ftehim.

&/mt 452

ARTIKOLU 16.12

Kooperazzjoni

Filwaqt li jagħrfu l-importanza tal-kooperazzjoni f'aspetti relatati mal-kummerċ u mal-investiment tal-politiki ambjentali u tax-xogħol biex jilħqu l-objettivi ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet jistgħu, fost l-oħrajn:

(a) jikkooperaw f'livell bilaterali jew multilaterali fl-oqsma tal-ħarsien tal-ambjent u tax-xogħol, inkluż permezz ta' organizzazzjonijiet jew korpi internazzjonali xierqa li fihom jieħdu sehem iż-żewġ Partijiet;

(b) jikkooperaw fuq l-evalwazzjoni tal-impatt reċiproku bejn il-kummerċ u l-ambjent, u l-kummerċ u x-xogħol, kif ukoll fuq l-identifikazzjoni ta' modi kif jissaħħaħ, jiġi evitat jew immitigat it-tali impatt, b'kunsiderazzjoni tar-riżultati tal-monitoraġġ u tal-valutazzjoni mwettqa mill-Partijiet, pereżempju, valutazzjonijiet tal-impatt għas-sostenibbiltà f'dak li għandu x'jaqsam mal-Unjoni Ewropea;

(c) jikkooperaw biex jiffaċilitaw u jippromwovu l-kummerċ u l-investiment fi prodotti u f'servizzi ambjentali, b'mod konsistenti ma' dan il-Ftehim, inkluż permezz tal-iskambju ta' informazzjoni;

(d) jikkooperaw fuq skemi ta' tikkettar, inkluż permezz tal-iskambju ta' informazzjoni dwar l-ekotikketti, kif ukoll permezz ta' miżuri u permezz ta' inizjattivi oħra li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà, inklużi kif xieraq skemi tal-kummerċ ġust u etiku;

(e) jikkooperaw biex jippromwovu r-responsabbiltà soċjali korporattiva, b'mod partikolari permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki, inkluż dwar l-aderenza, l-implimentazzjoni, is-segwitu, u d-disseminazzjoni ta' linji gwida u ta' prinċipji miftiehma f'livell internazzjonali;

(f) jikkooperaw f'aspetti relatati mal-kummerċ tal-Aġenda tax-Xogħol Deċenti tal-ILO;

(g) jikkooperaw f'aspetti relatati mal-kummerċ tal-ftehimiet ambjentali multilaterali, inkluż permezz tal-iskambju ta' fehmiet u ta' informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tas-CITES u permezz ta' kooperazzjoni teknika u doganali;

(h) jikkooperaw f'aspetti relatati mal-kummerċ tar-reġim internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima, inkluż f'mezzi għall-promozzjoni ta' teknoloġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, teknoloġiji oħra li ma jagħmlux ħsara lill-klima u l-effiċjenza enerġetika;

(i) jikkooperaw biex jippromwovu l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika, inkluża l-ġlieda kontra l-kummerċ illegali fi speċijiet ta' fawna u ta' fora selvaġġi fil-periklu;

(j) jikkooperaw biex jippromwovu l-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli ta' foresti u tal-kummerċ f'injam maħsud u fi prodotti tal-injam maħsud, kif ukoll biex jiġġieldu kontra l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam; u

(k) jikkooperaw, b’mod bilaterali jew permezz ta’ organizzazzjonijiet jew permezz ta’ korpi internazzjonali xierqa li fihom jieħdu sehem iż-żewġ Partijiet, biex jippromwovu prattiki sostenibbli tas-sajd u tal-akkwakultura u l-kummerċ f’riżorsi tas-sajd miksuba legalment, kif ukoll biex jiġġieldu kontra s-sajd IUU.

ARTIKOLU 16.13

Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli

1. Il-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli mwaqqaf skont l-Artikolu 22.3 (minn hawn ’il quddiem f’dan il-Kapitolu msejjaħ il-“Kumitat”) għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni u għat-tħaddim effettivi ta’ dan il-Kapitolu.

2. Il-Kumitat għandu jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) jirrieżamina u jissorvelja l-implimentazzjoni u t-tħaddim ta’ dan il-Kapitolu u, fejn ikun hemm bżonn, jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa lill-Kumitat Konġunt għall-kunsiderazzjoni tiegħu b'rabta mas-subparagrafu 5(d) tal-Artikolu 22.1;

(b) jikkunsidra kwalunkwe materja oħra relatata ma’ dan il-Kapitolu skont kif jistgħu jaqblu l-Partijiet;

(c) interazzjoni mas-soċjetà ċivili[1] dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu;

(d) iwettqu funzjonijiet oħra kif jista' jiġi ddelegat mill-Kumitat Konġunt skont is-subparagrafu 5(b) tal-Artikolu 22.1; kif ukoll

(e) it-tiftix ta' soluzzjonijiet għar-risoluzzjoni tad-differenzi ta' bejn il-Partijiet dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, inkluż permezz tal-proċeduri skont il-paragrafu 5 tal-Artikolu 16.17[2].

3. Il-Kumitat għandu jiltaqa' fi żmien sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Wara dan, il-Kumitat għandu jiltaqa' skont is-subparagrafu 3(a) tal-Artikolu 22.3 mingħajr preġudizzju għall-proċeduri skont il-paragrafu 5 tal-Artikolu 16.17.

4. Il-Kumitat ser ifittex koerenza u kooperazzjoni bejn il-ħidma tiegħu u l-attivitajiet tal-ILO u tal-organizzazzjonijiet jew tal-korpi ambjentali multilaterali rilevanti.

---

1 Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "soċjetà ċivili" tfisser partijiet ikkonċernati ekonomiċi, soċjali u ambjentali indipendenti, li jinkludu organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u tal-ħaddiema u gruppi ambjentali.

2 Għal ċertezza akbar, il-parir ipprovdut fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 16.17 hu kkunsidrat fil-ħidma mwettqa mill-Kumitat skont dan is-subparagrafu.

ARTIKOLU 16.14

Punti ta’ kuntatt

Mad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim, kull Parti għandha tiddeżinja punt ta’ kuntatt biex jiffaċilita l-komunikazzjoni bejn il-Partijiet dwar kwalunkwe materja relatata ma’ dan il-Kapitolu u tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta’ kuntatt li jinkludu informazzjoni dwar l-uffiċjali rilevanti. Il-Partijiet minnufih għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar kwalunkwe tibdil f’dawk id-dettalji ta’ kuntatt.

ARTIKOLU 16.15

Grupp konsultattiv domestiku

1. Kull Parti għandha torganizza laqgħat tal-grupp jew gruppi konsultattiv domestiċi ġodda jew eżistenti proprji tagħha dwar kwistjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali relatati ma’ dan il-Kapitolu u tikkonsulta mal-grupp jew mal-gruppi f’konformità mal-liġijiet, mar-regolamenti u mal-prattiki tagħha.

2. Kull Parti hi responsabbli għall-iżgurar ta' rappreżentazzjoni bbilanċjata tal-partijiet ikkonċernati ekonomiċi, soċjali u ambjentali indipendenti, inklużi organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u tal-ħaddiema u gruppi ambjentali, fil-grupp jew fil-gruppi konsultattivi.

3. Il-grupp jew il-gruppi konsultattivi ta' kull Parti jistgħu jiltaqgħu fuq inizjattiva tagħhom stess u jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu b'mod indipendenti mill-Parti u jissottomettu dawk l-opinjonijiet lil dik il-Parti.

ARTIKOLU 16.16

Djalogu konġunt mas-soċjetà ċivili

1. Il-Partijiet għandhom jorganizzaw id-Djalogu Konġunt mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jinsabu fit-territorji tagħhom (minn hawn 'il quddiem imsejħa f'dan il-Kapitolu bħala "Djalogu Konġunt"), li jinkludu membri tal-gruppi konsultattivi domestiċi tagħhom imsemmija fl-Artikolu 16.16, biex imexxu djalogu dwar dan il-Kapitolu.

2. Il-Partijiet għandhom jippromwovu fid-Djalogu Konġunt rappreżentazzjoni bbilanċjata tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, li jinkludu organizzazzjonijiet indipendenti li huma rappreżentanti tal-interessi ekonomiċi, ambjentali u soċjali kif ukoll organizzazzjonijiet rilevanti oħra kif xieraq.

3. Id-Djalogu Konġunt għandu jiġi organizzat mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Wara, id-Djalogu Konġunt għandu jiġi organizzat b'mod regolari, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor. Il-Partijiet għandhom jiftiehmu dwar it-tħaddim tad-Djalogu Konġunt qabel l-ewwel laqgħa tad-Djalogu Konġunt. Il-parteċipazzjoni fid-Djalogu Konġunt tista' ssir bi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni miftiehem mill-Partijiet.

4. Il-Partijiet se jipprovdi lid-Djalogu Konġunt b'informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu. Il-fehmiet u l-opinjonijiet tad-Djalogu Konġunt jistgħu jiġu sottomessi lill-Kumitat u jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

ARTIKOLU 16.17

Konsultazzjonijiet mal-gvernijiet

1. F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-Partijiet dwar kwalunkwe materja rigward l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandu jkollhom rikors biss għall-proċeduri stabbiliti f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 16.18. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu m'għandhomx ikunu soġġetti għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-Kapitolu 21.

2. Parti tista' titlob bil-miktub konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra dwar kwalunkwe materja li tikkonċerna l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu. Il-Parti li titlob il-konsultazzjonijiet għandha tistabbilixxi r-raġunijiet għat-talba, inkluża l-identifikazzjoni tal-materja u indikazzjoni tal-bażi fattwali u ġuridika tagħha, filwaqt li tispeċifika d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan il-Kapitolu.

3. Meta Parti titlob konsultazzjoni skont il-paragrafu 2, il-Parti l-oħra għandha twieġeb minnufih u tidħol f'konsultazzjonijiet bl-għan li tinstab soluzzjoni sodisfaċenti għat-tnejn għall-materja.

4. Matul il-konsultazzjonijiet, kull Parti għandha tipprovdi biżżejjed informazzjoni biex tkun tista' ssir eżaminazzjoni sħiħa tal-materja inkwistjoni. Il-Partijiet għandhom iqisu l-attivitajiet tal-ILO u tal-organizzazzjonijiet jew tal-korpi internazzjonali rilevanti l-oħra li fihom iż-żewġ Partijiet jieħdu sehem u, skont kif jista' jkun meħtieġ mill-Partijiet fuq bażi *ad hoc*, jistgħu jfittxu pariri mingħand dawk l-organizzazzjonijiet jew il-korpi internazzjonali, jew esperti oħra. Il-Partijiet għandhom jiddiskutu l-miżuri xierqa li għandhom jiġu implimentati, filwaqt li jqisu dawk il-pariri.

5. Jekk ma tinstab ebda soluzzjoni permezz tal-konsultazzjonijiet li jsiru f'konformità mal-paragrafi 2 sa 4, il-Kumitat għandu jitlaqqa' minnufih fuq talba ta' Parti biex jikkunsidra l-materja inkwistjoni.

6. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li s-soluzzjonijiet misjuba permezz tal-konsultazzjonijiet skont dan l-Artikolu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku b'mod konġunt, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor.

ARTIKOLU 16.18

Grupp ta’ Esperti

1. Jekk, mhux aktar tard minn 75 jum mid-data tat-talba minn Parti biex jitlaqqa’ l-Kumitat skont il-paragrafu 5 tal-Artikolu 16.17, il-Partijiet ma jsibux soluzzjoni sodisfaċenti għat-tnejn għall-materja li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Artikoli rilevanti ta’ dan il-Kapitolu, Parti tista’ titlob li jitlaqqa’ grupp ta’ esperti biex tiġi eżaminata l-materja f’konformità mat-termini ta’ referenza msemmija fil-paragrafu 2. Tali talba għandha ssir bil-miktub permezz tal-punt ta’ kuntatt tal-Parti l-oħra msemmija fl-Artikolu 16.14 u għandha tidentifika r-raġunijiet għat-talba, li jinkludu l-identifikazzjoni tal-materja li trid tiġi solvuta u indikazzjoni tal-bażi fattwali u ġuridika tagħha.

2. Fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura u t-termini ta' referenza għall-grupp ta' esperti. Ir-regoli ta' proċedura għandhom jidentifikaw il-proċeduri għas-sejbien tal-informazzjoni rilevanti. Il-grupp għandu jinterpreta l-Artikoli rilevanti ta' dan il-Kapitolu f'konformità mar-regoli abitwali ta' interpretazzjoni tad-dritt internazzjonali pubbliku, inklużi dawk kodifikati fil-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati, magħmula fi Vjenna fit-23 ta' Mejju 1969. Sakemm jiġu stabbiliti dawk ir-regoli ta' proċedura u t-termini ta' referenza, ir-Regoli ta' Proċedura msemmija fl-Artikolu 21.30 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*, u, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor mhux aktar tard minn ħamest ijiem mid-data ta' twaqqif tal-bord, it-termini ta' referenza għandhom ikunu kif ġej:

"li jeżamina, fid-dawl tal-Artikoli rilevanti tal-Kapitolu 16, il-materja msemmija fit-talba għat-twaqqif tal-bord ta' esperti, u li joħroġ rapport f'konformità mal-paragrafu 5 tal-Artikolu 16.18, filwaqt li jagħmel rakkomandazzjonijiet għas-soluzzjoni tal-materja".

3. Il-grupp ta' esperti jista' jikseb informazzjoni mingħand kwalunkwe sors li jqis li hu xieraq. Għal materji relatati ma' strumenti tal-ILO jew ma' ftehimiet ambjentali multilaterali, dan għandu jfittex informazzjoni u pariri mingħand l-organizzazzjonijiet jew il-korpi internazzjonali rilevanti. Kwalunkwe informazzjoni miksuba skont dan il-paragrafu għandha tiġi sottomessa lill-Partijiet għall-kummenti tagħhom.

4. Il-grupp għandu jkun magħmul minn tliet esperti. Għandhom ikunu magħżula f'konformità mas-subparagrafi (a) sa (e).

(a) L-esperti għandu jkollhom l-għarfien espert tekniku jew legali rilevanti fil-kwistjonijiet indirizzati f'dan il-Kapitolu. Dawn għandhom ikunu indipendenti mill-Partijiet, ma jkunux affiljati magħhom u lanqas ma jieħdu struzzjonijiet mingħandhom. Dawn għandhom iservu fil-kapaċitajiet individwali tagħhom u ma jiħdux struzzjonijiet mingħand xi organizzazzjoni jew gvern, u lanqas ma kienu involuti fil-materja inkwistjoni fi kwalunkwe kapaċità.

(b) Mhux aktar tard minn 45 jum wara d-data tar-riċevuta tat-talba biex jitlaqqa' l-grupp, kull Parti għandha taħtar espert wieħed li jista' jkun ċittadin ta' dik il-Parti u tipproponi sa tliet kandidati biex iservu bħala President tal-grupp. Il-President m'għandux ikun ċittadin ta' xi waħda mill-Partijiet. Il-Partijiet għandhom jaqblu fuq il-President u jaħtruh minn fost il-kandidati proposti mhux aktar tard minn 15-il jum mill-iskadenza tal-perjodu ta' 45 jum.

(c) Jekk Parti ma taħtarx espert jew jekk il-Partijiet ma jaqblux fuq il-President u lanqas ma jkunu ħatruh skont is-subparagrafu (b), l-esperti jew il-President li ma jkunx għadu nħatar għandhom jintgħażlu mhux aktar tard minn 15-il jum wara l-iskadenza tal-perjodu ta' 15-il jum previst fis-subparagrafu (b) b'lott mill-kandidati proposti skont is-subparagrafu (d).

(d) Il-Kumitat għandu, fi żmien sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jistabbilixxi lista ta' mill-inqas għaxar individwi li huma lesti u li huma kapaċi jservu bħala esperti f'konformità ma' dan l-Artikolu, u li jissodisfaw il-kwalifiki stabbilit fis-subparagrafu (a). Il-lista għandha tkun magħmula minn tliet sublisti: waħda għal kull Parti u waħda għal individwi li ma jkunu ċittadini tal-ebda Parti u li għandhom iservu bħala l-President tal-grupp. Kull Parti għandha tagħżel tal-anqas tliet individwi biex iservu bħala esperti għas-sublista tagħha. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, dawn għandhom jagħżlu b'mod konġunt erba' indivdiwi għas-sublista ta' Presidenti. Il-Kumitat se jiżgura li n-numru ta' individwi fil-lista dejjem jinżamm fil-livell meħtieġ minn dan is-subparagrafu.

(e) Id-data tat-twaqqif ta' grupp għandha tkun id-data li fiha jinħatar il-President.

5. Il-grupp għandu joħroġ rapport interim u finali lill-Partijiet li jistabbilixxi s-sejbiet tal-fatti, l-interpretazzjoni jew l-applikabbiltà tal-Artikoli rilevanti u r-raġunijiet bażiċi wara kull sejba u suġġeriment. Mhux aktar tard minn 45 jum wara d-data ta' riċevuta tar-rapport, li għandu jinħareġ mhux aktar tard minn 90 jum mid-data ta' twaqqif tal-grupp, il-Partijiet jistgħu jissottomettu kummenti bil-miktub dwar dak ir-rapport. Wara li jikkunsidra kwalunkwe kumment bil-miktub bħal dan, il-grupp ta' esperti jista' jimmodifika r-rapport u jagħmel kwalunkwe eżaminazzjoni ulterjuri li jqis li hi xierqa. Ir-rapport finali għandu jinħareġ mhux aktar tard minn 180 jum mid-data ta' twaqqif tal-bord, sakemm il-President tal-grupp ma jinnotifikax lill-Parti bil-miktub li l-iskadenza ma tistax tiġi rrispettata. F'dak il-każ, ir-rapport finali għandu jinħareġ mhux aktar tard minn 200 jum wara d-data ta' twaqqif tal-grupp, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor. Ir-rapport finali għandu jkun disponibbli għall-pubbliku. Il-Partijiet għandhom jiżguraw il-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali.

6. Il-Partijiet għandhom jiddiskutu azzjonijiet jew miżuri biex isolvu l-materja inkwistjoni, filwaqt li jqisu r-rapport finali tal-grupp u s-suġġerimenti tiegħu. Kull Parti għandha tinforma lill-Parti l-oħra u lill-grupp jew lill-gruppi konsultattivi domestiċi tagħha dwar kwalunkwe azzjoni jew miżura ta' segwitu mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-data tal-ħruġ tar-rapport finali. L-azzjonijiet jew il-miżuri ta' segwitu għandhom jiġu ssorveljati mill-Kumitat. Il-grupp jew il-gruppi konsultattivi domestiċi u d-Djalogu Konġunt jistgħu jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom f'dan ir-rigwarad lill-Kumitat.

ARTIKOLU 16.19

Rieżami

1. Il-Kumitat, skont il-bżonn, għandu jiddiskuti l-implimentazzjoni u t-tħaddim tad-dispożizzjonijiet istituzzjonali u ta' konsultazzjoni li jinsabu fl-Artikoli 16.13, 16.17 u 16.18, filwaqt li jqisu, fost l-oħrajn, l-esperjenza miksuba permezz tal-implimentazzjoni u tat-tħaddim ta' dan il-Kapitolu u l-iżviluppi tal-politiki rilevanti ta' kull Parti. It-tali diskussjonijiet jistgħu jikkonċernaw l-emendi possibbli għal dawn l-Artikoli.

2. Filwaqt li jqis l-eżitu tad-diskussjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kumitat jista' jirrakkomanda lill-Kumitat Konġunt f'konformità mas-subparagrafu 2(a) tal-Artikolu 16.13 l-emendi għall-Artikoli msemmija fil-paragrafu 1.

KAPITOLU 17

TRASPARENZA

ARTIKOLU 17.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "miżura ta' applikazzjoni ġenerali" tfisser kwalunkwe liġi, regolament, regola, deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja jew proċedura amministrattiva jew ġudizzjarja, ta' applikazzjoni ġenerali fir-rigward ta' kwalunkwe materja koperta minn dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 17.2

Ambjent regolatorju trasparenti

Filwaqt li tagħraf l-impatt li l-ambjent regolatorju tagħha jista' jkollu fuq il-kummerċ u l-investiment bejn il-Partijiet, kull Parti għandha tipprovdi għal ambjent regolatorju trasparenti, li hu effettiv u prevedibbli għall-persuni li jinkludu l-operaturi ekonomiċi, speċjalment l-intrapriżi żgħar u medji.

ARTIKOLU 17.3

Pubblikazzjoni

Meta tintroduċi jew tbiddel miżura ta' applikazzjoni ġenerali, kull Parti għandha:

(a) tippubblika minnufih dawk il-miżuri ta' applikazzjoni ġenerali, jew inkella tqegħedhom għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, flimkien ma' spjegazzjoni tal-objettiv u tar-raġunijiet tagħhom, u fejn fattibbli, b'mezzi elettroniċi bħal sit web bl-Ingliż; u

(b) tieħu impenn li tagħti intervall raġonevoli bejn iż-żmien li fih jiġu ppubblikati jew jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku dawk il-miżuri ta' applikazzjoni ġenerali u ż-żmien li fih jidħlu fis-seħħ, ħlief f'każijiet debitament ġustifikati.

ARTIKOLU 17.4

Mistoqsijiet

1. Fuq talba tal-Parti l-oħra, kull Parti għandha twieġeb fi ħdan perjodu ta' żmien raġonevoli għal mistoqsijiet speċifiċi mingħand il-Parti l-oħra, u tipprovdi informazzjoni lill-Parti l-oħra, fir-rigward tal-miżuri ta' applikazzjoni ġenerali tagħha.

2. Kull Parti għandha tagħmel faċilment disponibbli għall-pubbliku l-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-miżuri ta' applikazzjoni ġenerali tagħha.

3. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew iżżomm miżuri xierqa għat-tweġib għall-mistoqsijiet mingħand persuna rigward il-miżuri ta' applikazzjoni ġenerali tagħha.

4. Il-Partijiet jagħrfu li t-tweġibiet ipprovduti lill-intrapriżi msemmija fil-paragrafu 3 jaf ma jkunux definittivi jew jorbtu legalment iżda għal finijiet ta' informazzjoni biss, sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor fil-liġijiet u fir-regolamenti ta' kull Parti.

ARTIKOLU 17.5

Amministrazzjoni ta' miżuri ta' applikazzjoni ġenerali

1. Kull Parti għandha tamministra b'mod konsistenti, oġġettiv, imparzjali u raġonevoli l-miżuri ta' applikazzjoni ġenerali kollha tagħha.

&/mt 469

2. Meta tapplika miżura ta' applikazzjoni ġenerali fi proċedimenti amministrattivi għal persuni, għal prodotti jew għal servizzi partikolari tal-Parti l-oħra f'każijiet speċifiċi, kull Parti, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha, għandha tipprovdi lill-persuni li huma affettwati b'mod dirett minn dawk il-proċedimenti amministrattivi b':

(a) avviż raġonevoli ta' meta jitnedew il-proċedimenti, inklużi l-bażi ġuridika u deskrizzjoni tan-natura tal-proċedimenti, tal-fatti u tal-materji inkwistjoni; u

(b) opportunità raġonevoli biex jippreżentaw il-fatti u l-argumenti b'sostenn tal-pożizzjonijiet tagħhom qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni amministrattiva finali, ħlief għal raġunijiet ta' urġenza.

ARTIKOLU 17.6

Rieżami u appell

1. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew iżżomm tribunali jew proċeduri ġudizzjarji, arbitrarji jew amministrattivi għall-fini ta' rieżami jew ta' appell u, fejn tkun iġġustifikata, ta' korrezzjoni fil-pront ta' azzjonijiet amministrattivi jew, kif previst fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha, ta' nuqqasijiet ta' teħid ta' azzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe materja koperta minn dan il-Ftehim. Dawk it-tribunali jew il-proċeduri għandhom ikunu imparzjali u indipendenti mill-uffiċċju jew mill-awtorità inkarigati bl-infurzar amministrattiv tat-tali azzjonijiet u m'għandux ikollhom xi interess sostanzjali fl-eżitu tal-materja.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-partijiet quddiem it-tribunali jew li huma involuti fil-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1, jiġu pprovduti bid-dritt għal:

(a) opportunità raġonevoli biex isostnu jew jiddefendu l-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom; u

(b) deċiżjoni bbażata fuq l-evidenza u s-sottomissjonijiet tar-rekord.

3. Kull Parti għandha tiżgura, soġġetta għal rieżami jew għal appell ulterjuri kif previst fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha, li d-deċiżjoni msemmija fis-subparagrafu 2(b) tiġi implimentata mill-uffiċċji jew mill-awtoritajiet rilevanti fir-rigward tal-azzjoni amministrattiva kkonċernata.

ARTIKOLU 17.7

Kooperazzjoni fil-promozzjoni ta’ trasparenza msaħħa

Il-Partijiet għandhom jikkoperaw, fejn xieraq, f’fora bilaterali, reġjonali u multilaterali dwar modi kif jippromwovu t-trasparenza fir-rigward tal-kummerċ u tal-investiment internazzjonali.

ARTIKOLU 17.8

Relazzjoni ma’ Kapitoli oħrajn

Dan il-Kapitolu japplika mingħajr ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni speċifika f’Kapitoli oħra ta’ dan il-Ftehim.

KAPITOLU 18

PRATTIKI REGOLATORJI TAJBA U KOOPERAZZJONI REGOLATORJA

TAQSIMA A

Prattiki regolatorji tajba u kooperazzjoni regolatorja

SUBTAQSIMA 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

ARTIKOLU 18.1

Objettivi u prinċipji ġenerali

1. L-objettivi ta' din it-Taqsima huma l-promozzjoni ta' prattiki regolatorji tajba u ta' kooperazzjoni regolatorja bejn il-Partijiet bl-għan li jissaħħu l-kummerċ u l-investiment bilaterali billi:

(a) jiġi promoss ambjent regolatorju effettiv, trasparenti u prevedibbli;

(b) jiġu promossi approċċi regolatorji kompatibbli u jitnaqqsu r-rekwiżiti regolatorji impenjattivi wisq, duplikati jew diverġenti għalxejn;

(c) jiġu diskussi miżuri, prattiki jew approċċi regolatorji ta' Parti, inkluż kif tissaħħaħ l-applikazzjoni effiċjenti tagħhom; u

(d) tissaħħaħ il-kooperazzjoni bilaterali bejn il-Partijiet f'fora internazzjonali.

2. Xejn f'din it-Taqsima m'għandu jaffettwa d-dritt ta' Parti li tiddefinixxi jew tirregola l-livelli proprji tagħha ta' protezzjoni fit-tiftix jew fil-prosegwiment tal-objettivi tal-ordni pubbliku tagħha f'oqsma bħal:

(a) is-saħħa pubblika;

(b) il-ħajja u s-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti;

(c) is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali;

(d) il-kundizzjonijiet tax-xogħol;

(e) l-ambjent, li jinkludi t-tibdil fil-klima;

(f) il-konsumaturi;

(g) il-protezzjoni soċjali u s-sigurtà soċjali;

(h) id-data personali u ċ-ċibersigurtà;

(i) id-diversità kulturali;

(j) l-istabbiltà finanzjarja; u

(k) is-sigurtà tal-enerġija.

3. Xejn f'din it-Taqsima m'għandu jiġi interpretat bħala li jipprevjeni lil Parti milli:

(a) jadottaw, iżommu u japplikaw miżuri regolatorji skont il-qafas legali tagħha, il-prinċipji[1] u l-iskadenzi, sabiex tilħaq l-għanijiet ta' politika pubblika fuq il-livell ta' protezzjoni li hija tqis bħala xieraq; u

(b) tipprovdi u tappoġġja servizzi ta' interess ġenerali, li jinkludu dawk relatati mal-ilma, mas-saħħa, mal-edukazzjoni jew mas-servizzi soċjali.

4. Il-miżuri regolatorji m'għandhomx jikkostitwixxu ostaklu moħbi għall-kummerċ.

5. Xejn f'din it-Taqsima m'għandu jiġi interpretat bħala obbligu fuq il-Partijiet biex jiksbu xi eżitu regolatorju partikolari.

[1] Għall-Unjoni Ewropea, it-tali prinċipji jinkludu dawk stabbiliti fit-TFUE kif ukoll f'regolamenti u f'direttivi adottati skont l-Artikolu 289 tat-TFUE.

ARTIKOLU 18.2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din it-Taqsima:

(a) "awtorità regolatorja" tfisser:

(i) il-Kummissjoni Ewropea għall-Unjoni Ewropea; u

(ii) il-Gvern tal-Ġappun għall-Ġappun; u

(b) "miżuri regolatorji" tfisser miżuri ta' applikabilità ġenerali, li huma:

(i) għall-Unjoni Ewropea:

(A) ir-regolamenti u d-direttivi, kif stabbilit fl-Artikolu 288 tat-TFUE; u

(B) l-atti ta' implimentazzjoni u delegati, kif stabbilit fl-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE, rispettivament; u

(ii) għall-Ġappun:

(A) il-liġijiet;

(B) l-Ordnijiet tal-Kabinett; u

(C) l-Atti Ministerjali.

ARTIKOLU 18.3

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din it-Taqsima tapplika għal miżuri regolatorji maħruġa mill-awtorità regolatorja ta' Parti fir-rigward ta' kwalunkwe materja koperta minn dan il-Ftehim.

2. Is-Subtaqsimiet 3 u 4 japplikaw għall-miżuri oħra ta' applikazzjoni ġenerali maħruġa mill-awtorità regolatorja ta' Parti li huma rilevanti għall-attivitajiet ta' kooperazzjoni regolatorja, bħal linji gwida, dokumenti ta' politika jew rakkomandazzjonijiet, minbarra l-miżuri regolatorji msemmija fil-paragrafu 1.

SUBTAQSIMA 2

Prattiki regolatorji tajba

ARTIKOLU 18.4

Koordinazzjoni interna

Kull Parti għandha żżomm proċessi jew mekkaniżmi interni ta' koordinazzjoni biex trawwem prattiki regolatorji tajba, li jinkludu dawk stabbiliti f'din it-Taqsima.

ARTIKOLU 18.5

Proċessi u mekkaniżmi regolatorji

Kull Parti għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku deskrizzjonijiet tal-proċessi u tal-mekkaniżmi li skont dawn l-awtorità regolatorja tagħha tħejji, tevalwa u tirrieżamina l-miżuri regolatorji tagħha. Dawk id-deskrizzjonijiet għandhom jirreferu għal-linji gwida, għar-regoli jew għall-proċeduri rilevanti, li jinkludu dawk rigward opportunitajiet għall-pubbliku biex jipprovdi kummenti.

ARTIKOLU 18.6

Informazzjoni bikrija dwar miżuri regolatorji ppjanati

L-awtoritajiet regolatorji ta' kull Parti għandhom jagħmlu pubblikament disponibbli tal-anqas darba f'sena, lista ta' miżuri regolatorji ewlenin[1] ippjanati tagħha, flimkien ma' deskrizzjoni fil-qosor l-ambitu u l-għanijiet tagħhom, inkluż, jekk disponibbli, stima taż-żmien għall-adozzjoni tagħhom. B'mod alternattiv, jekk l-awtorità regolatorja ta' Parti ma jagħmel din il-lista disponibbli pubblikament, dik il-Parti għandha tipprovdi kull sena, u malajr kemm jista' jkun, il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Regolatorja stabbilit skont l-Artikolu 22.3 bil-lista flimkien ma' deskrizzjoni qasira. Dik il-lista flimkien mad-deskrizzjoni qasira, bl-eċċezzjoni tal-informazzjoni mmarkata bħala kunfidenzjali, tista' titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku mill-awtorità regolatorja ta' kull Parti.

[1] L-awtorità regolatorja ta' kull Parti tista' tiddetermina x'jikkostitwixxi miżuri regolatorji "ewlenin" għall-finijiet tal-obbligi tagħha skont din it-Taqsima.

ARTIKOLU 18.7

Konsultazzjonijiet pubbliċi

1. Meta tħejji miżuri regolatorji ewlenin, l-awtorità regolatorja ta' kull Parti għandha, fejn applikabbli, u f'konformità mar-regoli u mal-proċeduri rilevanti:

(a) tippubblika l-abbozz ta' miżuri regolatorji jew id-dokumenti ta' konsultazzjoni li jipprovdu biżżejjed dettalji dwar il-miżuri regolatorji li qed jitħejjew biex kwalunkwe persuna titħalla tivvaluta jekk u kif l-interessi tal-persuna jistgħu jiġu affettwati b'mod sinifikanti;

(b) toffri, fuq bażi nondiskriminatorja, opportunitajiet raġonevoli għal kwalunkwe persuna biex tipprovdi kummenti; u

(c) tikkunsidra l-kummenti riċevuti.

2. L-awtorità regolatorja ta' kull Parti għandha tuża l-mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni u tfittex li żżomm portal fuq il-web dedikat b'aċċess uniku għall-finijiet ta' forniment tal-informazzjoni u ta' riċevuta tal-kummenti relatati mal-konsultazzjonijiet pubbliċi.

3. L-awtorità regolatorja ta' kull Parti għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku kwalunkwe kumment riċevut jew sommarju tar-riżultati tal-konsultazzjonijiet. Dan l-obbligu ma japplikax sa fejn ikun hemm bżonn għall-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali, għaż-żamma ta' data personali jew ta' kontenut inadatt jew għal raġunijiet ġustifikati oħra bħar-riskju ta' dannu għall-interessi ta' parti terza.

ARTIKOLU 18.8

Valutazzjoni tal-impatt

1. L-awtorità regolatorja ta' kull Parti għandha tieħu impenn li twettaq b'mod sistematiku, f'konformità mar-regoli u mal-proċeduri rilevanti, valutazzjoni tal-impatt tal-miżuri regolatorji ewlenin li jkunu qed jitħejjew.

2. Meta twettaq valutazzjoni tal-impatt, l-awtorità regolatorja ta' kull Parti għandha tistabbilixxi u żżomm il-proċessi u l-mekkaniżmi li skont dawn se jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-fatturi li ġejjin:

(a) il-ħtieġa għall-miżura regolatorja, inklużi n-natura u s-sinifikat tal-kwistjoni li l-miżura regolatorja għandha l-għan li tindirizza;

(b) kwalunkwe alternattiva regolatorja jew mhux regolatorja fattibbli u xierqa, inkluża l-għażla ta' nonregolamentazzjoni, jekk disponibbli, li tkun tilħaq l-objettivi tal-ordni pubbliku tal-Parti;

(c) sa fejn possibbli u rilevanti, l-impatt soċjali, ekonomiku u ambjentali potenzjali ta' dawk l-alternattivi, inkluż fuq il-kummerċ u fuq l-intrapriżi żgħar u medji; u

(d) fejn xieraq, kif l-għażliet ikkunsidrati huma relatati ma' standards internazzjonali rilevanti, inkluża r-raġuni għal kwalunkwe diverġenza.

3. L-awtorità regolatorja ta' kull Parti għandha tippubblika s-sejbiet tal-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha mhux aktar tard mill-pubblikazzjoni tal-miżura regolatorja proposta jew finali relatata.

ARTIKOLU 18.9

Evalwazzjoni retrospettiva

1. L-awtorità regolatorja ta' kull Parti għandha żżomm proċessi jew mekkaniżmi biex tippromwovi l-evalwazzjoni retrospettiva tal-miżuri regolatorji fis-seħħ.

2. L-awtorità regolatorja ta' kull Parti għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-pjanijiet tagħha għat-tali evalwazzjonijiet retrospettivi u r-riżultati ta' dawn, sa fejn ikunu konsistenti mar-regoli u mal-proċeduri rilevanti.

ARTIKOLU 18.10

Opportunità ta’ sottomissjoni ta’ kummenti

Mingħajr ħsara għat-tfittix tal-objettivi tal-ordni pubbliku ta’ kull Parti, l-awtorità regolatorja ta’ kull Parti għandha tipprovdi opportunità biex kwalunkwe persuna tissottometti kummenti għat-titjib fil-miżuri regolatorji fis-seħħ, inklużi suġġerimenti għal simplifikazzjoni jew għal tnaqqis ta’ piżijiet żejda.

ARTIKOLU 18.11

Skambju ta’ informazzjoni dwar prattiki regolatorji tajba

L-awtoritajiet regolatorji għandhom jieħdu impenn li jiskambjaw informazzjoni, inkluż fil-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Regolatorja, dwar il-prattiki regolatorji tajba tagħhom kif imsemmi f’din is-Subtaqsima, bħal prattiki rigward valutazzjonijiet tal-impatt, inkluża l-valutazzjoni tal-effetti fuq il-kummerċ u l-investiment, jew dawk rigward evalwazzjonijiet retrospettivi.

SUBTAQSIMA 3

Kooperazzjoni regolatorja

ARTIKOLU 18.12

Attivitajiet ta’ kooperazzjoni regolatorja

1. Kull Parti tista’ tipproponi attività ta’ kooperazzjoni regolatorja lill-Parti l-oħra. Din għandha tippreżenta dik il-proposta permezz tal-punt ta’ kuntatt iddeżinjat f’konformità mal-Artikolu 18.15.

2. Il-Parti l-oħra għandha tirrieżamina l-proposta fi żmien debitu u għandha tinforma lill-Parti li tipproponi meta hi tqis li l-attività proposta tkun xierqa għal kooperazzjoni regolatorja.

3. Fuq it-talba ta’ Parti, il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Regolatorja għandu jiddiskuti proposta għal attivitajiet ta’ kooperazzjoni regolatorja msemmija fil-paragrafu 1.

4. Biex tidentifika l-attivitajiet xierqa għall-kooperazzjoni regolatorja, kull Parti għandha tqis:

(a) il-lista prevista fl-Artikolu 18.6; u

(b) il-proposti għall-attivitajiet ta' kooperazzjoni regolatorja sottomessi minn persuni ta' Parti li huma sostanzjati u akkumpanjati mill-informazzjoni rilevanti.

5. Jekk il-Partijiet jiddeċiedu li jidħlu f'attività ta' kooperazzjoni regolatorja, l-awtorità regolatorja ta' kull Parti għandha:

(a) tinforma lill-awtorità regolatorja tal-Parti l-oħra dwar l-iżvilupp ta' miżuri ġodda jew ir-reviżjoni ta' miżuri eżistenti li huma rilevanti għall-attività ta' kooperazzjoni regolatorja;

(b) fuq talba, tipprovdi informazzjoni u tiddiskuti miżuri li huma rilevanti għall-attività ta' kooperazzjoni regolatorja; u

(c) meta tiżviluppa miżuri regolatorji jew oħra ġodda jew tirrevedi dawk eżistenti, tikkunsidra, sa fejn possibbli, kwalunkwe approċċ regolatorju mill-Parti l-oħra dwar l-istess materja jew waħda relatata.

6. Il-Partijiet jistgħu jwettqu attivitajiet ta' kooperazzjoni regolatorja fuq bażi volontarja. Parti tista' tirrifjuta milli twettaq attivitajiet ta' kooperazzjoni regolatoraj jew tirtira minnhom. Parti li tirrifjuta milli twettaq attivitajiet ta' kooperazzjoni regolatoraj jew tirtira minnhom għandha tispjega r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha lill-Parti l-oħra.

7. Fejn xieraq, l-awtoritajiet reoglatorji jistgħu, b'kunsens reċiproku, jinkarigaw l-implimentazzjoni ta' attività ta' kooperazzjoni regolatorja lill-korpi rilevanti fil-Partijiet.

ARTIKOLU 18.13

Prattiki tajba għall-promozzjoni tal-komparabilità regolatorja

Biex tippromwovi l-komparabilità regolatorja, l-awtorità regolatorja ta' kull Parti għandha tikkunsidra, fost l-oħrajn, dawn li ġejjin:

(a) il-promozzjoni ta' prinċipji komuni, ta' linji gwida, ta' kodiċijiet tal-kondotta, tar-rikonoxximent reċiproku tal-ekwivalenza u tal-għodod ta' implimentazzjoni, biex jiġi evitat duplikar għalxejn tar-rekwiżiti regolatorji bħall-ittestjar, il-kwalifiki, l-awditi jew l-ispezzjonijiet; u

(b) il-kooperazzjoni bilaterali u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi f'fora internazzjonali rilevanti, fejn fattibbli, inkluż permezz ta' inizjattivi u ta' proposti konġunti, bl-għan li jiġu żviluppati u promossi l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' standards, ta' linji gwida jew ta' approċċi regolatorji internazzjonali oħra.

SUBTAQSIMA 4

Dispożizzjonijiet istituzzjonali

ARTIKOLU 18.14

Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Regolatorja

1. Il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Regolatorja mwaqqaf skont l-Artikolu 22.3 għandu jsaħħaħ u jippromwovi l-prattiki regolatorji tajba u l-kooperazzjoni regolatorja bejn il-Partijiet f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima.

2. Il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Regolatorja jista' jistieden lill-partijiet interessati jieħdu sehem fil-laqgħat tiegħu.

3. Il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Regolatorja jista', b'mod partikolari:

(a) jiddiskuti proposti għal attivitajiet ta' kooperazzjoni regolatorja;

(b) jiskambja informazzjoni dwar, u jippromwovi, prattiki regolatorji tajba;

(c) jirrakkomanda attivitajiet ta' kooperazzjoni regolatorja dwar materji ta' interess komuni għall-Partijiet, inklużi dawk dwar ir-riċerka preregolatorja;

(d) jippromwovi attivitajiet ta' kooperazzjoni regolatorja bilaterali bl-għan li jiffaċilita l-eżiti regolatorji kompatibbli f'kull Parti, b'mod partikolari f'oqsma fejn ma teżisti ebda miżura regolatorja jew fejn l-iżviluppi tagħhom ikunu fi stadju inizjali;

(e) jappoġġja l-iżvilupp ta' mekkaniżmi prattiċi, ta' għodod ta' implimentazzjoni u tal-aħjar prattiki għall-promozzjoni ta' prattiki regolatorji tajba u tal-kooperazzjoni regolatorja;

(f) iħeġġeġ il-kooperazzjoni regolatorja u l-koordinazzjoni f'fora internazzjonali, inkluż fi skambji bilaterali perjodiċi ta' informazzjoni dwar attivitajiet kurrenti jew ippjanati rilevanti;

(g) jidentifika b'mod perjodiku u japprova oqsma ta' prijorità tal-kooperazzjoni regolatorja;

(h) jipprovdi linji gwida, jekk ikun hemm bżonn, biex jgħin fis-simplifikazzjoni tal-kooperazzjoni regolatorja ta' kumitati speċjalizzati oħra msemmija fl-Artikolu 22.3 u ta' fora ta' kooperazzjoni regolatorja bilaterali oħra;

(i) jikkunsidra r-rapport dwar l-eżitu tal-konsultazzjonijiet imsemmi fil-paragrafu 8 tal-Artikolu 18.16 u jirrieżamina l-progress fl-implimentazzjoni tas-soluzzjoni sodisfaċenti msemmija fil-paragrafu 6 tal-Artikolu 18.16, jekk applikabbli; u

(j) jistabbilixxi, kif ikun hemm bżonn, gruppi ta' ħidma *ad hoc* biex iwettqu attivitajiet speċifiċi ta' kooperazzjoni regolatorja, li għandhom jirrapportaw lill-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Regolatorja.

4. Il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Regolatorja għandu:

(a) jiltaqa' fi żmien sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u tal-anqas sena wara, sakemm ir-rappreżentanti tal-Partijiet ma jiddeċidux mod ieħor; u

(b) jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu fl-ewwel laqgħa wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 18.15

Punti ta' kuntatt

Mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha tiddeżinja punt ta' kuntatt għall-implimentazzjoni ta' din it-Taqsima u għall-iskambju ta' informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 18.16 u tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta' kuntatt li jinkludu informazzjoni dwar l-uffiċjali rilevanti. Il-Partijiet minnufih għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar kwalunkwe tibdil f'dawk id-dettalji ta' kuntatt.

ARTIKOLU 18.16

Skambju ta’ informazzjoni dwar miżuri regolatorji ppjanati jew eżistenti

1. Parti tista’ tissottometti lill-Parti l-oħra talba għal informazzjoni u kjarifiki rigward miżuri regolatorji ppjanati jew eżistenti tal-Parti l-oħra. Il-Parti li lilha tkun indirizzata t-talba għandha tieħu impenn li twieġeb minnufih.

2. Parti tista’ tissottometti lill-Parti l-oħra talba biex tikkunsidra t-tħassib tagħha dwar miżura regolatorja ppjanata jew eżistenti tal-Parti l-oħra. Fit-talba tagħha, il-Parti rikjedenti għandha tidentifika l-miżura regolatorja inkwistjoni, tipprovdi deskrizzjoni tat-tħassib tagħha u, fejn rilevanti, tissottometti mistoqsijiet.

3. Sa mhux aktar tard minn 60 jum wara r-riċevuta tat-talba, il-Parti li twieġeb għandha tipprovdi, mill-aktar fis possibbli, sakemm ma jkollhiex ġustifikazzjoni, kummenti bil-miktub rigward it-tħassib imqajjem mill-Parti rikjedenti skont il-paragrafu 2. Dawk il-kummenti għandhom, sa fejn possibbli, jinkludu fost l-oħrajn l-objettiv tal-politika u r-raġunijiet tal-miżura regolatorja u, fejn applikabbli, spjegazzjoni dwar in-nuqqas ta’ miżura anqas restrittiva fuq il-kummerċ jew l-investiment li jista’ jilħaq l-istess objettiv tal-politika bl-istess effiċjenza. Il-Parti li twieġeb għandha twieġeb għal kwalunkwe mistoqsija għal kjarifika sottomessa mill-Parti rikjedenti.

4. Il-Parti rikjedenti tista’ titlob konsultazzjonijiet mal-Parti li twieġeb:

(a) wara r-riċevuta tal-kummenti bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 3; jew

(b) wara l-iskadenza tal-perjodu ta’ żmien imsemmi fil-paragrafu 3, jekk il-Parti li twieġeb ma tipprovdix kummenti bil-miktub fi ħdan dak il-perjodu.

5. Il-konsultazzjonijiet jistgħu jsiru permezz ta’ laqgħat wiċċ imb wiċċ jew b’mezzi elettroniċi. Kull Parti għandha taħtar uffiċjal responsabbli għat-tmexxija tal-laqgħat.

6. Matul il-konsultazzjonijiet, il-Partijiet għandhom jesploraw in bona fide soluzzjoni sodisfaċenti possibbli għall-indirizzar tat-tħassib tal-Parti rikjedenti, inklużi proposti għall-aġġustament
tal-miżura regolatorja inkwistjoni jew għall-adozzjoni ta’ miżura regolatorja anqas restrittiva fuq il-kummerċ jew l-investiment, fejn rilevanti.

7. Il-Partijiet m’għandhomx ikunu meħtieġa jiddivulgaw informazzjoni jew data kunfidenzjali jew sensittiva.

8. Rapport dwar l-eżitu tal-konsultazzjonijiet għandu jitħejja mill-Parti rikjedenti f’konsultazzjoni mal-Parti li twieġeb. Il-punt ta’ kuntatt tal-Parti rikjedenti għandu jibgħat ir-rapport lill-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Regolatorja għall-kunsiderazzjoni tiegħu.

9. It-talba msemmija fil-paragrafu 2 tista' tiġi sottomessa f'każijiet li fihom ma tintlaħaq ebda soluzzjoni sodisfaċenti fil-livell tal-kumitat speċjalizzat rilevanti u hi mingħajr ħsara għad-drittijiet u għall-obbligi tal-Partijiet skont il-Kapitou 21 jew skont il-proċedura ta' soluzzjoni tat-tilwim ta' kwalunkwe ftehim applikabbli ieħor.

10. It-taqsima msemmija fil-paragrafu 2 m'għandhiex teħtieġ li l-Parti li twieġeb tikseb eżitu regolatorju partikolari u m'għandhiex tittardja l-adozzjoni ta' miżura regolatorja.

TAQSIMA B

Benessri tal-annimali

ARTIKOLU 18.17

Benessri tal-annimali

1. Il-Partijiet se jikkooperaw għall-benefiċċju reċiproku tagħhom dwar materji tal-benessri tal-annimali b'enfasi fuq l-annimali mrobbija f'farms bl-għan li jtejbu l-fehim reċiproku tal-liġijiet u tar-regolamenti rispettivi tagħhom.

2. Għal dak l-għan, il-Partijiet jistgħu jadottaw b'kunsens reċiproku pjan ta' ħidma li jiddefinixxi l-prijoritajiet u l-kategoriji tal-annimali li għandhom jiġu indirizzati minn dan l-Artikolu, u jistabbilixxu Grupp ta' Ħidma Teknika dwar il-Benessri tal-Annimali biex jiskambja informazzjoni, għarfien espert u esperjenzi fil-qasam tal-benessri tal-annimali u jesplora l-possibbiltà ta' promozzjoni ta' kooperazzjoni ulterjuri.

TAQSIMA C

Dispożizzjonijiet finali

ARTIKOLU 18.18

Applikazzjoni tat-Taqsima A

1. Id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima A ma japplikax għat-Taqsima B u għall-kooperazzjoni regolatorja dwar ir-regolamentazzjoni finanzjarja prevista fis-Subtaqsima 5 tat-Taqsima E tal-Kapitolu 8.

2. Minkejja l-Artikolu 18.3, kwalunkwe dispożizzjoni speċifika f'Kapitoli oħra ta' dan il-Ftehim għandha tirbaħ fuq id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima A sa fejn hemm bżonn għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet speċifiċi.

ARTIKOLU 18.19

Soluzzjoni tat-tilwim

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu m'għandhomx ikunu soġġetti għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-Kapitolu 21.

KAPITOLU 19

KOOPERAZZJONI FIL-QASAM TAL-AGRIKOLTURA

ARTIKOLU 19.1

Objettivi

Il-partijiet jirrikonoxxu li l-promozzjoni tal-kummerċ fi prodotti agrikoli[1] u ikel bejniethom hija fl-interess reċiproku tagħhom, u għandhom l-għan li jippromwovu l-kooperazzjoni dwar l-agrikoltura sostenibbli, inkluż l-iżvilupp rurali u l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki biex jipprovdu ikel sikur u ta' kwalità għolja għall-konsumaturi fl-Unjoni Ewropea u fil-Ġappun.

[1] Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "prodotti agrikoli" ma tinkludix prodotti tal-forestrija jew tas-sajd.

ARTIKOLU 19.2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 19.1 f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti rispettivi tagħhom. Il-Partijiet għandhom iħeġġu u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn gruppi, entitajiet, awtoritajiet kompetenti u organizzazzjonijiet kompetenti oħra tal-Partijiet.

2. L-ambitu tal-kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkopri:

(a) il-promozzjoni tal-kummerċ fi prodotti agrikoli u fl-ikel, inkluż djalogu dwar ir-regolament rilevanti;

(b) il-kooperazzjoni bl-għan li jitjiebu l-ġestjoni, il-produttività u l-kompetittività tal-farms, inkluż l-iskambju tal-aħjar prattiki rigward l-agrikoltura sostenibbli, kif ukoll l-użu tat-teknoloġija u tal-innovazzjoni;

(c) il-kooperazzjoni fil-produzzjoni u fit-teknoloġija fl-agrikoltura u fl-ikel;

(d) il-kooperazzjoni rigward il-politika dwar il-kwalità tal-prodotti agrikoli, inklużi l-indikazzjonijiet ġeografiċi[1], dment li din il-kooperazzjoni ma tirkibx fuq il-kompiti relatati mal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Kumitat dwar il-Proprjetà Intellettwali stabbilit skont l-Artikolu 22.3;

[1] Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "politika dwar il-kwalità tal-prodotti agrikoli" fuq l-indikazzjonijiet ġeografiċi tirreferi għal politika dwar il-kwalità tal-prodotti agrikoli fuq indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti koperti mill-Artikolu 14.22.

(e) il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki għall-promozzjoni tal-iżvilupp rurali, bħal politiki li għandhom l-għan li jżommu lill-produtturi u lill-bdiewa żgħażagħ f'żoni rurali; u

(f) il-konsultazzjoni dwar materji oħra koperti mill-Artikolu 19.1 skont kif jistgħu jaqblu l-Partijiet.

ARTIKOLU 19.3

Kooperazzjoni għat-titjib tal-ambjent tan-negozju

1. F'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha, kull Parti għandha tieħu miżuri xierqa biex tkompli ttejjeb l-ambjent tan-negozju fil-qasam tal-agrikoltura u tal-ikel għal persuni tal-Parti l-oħra li jwettqu l-attivitajiet tan-negozju tagħhom fil-Parti msemmija l-ewwel.

2. Biex ikomplu jtejbu l-ambjent tan-negozju, il-Partijiet, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti rispettivi tagħhom, għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi u r-rappeżentanti tas-setturi agrikoli u tal-ikel rispettivi tal-Partijiet.

ARTIKOLU 19.4

Talba għal informazzjoni

Kull Parti tista' tissottometti lill-Parti l-oħra talba għal informazzjoni u kjarifiki rigward miżuri relatati mal-agrikoltura jew mal-ikel. Mill-aktar fis iżda mhux aktar tard minn 60 jum mir-riċevuta tat-talba, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor bejn il-Partijiet, il-Parti rikjesta għandha tipprovdi informazzjoni bil-miktub fir-rigward tat-talba magħmula mill-Parti rikjedenti.

ARTIKOLU 19.5

Kumitat dwar il-Kooperazzjoni fil-Qasam tal-Agrikoltura

1. Il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni fil-Qasam tal-Agrikoltura mwaqqaf skont l-Artikolu 22.3 (minn hawn 'il quddiem f'dan il-Kapitolu msejjaħ il-"Kumitat") għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni u għat-tħaddim effettivi ta' dan il-Kapitolu.

2. Il-Kumitat għandu jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) jiżgura u jirrieżamina l-implimentazzjoni u t-tħaddim ta' dan il-Kapitolu;

(b) jiddiskuti kwalunkwe kwistjoni relatata ma' dan il-Kapitolu;

(c) jirrapporta s-sejbiet tal-Kumitat lill-Kumitat Konġunt;

(d) jiffaċilita l-kooperazzjoni fost is-setturi privati tal-Partijiet li tikkontribwixxi għall-objettivi ta' dan il-Kapitolu; u

(e) iwettqu funzjonijiet oħra kif jista' jiġi ddelegat mill-Kumitat Konġunt skont is-subparagrafu 5(b) tal-Artikolu 22.1.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess u d-dettalji tal-kooperazzjoni msemmija f'dan il-Kapitolu.

4. Il-Kumitat jista', b'kunsens, jistieden rappreżentanti ta' entitajiet rilevanti oħra għajr il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern tal-Ġappun bl-għarfien espert meħtieġ rilevanti għall-kwistjonijiet li se jiġu diskussi.

ARTIKOLU 19.6

Punti ta’ kuntatt u komunikazzjonijiet

1. Mad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim, kull Parti għandha tiddeżinja tal-anqas punt ta’ kuntatt wieħed biex jiffaċilita l-komunikazzjoni bejn il-Partijiet dwar kwalunkwe materja relatata ma’ dan il-Kapitolu u tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta’ kuntatt li jinkludu informazzjoni dwar l-uffiċjali rilevanti. Il-Partijiet minnufih għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar kwalunkwe tibdil f’dawk id-dettalji ta’ kuntatt.

2. It-talbiet relatati ma’ dan il-Kapitolu mqajma minn entitajiet rilevanti f’Parti għajr il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern tal-Ġappun għandhom jiġu nnotifikati b’punt ta’ kuntatt ta’ dik il-Parti, il-punt ta’ kuntatt tal-Parti l-oħra msemmija f’dan l-Artikolu f’perjodu ta’ żmien raġonevoli.

3. Il-komunikazzjonijiet imsemmija f’dan il-Kapitolu għandhom isiru bl-Ingliż.

ARTIKOLU 19.7

Relazzjoni ma’ Kapitoli oħrajn

1. Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor bejn il-Partijiet, dan il-Kapitolu ma japplikax għal materji koperti mill-Kapitolu 2, 6, 7 jew 14.

2. Xejn f'dan il-Kapitolu m’għandu jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi ta’ kwalunkwe Parti skont il-Kapitoli 2, 6, 7 u 14.

ARTIKOLU 19.8

Soluzzjoni tat-tilwim

Id-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Kapitolu m’għandhomx ikunu soġġetti għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-Kapitolu 21.

&/mt 500

KAPITOLU 20

IMPRIŻI ŻGĦAR U MEDJI

Artikolu 20.1

Objettiv

Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu kif ukoll ta' dispożizzjonijiet oħra f'dan il-Ftehim li jfittxu li jsaħħu l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet f'materji ta' rilevanza għall-intrapriżi żgħar u medji (minn hawn 'il quddiem imsejħa "SMEs" f'dan il-Kapitolu) jew li jistgħu jkunu ta' benefiċċju partikolari għall-SMEs b'xi mod ieħor.

ARTIKOLU 20.2

Kondiviżjoni ta' informazzjoni

1. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew iżżomm is-sit web pubblikament aċċessibbli tagħha li jkun fih informazzjoni rigward dan il-Ftehim, inklużi:

(a) it-test ta' dan il-Ftehim, li jinkludi l-Annessi kollha tiegħu, b'mod partikolari l-iskedi tat-tariffi u r-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodotti;

(b) sommarju ta’ dan il-Ftehim; u

(c) informazzjoni mfassla għall-SMEs li fiha:

(i) deskrizzjoni tad-dispożizzjonijiet f’dan il-Ftehim li l-Parti tqis li huma rilevanti għall-SMEs; u

(ii) kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li l-Parti tqis li hi siewja għall-SMEs interessati li jibbenefikaw mill-opportunitajiet pprovduti minn dan il-Ftehim.

2. Kull Parti għandha tinkludi fis-sit web imsemmi fil-paragrafu 1 links għal:

(a) is-sit web ekwivalenti tal-Parti l-oħra;

(b) is-siti web tal-awtoritajiet tal-gvern tagħha u ta’ entitajiet xierqa oħra li jipprovdu informazzjoni li l-Parti tqis li hi utli għal persuni interessati fin-negozjar, fl-investiment jew fit-twettiq ta’ negozju f’dik il-Parti; u

(c) is-sit web taċ-Ċentru tal-UE-Ġappun għall-Kooperazzjoni Industrijali jew tal-organizzazzjoni suċċessur tiegħu.

3. Kull Parti għandha tiżgura li s-siti web illinkjati msemmija fis-subparagrafu 2(b) jipprovdu informazzjoni relatata ma':

(a) leġiżlazzjoni u proċeduri doganali, kif ukoll deskrizzjoni tal-proċeduri, tal-passi proċedurali, tal-forom, tad-dokumenti u ta' informazzjoni oħra meħtieġa għall-importazzjoni fit-territorju doganali ta' dik il-Parti, għall-esportazzjoni minn dan jew għat-tranżitu minn ġo fih;

(b) liġijiet u regolamenti, inklużi proċeduri, li jikkonċernaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

(c) regolamenti tekniċi u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità;

(d) miżuri sanitarji u fitosanitarji rilevanti għall-importazzjoni u għall-esportazzjoni;

(e) il-pubblikazzjoni tal-avviżi għall-akkwist pubbliku mill-gvern f'konformità mal-Artikolu 10.4 kif ukoll informazzjoni rilevanti oħra;

(f) proċeduri ta' reġistrazzjoni tan-negozju;

(g) taxxi miġbura matul il-proċeduri ta' importazzjoni, jekk applikabbli; u

(h) informazzjoni oħra li l-Parti tqis li hi siewja għall-SMEs.

4. Kull Parti għandha tinkludi fis-sit web imsemmi fil-paragrafu 1 link għal bażi ta' data li tista' titfittex b'mod elettroniku b'kodiċi tan-nomenklatura tariffarja u li tinkludi, jekk il-Parti tqisha applikabbli, l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-aċċess għas-suq tagħha:

(a) ir-rati ta' dazju doganali li għandhom jiġu applikati minn Parti għall-Protokoll ta' merkanziji li joriġinaw tal-Parti l-oħra, ir-rati tad-dazju doganali tan-nazzjon l-aktar iffavorit u tal-kwoti tariffarji stabbiliti mill-Istati Parti;

(b) tariffi doganali jew oħrajn, inklużi tariffi speċifiċi għall-prodotti, imposti fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni jew b'rabta ma' dawn;

(c) miżuri tariffarji oħra;

(d) regoli tal-oriġini;

(e) restituzzjoni tad-dazji, diferiment jew tipi oħra ta' ħelsien li jnaqqsu jew iroddu lura d-dazji doganali jew jagħtu eżenzjoni minnhom;

(f) kriterji użati għad-determinazzjoni tal-valur doganali tal-prodotti;

(g) rekwiżiti tal-markar tal-pajjiż ta' oriġini, inkluż it-tqegħid u l-metodu ta' markar; u

(h) miżuri relevanti oħra.

5. Kull Parti għandha tirrieżamina b'mod regolari, jew meta tintalab mill-Parti l-oħra, l-informazzjoni u l-links imsemmija fil-paragrafi 1 sa 4 biex tiżgura li dawn ikunu aġġornati u preċiżi.

6. Kull Parti għandha taħdem biex tiżgura li l-informazzjoni pprovduta skont dan l-Artikolu tiġi ppreżentata b'mod li jkun faċli għall-użu għall-SMEs. Kull Parti għandha tieħu impenn li tagħmel l-informazzjoni disponibbli bl-Ingliż.

7. M'għandha tiġi imposta ebda tariffa fuq kwalunkwe persuna ta' xi Parti għall-aċċess għall-informazzjoni pprovduta skont il-paragrafi 1 sa 4.

ARTIKOLU 20.3

Punti ta' Kuntatt għall-SMEs

1. Mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha tiddeżinja punt ta' kuntatt għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Punti ta' Kuntatt għall-SMEs" f'dan il-Kapitolu) u tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta' kuntatt li jinkludu informazzjoni dwar l-uffiċjali rilevanti. Il-Partijiet minnufih għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar kwalunkwe tibdil f'dawk id-dettalji ta' kuntatt.

2. F’konformità mar-regoli u mal-proċeduri ta’ kull Parti, il-Punti ta’ Kuntatt għall-SMEs għandu jkollhom il-funzjonijiet li ġejjin:

(a) jiżguraw li l-ħtiġijiet tal-SMEs jiġu kkunsidrati fl-implimentazzjoni ta’ dan il-Ftehim;

(b) jikkunsidraw modi kif isaħħu l-kooperazzjoni f’materji ta’ rilevanza għall-SMEs bejn il-Partijiet bl-għan li jżidu l-opportunitajiet kummerċjali u ta’ investiment għall-SMEs;

(c) jidentifikaw modi u jiskambjaw informazzjoni biex jippermettu lill-SMEs ta’ kull Parti jisfruttaw opportunitajiet ġodda skont dan il-Ftehim;

(d) jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-Artikolu 20.2 u jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta minn kull Parti tkun aġġornata u rilevanti għall-SMEs;

(e) jissottomettu b’mod regolari rapport dwar l-attivitajiet tagħhom u jagħmlu r-rakkomandazzjonijiet xierqa għall-Kumitat Konġunt; u

(f) jikkunsidraw kwalunkwe materja oħra ta’ rilevanza għall-SMEs li hi koperta minn dan il-Ftehim.

3. F’konformità mar-regoli u mal-proċeduri ta’ kull Parti, il-Punti ta’ Kuntatt għall-SMEs jistgħu jirrakkomandaw lill-Kumitat Konġunt l-inklużjoni ta’ informazzjoni addizzjonali mill-Partijiet fis-siti web rispettivi tagħhom imsemmija fl-Artikolu 20.2.

4. Il-Punti ta’ Kuntatt għall-SMEs għandhom jieħdu impenn li jindirizzaw kwalunkwe materja oħra ta’ interess għall-SMEs b’rabta mal-implimentazzjoni ta’ dan il-Ftehim, inkluż billi:

(a) jiskambjaw informazzjoni biex jassistu lill-Partijiet fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta’ dan il-Ftehim f’materji ta’ rilevanza għall-SMEs;

(b) jieħdu sehem fil-ħidma ta’ kumitati u ta’ gruppi ta’ ħidma speċjalizzati mwaqqfa skont dan il-Ftehim, inklużi materji ta’ kooperazzjoni regolatorja u kwistjonijiet nontariffarji, u jippreżentaw lil dawk il-kumitati u l-gruppi ta’ ħidma speċjalizzati, fl-oqsma ta’ kompetenza rispettivi tagħhom, materji speċifiċi ta’ interess partikolari għall-SMEs, filwaqt li jevitaw xogħol doppju; u

(c) jikkunsidraw soluzzjonijiet aċċettabbli għat-tnejn biex itejbu l-ħila tal-SMEs biex jinvolvu rwieħhom fil-kummerċ u fl-investiment bejn il-Partijiet.

5. Il-Punti ta’ Kuntatt għall-SMEs għandhom jiltaqgħu meta jkun hemm bżonn u għandhom iwettqu l-attivitajiet tagħhom permezz ta’ kanali xierqa ta’ komunikazzjoni, li jistgħu jinkludu l-posta elettronika, il-vidjokonferenza jew mezzi oħra.

6. Il-Punti ta’ Kuntatt għall-SMEs jistgħu jfittxu li jikkooperaw ma’ esperti fil-qasam tal-SMEs u ta’ organizzazzjonijiet esterni, kif xieraq, fit-twettiq tal-attivitajiet tagħhom.

ARTIKOLU 20.4

Soluzzjoni tat-tilwim

Id-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Kapitolu m’għandhomx ikunu soġġetti għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-Kapitolu 21.

KAPITOLU 21

SOLUZZJONI TAT-TILWIM

TAQSIMA A

Għan, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

ARTIKOLU 21.1

Objettiv

L-objettiv ta' dan il-Kapitolu hu li jistabbilixxi mekkaniżmu effettiv u effiċjenti għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn il-Partijiet rigward l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim bl-għan li tinstab soluzzjoni maqbula reċiprokament.

ARTIKOLU 21.2

Kamp ta' applikazzjoni

Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor f'dan il-Ftehim, dan il-Kapitolu japplika fir-rigward tas-soluzzjoni ta' kwalunkwe tilwim bejn il-Partijiet rigward l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 21.3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ dan il-Kapitolu:

(a) “arbitratur” tfisser membru ta’ bord;

(b) “każijiet ta’ urġenza” u “materji ta’ urġenza” jinkludu dak li jikkonċernaw prodotti jew servizzi li malajr jitilfu l-kwalità, il-kundizzjoni kurrenti jew il-valur kummerċjali tagħhom f’perjodu qasir ta’ żmien;

(c) “Kodiċi ta’ Kondotta” tfisser il-Kodiċi ta’ Kondotta għall-Arbitraturi msemmija fl-Artikolu 21.30;

(d) “Parti li tilmenta” tfisser il-Parti li titlob it-twaqqif ta’ bord skont l-Artikolu 21.7;

(e) “dispożizzjonijiet koperti” tfisser id-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Ftehim koperti minn dan il-Kapitolu f’konformità mal-Artikolu 21.2;

(f) “DSB” tfisser il-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO;

(g) “bord” tfisser bord imwaqqaf skont l-Artikolu 21.7;

(h) “Parti li jsir ilment fil-konfront tagħha” tfisser il-Parti li kontrieha jsir ilment quddiem bord skont l-Artikolu 21.7; u

(i) “Regoli ta’ Proċedura” tfisser ir-Regoli ta’ Proċedura ta’ Bord imsemmija fl-Artikolu 21.30.

TAQSIMA B

Konsultazzjonijiet u medjazzjoni

ARTIKOLU 21.4

Talba għal informazzjoni

Qabel ma ssir talba għal konsultazzjonijiet jew għal medjazzjoni skont l-Artikolu 21.5 jew 21.6 rispettivament, Parti tista’ titlob bil-miktub kwalunkwe informazzjoni rilevanti fir-rigward ta’ miżura inkwistjoni. Il-Parti li lilha ssir dik it-talba għandha tagħmel kull sforz biex tipprovdi l-informazzjoni mitluba fi tweġiba bil-miktub li għandha tiġi sottomessa mhux aktar tard minn 20 jum mid-data tar-riċevuta tat-talba.

ARTIKOLU 21.5

Konsultazzjonijiet

1. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex isolvu kull tilwim imsemmi fl-Artikolu 21.2 permezz ta' konsultazzjonijiet in bona fide bl-għan li tintlaħaq soluzzjoni reċiproka.

2. Parti tista' tfittex konsultazzjonijiet permezz ta' talba bil-miktub lill-Parti l-oħra. Fit-talba għall-konsultazzjonijiet, il-Parti li talbet il-konsultazzjonijiet għandha tagħti r-raġunijiet għat-talba, inkluża identifikazzjoni tal-miżura inkwistjoni u indikazzjoni tal-bażi fattwali u tal-bażi ġuridika tagħha filwaqt li tispeċifika d-dispożizzjonijiet koperti rilevanti.

3. Matul il-konsultazzjonijiet kull Parti għandha tipprovdi biżżejjed informazzjoni biex tkun tista' ssir eżaminazzjoni sħiħa tal-miżura inkwistjoni inkluż kif dik il-miżura tista' taffettwa t-tħaddim u l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim.

4. Il-Parti li lilha ssir it-talba għal konsultazzjonijiet għandha twieġeb mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data tar-riċevuta tat-talba. Il-Partijiet għandhom jidħlu f'konsultazzjonijiet mhux aktar tard minn 30 jum mid-data tar-riċevuta tat-talba. Il-konsultazzjonijiet għandhom jitqiesu li huma konklużi fi żmien 45 jum mid-data tar-riċevuta tat-talba, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor. Meta ż-żewġ Partijiet iqsu li l-każ jikkonċerna materji ta' urġenza, il-konsultazzjonijiet għandhom jitqiesu li huma konklużi fi żmien 45 jum mid-data tar-riċevuta tat-talba, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor.

5. Il-konsultazzjonijiet jistgħu jsiru wiċċ imb wiċċ jew inkella bi kwalunkwe mezz ieħor ta' komunikazzjoni miftiehem mill-Partijiet. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, il-konsultazzjonijiet, jekk isiru wiċċ imb wiċċ, għandhom isiru fil-Parti li lilha ssir it-talba.

6. Il-konsultazzjonijiet, li jinkludu l-informazzjoni kollha ddivulgata u l-pożizzjonijiet meħuda mill-Partijiet matul dawk il-proċedimenti, għandhom ikunu kunfidenzjali, u mingħajr ħsara għad-drittijiet ta' kwalunkwe Parti fi kwalunkwe proċediment ulterjuri.

ARTIKOLU 21.6

Medjazzjoni

1. Fi kwalunkwe ħin Parti tista' titlob lill-Parti l-oħra biex jidħlu fi proċedura ta' medjazzjoni rigward kull materja fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu rigward miżura li taffettwa b'mod ħażin il-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet.

2. Fi kwalunkwe ħin il-Partijiet jistgħu jaqblu li jidħlu fi proċedura ta' medjazzjoni li għandha titnieda, titmexxa u tiġi tterminata f'konformità mal-Proċedura ta' Medjazzjoni li għandha tiġi adottata mill-Kumitat Konġunt fl-ewwel laqgħa tiegħu skont is-subparagrafu 4(f) tal-Artikolu 22.1.

3. Jekk il-Partijiet jaqblu, il-proċedura ta' medjazzjoni tista' tkompli filwaqt li jipproċedu l-proċeduri tal-bord stabbiliti fit-Taqsima C.

TAQSIMA C

Proċedura tal-bord

ARTIKOLU 21.7

Stabbiliment ta’ bord

1. Il-Parti li fittxet il-konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 21.5 tista’ titlob it-twaqqif ta’ bord jekk:

(a) il-Parti l-oħra ma tweġibx għat-talba għal konsultazzjonijiet fi żmien 10 ijiem wara d-data tar-riċevuta ta’ din, jew ma tidħolx f’konsultazzjonijiet fi żmien 30 jum mid-data tar-riċevuta tat-talba;

(b) il-Partijiet jaqblu li ma jidħlux f’konsultazzjonijiet; jew

(c) il-Partijiet jonqsu milli jsolvu t-tilwima permezz ta’ konsultazzjonijiet fi żmien 45 jum, jew fi żmien 25 jum f’każijiet ta’ urġenza, wara d-data ta’ riċevuta tat-talba għal konsultazzjonijiet, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor.

2. It-talba għat-twaqqif ta' bord skont il-paragrafu 1 għandha ssir bil-miktub lill-Parti li kontrieha jsir ilment. Fl-ilment tagħha, il-Parti li tilmenta għandha tidentifika b'mod espliċitu:

(a) il-miżura inkwistjoni;

(b) il-bażi ġuridika li tispeċifika d-dispożizzjonijiet koperti rilevanti b'tali mod li tippreżenta biċ-ċar kif it-tali miżura hi inkonsistenti ma' dawk id-dispożizzjonijiet; u

(c) il-bażi fattwali.

ARTIKOLU 21.8

Kompożizzjoni ta' bord

1. Għandu jitwaqqaf bord magħmul minn tliet arbitri.

2. Mhux aktar tard minn 10 ijiem mid-data tar-riċevuta tat-talba għat-twaqqif ta' bord mill-Parti li kontrieha jsir ilment, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw bl-għan li jilħqu fteħim dwar il-kompożizzjoni tal-bord.

3. Jekk il-Partijiet ma jaqblux fuq il-kompożizzjoni tal-bord fi ħdan il-perjodu previst fil-paragrafu 2, kull Parti għandha taħtar arbitru mis-sublista għal dik il-Parti stabbilita skont l-Artikolu 21.9 mhux aktar tard minn ħamest ijiem mill-iskadenza tal-perjodu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 2. Jekk Parti tonqos milli taħtar arbitru fi ħdan dak il-perjodu ta' żmien, il-Kopresident tal-Kumitat Konġunt mill-Parti li tilmenta għandu jagħżel b'lott, mhux aktar tard minn ħamest ijiem mill-iskadenza tal-perjodu ta' żmien, arbitru mis-sublista għall-Parti li tkun naqset milli taħtar arbitru stabbilit skont l-Artikolu 21.9. Il-Kopresident tal-Kumitat Konġunt mill-Parti li tilmenta jista' jiddelega l-għażla b'lott tal-arbitru lir-rappreżentant tiegħu.

4. Jekk il-Partijiet ma jaqblux dwar il-President tal-bord fi ħdan il-perjodu stabbilit fil-paragrafu 2, fuq talba ta' Parti, il-Kopresident tal-Kumitat Konġunt mill-Parti li tilmenta għandu jagħżel b'lott, mhux aktar tard minn ħamest ijiem mid-data tal-wasla tat-talba, il-President tal-brod mis-sublista ta' Presidenti stabbilita skont l-Artikolu 21.9. Dik it-talba għandha tiġi nnotifikata lill-Parti l-oħra fl-istess ħin. Il-Kopresident tal-Kumitat Konġunt mill-Parti li tilmenta jista' jiddelega l-għażla b'lott tal-President tal-bord lir-rappreżentant tiegħu.

5. Jekk il-listi stabbiliti fl-Artikolu 21.9 ma jiġux stabbiliti jew ma jkunx fihom tal-anqas disa' individwi kif imsemmi f'dak l-Artikolu, japplikaw il-proċeduri li ġejjin:

(a) għall-għażla tal-President:

(i) jekk is-sublista ta' Presidenti fiha tal-anqas żewġ individwi maqbula mill-Partijiet, il-Kopresident tal-Kumitat Konġunt mill-Parti li tilmenta għandu jagħżel b'lott il-President minn fost dawk l-individwi mhux aktar tard minn ħamest ijiem mid-data tal-wasla tat-talba msemmija fil-paragrafu 4;

(ii) jekk is-sublista ta' Presidenti fiha individwu wieħed maqbul mill-Partijiet, dak l-individwu għandu jaġixxi bħala l-President; jew

(iii) jekk il-Partijiet jonqsu milli jagħżlu President skont is-subparagrafu (i) jew (ii), jew jekk is-sublista ta' Presidenti ma fiha ebda individwu maqbul mill-Partijiet, il-Kopresident tal-Kumitat Konġunt mill-Parti li tilmenta għandu, mhux aktar tard minn ħamest ijiem mid-data tal-wasla tat-talba msemmija fil-paragrafu 4, jagħżel b'lott il-President mill-individwu li ġew formalment proposti minn Parti bħala President fi żmien it-twaqqif jew l-aġġornar tal-lista ta' arbitri msemmija fl-Artikolu 21.9. Parti tista' tipproponi individwu ġdid, jekk individwu li kien ġie formalment propost bħala President minn dik il-Parti ma jibqax disponibbli; u

(b) għall-għażla ta' arbitru li mhuwiex il-President:

(i) jekk is-sublista ta' Parti fiha tal-anqas żewġ individwi maqbula mill-Partijiet, dik il-Parti għandha tagħżel arbitru minn dawk l-individwi mhux aktar tard minn ħamest ijiem wara l-iskadenza tal-perjodu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 2;

(ii) jekk is-sublista ta' Parti fiha individwu wieħed maqbul mill-Partijiet, dak l-individwu għandu jaġixxi bħala arbitru; jew

(iii) jekk arbitratur ma jistax jingħażel skont is-subparagrafu (i) jew (ii) jew jekk is-sublista ta' arbitri ta' Parti ma fiha ebda individwu maqbul mill-Partijiet, il-Kopresident tal-Kumitat Konġunt mill-Parti li tilmenta għandu jagħżel arbitru billi japplika *mutatis mutandis* il-proċedura msemmija fis-subparagrafu (a).

6. Id-data ta' twaqqif tal-bord għandha tkun id-data li fiha l-aħħar wieħed mit-tliet arbitri jinnotifika lill-Partijiet l-aċċettazzjoni tal-ħatra tiegħu.

ARTIKOLU 21.9

Lista tal-arbitri

1. Fl-ewwel laqgħa tiegħu skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 22.1, il-Kumitat Konġunt għandu jistabbilixxi lista ta' tal-anqas disa' individwi li li jkunu lesti u kapaċi li jagħmluha ta' arbitri. Il-lista għandha tkun magħmula minn tliet sublisti: sublista għal kull Parti u sublista għal individwi li ma jkunu ċittadini tal-ebda Parti u li għandhom iservu bħala l-President tal-grupp. Kull sublista għandha tinkludi tal-anqas tliet individwi. Għall-istabbiliment jew għal aġġornament tas-sublista ta' Presidenti, kull Parti tista' tipproponi sa tliet individwi. Il-Kumitat Konġunt se jiżgura li n-numru ta' individwi fil-lista ta' arbitraturi dejjem jinżamm fil-livell meħtieġ minn dan il-paragrafu.

2. Il-Kumitat Konġunt jista' jistabbilixxi lista addizzjonali, li tikkonsisti f'individwi b'għarfien espert muri f'setturi speċifiċi koperti minn dan il-Ftehim, li tista' tintuża biex jissawwar il-bord.

ARTIKOLU 21.10

Kwalifiki tal-arbitri

L-arbitri kollha:

(a) għandu jkollhom għarfien espert bil-provi fil-liġi, fil-kummerċ internazzjonali u f'materji oħra koperti minn dan il-Ftehim u, fil-każ ta' President, ikollu esperjenza fi proċedimenti ta' arbitraġġ ukoll;

(b) għandhom ikunu indipendenti mill-Partijiet, ma jkunux affiljati magħhom u lanqas ma jieħdu struzzjonijiet mingħandhom.

(c) għandhom iservu fil-kapaċitajiet individwali tagħhom u ma jiħdux struzzjonijiet mingħand kwalunkwe organizzazzjoni jew gvern fir-rigward ta' materji relatati mat-tilwima; u

(d) għandhom jikkonformaw mal-Kodiċi ta' Kondotta.

ARTIKOLU 21.11

Sostituzzjoni tal-arbitri

Jekk fi proċedimenti ta' arbitraġġ skont dan il-Kapitolu, kwalunkwe wieħed mill-arbitri tal-bord oriġinali ma jkunx jista' jieħu sehem, jirtira jew ikollu bżonn jiġi ssostitwit għaliex dak l-arbitratur ma jkunx konformi mar-rekwiżiti tal-Kodiċi ta' Kondotta, għandha tkun tapplika l-proċeura stabbilita fl-Artikolu 21.8.

ARTIKOLU 21.12

Funzjoni tal-bords

Il-bord imwaqqaf skont l-Artikolu 21.7:

(a) għandu jagħmel valutazzjoni oġġettiva tal-materja quddiemu, li tinkludi valutazzjoni oġġettiva tal-fatti tal-każ u tal-applikabbiltà tal-miżuri inkwistjoni u tal-konformità ta' dawn mad-dispożizzjonijiet koperti;

(b) għandu jistabbilixxi, fid-deċiżjonijiet tiegħu, is-sejbiet tal-fatt u tad-dritt u r-raġunijiet wara kwalunkwe sejba u konklużjoni li jagħmel; u

(c) għandu jikkonsulta b'mod regolari mal-Partijiet u jipprovdi opportunitajiet adegwati għas-sejbien ta' soluzzjoni maqbula reċiprokament.

ARTIKOLU 21.13

Termini ta’ referenza

1. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor mhux aktar tard minn 10 ijiem mid-data tat-twaqqif tal-bord, it-termini ta’ referenza tal-bord għandhom ikunu:
“li jeżamina, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet koperti rilevanti ta’ dan il-Ftehim iċċitati mill-Partijiet, il-materja msemmija fit-talba għat-twaqqif tal-bord, biex jiddeċiedi dwar il-konformità tal-miżura inkwistjoni mad-dispożizzjonijiet koperti rilevanti ta’ dan il-Ftehim u joħroġ rapport f’konformità mal-Artikoli 21.18 u 21.19”.

2. Jekk il-Partijiet jaqblu dwar termini ta’ referenza oħra differenti minn dawk imsemmija fil-paragrafu 1, dawn għandhom jinnotifikaw it-termini ta’ referenza maqbula lill-bord sa mhux aktar tard minn tliet ijiem wara l-ftehim tagħhom.

ARTIKOLU 21.14

Deċiżjoni dwar l-urġenza

Jekk Parti titlob hekk, il-bord għandu jiddeċiedi, mhux aktar tard minn 15-il jum mid-data ta’ twaqqif tiegħu, jekk tilwima tikkonċernax materji ta’ urġenza.

ARTIKOLU 21.15

Proċedimenti tal-bord

1. Kwalunkwe smigħ tal-bord għandu jkun miftuħ għall-pubbliku sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor jew dment li s-sottomissjonijiet u l-argumenti ta' Parti ma jkunx fihom informazzjoni kunfidenzjali. Is-smigħ li jsir f'sessjoni magħluqa għandu jkun kunfidenzjali.

2. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, il-post għandu jiġi alternat bejn il-Partijiet bl-ewwel smigħ li jsir fil-Parti li kontrieha jsir ilment.

3. Il-bord u l-Partijiet għandhom iqisu bħala kunfidenzjali kwalunkwe informazzjoni sottomessa minn Parti lill-bord li dik il-Parti tkun iddeżinjat bħala kunfidenzjali. Meta dik il-Parti tissottometti verżjoni kunfudenzjali tas-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha lill-bord, din għandha tipprovdi wkoll, fuq talba tal-Parti l-oħra, sommarju mhux kunfidenzjali tal-informazzjoni li tinsab fis-sottomissjonijiet tagħha li jista' jiġi ddivulgat lill-pubbliku bi spjegazzjoni dwar għaliex l-informazzjoni mhux iddivulgata hi kunfidenzjali.

4. Id-deliberazzjonijiet tal-bord għandhom jinżammu kunfidenzjali.

5. Il-Partijiet għandhom jingħataw l-opportunità li jattendu kwalunkwe waħda mill-preżentazzjonijiet, mid-dikjarazzjonijiet, mill-argumenti jew mir-repliki fil-proċedimenti. Il-Partijiet għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' xulxin kwalunkwe informazzjoni jew sottomissjoni bil-miktub sottomessa lill-bord, inkluż kwalunkwe kumment dwar il-parti deskrittiva tar-rapport interim, tat-tweġibiet għall-mistoqsijiet u tal-kummenti bil-miktub dwar dawk it-tweġibiet.

6. Ir-rapport interim u r-rapport finali għandhom jiġu abbozzati mingħajr il-preżenza tal-Partijiet, u fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta u tad-dikjarazzjonijiet magħmula. L-arbitri għandhom jassumu responsabbiltà sħiħa għall-abbozzar tar-rapporti u m'għandhomx jiddelegaw din ir-responsabbiltà lil xi persuna oħra.

7. Il-bord għandu jipprova jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu, inkluż meta jagħmel ir-rapport finali tiegħu, b'kunsens. Jista' jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu, inkluż meta jagħmel ir-rapport finali tiegħu, b'vot tal-maġġoranza meta ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens dwar deċiżjoni. Opinjonijiet kuntrarji tal-arbitraturi m'għandhomx jiġu ppubblikati.

8. Id-deċiżjonijiet tal-bord għandhom ikunu finali u jorbtu legalment fuq il-Partijiet. Dawn għandhom jiġu aċċettati mingħajr kundizzjonijiet mill-Partijiet. Dawn m'għandhomx iżidu jew inaqqsu d-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont dan il-Ftehim. Dawn m'għandhomx jiġu interpretati bħala li joħolqu drittijiet għall-persuni u obbligi fuqhom.

ARTIKOLU 21.16

Regoli tal-interpretazzjoni

Il-bord għandu jinterpreta d-dispożizzjonijiet koperti f'konformità mar-regoli abitwali tal-interpretazzjoni tad-dritt internazzjonali pubbliku, inklużi dawk kodifikati fil-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati. Il-bord għandu jqis ukoll l-interpretazzjonijiet rilevanti fil-bord u r-rapporti tal-Korp tal-Appell adottati mid-DSB.

ARTIKOLU 21.17

Riċevuta tal-informazzjoni

1. Fuq talba ta' Parti, jew fuq inizjattiva tiegħu stess, il-bord jista' jfittex mingħand il-Partijiet l-informazzjoni rilevanti li hu jqis li hi neċessarja u xierqa. Il-Partijiet għandhom iwieġbu mill-ewwel u b'mod sħiħ għal kwalunkwe talba mill-bord għal informazzjoni.

2. Fuq talba ta' Parti, jew fuq inizjattiva tiegħu stess, il-bord jista' jfittex mingħand kwalunkwe sors kwalunkwe informazzjoni, li tinkludi informazzjoni kunfidenzjali, li hu jqis li hi xierqa. Il-bord għandu d-dritt li jfittex l-opinjoni ta' esperti li hu jqis xierqa.

3. Persuni fiżiċi ta' Parti jew persuni ġuridiċi stabbiliti f'Parti jistgħu jissottomettu sommarji tal-fatti *amicus curiae* quddiem il-bord f'konformità mar-Regoli ta' Proċedura.

4. Kwalunkwe informazzjoni miksuba mill-bord skont dan l-Artikolu għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Partijiet u l-Partijiet jistgħu jissottomettu l-kummenti dwar dik l-informazzjoni lill-bord.

ARTIKOLU 21.18

Rapport interim

1. Il-bord għandu joħroġ rapport interim lill-Partijiet li jistabbilixxi parti deskrittiva u s-sejbiet u l-konklużjonijiet tiegħu mhux aktar tard minn 120 jum mid-data tat-twaqqif tiegħu b'mod li jippermetti lill-Partijiet jirrieżaminawh. Meta l-bord iqis li din l-iskadenza ma tistax tintlaħaq, il-President tal-bord għandu jinforma bil-miktub lill-Partijiet, fejn jiddikjara r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha l-bord jippjana li joħroġ ir-rapport interim tiegħu. Id-dewmien fl-ebda ċirkustanza ma għandu jaqbeż it-30 jum mill-iskadenza.

2. Kull Parti tista' tissottometti kummenti bil-miktub u talba bil-miktub lill-bord biex jirrieżamina aspetti preċiżi tar-rapport interim sa mhux aktar tard minn 15-il jum mid-data tal-ħruġ tar-rapport interim. Wara li jikkunsidra kull kumment u talba bil-miktub mingħand kull Parti dwar ir-rapport interim, il-bord jista' jimmodifika r-rapport interim u jagħmel kull eżaminazzjoni ulterjuri li jqis xierqa.

3. F’każijiet ta’ urġenza,

(a) il-bord għandu jagħmel kull sforz biex joħroġ ir-rapport interim tiegħu mhux aktar tard minn 60 jum mid-data tat-twaqqif tiegħu u fl-ebda ċirkustanza m’għandu joħroġ ir-rapport interim wara 75 jum mid-data tat-twaqqif tiegħu; u

(b) kull Parti tista’ tissottometti kummenti bil-miktub u talba bil-miktub lill-bord biex jirrieżamina aspetti preċiżi tar-rapport interim sa mhux aktar tard minn sebat ijiem mid-data tal-ħruġ tar-rapport interim.

ARTIKOLU 21.19

Rapport finali

1. Il-bord għandu joħroġ ir-rapport finali tiegħu lill-Partijiet mhux aktar tard minn 30 jum mid-data tal-ħruġ tar-rapport interim. Meta l-bord iqis li din l-iskadenza ma tistax tintlaħaq, il-President tal-bord għandu jinforma bil-miktub lill-Partijiet, fejn jiddikjara r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha l-bord jippjana li joħroġ ir-rapport finali tiegħu. Id-dewmien fl-ebda ċirkustanza ma għandu jaqbeż it-30 jum mill-iskadenza.

2. F’każijiet ta’ urġenza, il-bord għandu jagħmel kull sforz biex joħroġ ir-rapport finali tiegħu mhux aktar tard minn 15-il jum mid-data tal-ħruġ tar-rapport interim u fl-ebda ċirkustanza m’għandu joħroġ ir-rapport finali wara 30 jum mid-data tal-ħruġ tar-rapport interim.

3. Ir-rapport finali għandu jinkludi fih diskussjoni adegwata ta’ kwalunkwe kumment u talba bil-miktub li jsiru mill-Partijiet dwar ir-rapport interim. Fir-rapport finali tiegħu, il-bord jista’ jissuġġerixxi modi kif jista’ jiġi implimentat ir-rapport finali.

4. Il-Partijiet għandhom jagħmlu r-rapport finali disponibbli pubblikament fis-sħuħija tiegħu mhux aktar tard minn 10 ijiem mid-data tal-ħruġ tiegħu sakemm ma jiddeċidux, biex jipproteġu l-informazzjoni kunfidenzjali, li jippubblikaw partijiet biss mir-rapport finali, jew li ma jippubblikawx ir-rapport finali.

ARTIKOLU 21.20

Konformità mar-rapport finali

1. Il-Parti li jsir ilment kontrieha għandha tieħu kull miżura meħtieġa biex tkun konformi minnufih u f’bona fide mar-rapport finali maħruġ skont l-Artikolu 21.19.

2. Mhux aktar tard minn 30 jum mid-data tal-ħruġ tar-rapport finali, il-Parti li kontrieha jsir ilment għandha tinnotifika lill-Parti li tilmenta dwar it-tul tal-perjodu ta' żmien raġonevoli għall-konformità mar-rapport finali u l-Partijiet se jieħdu impenn li jaqblu dwar il-perjodu ta' żmien raġonevoli meħtieġ għall-konformità. Jekk ikun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-Partijiet rigward it-tul tal-perjodu raġonevoli ta' żmien, il-Parti li tilmenta tista', mhux aktar tard minn 20 jum mid-data tar-riċevuta tan-notifika magħmula f'konformità ma' dan il-paragrafu mill-Parti li kontrieha jsir ilment, titlob bil-miktub lill-bord oriġinali biex jiddetermina t-tul tal-perjodu ta' żmien raġonevoli. Talba bħal din għandha tiġi nnotifikata lill-Parti li kontrieha jsir ilment fl-istess ħin. Il-bord oriġinali għandu jinnotifika d-determinazzjoni tiegħu lill-Partijiet sa mhux aktar tard minn 30 jum mid-data ta' sottomissjoni tat-talba.

3. It-tul tal-perjodu ta' żmien raġonevoli għall-konformità mar-rapport finali jista' jiġi estiż bi qbil reċiproku bejn il-Partijiet.

4. Il-Parti li kontrieha jsir ilment għandha tinforma bil-miktub lill-Parti li tilmenta dwar il-progress tagħha biex tikkonforma mar-rapport finali tal-anqas xahar qabel ma jiskadi l-perjodu ta' żmien raġonevoli għall-konformità mar-rapport finali sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor.

ARTIKOLU 21.21

Rieżami tal-konformità

1. Il-Parti li kontrieha jsir ilment għandha, mhux aktar tard mid-data ta' skadenza tal-perjodu ta' żmien raġonevoli għall-konformità mar-rapport finali, tinnotifika lill-Parti li tilmenta dwar kwalunkwe miżura meħuda biex tikkonforma mar-rapport finali.

2. Meta jkun hemm nuqqas ta' qbil dwar l-eżistenza tal-miżuri meħuda għall-konformità mar-rapport finali, jew il-konsistenza tagħhom mad-dispożizzjonijiet koperti, il-Parti li tilmenta tista' titlob lill-bord oriġinali bil-miktub biex jeżamina l-materja. Dik it-talba għandha tiġi nnotifikata lill-Parti li kontrieha jsir ilment fl-istess ħin.

3. It-talba msemmija fil-paragrafu 2 għandha tipprovdi l-bażi fattwali u ġuridika għall-ilment, inklużi l-miżuri speċifiċi inkwistjoni, b'tali mod li tippreżenta biċ-ċar kif it-tali miżuri huma inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet koperti rilevanti.

4. Il-bord għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-Partijiet sa mhux aktar tard minn 30 jum mid-data ta' riferiment tal-materja.

ARTIKOLU 21.22

Rimedji temporanji f'każ ta' nonkonformità

1. Il-Parti li kontrieha jsir ilment għandha, fuq talba tal-Parti li tilmenta, tidħol f'konsultazzjonijiet bl-għan li taqbel dwar kumpens sodisfaċenti b'mod reċiproku jew dwar kwalunkwe arranġament alternattiv jekk:

(a) f'konformità mal-Artikolu 21.21 il-bord oriġinali jsib li l-miżuri meħuda għall-konformità mar-rapport finali kif notifikat mill-Parti li kontrieha jsir ilment ikunu inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet koperti rilevanti;

(b) il-Parti li kontrieha jsir ilment tonqos milli tinnotifika kwalunkwe miżura meħuda għall-konformità mar-rapport finali qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' żmien raġonevoli determinat f'konformità mal-paragrafu 2 tal-Artikolu 21.20; jew

(c) il-Parti li kontrieha jsir ilment tinnotifika lill-Parti li tilmenta li hu imprattikabbli li tinżamm konformità mar-rapport finali fi ħdan il-perjodu ta' żmien raġonevoli determinat f'konformità mal-paragrafu 2 tal-Artikolu 21.20.

2. Jekk il-Parti li tilmenta tiddeċiedi li ma tagħmilx talba f'konformità mal-paragrafu 1 jew jekk issir talba u ma jintlaħaq qbil fuq ebda kumpens sodisfaċenti b'mod reċiproku u lanqas fuq kwalunkwe arranġament alternattiv fi żmien 20 jum mid-data tar-riċevuta tat-talba magħmula f'konformità mal-paragrafu 1, il-Parti li tilmenta tista' tinnotifika bil-miktub lill-Parti li kontrieha jsir ilment li hi jkun biħsiebha tissospendi l-applikazzjoni għall-Parti li kontrieha jsir ilment tal-konċessjonijiet jew ta' obbligi oħra skont id-dispożizzjonijiet koperti. In-notifika għandha tispeċifika l-livell ta' sospensjoni maħsuba ta' konċessjonijiet jew ta' obbligi oħra.

3. Il-Parti li tilmenta għandu jkollha d-dritt li timplimenta s-sospensjoni tal-konċessjonijiet jew ta' obbligi oħra msemmija fil-paragrafu ta' qabel 15-il jum wara d-data tar-riċevuta tan-notifika mill-Parti li kontrieha jsir ilment, sakemm il-Parti ma li kontrieha jsir ilment ma tkunx talbet arbitraġġ f'konformità mal-paragrafu 6.

4. Is-sospensjoni tal-konċessjonijiet jew ta' obbligi oħra:

(a) għandha tkun f'livell ekwivalenti għan-nullifikazzjoni jew għall-indeboliment li jiġu kkawżati min-nuqqas min-naħa tal-Parti li kontrieha jsir ilment milli tikkonforma mar-rapport finali; u

(b) tista' tiġi applikata għal setturi li huma soġġetti għal soluzzjoni tat-tilwim f'konformità mal-Artikolu 21.2 għajr is-settur jew is-setturi li fihom il-bord sab nullifikazzjoni jew indeboliment, b'mod partikolari jekk il-Parti li tilmenta tkun tal-fehma li t-tali sospensjoni tkun effettiva fit-twassil għall-konformità.

5. Is-sospensjoni tal-konċessjonijiet jew ta' obbligi oħra jew ta' kumpens jew ta' kwalunwke arranġament alternattiv ieħor imsemmi f'dan l-Artikolu għandha tkun temporanja u għandha tapplika biss sakemm titneħħa l-inkonsistenza tal-miżura mad-dispożizzjonijiet koperti rilevanti misjuba fir-rapport finali, jew sakemm il-Partijiet jaqblu dwar kumpens sodisfaċenti għat-tnejn jew dwar kwalunkwe arranġament alternattiv.

6. Jekk il-Parti li kontrieha jsir ilment tqis li s-sospensjoni tal-konċessjonijiet jew ta' obbligi oħra ma tikkonformax mal-paragrafu 4, dik il-Parti tista' titlob lill-bord oriġinali bil-miktub biex jeżamina l-materja mhux aktar tard minn 15-il jum mid-data tar-riċevuta tan-notifika msemmija fil-paragrafu 2. Dik it-talba għandha tiġi nnotifikata lill-Parti li tilmenta fl-istess ħin. Il-bord oriġinali għandu jinnotifika lill-Partijiet id-deċiżjoni tiegħu dwar il-materja sa mhux aktar tard minn 30 jum mid-data ta' sottomissjoni tat-talba. Konċessjonijiet jew obbligi oħra m'għandhomx jiġu sospiżi sakemm il-bord oriġinali jkun innotifika d-deċiżjoni tiegħu. Is-sospensjoni tal-konċessjonijiet jew ta' obbligi oħra għandha tkun konsistenti mad-deċiżjoni.

ARTIKOLU 21.23

Rieżami tal-konformità wara l-adozzjoni ta’ rimedji temporanji

1. Man-notifika mill-Parti li kontrieha jsir ilment lill-Parti li tilmenta dwar il-miżura meħuda għall-konformità mar-rapport finali:

(a) f'sitwazzjoni li fiha d-dritt ta’ sospensjoni tal-konċessjonijiet jew ta’ obbligi oħra jkun ġie eżerċitat mil-Parti li tilmenta f’konformità mal-Artikolu 21.22, il-Parti li tilmenta għandha ttemm is-sospensjoni tal-konċessjonijiet jew ta’ obbligi oħra mhux aktar tard minn 30 jum mid-data tar-riċevuta tan-notifika, bl-eċċezzjoni tal-każijiet imsemmija fil-paragrafu 2; jew

(b) f’sitwazzjoni li fiha jintlaħaq qbil dwar kumpens sodisfaċenti jew arranġament alternattiv, il-Parti li kontrieha jsir ilment tista’ ttemm l-applikazzjoni tat-tali kumpens jew arranġament mhux aktar tard minn 30 jum mid-data tar-riċevuta tan-notifika, bl-eċċezzjoni tal-każijiet imsemmija fil-paragrafu 2.

2. Jekk il-Partijiet ma jilħqux ftehim dwar jekk il-miżura nnotifikata f'konformità mal-paragrafu 1 hix konsistenti mad-dispożizzjonijiet koperti rilevanti fi żmien 30 jum mid-data tar-riċevuta tan-notifika, il-Parti li tilmenta għandha titlob lill-bord oriġinali bil-miktub biex jeżamina l-materja. Dik it-talba għandha tiġi nnotifikata lill-Parti li kontrieha jsir ilment fl-istess ħin. Id-deċiżjoni tal-bord għandha tiġi nnotifikata lill-Partijiet sa mhux aktar tard minn 45 jum mid-data ta' sottomissjoni tat-talba. Jekk il-bord jiddeċiedi li l-miżura nnotifikata f'konformità mal-paragrafu 1 hi konsistenti mad-dispożizzjonijiet koperti rilevanti, is-sospensjoni tal-konċessjonijiet jew ta' obbligi oħra, jew l-applikazzjoni tal-kumpens jew ta' arranġament alternattiv, għandha tiġi mitmuma mhux aktar tard minn 15-il jum mid-data tad-deċiżjoni. Fejn rilevanti, il-livell ta' sospensjoni tal-konċessjonijiet jew ta' obbligi oħra, jew tal-kumpens jew ta' arranġament alternattiv, għandu jiġi adattat fid-dawl tad-deċiżjoni tal-bord.

ARTIKOLU 21.24

Sospensjoni u tmiem tal-proċedimenti

Fuq talba konġunta tal-Partijiet, il-bord għandu jissospendi fi kwalunkwe waqt il-proċedimenti għal perjodu maqbul mill-Partijiet li ma jaqbiżx it-12-il xahar konsekuttiv. F'każ ta' sospensjoni bħal din, il-perjodi ta' żmien relevanti għandhom jiġu estiżi bil-perjodu ta' żmien li għalih ġew sospiżi l-proċedimenti tal-bord. Il-bord għandu jkompli bil-proċedimenti fi kwalunwe ħin fuq it-talba konġunta tal-Partijiet jew fi tmiem il-perjodu ta' sospensjoni maqbul fuq it-talba bil-miktub ta' Parti. It-talba għandha tiġi nnotifikata lill-President tal-bord, kif ukoll lill-Parti l-oħra, fejn applikabbli. Jekk il-proċedimenti tal-bord ġew sospiżi għal aktar minn 12-il xahar konsekuttiv, l-awtorità għat-twaqqif tal-bord għandha tispiċċa u l-proċedimenti tal-bord għandhom jiġu mitmuma. Il-Partijiet jistgħu jaqblu fi kwalunkwe waqt li jtemmu l-proċedimenti tal-bord. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw it-tali qbil b'mod konġunt lill-President tal-bord.

TAQSIMA D

Dispożizzjonijiet ġenerali

ARTIKOLU 21.25

Amministrazzjoni tal-proċedura tas-soluzzjoni tat-tilwim

1. Kull Parti għandha:

(a) tiddeżinja uffiċċju li għandu jkun responsabbli għall-amministrazzjoni tal-proċedura tas-soluzzjoni tat-tilwim skont dan il-Kapitolu;

(b) tkun responsabbli għat-tħaddim u għall-kostijiet tal-uffiċċju deżinjat tagħha; u

(c) tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub dwar il-post tal-uffiċċju u l-informazzjoni ta' kuntatt sa mhux aktar tard minn tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-Partijiet jistgħu jaqblu li jinkarigaw b'mod konġunt lil korp espert bl-għoti tal-appoġġ għal ċerti kompiti amministrattivi għall-proċedura tas-soluzzjoni tat-tilwim skont dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 21.26

Soluzzjoni maqbula reċiprokament

1. Il-Partijiet jistgħu jsibu soluzzjoni maqbula reċiprokament fi kwalunkwe waqt fir-rigward ta' kwalunkwe tilwima msemmija fl-Artikolu 21.2.

2. Jekk soluzzjoni maqbula reċiprokament tintlaħaq matul proċedimenti tal-bord jew proċedura ta' medjazzjoni, il-Partijiet għandhom jinnotifikaw b'mod konġunt is-soluzzjoni maqbula lill-President tal-bord jew lill-medjatur. Wara tali notifika, il-proċedimenti tal-bord jew il-proċedura ta' medjazzjoni għandhom jiġu mitmuma.

3. Kull Parti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex timplimenta s-soluzzjoni maqbula reċiprokament fil-perjodu ta' żmien miftiehem.

4. Mhux aktar tard mid-data ta' skadenza ta' perjodu ta' żmien miftiehem, il-Parti li timplimenta għandha tgħarraf lill-Parti l-oħra bil-miktub dwar kwalunkwe miżura li hi tkun ħadet biex timplimenta s-soluzzjoni maqbula reċiprokament.

ARTIKOLU 21.27

Għażla tal-forum

1. Fejn tinqala' tilwima fir-rigward tal-allegata inkonsistenza ta' miżura partikolari ma' obbligu skont dan il-Ftehim u ta' obbligu sostanzjalment ekwivalenti skont kwalunkwe ftehim internazzjonali ieħor li ż-żewġ Partijiet huma parti għalih, inkluż il-Ftehim tad-WTO, il-Parti il tilmenta tista' tagħżel il-forum li fih għandha tissolva t-tilwima.

2. Ladarba Parti tagħżel il-forum u tniedi l-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim skont dan il-Kapitolu jew skont il-ftehim internazzjonali l-ieħor fir-rigward tal-miżura partikolari msemmija fil-paragrafu 1, dik il-Parti m'għandhiex tniedi proċedimenti ta' soluzzjoni tat-tilwim f'forum ieħor fir-rigward ta' dik il-miżura partikolari sakemm il-forum magħżul l-ewwel ma jonqosx milli jagħmel sejbiet dwar il-kwistjonijiet tat-tilwima għal raġunijiet ġuriżdizzjonali jew proċedurali.

3. Għall-fini tal-paragrafu 2:

(a) il-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim skont dan il-Kapitolu jitqiesu li jitnedew meta Parti titlob it-twaqqif ta' bord f'konformità mal-paragrafu 1 tal-Artikolu 21.7;

(b) il-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-Ftehim tad-WTO jitqiesu li jitnedew meta Parti titlob it-twaqqif ta' bord f'konformità mal-Artikolu 6 tad-DSU; u

(c) il-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim skont kwalunkwe ftehim ieħor jitqiesu li jinbdew meta Parti titlob it-twaqqif ta' bord tas-soluzzjoni tat-tilwim f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dak il-ftehim.

4. Xejn f'dan il-Ftehim m'għandu jwaqqaf lil Parti milli timplimenta s-sospensjoni tal-konċessjonijiet jew ta' obbligi oħra awtorizzati mid-DSB. Parti m'għandhiex tinvoka l-Ftehim tad-WTO biex iżżomm lill-Parti l-oħra milli tissospendi l-konċessjonijiet jew obbligi oħra skont id-dispożizzjonijiet koperti.

ARTIKOLU 21.28

Perjodu ta' żmien

1. Il-perjodi kollha ta' żmien previsti f'dan il-Kapitolu għandhom jingħaddu mid-data ta' wara l-att jew tal-fatt li jirreferu għalih.

2. Kwalunkwe perjodu ta’ żmien imsemmi f’dan il-Kapitolu jista’ jiġi mmodifikat għal tilwima partikolari bil-qbil tal-Partijiet. Il-bord jista’ fi kwalunkwe waqt jipproponi lill-Partijiet biex jimmodifikaw kwalunkwe perjodu ta’ żmien imsemmi f’dan il-Kapitolu, filwaqt li jiddikjara r-raġunijiet għall-proposta. Fuq talba ta’ Parti, il-bord għandu jiddeċiedi jekk jimmodifikax il-perjodu ta’ żmien imsemmi fil-paragrafu 2 u fis-subparagrafu 3(b) tal-Artikolu 21.18, filwaqt li jiddikjara r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu, fost l-oħrajn fid-dawl tal-kumplessità tat-tilwima partikolari.

ARTIKOLU 21.29

Spejjeż

Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, l-ispejjeż tal-bord, inkluża r-remunerazzjoni tal-arbitri tiegħu, għandhom jinqasmu min-nofs bejn il-Partijiet f’konformità mar-Regoli ta’ Proċedura.

ARTIKOLU 21.30

Regoli ta’ Proċedura u Kodiċi ta’ Kondotta

Il-proċedimenti tal-bord previsti f’dan il-Kapitolu għandhom isiru f’konformità mar-Regoli ta’ Proċedura ta’ Bord u l-Kodiċi ta’ Kondotta għall-Arbitri, li għandhom jiġu adottati mill-Kumitat Konġunt fl-ewwel laqgħa tiegħu skont is-subparagrafu 4(f) tal-Artikolu 22.1.

KAPITOLU 22

DISPOŻIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI

ARTIKOLU 22.1

Kumitat Konġunt

1. B’dan, il-Partijiet jistabbilixxu Kumitat Konġunt li jikkonsisti f’rappreżentanti taż-żewġ Partijiet.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa’ għall-ewwel darba fi żmien 3 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim. Wara, il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa’ darba fis-sena, sakemm ma jkunx maqbul mod ieħor mir-rappreżentanti tal-Partijiet, jew inkella f’każijiet urġenti fuq talba ta’ waħda mill-Partijiet. Il-Kumitat Konġunt jista’ jiltaqa’ wiċċ imb wiċċ jew b’mezzi oħra, kif jaqblu r-rappreżentanti tal-Partijiet.

3. Il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt għandhom isiru fl-Unjoni Ewropea jew fil-Ġappun, b’mod alternattiv, sakemm ma jkunx maqbul mod ieħor mir-rappreżentanti tal-Partijiet. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun kopresedut mill-Membru tal-Kummissjoni Ewropea u minn rappreżentant tal-Ġappun f’livell ministerjali responsabbli għal materji skont dan il-Ftehim, jew id-delegati rispettivi tagħhom.

4. Biex jiġi żgurat li dan il-Ftehim jopera kif suppost u b'mod effettiv, il-Kumitat Konġunt għandu:

(a) jirrieżamina u jissorvelja l-implimentazzjoni u t-tħaddim ta' dan il-Ftehim u, jekk ikun hemm bżonn, jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa lill-Partijiet;

(b) jissorvelja u jikkoordina, kif xieraq, il-ħidma tal-kumitati speċjalizzati kollha, tal-gruppi ta' ħidma u ta' korpi oħra mwaqqfa skont dan il-Ftehim, u jirrakkomandalhom kwalunkwe azzjoni neċessarja;

(c) mingħajr ħsara għall-Kapitolu 21, ifittxu li jsolvu problemi li jistgħu jirriżultaw skont dan il-Ftehim jew isolvi tilwim li jista' jirriżulta rigward l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim;

(d) jikkunsidra kwalunkwe materja oħra ta' interess skont dan il-Ftehim hekk kif jistgħu jaqblu r-rappreżentanti tal-Partijiet;

(e) jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu fl-ewwel laqgħa tiegħu; u

(f) fl-ewwel laqgħa tiegħu jadotta r-Regoli ta' Proċedura ta' Bord u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri kif imsemmi fl-Artikolu 21.30, kif ukoll il-Proċedura ta' Medjazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 21.6.

5. Biex jiġi żgurat li dan il-Ftehim jopera kif suppost u b'mod effettiv, il-Kumitat Konġunt jista':

(a) iwaqqaf jew ineħħi kumitati speċjalizzati, gruppi ta' ħidma jew korpi oħra, għajr dawk imsemmija fl-Artikoli 22.3 u 22.4, u jiddetermina l-kompożizzjoni, il-funzjoni u l-kompiti tagħhom;

(b) jalloka responsabbiltajiet lil kumitati speċjalizzati, lil gruppi ta' ħidma jew lil korpi oħra;

(c) jipprovdi informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim lill-pubbliku;

(d) jirrakkomanda lill-Partijiet kwalunkwe emenda għal dan il-Ftehim jew jadotta deċiżjonijiet biex jemenda dan il-Ftehim fil-każijiet speċifikament previsti fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 23.2;

(e) jadotta interpretazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, li għandhom ikunu vinkolanti għall-Partijiet u għall-kumitati speċjalizzati kollha, għall-gruppi ta' ħidma u għall-korpi l-oħra mwaqqfa skont dan il-Ftehim, li jinkludu bords imwaqqfa skont il-Kapitolu 21; u

(f) jieħu kwalunkwe azzjoni oħra fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu skont kif jistgħu jaqblu l-Partijiet.

ARTIKOLU 22.2

Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt

1. Il-Kumitat Konġunt jista' jieħu deċiżjonijiet fejn previst f'dan il-Ftehim. Id-deċiżjonijiet meħuda għandhom ikunu jorbtu lill-Partijiet legalment. Kull Parti għandha tieħu l-miżuri neċessarji biex timplimenta d-deċiżjonijiet meħuda.

2. Il-Kumitat Konġunt jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet għall-implimentazzjoni u għat-tħaddim ta' dan il-Ftehim.

3. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kumitat Konġunt għandhom jittieħdu b'kunsens u jistgħu jiġu adottati matul laqgħa wiċċ imb wiċċ jew bil-miktub.

ARTIKOLU 22.3

Kumitati speċjalizzati

1. Il-kumitati speċjalizzati li ġejjin b'dan huma mwaqqfa taħt l-awspiċi tal-Kumitat Konġunt:

(a) il-Kumitat dwar il-Kummerċ f'Merkanzija;

(b) il-Kumitat dwar ir-Regoli tal-Oriġini u Materji Relatati mad-Dwana;

(c) il-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji;

(d) il-Kumitat dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ;

(e) il-Kumitat dwar il-Kummerċ fis-Servizzi, il-Liberalizzazzjoni tal-Investiment u l-Kummerċ Elettroniku;

(f) il-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern;

(g) il-Kumitat dwar il-Proprjetà Intellettwali;

(h) il-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli;

(i) il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Regolatorja; u

(j) il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni fil-Qasam tal-Agrikoltura.

2. Ir-responsabbiltajiet u l-funzjonijiet tal-kumitati speċjalizzati msemmija fil-paragrafu 1 huma ddefiniti, kif xieraq, fil-Kapitoli rilevanti ta' dan il-Ftehim u jistgħu jiġu mmodifikati permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt iżda r-responsabblitajiet tagħhom għandhom jibqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitoli li huma responsabbli għall-implimentazzjoni u għat-tħaddim tiegħu.

3. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor f'dan il-Ftehim, il-kumitati speċjalizzati għandhom:

(a) jiltaqgħu darba fis-sena, sakemm ma jaqblux mod ieħor ir-rappreżentanti tal-Partijiet għall-kumitati speċjalizzati, jew fuq talba ta' Parti jew tal-Kumitat Konġunt;

(b) ikun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet;

(c) ikunu kopreseduti, f'livell xieraq, mir-rappreżentanti tal-Partijiet;

(d) jorganizzaw il-laqgħat fl-Unjoni Ewropea jew il-Ġappun b'mod li jalterna, sakemm ma jkunx maqbul mod ieħor bejn ir-rappreżentanti tal-Partijiet tal-kumitati speċjalizzati, jew permezz ta' kwalunkwe mezz xieraq ieħor ta' komunikazzjoni;

(e) jiftiehmu dwar l-iskedi tal-laqgħat tagħhom u jistabbilixxu l-aġenda tagħhom b'kunsens; u

(f) jieħdu d-deċiżjonijiet kollha u jagħmlu rakkomandazzjonijiet b'kunsens jew billi jiltaqgħu wiċċ imb wiċċ jew bil-miktub.

4. Il-kumitati speċjalizzati jistgħu jadottaw ir-regoli ta' proċedura tagħhom. Dment li dawn ma jadottawx ir-regoli ta' proċedura tagħhom, ir-regoli ta' proċedura għall-Kumitat Konġunt japplikaw *mutatis mutandis*.

5. Il-kumitati speċjalizzati jistgħu jissottomettu proposti għal deċiżjonijiet li mbagħad jiġu adottati mill-Kumitat Konġunt jew jieħdu deċiżjonijiet f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan il-Ftehim.

6. Fuq talba ta' Parti jew wara riferiment mill-kumitat speċjalizzat rilevanti, il-Kumitat Konġunt jista' jindirizza materji li ma jkunux ġew solvuti mill-kumitat speċjalizzat rilevanti.

7. Kull kumitat speċjalizzat għandu jinforma lill-Kumitat Konġunt dwar l-iskedi u l-aġenda tal-laqgħat tiegħu minn qabel biżżejjed u għandu jirrapporta lill-Kumitat Konġunt dwar ir-riżultati u l-konklużjonijiet minn kull waħda mil-laqgħat tiegħu.

8. L-eżistenza ta' kumitat speċjalizzat m'għandhiex tipprevjeni lil Parti milli tressaq kwalunkwe kwistjoni direttament quddiem il-Kumitat Konġunt.

ARTIKOLU 22.4

Gruppi ta’ ħidma

1. Il-Grupp ta’ Ħidma dwar l-Inbid u l-Grupp ta’ Ħidma dwar il-Vetturi bil-Mutur u l-Parts b’dan huma mwaqqfa taħt l-awspiċji tal-Kumitat dwar il-Kummerċ f’Merkanzija. Ir-responsabbiltajiet u l-funzjonijiet ta’ dawn il-gruppi ta’ ħidma huma ddefiniti fl-Artikolu 2.35 u fl-Artikolu 20 tal-Anness 2-C.

2. Il-gruppi ta’ ħidma li ġejjin jistgħu jitwaqqfu f’konformità mal-Kapitoli rilevanti:

(a) gruppi ta’ ħidma *ad hoc* taħt l-awspiċji tal-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji;

(b) gruppi ta’ ħidma tekniċi *ad hoc* taħt l-awspiċji tal-Kumitat dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ;

(c) gruppi ta’ ħidma *ad hoc* taħt l-awspiċji tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Regolatorja; u

(d) Grupp ta’ Ħidma Teknika dwar il-Benessri tal-Annimali taħt l-awspiċji tal-Kumitat Konġunt.

3. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor f'dan il-Ftehim jew sakemm ma jaqblux mod ieħor ir-rappreżentanti tal-Partijiet għall-gruppi ta' ħidma, il-gruppi ta' ħidma għandhom:

(a) jiltaqgħu darba fis-sena, jew fuq talba ta' Parti jew tal-Kumitat Konġunt;

(b) ikunu kopreseduti, f'livell xieraq, mir-rappreżentanti tal-Partijiet;

(c) jiltaqgħu fl-Unjoni Ewropea jew fil-Ġappun b'mod alternattiv, jew inkella bi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni xieraq ieħor kif jiftiehmu r-rappreżentanti tal-Partijiet għall-gruppi ta' ħidma;

(d) jiftiehmu dwar l-iskedi tal-laqgħat tagħhom u jistabbilixxu l-aġenda tagħhom b'kunsens; u

(e) jieħdu d-deċiżjonijiet kollha u jagħmlu rakkomandazzjonijiet b'kunsens jew billi jiltaqgħu wiċċ imb wiċċ jew bil-miktub.

4. Il-gruppi ta' ħidma jistgħu jadottaw ir-regoli ta' proċedura tagħhom stess. Dment li dawn ma jadottawx it-tali regoli ta' proċedura, ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt japplikaw *mutatis mutandis*.

5. Il-gruppi ta' ħidma għandhom jinfurmaw lill-kumitati speċjalizzati rilevanti jew lill-Kumitat Konġunt, kif xieraq, dwar l-iskeda u l-aġenda tagħhom fi żmien suffiċjenti qabel il-laqgħat tagħhom. Dawn għandhom jirrapportaw dwar l-attivitajiet tagħhom f'kull laqgħa tal-kumitati speċjalizzati rilevanti jew tal-Kumitat Konġunt, kif xieraq.

6. L-eżistenza ta’ grupp ta’ ħidma m’għandhiex tipprevjeni lil Parti milli tressaq kwalunkwe kwistjoni direttament quddiem il-Kumitat Konġunt jew lill-kumitati speċjalizzati rilevanti.

ARTIKOLU 22.5

Ħidma tal-kumitati speċjalizzati, tal-gruppi ta’ ħidma u ta’ korpi oħra

Meta jwettqu l-funzjonijiet tagħhom, il-kumitati speċjalizzati, il-gruppi ta’ ħidma u korpi oħra mwaqqfa skont dan il-Ftehim għandhom jevitaw xogħol doppju.

ARTIKOLU 22.6

Punti ta’ kuntatt

1. Mad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim, kull Parti għandha tiddeżinja punt ta’ kuntatt għall-implimentazzjoni ta’ dan il-Ftehim u tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta’ kuntatt li jinkludu informazzjoni dwar l-uffiċjali rilevanti. Il-Partijiet minnufih għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar kwalunkwe tibdil f’dawk id-dettalji ta’ kuntatt.

2. Il-punti ta’ kuntatt għandhom:

(a) iwasslu u jirċievu, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f’dan il-Ftehim, kull notifika u informazzjoni li għandha tiġi pprovduta bejn il-Partijiet skont dan il-Ftehim;

(b) jiffaċilitaw kwalunkwe komunikazzjoni oħra bejn il-Partijiet fuq kwalunkwe materja relatata ma’ dan il-Ftehim; u

(c) jikkoordinaw it-tħejjijiet għal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt.

KAPITOLU 23

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

ARTIKOLU 23.1

Rieżami ġenerali

Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw ir-rieżami f’Kapitoli oħra, il-Partijiet għandhom jieħdu impenn favur rieżami ġenerali tal-implimentazzjoni u tat-tħaddim ta’ dan il-Ftehim fl-10 sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim, jew fi żminijiet tali li jistgħu jiġu miftiehma mill-Partijiet.

ARTIKOLU 23.2

Emendi

1. Dan il-Ftehim jista’ jiġi emendat bi ftehim bejn il-Partijiet.

2. It-tali emendi għandhom jidħlu fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar, jew f’data tali aktar tard li tista’ tiġi miftiehma bejn il-Partijiet, wara d-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin li ġew issodisfati r-rekwiżiti u l-proċeduri legali applikabbli rispettivi tagħhom għad-dħul fis-seħħ tat-tali emendi. Il-Partijiet għandhom jagħmlu t-tali notifika permezz ta’ skambju ta’ noti diplomatiċi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Ġappun.

3. F’konformità mal-proċeduri legali domestiċi rispettivi tal-Partijiet, il-Kumitat Konġunt jista’ jadotta deċiżjonijiet għall-emendar ta’ dan il-Ftehim fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 4. Minkejja l-paragrafu 2, it-tali emendi għandhom jiġu kkonfermati bl-iskambju ta’ noti diplomatiċi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Ġappun, u jidħlu fis-seħħ malli jseħħ it-tali skambju, sakemm il-Partijiet ma jaqblux fuq xi mod ieħor.

4. Il-paragrafu 3 għandu japplika għal:

(a) l-Anness 2-A, dment li l-emendi jsiru f'konformità mal-emenda tas-Sistema Armonizzata u ma jinkludu ebda tariffa fuq ir-rati ta' dazju doganali li għandhom jiġu applikati minn Parti għall-prodotti oriġinarji tal-Parti l-oħra f'konformità mal-Anness 2-A;

(b) l-Anness 2-C, l-Appendiċijiet 2-C-1 u 2-C-2;

(c) l-Anness 2-E;

(d) il-Kapitolu 3, l-Anessi 3-A sa 3-F u l-Appendiċi 3-B-1;

(e) l-Anness 10;

(f) l-Anness 14-A;

(g) l-Anness 14-B; u

(h) id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, li jirreferu għal dispożizzjonijiet ta' ftehimiet internazzjonali jew ikunu inkorporati f'dan il-Ftehim, f'każ ta' emendi jew ftehim suċċessur tiegħu.

ARTIKOLU 23.3

Dħul fis-seħħ

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin li ġew issodisfati r-rekwiżiti u l-proċeduri legali applikabbli rispettivi tagħhom għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, sakemm il-Partijiet ma jaqblux xi mod ieħor. Il-Partijiet għandhom jagħmlu t-tali notifika permezz ta' skambju ta' noti diplomatiċi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Ġappun.

ARTIKOLU 23.4

Terminazzjoni

1. Dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ sakemm ma jiġix itterminat skont il-paragrafu 2.

2. Kull Parti tista' tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub li hi jkun biħsiebha ttemm dan il-Ftehim. It-terminazzjoni għandha tidħol fis-seħħ sitt xhur mid-data ta' riċevuta tan-notifika mill-Parti l-oħra, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor.

ARTIKOLU 23.5

Ebda effett dirett fuq il-persuni

Xejn f'dan il-Ftehim m'għandu jiġi interpretat bħala li jagħti drittijiet jew jimponi obbligi fuq persuni, mingħajr ħsara għad-drittijiet u għall-obbligi tal-persuni skont dritt internazzjonali pubbliku ieħor.

ARTIKOLU 23.6

Annessi, appendiċijiet u noti f'qiegħ il-paġna

L-Annessi u l-Appendiċijiet għal dan il-Ftehim għandhom jifformaw parti integrali minn dan il-Ftehim. Għal aktar ċertezza, in-noti ta' qiegħ il-paġna għandhom jiffurmaw parti integrali ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 23.7

Adeżjonijiet futuri mal-Unjoni Ewropea

1. L-Unjoni Ewropea għandha tinnotifika lill-Ġappun dwar kwalunkwe talba għall-adeżjoni ta' pajjiż terz mal-Unjoni Ewropea.

2. Matul in-negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1, l-Unjoni Ewropea għandha:

(a) tipprovdi, fuq talba tal-Ġappun, u sa fejn ikun possibbli, kull informazzjoni dwar kull materja koperta minn dan il-Ftehim; u

(b) tqis kull tħassib espress mill-Ġappun.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu jeżamina kwalunkwe effett tal-adeżjoni ta' pajjiż terz mal-Unjoni Ewropea fuq dan il-Ftehim biżżejjed minn qabel id-data tat-tali adeżjoni.

4. Sa fejn ikun hemm bżonn, qabel id-dħul fis-seħħ tal-ftehim dwar l-adeżjoni ta' pajjiż terz mal-Unjoni Ewropea, il-Partijiet għandhom:

(a) jemendaw dan il-Ftehim f'konformità mal-Artikolu 23.2; jew

(b) jimplimentaw b'deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt kwalunkwe aġġustament neċessarju jew arranġament tranżitorju ieħor rigward dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 23.8

Testijiet awtentiċi

1. Dan il-Ftehim huwa mfassal f'żewġ kopji fil-lingwa Bulgara, Kroata, Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża u Ġappuniża, bit-testi kollha jkunu ugwalment awtentiċi, ħlief għal Parti 2 tal-Anness 2-A, l-Iskedi tal-Unjoni Ewropea fl-Annessi I sa IV u t-Taqsima A tal-Parti 2 tal-Anness 10, li huma mfassla f'żewġ kopji bl-ilsien Bulgaru, Kroat, Ċek, Daniż, Olandiż, Ingliż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Ungeriż, Taljan, Latvjan, Litwan, Malti, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven, Spanjol u Żvediż, b'kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku.

2. Fil-każ ta’ kwalunkwe diverġenza fl-interpretazzjoni, għandu jipprevali t-test tal-lingwa li biha ġie nnegozjat ta’ dan il-Ftehim.

BĦALA XHIEDA TA’ DAN, is-sottofirmatarji, awtorizzati kif inhu xieraq għal dan il-għan, iffirmaw dan il-Ftehim.

MAGĦMUL fi [POST] f’dan il-[DATA] jum ta’ [XAHAR] fis-sena [SENA].

Għall-Unjoni Ewropea: Għall-Ġappun: